# IL-BIBBJA
# U
# S-SABBATH




Minn
George Ebejer

## INDIĊI

**Titlu** **Paġna**


**Parti 1**

Għandhom il-Kristjani Jżommu s-Sabbath (is-Sibt) ……….….……..……… 3

Deskrizzjoni …………………………………………………..……………… 3

Il-prattika tal-Kristjani tal-ewwel seklu ………………………...…………. 3

Konsiderazzjonijiet tas-Sabbath tat-Testment il-Qadim …..……………..... 5

Is-Sabbath miġjub fit-tmiem ……………………………………………….. 6

Problema murija ….……………………………………….……………… 6

Mejtin għal-Liġi ………………………………………………………… 7

Sorsi ……………………………………………………………………….. 10

**Part 2**

Sitt Fatti li Dawk li jżommu Sabbath (is-Sibt) Għandhom Jikkunsidraw ..…. 11

Is-Sabbatarjani Mhumiex Qegħdin Iżommu s-Sabbath tas-Sibt ………… 14

Min Jikser is-Sibt (Sabbath) MA jkunx mixħut fl-għadira tan-nar ……….. 15

**Parti 3**

Kif is-Sabbatarjani Jgħawwġu l-Iskrittura ……………..……………………... 16

Kif is-Sabbatarjani jippruvaw biex jistabbilixxu distinzjoni falza: ……… 17

Problemi bit-tabella ta’ fuq tal-Avventisti tas-Seba’ Jum ……………….. 17

**Parti 4**

Il-Kmandamenti Ta’ Ġesù Mhumiex l-Għaxar Kmandamenti ……................. 22

**Parti 5**

L-Appostlu Pawlu Qatt Ma Żamm is-Sibt (Sabbath) ………………………… 25

**Parti 6**

Adam, Noè u Abraham Qatt Ma Żammew is-Sibt (Sabbath) ………………… 28

**Parti 7**

Is-Sabbath (is-Sibt) Imneħħi u Msammar mas-Salib …………………………. 32

**Parti 8**

Kristu Wettaq u Mbagħad Neħħa l-Għaxar Kmandamenti …………………… 35

**Parti 9**

Il-Liġi tas-Sibt (Sabbath) Kienet Mija fil-Mija Ċerimonjali u Mhux Morali … 39

**Parti 10**

l-Għaxar Kmandamenti Kienu Mneħħija ……………………….……………… 42

**Parti 11**

Il-Liġi tas-Sibt (Sabbath) Ma kinetx Speċjali Fuq Liġijiet Oħra! …………..... 45

**Parti 12**

Is-Sibt (Sabbath) Jew l-Ewwel Jum tal-Ġimgħa (il-Ħadd)? ……………….…. 47

**Parti 13**

L-Għaxar Kmandamenti Huma l-Patt il-Qadim Li Kien Imħassar fuq is-Salib 49

Il-Patt il-Qadim u l-Patt il-Ġdid imqabbla ……………………………….. 50

**Parti 14**

La l-Papa u Lanqas Konstantinu Ma Biddlu s-Sabbath mis-Sibt għall-Ħadd ... 67

**Parti 15**

Żamm Kristu s-Sibt (Sabbath)? ……………………………………..………… 70

**Parti 16**

Is-Sabbath Imneħħi Għalkollox ……………………………………............... 71

## INDIĊI

**Titlu** **Paġna**

**Parti 17**

L-Ewwel Jum tal-Ġimgħa ..... 73

Profeziji tat-Testment il-Qadim Imwettqa ..... 75

Kristjani tal-bidu ..... 77

**Parti 18**

Sempliċiment il-Fatti Fuq il-Frekwenza tal-Ikla tal-Mulej ..... 79

Konklużjoni Ġenerali tal-Fatti ..... 80

**Parti 19**

Iż-Żmien ta' Jum il-Mulej ..... 81

**Parti 20**

Avventiżmu tas-Seba' Jum U s-Sabbath ..... 86

Is-Seba' Jum tas-Sabbath ..... 86

Il-Liġi Kienet Għan-Nazzjon Ta' Iżrael Biss ..... 87

Iż-Żamma tas-Sabbath ..... 87

Is-Sabbath Memorjal tal-Ħolqien ..... 87

Huwa s-Sabbath "Ċerimonjali"? ..... 88

Huma l-Kristjani taħt il-Liġi tas-Sabbath? ..... 88

Konklużjonijiet Dwar is-Sabbath ..... 88

Aħna M'Aħniex Taħt il-Liġi ..... 89

**Parti 21**

Il-Liġi mibdula ..... 90

**Parti 22**

Abolixxa Kristu l-Liġi ta' Mosè? ..... 93

**Parti 23**

L-Għaxar Kmandamenti tat-Testment il-Qadim u t-Testment il-Gdid ..... 95

X'qal Ġesù dwar il-kmandamenti tat-Testment il-Qadim? ..... 98

**Parti 24**

Il-Kmandamenti ta' Kristu ..... 98

I. Dwar Alla ..... 101

II. Dwar Kristu ..... 103

III. Dwar l-Aħwa fil-Knisja ..... 105

IV. Dwar il-Barrani ..... 108

V. Dwar il-karattrtu tiegħek stess ..... 110

VI. Dwar l-azzjonijiet tiegħek ..... 113

VII. Dwar il-ħsibijiet u l-kliem tiegħek ..... 119

IX. Dwar ġenituri u l-ulied ..... 122

X. Dwar sidien u qaddejja ..... 122

XI. Dwar aħwa diżubbidjenti ..... 123

XII. Dwar laqgħat tal-knisja ..... 124

XIII. Dwar is-salvazzjoni ..... 125

XIV. Dwar it-Testment il-Qadim ..... 126

# IS-SABBATH
# (Parti 1)
## GĦANDHOM IL-KRISTJANI JŻOMMU IS-SIBT (IS-SABBATH)?

**Deskrizzjoni**

Għadu r-raba' kmandament japplika għalina llum? Għandhom il-Kristjani jżommu s-Sabbath jew is-Sibt?

Illum, meta ħafna huma kkonċernati dwar id-deterjorazzjoni morali tas-soċjetà tagħna, din ir-rikmandazzjoni hija spiss magħmula: "Aħna neħtieġu li mmorru lura għall-għaxar kmandamenti bħala l-kodiċi tagħna ta' kondotta." Għalkemm il-motiv għal twissija bħal din bla ebda dubju huwa onorabbli, dan jissuġġerixxi konċett komuni, għalkemm żbaljat, dwar in-natura tal-għaxar kmandament.

Fl-ewwel post, ħafna minna, (li m'aħniex Lhud), qatt ma konna taħt id-dekalogu. L-għaxar kmandamenti kienu parti tal-Liġi Możajka, u dik is-sistema kienet mogħtija lil-Lhud:

> "*U Mosè sejjaħ lil Iżrael kollu, u qalilhom: Isma', o Iżrael, l-istatuti u l-ordinanzi li llum qiegħed ngħid f'widnejkom, biex titgħallmuhom, u tħarsuhom. Jaħweh, Alla tagħna, rabat għaqda magħna f'Ħoreb. Jaħweh ma rabatx din il-għaqda ma' missirijietna, iżda magħna, li lkoll kemm aħna hawn għadna ħajjin. Jaħweh kellimkom wiċċ imb'wiċċ fuq il-muntanja minn ġon-nar. (Jien kont qiegħed dak iż-żmien bejn Jaħweh u bejnkom, biex inħabbrilkom il-kelma ta' Alla: għax intom bżajtu minn dak in-nar, u ma tlajtux fuq il-muntanja:) u qal:*" (Dewteronomju 5:1-5).

Dak ma jissuġġerixxix li l-Ġentili l-antiki kienu eżentati mir-responsabbiltà reliġjuża u morali; dan imma jfisser li dawk mhux Iżraeliti qatt ma kienu responsabbli għall-kodiċi Możajka per se.

Dak fil-ġenb, huwa loġiku li jekk wieħed jargumenta għat-twaqqif mill-ġdid tal-għaxar kmandamenti, hu għandu, jekk konsistenti, isostni li l-ħtiġijiet tas-Sibt (sabbath) huma li jorbtu wkoll. Din il-veduta, natural-ment, hija mħaddna mis-Seventh-day Adventists u Sabbatarjani oħra, imma din ma tirriflettix il-perspettiva Biblika. F'dan l-istudju aħna sejrin naraw tliet ħwejjeġ. L-ewwel, il-knisja tal-ewwel seklu, kif indirizzata minn mexxejja ispirati, ma osservawx is-Sibt (is-sabbath). It-tieni, il-fatturi uniċi tas-sabbath tat-Testment il-Qadim juru li dan qatt ma kien imfassal biex ikun ħtieġa internazzjonali. It-tielet, l-Iskrittura espliċitament tgħall-em lis-Sibt (sabbath) kien imneħħi. Ħalli aħna nosservaw kull waħda minn dawn il-linji ta' ħsieb.

**Il-prattika tal-Kristjani tal-ewwel seklu**

Jipprova kemm jipprova, wieħed ifittex għalxejn għal xhieda tat-Testment il-Ġdid li l-knisja tal-bidu osservat is-Sibt b'approvazzjoni appostolika. Iva, kien ċertament il-każ li l-appostli iffrekwentaw is-sinagogi fis-Sibt għall-iskop li jxandru l-evanġelju. Kien ikun hemm fejn l-akbar konċentrazzjoni ta' Lhud kienet tkun (Atti 13:14; 17:1-2; eċċ.), u l-messaġġ dwar Ġesù kellu l-ewwel ikun meħud lilhom (Rumani 1:16).

Imma fejn hija x-xhieda li l-knisja tal-bidu, taħt gwida divina, ġiet flimkien biex jaduraw lil Alla fil-jum tas-Sibt (fis-sabbath)? Imkien!

1. Is-saltna ta' Kristu kienet imwaqqfa fil-jum ta' Pentekoste (Atti 2:1), li dejjem kien jiġi "l-għada tas-Sibt (sabbath)":

> "*Mill-għada tas-Sibt, minn meta tkunu ġibtu l-qatta tat-tixjira, tgħoddu seba' ġimgħat sħaħ: Sal-għada tas-seba' Sibt, tgħoddu hekk ħamsin jum, imbagħad toffru lill-Mulej offerta ġdida tal-qamħ*" (Levitku 23:15-16),

għalhekk, *fil-Ħadd*. Għalhekk il-knisja bdiet tiltaqa' għall-qima fl-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 2:42).

2. Id-dixxipli fi Troas "ltaqgħu flimkien" [vuċi passiva] "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" biex jaqsmu l-ħobż, jiġifieri, biex jagħtu qima, (Atti 20:7). Il-jum speċifiku tal-laqgħa ma kienx aċċident. Għalkemm Pawlu kien anzjuż biex imur Ġerusalemm (Atti 20:16), hu stenna sebat ijiem għall-opportunità biex jiltaqa' u jinġabar mal-knisja. Barra minn dan, il-vuċi passiva (ara taħt) tindika li it-tlaqqigħ kien orkestrat minn xi ħadd ieħor barra mid-dixxipli; kienet inizjattiva divina.

3. Il-qaddisin f'Korintu kienu qegħdin jiltaqgħu u jikkontribwixxu fit-teżorerija tal-knisja,

> "***Kull** l-ewwel jum tal-ġimgħa, ...*" (1 Korintin 16:2).

4. Fuq il-gżira ta' Patmos, Ġwanni kien "fl-is-pirtu" "f'Jum il-Mulej" (Rivelazzjoni 1:10). It-terminu għal "il-Mulej" huwa *kupiakos*, li huwa mfisser hawn bħala "li għandu rabta għall-Mulej." Thayer jikkummenta: "...il-jum devot lill-Mulej, sagru għall-memorja tal-qawmien ta' Kristu" (365). Ir-rakkonti tal-Vanġeli, naturalment, jagħmluha ċara li l-qawmien ġara l-Ħadd. Waqt li Rivelazzjoni 1:10 ma jkunx konklussiv bih innifsu, il-fatt innifsu li l-jum huwa msemmi speċifikament huwa sinjifikanti.

Aħna għandna nżidu wkoll din in-nota. Waqt li kien tassew li xi Kristjani dgħajfa jew li ma kinux infurmati kellhom problema li jagħmlu bidla nadifa mill-amministrazzjoni Możajka (Rumani 14:19; Galatin 4:10-11), huwa importanti li nagħrfu lit-tagħlim ispirat appostoliku fittex li jikkorrieġi dan l-iżball.

Ukoll, hemm ir-reġistrar tal-kittieba patristiċi ta' wara l-appostli. Għall-ewwel tliet sekli ta' storja Kristjana, ix-xhieda hija uniformi li d-dixxipli oriġinali ta' Ġesù Kristu kienu jqimu fil-jum tal-Ħadd–mhux fis-Sibt. Hawn huma xi wħud mix-xhieda.

- Id-Didàttiku (ċ. 120 W.K.) jiddikjara li "kull jum tal-Mulej" il-Kristjani kienu jinġabru flimkien u "jaqsmu l-ħobs" (ANF. VII. 381).

- L-Epistola ta' Barnaba (ċ. 120 W.K.), waqt li tiddiskuti ħwejjeġ bħal inċens, qmura ġodda, u sibtijiet, tgħid li l-Mulej "neħħa għalkollox dawn il-ħwejjeġ" f'differenza għal "liġi l-ġdida tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu" (ANF.I.138). Aktar tard, huwa affermat: "Għal din ir-raġuni, ukoll, aħna nżommu t-tmien jum bil-ferħ, il-jum ukoll li fih Ġesù qam mill-mewt" (I.147).

- Justin Martyr (140 W.K.) iddikjara li "fil-jum imsejjaħ il-Ħadd" il-Kristjani primittivi ltaqgħu għall-qima. Hu kompla jgħid li dan kien il-jum li fih Kristu kien imqajjem mill-mewt (I.186).

- Clement tal-Ixandra (194 W.K.) tkellem dwar il-wieħed li "jżomm il-jum tal-Mulej" bħala li "jigglorifika l-qawmien tal-Mulej fih innifsu" (ANF.II.545).

- Tertullian (200 W.K.) argumenta li l-"liġi l-antika" kienet ġiet mitmuma; għalhekk l-"osservanza tas-Sabbath hija murija bħala li kienet temporanja" (ANF.III.155). F'post ieħor hu jgħid li "Sibtijiet huma strambi" għall-Kristjani, u li huma jaqsmu flimkien "il-jum tal-Mulej" (70).
- Eusebius (342 W.K.), magħruf bħala "missier tal-istorja tal-knisja," qal li l-osservanza tas-sabbath ma "tappartjenix lill-Kristjani." Minn naħa l-oħra, huwa aċċerta li l-Kristjani "jiċċelebraw il-jiem tal-Mulej …f'kommemorazz-joni tal-qawmien Tiegħu" (26,113).
- L-istoriku magħruf Philip Schaff jikkonkludi: "L-osservanza tal-Ħadd universali u bla ebda kontradizzjoni fit-tieni seklu tista' biss tkun spjegata bil-fatt li hija kellha l-għeruq tagħha fil-prattika appostolika" (478-479).

Fl-aħħarnett, aħna għandna nagħmlu dan il-kumment. Mhuwiex korrett li sejjaħ il-Ħadd bħala s-Sabbath Kristjan."

**Konsiderazzjonijiet tas-Sabbath tat-Testment il-Qadim**

L-ewwel, f'li nikkonsidraw il-ħtiġijiet tas-sabbath tal-era t-Testment il-Qadim, forsi jkun ta' għajnuna li nuri li kien hemm ħafna "sabbatijiet" oħra f'żieda għas-sabbath tas-seba' jum, li l-Lhud kienu meħtieġa li jżommu (Levitku 19; 26:2).

Per eżempju, kien hemm jiem żejda tas-sabbath f'konnessjoni mal-ħames festi sagri (eż. L-Għid tal-Lhud, L-Ewwel Frott, eċċ. – Levitku 23: 7-8; 24—25; 32; 39). Il-Lhud attwalment osservaw 59 sabbathijiet kull sena. B'żieda, kull is-seba' sena kienet sena tas-sabbath (tal-mistrieħ; Levitku 25:1-4), u kull ħamsin sena kienet sena tas-sabbath ukoll (Levitku 25:8-13). L-art kellha tibqa' mhux ikkultivata matul dawn iż-żminijiet, u d-djun kellhom jiġu maħfura (Dewteronomju 15:2).

F'medda ta' ħamsin sena, il-Lhudi fidil, għall-grad wieħed jew ieħor—jiddependi fuq il-ħtieġa speċifika tal-liġi, kellu josserva 5,830 sabbatijiet (jew sibtijiet). Agħmel kuntrast mal-fatt li dawk li josservaw is-Sibt illum, fl-istess kwadru taż-żmien—iżommu s-sibt waħdu—jonoraw biss 2,600 sibtijiet, għalhekk, jin-sabu 3,230 Sibt nieqsa minn dak il-qies divin.

It-tieni, kif innutajna aktar qabel, is-sabbath, bħala ħtieġa reliġjuża, kien restritt għall-Iżraeliti. Dan ma kienx parti ta' xi patt patrijarkali fejn naqraw f'Dewtero-nomju 5:2-3,

> "*Jaħweh Alla tagħna, rabat għaqda magħna f'Ħoreb. Il-Mulej ma rabatx din il-għaqda ma' missirijietna, iżda magħna, li lkoll kemm aħna hawn għadna ħajjin.*"
>
> "[16]*Iħarsu għalhekk **ulied Iżrael** is-sabat, **biex iżommu** s-sabat f'kull nisel tagħhom, b'għaqda ta' dejjem.* [17]*Hu sinjal **bejni u bejn ulied Iżrael** għal dejjem: għax f'sitt ijiem Jaħweh għamel is-sema u l-art, u fis-seba' jum strieħ, u ħa n-nifs*" (Eżodu 32:16-17).

Pjuttost, dan kien ordinanza magħmula magħrufa f'Sinaj (Neħemija 9:13-14), li serviet bħala "sinjal" bejn Alla u l-poplu speċjali Tiegħu. Naqraw f'Eżekjel 20:12,

> "*Barra minn dan, tajthom ukoll is-sibtijiet tiegħi, biex **ikunu sinjal bejni u bejnhom**, ħalli jagħrfu li jien hu Jaħweh li nqaddishom.*"

Għalhekk, il-Ġentili qatt ma kienu obligati biex josservaw il-jum tas-Sibt, is-sabbath.

It-tielet, ikkonsidra din ir-regola:

"*La tkebbsux nar fi djarkom f'jum is-Sibt*" (Eżodu 35:3).

Din hija xhieda ċara dwar il-fatt lis-sabbath ma kienx intenzjonat biex ikun ħtieġa universali. Il-professur Rawlinson josserva li "fil-klimi sħan tal-Arabja u l-Palestina sħana artifiċjali ma kinetx meħtieġa" (378). Per eżempju, Ġerusalemm tinsab fl-istess latitudni bħal New Orleans u Houston. It-temperatura medja ta' kull sena hija 65 grad, u din rari taqa' taħt l-erbgħin (ara Jackson, 11). Wieħed jista' biss jimmaġina kif ikun li tipprova li żżomm din l-ordinanza fl-Alaska u fis-Siberja.

**Is-Sabbath miġjub fit-tmiem**

L-Iskrittura hija enfatika li l-ħtiġijiet biex iżżomm is-sabbath kienu miġ-juba fit-tmiem. Informazzjoni tat-Testment il-Ġdid twassal għall-konklużjoni li l-liġi ta' Mosè (bil-komponenti kollha tagħha – inkluż is-sabbath) kienet ġiet imneħħija. Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, afferma li "l-Liġi tal-kmandamenti" kienet imneħħija "permezz tas-salib" (Efesin 2:14-22). L-istess, "il-kitba tal-preċetti" (li kien fiha ħwejjeġ bħal jiem ta' festi, *sibtijiet*, eċċ.) kienet imneħħija min-nofs, u msammra mas-salib (Kolossin 2:14-16).

Dawk li jħaddnu t-tagħlim żbaljat tas-Sibt jallegaw, iżda, li kienu l-fatturi ċeremonjali biss (eżempju, sagrifiċċji tal-annimali) tal-patt ta' Mosè li kienu mneħħija fis-salib. L-elementi morali tal-liġi (eż., l-għaxar kmandamenti), hu argumentat, ikomplu sal-lum.

Matul iż-Żminijiet tad-Dlam, nies sabuha diffiċli biex jaslu sal-livelli għolja tal-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid. Għalhekk, huma marru lejn manjiera rigressiva għall-kriterji tal-liġi annullata tat-Testment iil-Qadim. Ħafna mit-teoloġija medjuvali hija bbażata fuq il-liġi l-qadima u mhux fuq dik ta' Kristu. Huma riedu jsibu ġustifikazzjoni għall-prattika mhux illiċenzjata tagħhom, għalhekk huma sabuha f'invenzjoni ta' terminoloġija. Huma fasslu partio tal-liġi antika bħala liġi "morali," u parti minnha kienet imsejħa il-liġi "ċerimonjali" jew "sagrifikali."

Wara li għall-ewwel darba li jiena kelli diskussjoni dwar l-hekk imsejħa liġi "morali," u liġi "ċerimonjali" jiena mort id-dar u bdejt infittex u nqalleb f'dizzjunarji u konkordanzi tal-Bibbja biex nipprova nikklassifika l-liġi l-qadima fid-diviżjonijiet immaġinabbli morali u ċerimonjali. Jiena ħsibt li kont se nitgħallem xi ħaġa ġdida li qatt ma kont smajt dwarha. Imma, għall-iskantament tiegħi, sibt li l-frażijiet liġi "morali," u liġi "ċerimonjali" lanqas biss ma kienu fil-Bibbja.

Il-problema l-kbira hija li ħafna nies ta' spiss jimxu jew jaċċettaw xi idea ta' bniedem, u mhux tal-Bibbja. L-idea li taqsam il-liġi l-qadim f'żewġ partijiet hija miżjuda mill-bniedem, li Alla ma awtorizzax. Ukoll mexxejja tas-Seventh Day Adventists u tas-Seventh Day Church of God jammettu dan, għaliex jiena ssikkajthom fuq dan il-punt. Dawk li jħasru s-Sibt huma obligati lejn il-Kattoliċiżmu Ruman u lejn it-teologi medjuvali għal idea fundamentali tas-sistema kollha tagħhom ta' tagħlim. Jiena nitlobhom biex jippruvaw li dan mhux tassew!

**Il-Problema Murija**

Dawk li jriduna li nosservaw is-Sibt jinsistu li l-liġi "morali", jew l-Għaxar Kmandamenti qatt ma kienu miġjuba fit-tmiem fi Kristu, imma jorbtu fuq il-Kristjani llum. Hemm Skritturi bil-kwantità biex juru li aħna m'aħniex aktar taħt il-liġi l-qadima, imma dawn in-nies ibiddlu l-qawwa billi jaffermaw li huma jirreferu għal-

liġi "ċerimonjali, u mhux għal l-hekk imsejħa liġi "morali" tagħhom. Għal din ir-raġuni, isir neċessarju biex tistabbilixxi l-fatt li meta nies ispirati tkellmu dwar ili-liġi li kienet annullata huma setgħu kellhom riferenza għad-dekalogu (l-Għaxar Kmandamenti ta' Mosè). Jekk jista' jkun muri li kittieb ispirat tat-Testment il-Ġdid qatt tkellem dwar il-liġi li kienet annullata u mbagħad irrifera dan għall-Għaxar Kmanadmenti dan ikun prova konklussiva li dawn ġew imneħħija.

Dan hu dak li jiena se nagħmel, billi hemm xhieda konklussiva fuq il-punt.

## MEJTIN GĦAL-LIĠI

Galatin 5:3-4 – "[3]*Għax nixhed mill-ġdid lil kull raġel li jagħmel iċ-ċirkonċiżjoni, li* ***hu obligat biex iħares il-liġi kollha****.* [4]*Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi,* ***intom maqtugħa minn Kristu****, intom waqajtu mill-grazzja.*"

Rumani 7:7 – "[7]*Xi ngħidu mela? Il-liġi dnub? Ma jiġri qatt dan! Le, jien m'għaraftx id-dnub, ħlief biss mil-liġi: għax ma kontx inkun naf x'inhi x-xenqa għall-ħwejjeġ ta' ħaddieħor, kieku* ***l-liġi ma qalitx: La tixxennaqx għall-ħwejjeġ ta' ħaddieħor****.*"

1. **Kristjani Mejtin għal-Liġi.**
   a. Rumani 7:4 – "[4]*Hekk intom, ħuti,* ***mittu*** *għal-liġi permezz tal-ġisem ta' Kristu, biex intom tkunu ta' ħaddieħor, jiġifieri, ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet, sabiex nagħmlu l-frott għal Alla.*"
2. **Aħna Maħlulin mil-Liġi.**
   a. Rumani 7:6 – "[6]*Iżda issa aħna* ***maħlulin mil-liġi****, mejtin għal dak li fih konna miżmunin; biex naqdu fit-tiġdid tal-ispirtu, u mhux fil-qedem tal-kitba.*"
3. **Il-Liġi tad-Dnub u l-Mewt.**
   a. Rumani 8:1-4 – "[1]*Mela mhemm ebda kundanna għal dawk li huma fi Kristu Ġesù.* [2]*Għax il-liġi tal-Ispirtu tal-ħajja* ***fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u l-mewt****.* [3]*Għax dak li ma setgħitx tagħmel il-liġi, għax kienet dgħajfa minħabba l-ġisem, Alla billi bagħat l-Iben tiegħu nnifsu f'xebh ta' ġisem tad-dnub, u għad-dnub, ikkundanna d-dnub fil-ġisem:* [4]*Biex dak li b'ġustizzja titlob il-liġi jseħħ fina, li ma nimxux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu.*"
4. **Kristu t-Tmiem tal-Liġi.**
   a. Rumani 10:4 – "[4]*Għax* ***Kristu hu tmiem il-liġi*** *għall-ġustizzja ta' kull min jemmen.*"
5. **Liġi u Saċerdozzju Mibdula.**
   a. Lhud 7:12 – "[12]*Għax billi* ***tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi****.*"
   b. 1 Pietru 2:9 – "[9]*Imma intom razza magħżula,* ***saċerdozju rjali****, nazzjon qaddis, poplu miksub, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.*"
6. **Il-Liġi hija Abolixxuta.**

a. <u>Efesin 2:14-15</u> – "*[14]Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, Billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna, [15]**billi abolixxa fil-ġisem Tiegħu l-liġi ta' kmandamenti murija f'ordinanzi**, biex hu joħloq fih innifsu bniedem wieħed ġdid minflok it-tnejn, b'hekk jagħmel il-paċi.*"

b. <u>Hosegħa 2:11</u> – "*[11]U jiena **ntemm** il-ferħ tagħha kollu, il-festi tagħha, u l-qmura ġodda tagħha, **is-sabatijiet** tagħha, u l-btajjel tagħha kollha.*"

ċ. <u>Għamos 8:4-6</u> – "*[4]Isimgħu dan, intom li tgħaffġu l-fqir, u teqirdu l-magħkusin tal-pajjiż, [5]Billi tgħidu: **Meta jgħaddi** l-qamar ġdid, biex inkunu nistgħu nbigħu l-qamħ? **U s-sabat**, biex niftħu l-ħażniet tat-tgħam, innaqsu l-efa, inkabbru x-xekel, u nisirqu b'miżien qarrieq? [6]U nixtru bil-flus l-imsejken, u l-fqir għal żewġt iqrieq? Iva, u nbiegħu wkoll il-karfa tal-qamħ?*"

d. <u>Kolossin 2:16</u> – "*[16]Għalhekk tħallu lil ħadd jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festa jew fuq qamar ġdid, **jew sabat**:*"

7. **Kient Ġiet Imħassra.**

a. <u>Kolossin 2:14</u> – "*[14]Billi **ħassar** il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*"

8. **Kienet imneħħija min-nofs.**

a. <u>Kolossin 2:14</u> – "*[14]Billi ħassar il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: **neħħieha min-nofs**, u sammarha mas-salib.*"

9. **Imsammra mas-Salib.**

a. <u>Kolossin 2:14</u> – "*[14]Billi ħassar il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u **sammarha mas-salib**.*"

b. <u>1 Timotju 4:15-16</u> – "*[15]Itfa' ħsiebek fuq dawn il-ħwejjeġ: agħti lilek innifsek għalkollox għalihom; biex il-mixi tiegħek 'il quddiem jidher lil kulħadd. [16]Ħares lilek innifsek, u t-tagħlim; kompli fihom: għax meta tagħmel dan issalva sew lilek innifsek, u kemm li dawk li jisimgħu.*"

10. **Dawk li Jżommuha Huma Taħt Saħta.**

a. <u>Galatin 3:10-14</u> – "*[10]Għax dawk kollha li jżommu ma' l-opri tal-liġi **huma taħt is-saħta**: għax hu miktub: **Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha. [11]Imma li l-ebda bniedem ma hu ġġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, il-ġust igħix bil-fidi. [12]U l-liġi mhix tal-fidi**: iżda, il-bniedem li jħarishom, igħix bihom. [13]Kristu fdiena mis-saħta tal-liġi, billi sar saħta għalina: għax hu miktub: Misħut kull min ikun imdendel ma' għuda. [14]Biex il-barka t'Abraham tinżel fuq il-Ġentili f'Ġesù Kristu; biex aħna nieħdu **permezz tal-fidi** l-wegħda tal-Ispirtu.*"

11. **Ħadd ma Kien Iġġustifikat bil-Liġi.**

a. <u>Galatin 3:11</u> – "*[11]Imma li **l-ebda bniedem ma hu ġġustifikat bil-liġi** quddiem Alla, hu ċar; għax, il-ġust igħix bil-fidi.*"

1) <u>**Rumani 3:19-20**</u> – "[19]*Issa aħna nafu li kull ħaġa li tgħid il-liġi, tgħidha lil dawk li huma taħt il-liġi:* [20]*Għalhekk* ***ħadd ma jkun iġġustifikat quddiemu bl-opri tal-liġi****: għax bil-liġi jingħaraf id-dnub.*"

2) <u>**Atti 13:39**</u> – "[39]*Permezz tiegħu, dawk kollha li jemmnu huma iġġustifikati mill-ħwejjeġ kollha, li minnhom* ***ma stajtux tkunu iġġustifikati bil-Liġi ta' Mosè****.*"

**12. Il-Liġi Mhix tal-Fidi.**

a. <u>**Galatin 3:12**</u> – "[12]*U* ***l-liġi mhix tal-fidi****: iżda, il-bniedem li jħarishom, igħix bihom.*"

**13. Mogħtija Sakemm Kristu Jiġi.**

a. <u>**Galatin 3:19**</u> – "[19]*Għalfejn il-Liġi, mela? Kienet żieda li saret minħabba fid-dnub,* ***sakemm ikun ġie n-nisel*** *li għalih saret il-wegħda, li kienet imxandra mill-anġli permezz ta' medjatur.*"

b. <u>**Galatin 3:24**</u> – "[24]*Il-liġi, mela, kienet il-gwida tagħna* ***sakemm Kristu ġie****, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi.*"

**14. Kienet Gwida.**

a. <u>**Galatin 3:24**</u> – "[24]*Il-liġi, mela, kienet* ***il-gwida tagħna*** *sakemm Kristu ġie, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi.*"

**15. Dawk li Josservawha Huma Maqtgugħa minn Kristu.**

a. <u>**Galatin 5:4**</u> – "[4]*Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi,* ***intom maqtugħa minn Kristu****, intom waqajtu mill-grazzja.*"

**16. Dawk li Josservawha waqgħu mill-Grazzja.**

a. <u>**Galatin 5:4**</u> – "[4]*Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi, intom maqtugħa minn Kristu,* ***intom waqajtu mill-grazzja****.*"

**17. Hija l-Qawwa tad-Dnub.**

a. <u>**1 Korintin 15:56-58**</u> – "[56]*In-niggieża tal-mewt hi d-dnub;* ***u l-qawwa tad-dnub hi l-liġi****;* [57]*Imma niżżu ħajr lil Alla, li tana r-rebħa permezz tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.* [58]*Għalhekk, ħuti maħbubin, żommu sħiħ, fix-xogħol tal-Mulej, billi tafu li t-taħbit tagħkom ma jkunx ta' xejn fil-Mulej.*"

Dik il-pożizzjoni hija arbitrarja, artifiċjali, u ma tieqafx għat-test tal-Iskrittura. Osserva wkoll dan li ġej:

1. Alla wiegħed li jagħmel "patt ġdid," li ma jkunx bħal wieħed mogħti lil Iżrael meta n-nazzjon ħalla l-Eġittu (Ġeremija 31:31-40). Meta dak "il-patt il-ġdid" kien mogħti, "bidla" fil-liġijiet kienet magħmula:

> "*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi*" (Lhud 7:12).

Imma l-liġi l-antika, mogħtija meta Iżrael ħarġu barra mill-jasar Eġizzjan, kien fiha l-għaxar kmandamenti (1 Slaten 8:9, 21). Għalhekk, id-dekalogu (l-għaxar kmandamenti) spiċċa meta t-Testment il-Qadim kien mibdul bil-Ġdid.

2. F'Rumani 7, l-appostlu Pawlu argumenta li l-Kristjani huma "mejta għal-liġi bil-ġisem ta' Kristu" (v. 4). Hu kompla jgħid li l-Kristjan "hu maħlul mil-liġi" (v. 6). Tajjeb, eżattament liema "liġi" kienet imħarsa? Sempliċiment liġi ċerimonjali"? Le, dak mhux il-każ, għaliex sussegwentament Pawlu jgħid:

> "*Għax ma kontx inkun naf x'inhi ż-żina, kieku l-liġi ma qalitx: 'La tiżnix'*" (Rumani 7:7; Eżodu 20:17).

Biċ-ċar, il-liġi li għaliha l-Kristjan hu "mejjet," jiġifieri, isseparat minn, u li minnha hu "mneħħi," inkluż l-għaxar kmandamenti. Il-Kristjan mhuwiex taħt l-obbligu biex iżomm is-sabbath. Il-fatt huwa, sewwasew wara li Pawlu afferma li l-liġi kienet "imsammra mas-salib," Pawlu ddikjara li ħadd ma jista' "jiġġudika," jiġifieri, jikkundanna – Thayer, 361; Kristjan talli ma jżommx jien ta' festa, sibtijiet, eċċ. (Kolossin 2:16). Dik l-istqarrija ma kinetx tista' ssir li kieku l-liġi tas-sabbath kienet għadha operattiva.

Jiena m'għandi ebda dubju li ħafna minn dawk li jħaddnu t-tagħlim tas-Sibt huma ġenwinament sinċiera fil-professjoni tagħhom li jżommu s-seba' jum. Imma sinċerità weħidha ma tiġġustifikax. Il-prattika moderna li "żżomm is-Sibt" hija żblajata.

**Sorsi**


ANF (1995 Edition), *Ante-Nicene Fathers*, Alexander Roberts & James Donaldson, Eds. (Peabody, MA: Hendrickson), Ten Volumes.

Eusebius Pamphilus (1955 Reprint), *Ecclesiastical History* (Grand Rapids, MI: Baker Book House).

Jackson, Wayne (1986), *Background Bible Study* (Stockton, CA: Courier Publications).

Rawlinson, George (1950 Reprint), "Exodus," *The Pulpit Commentary*, Spence & Exell, Eds. (Grand Rapids, MI: Eerdmans), Vol. 1.

Schaff, Philip (1980 Reprint), *History of the Christian Church* (Grand Rapids, MI: Eerdmans), Vol. 1.

Thayer, J.H. (1958), *Greek-English Lexicon of the New Testament* (Edinburgh: T.&T. Clark).

## SITT FATTI LI DAWK LI JŻOMMU S-SABBATH (IS-SIBT) GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW (Parti 2)

**I. L-Għaxar Kmandamenti kollha kienu mdaħħla mill-ġdid fit-Testment il-Ġdid b'eċċezzjoni waħda biss, il-wieħed li jittratta mal-Jum tas-Sibt li jinżamm qaddis.**

- *L-ewwel kmandament* kien imsemmi mill-ġdid f'Mattew 22:37; 1 Korintin 8:5, 6
- *It-tieni kmandament* kien imsemmi mill-ġdid fl-1 Ġwanni 5:21. (Kolossin 3:5 u Efesin 5:5 jwassa' l-idolatrija biex tinkludi ż-żina.)
- *It-Tielet kmandament* kien imsemmi mill-ġdid f'Kolossin 3:8.
- *Il-ħames kmandament* kien imsemmi mill-ġdid f'Efesin 6:1-3.
- *Is-sitt kmandament, is-sebgħa, it-tmienja, id-disgħa, u l-għaxar kmandamenti* kienu msemmija mill-ġdid f'Rumani 13:8-10; Mattew 19: 18; Galatin 5:14; 1 Korintin 6:9, 10; u Galatin 5:19-21.

Ukoll wieħed jista' jqabbel 1 Timotju 1:9-10 ma' Eżodu 20:1-7 fejn isib id-disa' kmandamenti kollha msemmija b'xi mod jew ieħor barra mir-raba' wieħed.

Xi kultant Lhud 4:4 u 4:9, 10 huma maħsuba li juru l-kmand tas-sibt kien imsemmi mill-ġdid fit-Testment il-Ġdid sempliċiment għaliex il-kelma "sibt" (sabbath) tinsab hemm. Ħalli nħarsu lejn dawn il-versi:

> "*Għax hu qal x'imkien hekk għas-seba' jum: 'U strieħ Alla fis-seba' jum mill-għemejjel kollha tiegħu.' U hawn ukoll mill-ġdid: 'Ma jidħlux fil-mitrieħ tiegħi.' Billi ra mela li kien baqa' li xi wħud jidħlu fih, u dawk li lilhom kien imxandar l-evanġelju l-ewwel ma daħlux minħabba d-diżubbidjenza tagħhom: Għalhekk Alla reġa' qiegħed jum mill-ġdid, isejjaħlu Illum, meta wara ħafna żmien hu tkellem permezz ta' David, bħal ma ntqal qabel: 'illum jekk tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom.' Għax jekk Ġożwè tahom il-mistrieħ, ma kienx jitkellem wara fuq jum ieħor. Għalhekk baqa' l-mistrieħ tas-Sibt għall-poplu ta' Alla; Għax min jidħol fil-mistrieħ ta' Alla jistrieħ hu wkoll minn xogħolu, bħal ma strieħ Alla minn Tiegħu*" (Lhud 4:4-10).

Jekk jogħġbok innota: Dak il-passaġġ isemmi biss "mistrieħ tas-Sibt," imma **mhux** *iż-żamma* tas-Sibt, kif Iżrael kien ikkmandat fit-Testment il-Qadim! Barra minn dan, dan "il-mistrieħ tas-Sibt" **ma jistax** ikun meqjus bħala ndaqs maż-żamma tas-Sabbath, għaliex ukoll l-Iżraeliti li żammewh ma daħlux f'dan il-"mistrieħ." Il-Kristjan isib il-mistrieħ spiritwali tiegħu fi Kristu: "*Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u **jiena nserraħkom***" (Mattew 11:28). Ir-raba' kmandament **biss**, li huwa ċerimonjali pjuttost milli morali, **ma kienx** imsemmi mill-ġdid fit-Testment il-Ġdid, il-patt li taħtu aħna ninsabu.

**II. Il-kmand tas-Sibt (Sabbath) kien tifkira għal dawk meħlusa mill-jasar tal-Eġittu.**

Il-kmand tas-Sibt kien mogħti dlonk wara li l-Iżraeliti kienu meħlusa permezz ta' Mosè. Aqra il-qsim tal-Baħar l-Aħmar f'Eżodu 14. Il-punt ta' Eżodu 19:1 kien

sewwasew tliet xhur wara li huma ħallew l-Eġittu, b'Eżodu 20 (meta l-Għaxar Kmandamenti kienu mogħtija) jiġi dlonk wara dan.

Eżodu 20:1-17 huwa rripetut f'Dewteronomju 5:6-21, fejn Mosè jispjega fuq GĦALIEX dan ġie u għal MIN il-kmand tas-Sibt kien mogħti.

> "*U ftakru li intom kontu lsiera fl-art tal-Eġittu, u li l-Mulej, Alla tagħkom, ħariġkom minn hemm b'id qawwija, u bi driegħ mimdud: għalhekk il-Mulej,* ***Alla tagħkom, ordnalkom*** *biex tħarsu l-jum tas-Sibt*" (Dewteronomju 5:15).

Kif l-Għid kien festa ta' tifkira **annwali** għal-Lhud biex jiċċelebraw f'memorja ta' Alla, li għadda minn fuq id-djar tal-Iżraeliti fl-Eġittu waqt li l-ewwel imwieled tal-Eġizzjani kien milqut mill-mewt (Eżodu 12:14-30), is-Sibt kien ukoll għal-Lhud biex jiftakru **kull ġimgħa** l-ħelsien storiku mill-jasar iebes fl-Eġittu (Dewteronomju 5:15). Il-kmand tas-Sibt, għalhekk, ma kienx "ordinanza tal-ħolqien" kif xi wħud jgħidu, skond għal Dewteronomju 5:15:

> "*U ftakru li intom kontu lsiera fl-art tal-Eġittu, u li l-Mulej, Alla tagħkom, ħariġkom minn hemm b'id qawwija, u bi driegħ mimdud: għalhekk il-Mulej,* ***Alla tagħkom, ordnalkom*** *biex tħarsu l-jum tas-Sibt*"

### III. Kristjani huma mħollija biex jiddeċiedu f'moħħhom dwar jum speċjali.

> "*Wieħed iqis jum ogħla minn ieħor: ieħor kollha l-istess: ħa jkun żgur kull wieħed fil-fehma tiegħu. Min iqis il-jum, iqisu għall-Mulej: u min ma jqis il-jum, ma jqisux għall-Mulej….*" (Rumani 14:5-6).

*Kieku l-kmand tas-Sibt (tas-Sabbath) kien għandu sfurzat illum, kif fit-Testment il-Qadim, "libertà" bħal din QATT ma kienet tkun imħollija! Tista' int timmaġina "libertà" Kristjana bħal din f'li twaqqaf idoli, tikkommetti adulterju jew tisraq? Billi tal-aħħar huma kmandi ċari (ebda idolatrija, ebda adulterju, ebda serq), ma hemm ebda "libertà" bħal din għal dawn il-ħwejjeġ, f'kuntrast għall-jum speċjali ta' kull ġimgħa għall-Mulej. Ftakar ukoll, li meta Pawlu tana Rumani 14, hu kien jaf dwar Ġenesi 2:3 u l-kumplament tat-Testment il-Qadim. Fost dawk li jħaddnu l-jum tas-Sibt hemm MA teżistix libertà Kristjana bħal din!*

Kolossin 2:16, 17 iżidu għal dan kollu billi jgħidu:

> "*Mela tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq l-ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar ġdid, jew il-****jiem tas-sibt****. Dawn huma dell ta' dak li għandu jiġi: imma l-ġisem hu ta' Kristu.*"

Jekk huwa tassew, kif jippruvaw jgħidu xi wħud, li l-papa biddel is-Sabbath mis-Sibt għal Ħadd, mela għaliex il-Kristjani tal-ewwel seklu ltaqgħu fil-jum tal-Ħadd?":

> "*U* ***fl-ewwel jum tal-ġimgħa****, x'ħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq il-għada; u kompla d-diskors tiegħu sa nofs il-lejl*" (**Atti 20:7**).
>
> "***Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa****, kull wieħed minnkom ħa jfaddal xi ħaġa skond kif Alla tah, biex mhux meta niġi jsir il-ġbir*" (**1 Korintin 16:2**).

**IV. Il-Kristjani Ġentili MA kinux infurmati biex iżommu s-Sibt (jew ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni) meta prattika u kmandi kienu uffiċjalment mgħoddija lilhom mill-konċilju oriġinali tal-knisja.**

F'Atti 15, l-ewwel konċilju tal-knisja ltaqa' flimkien fuq tagħlim falz ta' dik il-ġurnata:

> "*...Jekk ma tkunux ċirkonċiżi skond id-drawwa mgħallma minn Mosè, ma tistgħux issalvaw*" (Atti 15:1).

Meta l-appostli tal-Mulej kitbu d-deċiżjoni tagħhom dwar iċ-ċirkonżjoni għall-Kristjani Ġentili biex jaqraw (Atti 15:23-29), is-silenzju tagħhom dwar l-osservanza tas-Sabbath Lhudi huwa sinjifikanti, speċjalment meta aħna nikkonsidraw illi li tikser il-kmand tas-Sibt fit-Testment il-Qadim kien iġorru miegħu konsegwenzi serji ħafna, inkluż is-sentenza tal-mewt għal min jagħmel dak (Eżodu 31:14-17; Numri 15:32-36).

**V. Pawlu jgħidilna l-iskop reali ta' (l-liġi) l-Għaxar Kmandamenti f'Galatin 3:24 u Rumani 3:20.**

> "*Hekk il-liġi kienet il-mexxejja tagħna biex teħodna għand Kristu, biex inkunu* ***iġġustifikati bil-fidi***" (Galatin 3:24).

> "*Għax ħadd ma jkun iġġustifikat quddiemu bl-opri tal-liġi: għax il-liġi sservi biex tgħarrafna d-dnub*" (Rumani 3: 20).

**VI. Jekk il-kmand tas-Sibt (Sabbath) kif hu mogħti lil Iżrael għadu fl-effett, allura l-Mulej Ġesù Kristu kkmanda persuna biex tidneb f'li tiksru:**

> "*Wieġbu l-marid: Sinjur, m'għandi ebda bniedem, meta jitħarrek l-ilma, biex iqiegħdni fil-menqgħa: iżda waqt li nkun ġej jien, jinżel ieħor qabli. Qallu Ġesù: "****Qum! Aqbad friexek u imxi!****" Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad friexu u beda miexi. U dak in-nhar kien* ***is-Sibt****.* ***Il-Lhud imbagħad qalu lil dak li kien imfejjaq: Illum is-Sibt; ma jiswiex li ġġorr friexek****. Imma hu weġibhom:* ***Dak li fejjaqni qalli hu stess: 'Aqbad friexek u imxi'***" (Ġwanni 5: 7-11).

Il-Mulej Ġesù kkmanda lil dak l-invalidu, fil-jum tas-Sibt, biex jiġbor friexu u jimxi biex ikun imfejjaq. Għalhekk, dan kien jikkostitwixxi "opra," skond il-kmand tas-Sibt tat-Testment il-Qadim. Billi l-Mulej tas-Sibt **qatt** ma jista' jikkmanda persuna biex tidneb, aħna, b'dan nafu li l-Kristjani llum **mhumiex** taħt dan l-istess kmand tas-Sibt (Sabbath) kif mogħti lil Iżrael f'Eżodu 20:8-11, li jaqra:

> "*Ftakar f'jum is-Sibt, biex tqaddsu. Sitt ijiem taħdem, u tagħmel ix-xogħol tiegħek kollu: imma s-seba' jum hu Sibt il-Mulej, Alla tiegħek:* ***Fih la tagħmel ebda xogħol****: la int, la ibnek, la bintek la l-qaddej tiegħek, la l-qaddejja tiegħek, la l-bhejjem tiegħek, u la l-għarib li jgħammar 'il ġewwa minn bwiebek. Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek il-Mulej jum is-Sibt, u qaddsu.*"

Ukoll, dak li l-Mulej qal lir-raġel biex jagħmel kien ipprojbit li jsir fis-Sibt, kif il-Lhud innuttaw b'mod korrett:

> "*U dak in-nhar kien* ***is-Sibt. Il-Lhud imbagħad qalu lil dak li kien imfejjaq: Illum is-Sibt; ma jiswiex li ġġorr friexek***" (Ġwanni 5:9, 10).

Hawn hija l-Iskrittura eżatta fejn ħaġa bħal din kienet ipprojbita:

> "*Hekk jgħid il-Mulej: Ħarsu lilkom infuskom,* ***u terfgħux tagħbijiet nhar ta' Sibt****, u lanqas iddaħħluhom mill-bwieb ta' Ġerusalemm. Lanqas toħorġu tagħbijiet minn djarkom jew tagħmlu xi xogħol* ***nhar ta' Sibt****, iżda qaddsu jum is-Sibt, kif jien ordnajt lil missirijietkom. Iżda huma ma semgħux, u lanqas mejlu widinthom, imma webbsu għonqhom, biex ma jisimgħux, u biex ma jilqgħux it-tagħlim. U jiġri, jekk intom tassew tisimgħu minni, igħid il-Mulej, li ma ddaħħlux tagħbijiet mill-bwieb ta' dil-belt* ***nhar ta' Sibt****, iżda* ***tqaddsu jum is-Sibt, u ma tagħmlu ebda xogħol fih***" (Ġeremija 17:21-24).

**Il-Lhud kienu sewwa li l-Liġi, kif mogħtija lil Iżrael, biex iżommu s-Sibt imqaddes ipprojbixxiet ħwejjeġ bħal dawn li jkunu magħmula. Għalhekk, il-kmand tas-Sibt tat-Testment il-Qadim ma jistax ikun validu aktar għall-Kristjani**. Mela, meta saret din il-bidla? It-tweġiba tinsab f'Luqa 16:16:

> "***Il-liġi u l-profeti kienu sa Ġwanni****; minn dak iż-żmien 'il quddiem l-aħbar it-tajba tas-saltna ta' Alla hija mxandra, u kulħadd qiegħed jitħabat biex jidħol fiha.*"

**Din hija wkoll ir-raġuni għaliex aħna ma narawx din il-parti tal-għaxar kmandamenti mdaħħla mill-ġdid fit-Testment il-Ġdid. Dan il-punt ma jistax ikun imwieġeb minn nies tal-Avventisti tas-Seba' Jum.**

## Is-Sabbatarjani Mhumiex Qegħdin Iżommu s-Sabbath tas-Sibt

Sabbatarjani tas-Sibt jistqarru li jżommu l-kmand tas-Sabbath kif kien mogħti lil Iżrael, imma fir-realtà **qegħdin iżommu biss regola mmodifikata tas-Sabbath**, li **ma huma** qegħdin iżommuh xejn! Taħt hemm dawn ir-raġunijiet għaliex dan hu minnu:

1. *Fit-Testment il-Qadim, meta dan il-kmand kien mogħti lil Iżrael u msaħħaħ, nies kellhom ikunu mpoġġija għall-mewt talli kienu jkasbru s-Sabbath (Eżodu 31:14, 15):*

> "*Għalhekk tħarsu s-Sibt; għax hu mqaddes għalikom: kull min jiksru* ***żgur jieħu l-mewt****: għax kull min fih jagħmel xi xogħol, dik il-persuna tinqata' minn qalb il-poplu tagħha. F'sitt ijiem isir ix-xogħol; iżda s-seba' jum hu Sibt ta' mistrieħ għalkollox, imqaddes lill-Mulej:* ***kull min jagħmel xi xogħol nhar ta' Sibt, żgur jieħu l-mewt****.*"

Raġel kien ikun impoġġi għall-mewt talli jikser dan il-kmand (Numri 15: 32-36). **Mela dawk l-istess (Iżrael) li żammew is-Sabbath poġġew għall-mewt li min kien jikser is-Sabbath. Is-Sabbatarjani moderni MHUMIEX qegħdin jagħmlu dan! L-ebda skuża ma tista' tinġieb!**

2. *Dawk li kienu jżommu s-Sabbath MA kinux imħollija li jqabbdu nar fil-jum tas-Sibt:*

> "*La tkebbsux nar fi djarkom nhar ta' Sibt*" (Eżodu 35:3).

Jekk is-sħana tiegħek hija awtomatika permezz tal-forn tiegħek, inti qiegħed tikser dan il-kmand. Jekk inti tixgħel l-ispirtiera tiegħek fil-jum tas-Sibt int tkun qiegħed tikser dan il-kmand. Jekk inti ssaħħan l-ilma biex tinħasel bih tkun qiegħed tikser dan il-kmand. Finalment, jekk inti tqabbad il-karozza tiegħek fil-jum tas-Sibt, inti wkoll tkun ksirt dan il-kmand mogħti lil Iżrael. Innota: Meta inti tqabbad il-karozza tiegħek, inti tibda nar li ma kienx jeżisti mumenti qabel. Forsi inti tgħid, imma dawn mhumiex ħwejjeġ li m'għandhom x'jaqsmu xejn mas-Sibt? Biex tkun taf kemm kien importanti li wieħed jobdi sa l-inqas dettall erġa' aqra Eżodu 20:8-11; Ġeremija 17:21-24; Ġwanni 5:21-24; eċċ.

3. *"F'KULL Sabbath" għandu jkun hemm offerta tan-nar:*

> *"U nhar ta' Sibt, żewġ ħrief tal-ewwel sena bla difett, u żewġ għexur smid bħala offerta tal-qamħ, miblul biż-żejt, u t-tiswib tiegħu: Din hi l-offerta tal-ħruq* ***għal kull nhar ta' Sibt****, barra mill-offerta maħruqa ta' kuljum, u t-tiswib tagħha*" (Numri 28: 9, 10).

Dan il-kmand tat-Testment il-Qadim għal dawk li jżommu s-Sibt huwa biċ-ċar ipprojbit taħt il-Patt il-Ġdid fid-dawl tal-ktieb lil-Lhud. Il-Kristjani tal-bidu m'għamluħx dan, u, għalhekk, ma żammewx il-kmand tas-Sibt bħal Iżrael (Eżodu 20:8-11; Numri 28:9, 10).

**Min Jikser is-Sibt (Sabbath) MA jkunx mixħut fl-għadira tan-nar.**

**Ma hemm ebda Skrittura fit-Testment il-Ġdid li tgħid li dawk li jiksru s-Sibt ikunu mixħuta fl-għadira tan-nar.** Minn-naħa l-oħra, it-Testment il-Ġdid jgħid ċar li l-idolatri, il-qattiela, il-ħallelin, l-adulteri, dawk li huma sesswalment immorali, il-giddieba, eċċ., ma jkunux imħollija li jidħlu fis-saltna ta' Alla u mixħuta fl-għadira tan-nar u kubrit (1 Korintin 6:9, 10; Efesin 5:5-7; Galatin 5:19-21; Rivelazzjoni 21:8). **Barra minn dan, hemm oħrajn, bħas-skaren, eċċ. li mhumiex imsemmija fl-Għaxar Kmandamenti, li huma wkoll jesperjenzaw l-istess destin etern, jiġifieri, sakemm huma ma jindmux (1 Korintin 6:9, 10; Galatin 5:19-21).**

**Għal Sabbatarjan tas-Sibt li jgħid li wieħed GĦANDU jżomm ir-regolamenti tas-Sabbath tas-Sibt għas-salvazzjoni huwa li jpoġġi lilu nnifsu taħt il-kundanna li tinsab f'Galatin 1:8, 9.**

# KIF IS-SABBATARJANI JGĦAWWĠU L-ISKRITTURA!
# (Parti 3)

Aħna sejrin neżaminaw kull mod li bih is-Sabbatarjani jippruvaw biex joħolqu distinzjoni falza bejn l-Għaxar Kmandamenti u l-ħames kotba ta' Mosè.

**A. Is-Sabbatarjani jippruvaw biex joħolqu distinzjoni falza bejn l-"għaxar kmandamenti" u l-"kotba tal-liġi" billi jgħidu li wieħed fih liġi morali u l-ieħor liġijiet ċerimonjali:**

Il-verità hija, li huwa impossibbli li toħloq xi distinzjoni bbażata fuq liġijiet Morali kontra Ċerimonjali. Sabbatarjani joħolqu l-impressjoni falza li ma hemm xejn morali fil-"ktieb tal-liġi" u xejn ċerimonjali fl-10 kmandamenti meta fil-fatt xejn ma jista' jkun aktar il-bogħod mill-verità.

1. L-espressjoni "liġi Ċerimonjali" ma tinstabx fl-Iskrittura: il-kliem "ċerimonjali, ċerimonja, ċerimonji u l-għeruq kollha" qatt ma jinstabu fl-istess vers bħall-kelma "liġi" jew "liġijiet"
2. L-espressjoni "liġi Morali" ma tinstabx fl-Iskrittura: il-kliem "Morali, Moralitajiet, moralità u l-għeruq kollha" qatt ma jinstabu fl-istess vers bħall-kelma "liġi" jew "liġijiet"
3. Il-liġi tal-jum tas-Sibt (Sabbath) hija liġi ċerimonjali!
4. Il-ħames kotba ta' Mosè fihom l-għaxar kmandamenti darbtejn!
5. Il-ħames kotba ta' Mosè huma mimlija bil-liġijiet morali li ma jinstabux fl-għaxar kmandamenti! (Eżodu 22:21-22, 31; 23:2; Levitku 19: 2, 14-18; Dewteronomju 16:18).
6. Interessanti li skond is-Sabbatarjani, il-liġi Morali kollha (is-Sabbatarjani jemmnu li hija l-għaxar kmandamenti/Liġi ta' Alla) toqgħod fuq żewġ liġijiet li jinsabu fil-ktieb tal-liġi. "Ħobb lil Alla b'qalbek kollha" u "Ħobb lill-għajrek bħalek in-nifsek" (is-Sabbatarjani jemmnu li l-ktieb tal-liġi huwa l-liġi ta' Mosè u kien il-liġi ċerimonjali). Fi kliem ieħor, l-aktar żewġ liġijiet morali importanti ma jinstabux fl-Għaxar Kmandamenti, imma fil-Ktieb tal-Liġi, li l-Avventisti jgħidu li hija mneħħija!
7. Ġesù qal li l-għaxar kmandamenti ma fihomx l-aqwa żewġ kmandamenti!
8. "Il-Liġi ta' Alla" tordna jew tikkmanda sagrifiċċji tal-annimali: Luqa 2:23-24
9. "Il-Liġi ta' Jaħweh" tordna jew tikkmanda offerti maħruqa: 2 Kronaki 31:3.
10. Ġesù qal li l-aqwa kmandament ma kienx parti mill-għaxra! Mattew 22:36-40 (ħażin ħafna għas-Sabbatarjani: post kbir għal Ġesù biex jikkwota l-liġi tas-Sibt!).

**I. Is-Sabbatarjani spiss jitkellmu dwar żewġ liġijiet billi joħolqu distinzjoni falza bejn "Il-Liġi Morali" u "l-Liġi Ċerimonajli." L-Avventisti mbagħad jargumentaw li l-liġi ċerimonjali biss kienet imsammra mas-salib. Din id-distinzjoni hija barranija għal kollox għall-Bibbja! L-għaxar kmandamenti huma msejħa, "il-liġi ta' Mosè" u liġijiet ċerimonjali huma msejħa, "il-liġi ta' Alla".**

It-Testment il-Qadim huwa unità kumplessa ta' liġijiet. Xi wħud huma morali u oħrajn huma ċerimonjali. Imma ma hemm ebda mod biex tistabbilixxi xi distinzjoni ta' żewġ liġijiet! "Il-Liġi Morali" u "l-Liġi Ċerimonjali" ma jeżistux bħala kodiċi separati ta' liġi, kif l-Avventisti kienu sfurzati biex jivvintaw! Taħt għandna tabella

li kull wieħed li jżomm is-Sibt (Sabbath) huwa familjari magħha. Il-problema hija li dik mhix eżatta kompletament!

**Kif is-Sabbatarjani jippruvaw biex jistabbilixxu distinzjoni falza:**

| **Il-Liġi Morali** | **Il-Liġi Ċerimonjali** |
|---|---|
| Il-liġi ta' Alla | Il-liġi ta' Mosè |
| Il-Liġi ta' Alla | Il-Liġi ta' Mosè |
| L-Għaxar Kmandamenti | Ordinanzi u Digrieti |
| Miktuba minn Alla | Miktuba minn Mosè |
| Tabelli tal-ġebel | Ktieb tal-liġi |
| Impoġġija fl-Arka | Impoġġija fil-ġenb tal-Arka |
| Għadha tapplika llum | Imsammra mas-salib! |

**Problemi bit-tabella ta' fuq tal-Avventisti tas-Seba' Jum.**

1. Il-Bibbja tgħid li "l-liġi ta' Alla" u "l-Liġi ta' Alla" fihom liġijiet ċerimonajli. Il-Bibbja tgħid li "l-liġi ta' Mosè" u "l-Liġi ta' Mosè" fihom liġijiet morali.
2. Għalkemm il-liġi oriġinali tal-għaxar kmandamenti kienet miktuba bis-suba' ta' Alla fuq il-ġebla, Mosè rreġistra l-għaxar kmandamenti darbtejn b'idu stess fil-ktieb.
3. L-għaxar kmandamenti kienu jinsabu f'żewġ postijiet: fit-tnejn, kemm "ġewwa" u kemm "fuq barra" tal-Arka tal-Patt. Dan jeqred kull distinzjoni bbażata fuq xi post.
4. Kull distinzjoni hija meqruda, billi "l-ktieb tal-liġi" (Ġenesi sa Dewteronomju) fih żewġ kopji miktuba tal-Għaxar Kmandamenti (Eżodu 20 u Dewteronomju 5).

**II. Distinzjoni bejn it-tabelli u l-ktieb ma tistax tkun stabbilita minħabba li ħwejjeġ differenti ntqalu dwarhom!**

1. Żewġ Pawlijiet għaliex żewġ ħwejjeġ opposti ntqalu dwarhom? Pawlu qal li hu kien Lhudi u Ruman: Atti 21:39; 22:35
2. Żewġ Kristijiet għaliex żewġ ħwejjeġ opposti ntqalu dwarhom?
   - Kristu huwa ljun, Rivelazzjoni 5:5-6
   - Kristu huwa l-Missier għal dejjem u mwieled minn mara: Isaija 9:6; Luqa 2:7
   - Kristu huwa l-Prinċep tal-ħajja madankollu miet minħabba d-dgħufija: Atti 3:15; 2 Kor-intin 13:4
   - Kristu huwa Iben madankollu Alla: Isaija 9: 6; Lhud 1:8
   - Kristu ġie biex iġib il-paċi u firda: Luqa 2:9-14; Luqa 12:51

**III. It-Testment il-Qadim kollu nkluż il-ktieb tal-liġi huwa rriferut għalih bħala l-liġi ta' Alla:**

Distinzjoni bejn it-tabelli u l-ktieb ma tistax tkun stabbilta billi tgħid li hemm differenza bejn il-Liġi ta' Alla vs. il-Liġi ta' Mosè! Dawn huma l-istess ħaġa eżatta fit-Testment il-Qadim! Is-Sabbatarjani jgħallmu b'mod falz li l-għaxar kmandamenti huma "l-liġi ta' Alla" u li l-ktieb huwa "l-liġi ta' Mosè."

1. Ġenesi huwa "L-Liġi": Galatin 4:21

2. Eżodu huwa "L-Liġi": Rumani 7:7
3. Levitku huwa "Il-Liġi": Mattew 22:35-40
4. Numri huwa "L-Liġi": Mattew 12:5
5. Dewteronomju huwa "L-Liġi": Mattew 22:35-40
6. Salmi huwa "L-Liġi": Ġwanni 10:34, 45; Rumani 3:10-12; 3:13-14, 19
7. Il-Profeti huwa "L-Liġi": 1 Korintin 14:21
8. L-Għaxar Kmandamenti mħassra huma "L-Liġi": Rumani 7:4-7

**IV. Għalkemm l-Avventisti jgħidu li "L-Liġi ta' Alla" esklussivament tirreferi għall-għaxar kmandamenti, l-espressjoni biċ-ċar tirreferi għal-liġijiet ċerimonjali nkluż sagrifiċċji tal-annimali:**

1. 1 Kronaki 16:40 – offerti maħruqa...miktuba fil-liġi tal-Mulej
2. Luqa 2:23-24 – miktub fil-liġi tal-Mulej,

   "*Kull tifel li jiftaħ il-ġuf jissejjaħ imqaddes lill-Mulej; u biex joffru sagrifiċċju kif jingħad fil-**Liġi tal-Mulej**: Żewġ gamimiet, jew żewġ frieħ tal-ħamiem.*"
3. "Il-Liġi tal-Mulej" tikkmanda offerti maħruqa: 2 Kronaki 31:3,

   "*Is-sultan waqqaf ukoll sehem minn ġidu għall-offerti tal-ħruq: l-offerti tal-ħruq ta' filgħodu u ta' filgħaxija, u għall-offerti tal-ħruq tas-Sibtijiet, u tal-qmura ġodda, u tal-għidien, kif inhu miktub **fil-liġi ta' Jaħweh**.*"
4. **2 Kronaki 35:26,**

   "*Il-bqija tal-atti ta' Ġosija u l-għemejjel tiegħu tajba bħalma hu miktub fil-**liġi ta' Jaħweh**.*"
5. **Neħemija 8:14,**

   "*U sabu miktub fil-liġi, li kien ta Jaħweh permezz ta' Mosè, li wlied Iżrael għandhom igħammru fl-għerejjex fil-għid tas-seba' xahar.*"
6. **Neħemija 10:39,**

   "*Għax ulied Iżrael u wlied Levi jġibu l-għotjiet tal-qamħ, tal-inbid ġdid u taż-żejt fil-kmamar, fejn hemm il-ħwejjeġ tas-santwarju, u l-qassisin tas-servizz, u l-bewwieba, u l-għannejja: u ma nitilqux dar Alla tagħna.*"
7. **Ġwanni 1:17,**

   "*Għax il-liġi kienet mogħtija b'Mosè: iżda l-grazzja u l-verità ġew b'Ġesù Kristu.*"
8. **Ġwanni 7:19,**

   "*Ma takomx Mosè l-liġi, u madankollu ħadd mkinnkom ma jħares il-liġi? Għaliex tfittxu li toqtluni?*"
9. **Mattew 12:5,**

   "*Jew ma qrajtux fil-liġi, kif nhar ta' Sibt, il-qassisin fit-tempju kienu jiksru s-Sibt, u m'għandhomx ħtija?*" (Numri 28:9-10).
10. Liġi ta' Alla kienet tinkludi qmura ġodda, jiem ta' festi solenni: Salm 81:3-4.
11. Il-liġi qalet lil Iżrael biex jgħammru fit-tined: Neħemija 8:14.
12. L-għaxar kmandamenti QATT ma huma msejħa "il-liġi tal-Mulej" jew "liġi ta' Alla" f'distinzjoni mill-"liġi ta' Mosè" f'xi passaġġ wieħed.

**V. Bdil ta' termini ma' xulxin f'Neħemija 8:1-18 jagħti prova li ma hemm ebda distinzjoni misjuba fil-liġijiet ta' Alla u ta' Mosè fit-Testment il-Qadim!**

Vers frażi minn **Neħemija 8:1-18**

v. 1 ...... "il-ktieb tal-liġi ta' Mosè"
v. 2 ...... "il-liġi"
v. 3 ...... "il-ktieb tal-liġi"
v. 5 ...... "il-ktieb"
v. 7 ...... "il-liġi"
v. 8 ...... "il-ktieb"
v. 9 ...... "il-liġi"
v. 13 ...... "il-liġi"
v. 14 ...... "il-liġi"
v. 18 ...... "il-ktieb tal-liġi ta' Alla"

**VI. L-Għaxar Kmandamenti huma msejħa l-Liġi ta' Mosè:**

1. **Mark 7:9-10,**

   "*...Għax Mosè qal, "Weġġah lil missierek u lil ommok...*"

2. Meta inti taqra l-għaxar kmandamenti, int taqra lil Mosè: 2 Korintin 3:3, 15
3. Liġi ta' Mosè hija l-liġi mogħtija f'Ħoreb (10 kmandamenti): Malakija 4:4

   "*Ftakru **fil-liġi ta' Mosè**, il-qaddej tiegħi, li jien tajtu f'Ħoreb, għal Iżrael kollu, statuti u ordinanzi*"

4. Liġi ta' Mosè kienet tinkludi dak kollu li Alla kkmanda: 1 Slaten 2:3,

   "*U ħares kulma jordna Jaħweh Alla tiegħek, billi timxi fi triqatu, billi tħares l-istatuti tiegħu, u l-kmandamenti tiegħu, u l-ordinanzi tiegħu, u x-xhidiet tiegħu, bħalma hu miktub **fil-liġi ta' Mosè**, biex ikollok ir-riżq f'kulma ta-għmel, u kulfejn iddur.*"

**VII. "Il-Liġi" tat-Testment il-Qadim MHIJIEX il-"Liġi ta' Kristu": 1 Korintin 9:21**

"*Għal dawk li huma bla liġi, qisni bla liġi, għalkemm ma kontx bla **liġi ta' Alla**, imma taħt il-**liġi ta' Kristu**, biex nirbaħ lil dawk li huma bla liġi*" (1 Korintin 9:21).

1. Pawlu mhuwiex taħt il-liġi tal-Lhud
2. Imma Pawlu mhuwiex bla liġi
3. Pawlu qiegħed taħt liġi differenti mil-Lhud
4. Pawlu qiegħed taħt il-Liġi ta' Kristu

**VIII. Is-Sabbatarjani jippruvw biex jistabbilixxu distinzjoni fil-liġi tat-Testment il-Qadim bil-li jiffokaw fuq dak li kien "miktub/ mogħti" minn Alla kontra dak li kien "miktub/mogħti" minn Mosè. Imma Alla jintqal li kien ta l-Liġi ta' Mosè u Mosè jintqal li kien ta l-Liġi ta' Alla.**

1. Alla ta "l-Liġi ta' Mosè": Esdra 7:6,

   "*Dan Esdra...kittieb imgħallem **fil-liġi ta' Mosè**, li Jaħweh, Alla ta' Iżrael kien ta...*"

2. Mosè ta "il-Liġi ta' Alla": Neħemija 10:29,

   "*Jimxu **fil-liġi ta' Alla**, li kienet mogħtija permezz ta' Mosè, qaddej t'Alla.*"

3. Alla ta l-Ktieb tal-liġi ta' Mosè: Neħemija 8:1,

   "*…biex iġib il-ktieb **tal-liġi ta' Mosè**, li l-Mulej kien ta lil Iżrael.*"

4. Alla ta ktieb ta' **liġi tal-Mulej**: 2 Kronaki 34:14,

   "*…il-qassis sab ktieb tal-**liġi ta' Jaħweh** mogħtija permezz ta' Mosè.*"

5. Mosè ta l-għaxar kmandamenti: Mark 7:9-10,

   "*Għax Mosè qal: Weġġaħ lil missierek u lil ommok…*"

6. Meta int taqra l-għaxar kmandamenti, int "taqra l-Mosè": 2 Korintin 3:3, 15,

   "*…Imma wkoll sal-lum, meta jinqara Mosè, hemm velu fuq qalbhom.*"

7. Il-kitba ta' Pawlu dwar in-nisa tal-profeti jkunu siekta fil-knejjes hija msejħa "kmandamenti tal-Mulej: 1 Korintin 14:35-37 (skond il-loġika tas-Sabbatarjani, li n-nisa jżommu s-skiet fil-knisja għandu jkun wieħed mill-għaxar kmandamenti billi kull darba li huma jaraw "kmandamenti tal-Mulej" [v. 37] huma awtomatikament isejħulhom l-għaxar kmandamenti!)
8. Bidla tat-termini li jfissru l-istess f'Neħemija 9: 13-14 hija prova li ma hemm ebda distinzjoni li tinsab fil-liġijiet tat-Testment il-Qadim ta' Alla u Mosè!

**Neħemija 9:13-14**

| Tabelli tal-patt | Ktieb tal-patt |
|---|---|
| **Alla ta** s-Sibt l-imqaddes ordinanzi; | liġijiet tassew, statuti tajba, Kmandamenti, |
| **Mosè ta** Kmandamenti | statuti, u liġijiet |

**IX. Kull darba li Sabbatarjan jara l-espressjoni "il-kmandamenti" jew "il-kmandamenti tiegħi," hu awtomatikament jaħseb esklussivament dwar l-għaxar kmandamenti! Iżda hawn huma l-passaġġi fejn dawn l-espressjonijiet komuni jirreferu għal dak li s-Sabbatarjani jsejħulha "l-Liġi Ċerimonjali ta' Mosè" u MHUX l-għaxar kmandamenti!**

1. **Levitku 27:34,**

   "*Dawn huma l-kmandamenti, li Jaħweh ta lil Mosè għal ulied Iżrael fuq il-muntanja Sinaj.*"

2. **Numri 36:13,**

   "*Dawn huma l-kmandamenti u l-ordinanzi, li ta Jaħweh, permezz ta' Mosè, lil ulied Iżrael, fil-witjiet ta' Mowab, ħdejn il-Ġurdan, biswit Ġeriko.*"

3. **Dewteronomju 30:10,**

   "*Jekk tobdi leħen Jaħweh, Alla tiegħek, u tħares il-kmandamenti u l-istatuti tiegħu, li huma miktubin f'dan il-ktieb tal-liġi,…*"

4. **1 Slaten 2:3,**

*"U ħares kulma jordna Jaħweh, Alla tiegħek, billi timxi fi triqatu, billi tħares l-istatuti tiegħu, u x-xhidiet tiegħu, bħalma hu miktub fil-liġi ta' Mosè, biex ikollok ir-riżq f'kulma tagħmel, u kulfejn iddur."*

5. Ġesù iddefinixxa l-kmandamenti biex jinkludu l-Liġi ta' Mosè: **Mattew 19:17-19,**

   *"ħares il-kmandamenti." Ir-raġel wieġeb "liema?" U Ġesù qal: "… Ħobb lil għajrek bħalek innifsek."*

Qiegħed tara kemm is-Sabbatarjani jgħallmu tagħlim żbaljat għalkollox?

# IL-KMANDAMENTI TA' ĠESÙ MHUMIEX L-GĦAXAR KMANDAMENTI (Parti 4)

**Ġesù qal, "ħarsu l-kmandamenti Tiegħi" MHUX l-Għaxar kmandamenti!**

L-Avventisti tas-Seba' Jum jingannaw lilhom infushom meta huma jikkwotaw ħażin dawn il-passaġġi fi sforz fieragħ biex jagħtu prova li Ġesù u l-appostli qalulna biex inżommu l-għaxar kmandamenti!

**Hawn huma testi ta' prova li ssoltu huma l-aktar użati li huma jikkwotaw ħażin sabiex b'mod falz jippruvaw li aħna għandna nżommu l-għaxar kmandamenti bħala Kristjani:**

1. **Ġwanni 14:15** – "*Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi.*"
2. **Ġwanni 14:21** – "*…Min għandu l-kmandamenti tiegħi, u jħarishom, dak hu li jħobbni…*"
3. **1 Ġwanni 2:3** – "U min dan nafu li aħna nagħrfuh, jekk inħarsu l-kmandamenti tiegħu."
4. **1 Ġwanni 5:2** – "*B'dan nagħrfu li aħna nħobbu lil ulied Alla, meta aħna nħobbu 'l Alla, u nħarsu l-kmandamenti tiegħu.*"
5. **2 Ġwanni 6** – "*Din hi l-imħabba, li nimxu skond il-kmandamenti tiegħu. Dan hu l-kmandament: Li bħalma smajtu mill-bidu, imxu fl-imħabba.*"
6. **Rivelazzjoni 12:17** – "*…dawk li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla, u għandhom ix-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"
7. **Rivelazzjoni 14:12** – "*Hawn hu s-sabar tal-qaddisin: hawn huma dawk li jħarsu l-kmandamenti ta' Alla, u l-fidi ta' Ġesù.*"

**Tweġiba:**

**I. L-espressjoni "ħares il-kmandamenti" tinkludi AKTAR mill-għaxar kmandamenti:**

1. **Mattew 19:16-19** – "*U, ara, wieħed resaq lejh u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'nagħmel tajjeb, biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?" U qallu: Għala ssejjaħli tajjeb? M'hemm ħadd tajjeb ħlief wieħed, li hu Alla; iżda jekk trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti. Qallu: Liema? U Ġesù qal: La toqtolx, La tagħmilx adulterju, La tisraqx, La tixhidx ħaġa b'oħra, Weġġah lil missierek u lil ommok; u, Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.*"

**II. Issa aħna għandna ngħidu mill-ewwel li hemm waqtiet li Ġesù kkmanda lin-nies biex iħarsu l-għaxar kmandamenti. Imma innota li ġej dwar Mattew 19:16-19:**

1. Ir-raġel għani ma ħasibx immedjatament dwar l-għaxar kmandamenti. Żgur li ħadd ma jaħseb lir-raġel għani kien attwalment qiegħed jaħseb li Ġesù kien qiegħed jagħtih għażla f'li jżomm biss ħamsa mill-għaxar kmandamenti! Kieku ż-żagħżugħ kellu l-għaxar kmandamenti f'moħħu dak ifisser illi dak li hu tassew staqsa kien: "*liema mill-għaxar kmandamenti*" għandi jiena nżomm? Mistoqsija bħal din sempliċiment tkun bla sens u tkun prova li l-

mexxej żagħżugħ għani MA setgħax kellu f'moħħu l-għaxar kmandamenti meta Ġesù qallu, "Ħares il-kmandamenti."

2. Meta Ġesù kkwota ħafna mill-għaxar kmandamenti, HU WKOLL ikkwota l-aqwa kmandament fost kollha, dak lanqas kien saħansitra fl-għaxar kmandamenti. Din hija prova li "ħares il-kmandamenti" tinkludi AKTAR minn sempliċiment l-għaxar kmandamenti. Din hija preċiżament il-verità u tikkonfuta (turi li huwa falz) lil dawk kollha li jħarsu s-Sibt (is-Sabbath)!

**III. Il-kmandamenti ta' Ġesù spiss huma DISTINTI mill-għaxar kmandamenti!**

1. **<u>Ġwanni 15:10-12</u>** – "*Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, tibqgħu fl-imħabba tiegħi; bħal ma ħarist jien il-kmandamenti ta' Missieri, u nibqa' fl-imħabba tiegħu. Għidtilkom dawn il-ħwejjeġ, biex il-ferħ tiegħi jibqa' fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi: Li tħobbu lil xulxin, bħalma ħabbejtkom jiena.*"
2. **<u>1 Korintin 14:37</u>** – "*Jekk xi ħadd jaħseb li hu profeta, jew bniedem spiritwali, ħa jagħraf sewwa li dawk il-ħwejjeġ li niktbilkom huma kmandament tal-Mulej.*"

Speċifikament fil-kuntest, in-nisa tal-profeti kienu pprojbiti milli jistaqsu mistoqsijiet fil-laqgħat. Dan kien imsejjaħ il-kmandament tal-Mulej, biċ-ċar mhux wieħed mill-għaxar kmandamenti!

3. **<u>Mattew 28:20</u>** – "*U għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien.*"

Dan ċertament li kien jinkludi l-magħmudija u l-indiema u l-Ikla tal-Mulej!

4. **<u>Ġwanni 13:34</u>** – "*Kmandament **ġdid** nagħtikom: Li tħobbu lil xulxin; bħal ma ħabbejtkom jien, ħobbu intom ukoll lil xulxin.*"

Dan il-kmandament mhuwiex parti mill-għaxar kmandamenti! 2 Ġwanni 5 jgħid,

> "*U issa nitolbok sinjura, mhux qisni ktibtlek kmandament **ġdid,** imma dak li kellna mill-bidu, li aħna nħobbu lil xulxin.*"

Ġwanni 1:1 jagħti prova li l-bidu ma kienx il-Ġnien ta' Għeden, imma l-kliem ta' Ġesù fis-sena 30 W.K. Innota li meta Ġesù introduċa dan il-kmandament fit-30 W.K. dan kien ġdid. Imma Ġwanni f'madwar 95 W.K. qal li ma kienx ġdid, billi Ġesù kien l-oriġinatur. Meta l-Avventisti jippruvaw jgħidu li "ħobbu lil xulxin" kien sommarju ta' parti mill-għaxar kmandamenti, huma jkunu qegħdin jikkontradixxu lil Ġesù li qal li dan kien ĠDID!

5. **<u>2 Pietru 3:2</u>** – "*Biex tiftakru fil-kliem imħabbar minn qabel mill-profeti qaddisa, u fil-kmandament tagħna l-appostli, li hu dak tal-Mulej u Salvatur.*"
6. Ġesù qal l-akbar kmandament ma kienx parti mill-għaxra! Mattew 22:36-40 (Ħażin wisq għas-Sabbatarjani: Post kbir għal Ġesù biex jikkwota l-liġi tas-Sibt! [Sabbath])
   a. **<u>Mattew 22:36-40</u>** – "*Mgħallem, liema hu l-akbar kmandament fil-liġi? Qallu Ġesù: Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'dehnek kollu. Dan hu l-ewwel u l-akbar kmandament. U bħal dan hu t-tieni: Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek. F'dawn iż-żewġ kmanda-menti qiegħda l-liġi u l-profeti.*"

Aħna nafu sewwa li l-ewwel u t-tieni kmandamenti mill-għaxra mhumiex dawn it-tnejn li semma Ġesù! Imma Ġesù qal li "*F'dawn iż-żewġ kmandamenti…*", liema huma?

## IV. Ġesù ma qalx, "ħares l-għaxar kmandamenti"

1. Ġesù iżda "*ħarsu l-kmandamenti Tiegħi*" li bil-wisq igħaddu l-għaxar kmandamenti.
2. Ġesù qal, "*ħarsu l-kmandamenti*" li nkluda aktar mill-għaxar kmandamenti. (ara fuq id-diskussjoni ta' Mattew 19:16).

# L-APPOSTLU PAWLU
# QATT MA ŻAMM IS-SIBT (SABBATH)
# (Parti 5)

**L-appostlu Pawlu qatt ma żamm is-Sibt (Sabbath), ċertament mhux 84 darba!**

**Test tal-istorja:** Il-knisja ta' Kristu tistieden mexxej tas-Seventh-day Adventist biex jippriedka kull Ħadd wara nofs in-nhar u jispjega għaliex il-Ħadd mhuwiex il-jum li l-Kristjani għandhom jaduraw lil Alla. Imma wara 84 Ħadd wara xulxin, il-mexxejja l-oħra Avventisti akkużawh li hu kien qiegħed jikser is-Sabbath u jżomm il-Ħadd imqaddes billi jagħmel dan. Huma qalulu, "Aħna nargumentaw li Pawlu ma żammx il-Ħadd għaliex hu kien mistieden mil-Lhud biex jippriedka fis-sinagoga Lhudija. Jekk aħna, bħala Avventisti nargumentaw li Pawlu ma ltaqgħax ma' Kristjani l-Ħadd għaliex hu kien qiegħed jipprieka lil-Lhud fis-sinagogi tagħhom fis-Sibt (Sabbath), allura jiġi wara (inkunu konsistenti) li int għandhek tkun qiegħed tikser il-jum tas-sibt (Sabbath) billi tippriedka lill-Kristjani fl-apostasija fil-Ħadd." Il-mexxej Avventista kien immedjatament imkeċċi talli kien eżempju ħażin u kien qiegħed jeqred il-qawwa tal-argumenti qarrieqa tagħhom. (ivvintata).

L-argument falz attwali tal-Avventisti tas-Seba' Jum #1: "Dawk li jżommu l-Ħadd jgħidu lis-Sibt (Sabbath) kien imneħħi meta dan kien imsammar mas-salib. Hawn l-Appostlu Pawlu qiegħed iżomm is-Sibt "skond il-kmandament" wara li Kristu miet!" (Testi ta' prova addizzjonali tas-Sabbatarjani li Pawlu żamm is-Sibt bħala parti mid-dmir Kristjani tiegħu talinqas 84 darba: Atti 13:14, 44; 16:13; 17:2; Atti 18:4, 11.)

Kalkolu attwali tal-Avventisti taż-żamma ta' Pawlu tas-Sabbath:

| Vers tal-Bibbja tas-Sabbath | Numru miżmum |
|---|---|
| <u>Atti 13:14</u>, "*...daħlu fis-sinagoga nhar ta' Sibt, u qagħdu bil-qiegħda.*" | 1 |
| <u>Atti 13:44</u>, "*U s-Sibt ta' wara, tista' tgħid, il-belt kollha nġemgħet biex tisma' l-kelma t'Alla.*" | 1 |
| <u>Atti 16:13</u>, "*U nhar ta' Sibt ħriġna barra mill-belt ħdejn xatt ta' xmara, fejn kienet id-drawwa li jsir it-talb: u qgħadna bil-qiegħda, u kellimna lin-nisa li kienu miġburin hemm.*" | 1 |
| <u>Atti 17:1</u>, "*U Pawlu, kif kienet id-drawwa tiegħu, daħal għandhom, u għal tliet sibtijiet tħaddet magħhom fuq l-iskrittura.*" | 3 |
| <u>Atti 18:4, 11</u>, "*U kien jagħmel taħdita kull nhar ta' Sibt fis-sinagoga.*" … "*U baqa' hemm sena u sitt xhur, igħallem fosthom il-kelma t'Alla.*" | <u>78</u> |
| Total sħiħ | **84 Sibt** |

**Prova li l-Appostlu Pawlu ma żammx is-Sibt (Sabbath) dawn l-84 darba:**

**I. Il-Bibbja mkien ma tgħid li Pawlu jew XI Kristjan ieħor żamm is-Sibt jew Sabbath skond il-kmandament wara l-qawmien.**

1. Dak li aħna għandna huma eżempji spissi ta' Pawlu jippriedka lil-Lhud mhux Kristjani fis-sinagoga TAGĦHOM fil-jum tas-Sibt (Sabbath) TAGĦHOM, li huma kienu mitlufa mingħajr Ġesù! Għandu dan ikun ta' sorpriża għalina? Il-mexxejja Sabatarjani "jżommu l-Ħadd" jekk huma jippriedkaw fi knisja Kristjana fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd? Ċertament li le! Hekk ukoll għamel Pawlu.

**II. Dawn il-passaġġi jitkellmu dwar Pawlu jippriedka lil-Lhud mhux Kristjani fis-sinagogi tagħhom.**

1. Ebda passaġġ minn dawn, jew xi passaġġ ieħor fit-Testment il-Ġdid, qatt ma jitkellem dwar Kristjani jagħtu qima fil-jum tas-Sibt (Sabbath).
2. Jekk Pawlu jippriedka lil-Lhud fil-jum tas-Sibt (Sabbath) huwa prova li hu żamm is-Sibt, allura dan huwa prova wkoll li Pawlu żamm il-qima tas-sinagoga wkoll!
3. Imma l-Mulej Ġesù Kristu għallem li dan ma kellux isir aktar (Ġwanni 4:21-24).

**III. Jekk Pawlu "żamm is-Sibt (Sabbath)" għaliex hu ppriedka lil-Lhud mhux Kristjani fil-jum tas-Sibt (Sabbath) TAGĦHOM fis-sinagoga TAGĦHOM:**

1. Allura Pawlu żamm ukoll il-liġijiet ċerimonjali l-oħra kollha li l-Lhud mhux Kristjani pprattikaw waqt li hu kien hemm ukoll.
2. Allura mexxej tal-Avventisti tas-Seba' Jum "iżomm il-Ġimgħa" sewwasew għaliex hu jippriedka lill-Musulmani fil-Moskea tagħhom li huma mitlufa mingħajr Kristu fil-jum tal-Ġimgħa!
3. Allura mexxej tal-Avventisti tas-Seba' Jum "iżomm il-Ħadd" sewwasew għaliex huwa jippriedka lill-knisja ta' Kristjani li "żżomm il-Ħadd" biex jgħidilhom li huma qegħdin jiksru l-liġi tas-Sibt (Sabbath)!
4. Dak li jipprova ħafna ma jipprova xejn!

Argument Falz tal-Avventisti tas-Seba' Jum #2: "Il-fatt li l-Bibbja ssemmi lil Pawlu jippriedka fis-Sibt (Sabbath) huwa prova li aħna għandna nżommuh"

**Argument Falz #2 Irrifjutat:**

1. Sempliċiment li minħabba li sewwasew l-ewwel xandir tal-evanġelju ġara fil-jum ta' Pentekoste, ma jfissirx li l-Kristjani għandhom iżommu l-Pentekoste! Atti 2:1-38.
2. Pawlu wkoll għaġġel biex imur malajr lura għal Ġerusalemm fil-Pentekoste: Atti 20:6
3. Pentekoste dejjem kien jiġi l-Ħadd
4. Ifisser dan li hu kien qiegħed iżomm jew iħares il-festa ta' Pentekoste?
5. Le! Dan ipprovdielu opportunità kbira biex igħal-lem.
6. Imkien wara l-qawmien "tħarsu s-Sabbath skond il-kmandmanet."

**Argument Falz tal-Avventisti tas-Seba' Jum #3: "Pawlu żamm "il-liġi", għalhekk is-Sibt (Sabbath) għadu jorbot!"** (Testi ta' prova addizzjonali Sabbatarjani: Atti 21:20-28; 24:14; 26:22; Rumani 3:31).

**Argument Falz #3 Irrifjutat:**

**I. Ħares mill-qrib lejn dak li qal Pawlu:**

Atti 21:20-28 – "*U x'ħin semgħu dan, faħħru l-Mulej, u qalulu: Tara, ħi, kemm eluf hemm fost il-Lhud li jemmnu; u huma mħeġġin ilkoll għal-liġi: U huma semgħu fuqek, li int qiegħed tgħallem lil-Lhud kollha, li huma fost il-Ġentili, biex jitilqu 'l Mosè, billi tgħid li m'għand-homx jagħmlu ċirkonċizzjoni lil uliedhom, u lanqas jimxu fuq id-drawwiet. X'sa jiġri issa? Il-ġemgħa tan-nies, hekk jew hekk, tiltaqa': għax huma jisimgħu li ġejt. Għalhekk għamel dak li ngħidulek: Aħna għandna erbat irġiel li għandhom fuqhom wegħda: Ħudhom, u tnaddaf magħhom, u ħallsilhom, biex iqaxxru rashom: u kollha jkunu jafu li dawk il-ħwejjeġ, li semgħu fuqek, m'huma xejn; iżda li int stess ukoll timxi sewwa, u tħares il-liġi….*"

1. **Atti 21:20-28**: Itlaq lil Mosè u għamel iċ-ċirkonċiżjoni = iżżomm il-liġi.
2. Jekk is-Sabbatarjani huma sewwa f'dak li qegħdin jgħidu, allura huma aħjar jibdew jipprattikaw iċ-ċirkonċiżjoni wkoll!
3. Dak li jipprova ħafna ma jipprova xejn!

**II. Pawlu fehem li Mosè kien ipprofetizza l-miġja ta' Ġesù. Li "tagħti widen għal Ġesù" huwa li ŻŻOMM IL-LIĠI TA' MOSÈ! Aħseb dwar dan bħala mekkaniżmu li jeqred lilu nnifsu. Mosè qal lil-Lhud biex iżommu l-liġi tiegħu SAKEMM ġie Ġesù. Imbagħad huma kellhom jinjoraw il-Liġi ta' Mosè u jisimgħu għal Ġesù. F'dak il-mod, Kristjan li jobdi esklussivament lil Ġesù jista' jintqal li qiegħed iżomm il-liġi ta' Mosè. Dan hu dak li l-appostlu Pawlu fisser bil-versi li ġejjin:**

- **Atti 3:22-23** – "*Għax Mosè tassew qal lill-missirijiet: Il-Mulej Alla tagħkom iqajmilkom profeta minn ħutkom, bħali; isimgħuh f'kulma jgħidilkom. U għad jiġri, li kull ruħ, li ma tismax lil dak il-profeta, tinqered minn fost il-poplu.*"
- **Atti 24:14-15** – "*Iżda dan nistqarrlek: li skond it-triq li huma jgħidulha ereżija, hekk jien naqdi 'l Alla ta' missirijieti, billi nemmen fil-ħwejjeġ kollha li huma miktubin fil-liġi u fil-profeti; U għandi tama f'Alla….*"
- **Rumani 3:31** – "*Qegħdin aħna mela nxejnu l-liġi permezz tal-fidi? Allaħares! Iva, qegħdin inwettqu l-liġi.*"
- **Atti 26:22** – "*U billi mela qlajt il-għajnuna t'Alla, jien bqajt sa llum nagħti xhieda sew liż-żgħar, u kemm lill-kbar, bla ma ngħid ħaġ' oħra ħlief dawk il-ħwejjeġ li l-profeti u Mosè kienu qaluli kellhom jiġru; Li Kristu kellu jbati, u kellu jkun l-ewwel li jqum mill-imwiet, u jħabbar id-dawl lill-poplu u l-Ġentili.*"

Meta Pawlu jgħid li hu "żamm il-liġi," hu kien qiegħed jirreferi għall-fatt li Mosè u l-profeti qalu minn qabel dwar Kristu. U li tkun Kristjani kien imbassar fil-liġi. F'sens reali tassew kien il-Lhudi mhux Kristjan li rrifjuta li jagħti widen għal Ġesù li fil-fatt kienu qegħdin JIRRIĠETTAW.

# ADAM, NOÈ U ABRAHAM QATT MA ŻAMMEW IS-SIBT (SABBATH) (Parti 6)

**L-Għaxar Kmandamenti u s-Sibt (is-Sabbath) ma kinux jeżistu mill-Ġnien ta' Għeden.**

L-Għaxar Kmandamenti ma kinux jeżistu bħala kodiċi formali ta' liġi sa Mosè. Is-Sabbatarjani ma fehmux il-fatt li l-kelma "Sabbath" (Sibt) qatt ma tinstab fil-ktieb ta' Ġenesi. L-ewwel każ ta' żamma tas-Sabbath kien f'Eżodu 16 fil-Muntanja Sinaj. Hawn Alla ta lil Mosè l-"Għaxar Kmandamenti," għall-ewwel darba fl-istorja tad-dinja. Jekk l-Għaxar Kmandamenti ma kinux jeżistu qabel Mosè, allura l-anqas ir-raba' kmandament ma kien jeżisti sakemm aħna ma nsibux xi kmand jew eżempju qabel Mosè. Il-verità hija li Adam qatt ma żamm is-Sibt (Sabbath), lanqas Noè, Abraham, Iżakk, Ġużeppi jew xi ħadd ieħor waqt li kien fil-jasar tal-Eġittu.

**Argument falz attwali tas-Sabbatarjani:** "Adam, Noè u Abraham żammew is-Sibt (is-Sabbath)."

**Tweġibiet:**

**I. Ukoll jekk is-Sibt (Sabbath) kien mogħti lil Adam, dak ma jfissirx li l-Kristjani għandhom iżommuh għaliex Alla ta wkoll liġijiet sagrifikali lil Adam ukoll (għalkemm wara l-ġnien). Argument bħal dan mis-Sabbtarjani fl-aħħarnett ma jipprova xejn!**

**II. L-Għaxar Kmandamenti jew il-liġi tas-Sibt (Sabbath) ma kinux jeżistu qabel Mosè.**

1. Il-kelma "Sibt" ("Sabbath") ma tinstabx fil-ktieb ta' Ġenesi!
2. L-ewwel ħaġa nfisha miktuba fuq il-ġebel tgħid-ilna dan! Ovvjament mela, din il-liġi kienet xi ħaġa ġdida.
   a. **<u>Dewteronomju 5:6, 7</u>** – "*Jien Jaħweh, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. Ma jkollox allat oħra għajri.*"
3. Missirijiet qabel l-Eġittu ma żammewx is-Sibt (Sabbath):
   a. **<u>Dewteronomju 5:2-3</u>** – "*Jaħweh, Alla għamel patt magħna f'Ħoreb. Il-Mulej m'għamilx dan il-patt ma' missirijietna, iżda magħna,* ***li lkoll kemm aħna hawn għadna ħajjin.***"
4. Ebda wieħed qabel l-Eżodu mill-Eġittu (Eżodu 16) saħansitra ma kien jaf dwar il-liġi tas-Sibt (Sabbath):
   a. **<u>Eżekjel 20:10-13</u>** – "*U għalhekk ħriġthom minn art l-Eġittu, u ġibthom fid-deżert. U tajthom l-istatuti tiegħi, u wrejthom l-ordinanzi tiegħi, li jekk bniedem jagħmilhom, igħix bihom. Barra minn dan, tajthom ukoll is-sibtijiet tiegħi, biex ikunu sinjal* ***bejni u bejnhom****, ħalli jagħrfu li jien hu Jaħweh li nqaddishom. Iżda dar Iżrael irvellaw kontrija fid-deżert: ma mxewx fl-istatuti tiegħi, u barrew l-ordinanzi tiegħi, li jekk bniedem jagħmilhom, ikollu l-ħajja bihom; u s-sibtijiet tiegħi kisruhom bis-sħiħ...*"

5. Sabbatarjani jargumentaw li billi "sibtijiet" f'Eżekjel 20:10-13 hija fil-plural din ma tistax tirreferi għal Sibt ta' kull ġimgħa: Dan l-argumentar huwa żbaljat għal kollox: Is-Sibt ta' kull ġimgħa huwa fil-plural f'Eżdou 31:13, 17. It-tnejn, singulari u plurali huma wżati għas-Sibt ta' kull ġimgħa: Levitku 19:3; 23:38; Isaija 56:2, 4; Mattew 5; 12:10; Atti 17:2.
6. Alla rrivela, "għamel magħruf" il-liġi tas-Sibt (Sabbath) f'Sinaj, Hu ma fakkarhomx.
   a. **<u>Neħemija 9:13-14</u>** – *"Int inżilt ukoll fuq il-muntanja Sinaj, u tkellimt magħhom mis-sema, u tajt-hom ordinanzi ġusti, u liġijiet tas-sewwa, u statuti u kmandamenti tajbin: U għarrafthom is-Sibt imqaddes tiegħek, u tajthom kmandamenti, statuti, u liġijiet, permezz ta' Mosè, il-qaddej tiegħek."*
   b. Dan il-vers hu aħbar ħażina għas-Sabbatarjani!
7. **<u>Galatin 3:17</u>** – "Dak li qiegħed ngħid huwa dan:… il-liġi li ġiet erba' mija u tletin sena wara (wara Abraham)…."
8. L-ewwel darba li ġrat il-kelma "Sibt" (Sabbath):
   a. Eżodu 16:22-23 – *"U ġara, illi fis-sitt jum ġabru ħobż għal darbtejn, għomrejn għal kull wieħed: u l-ewlenin tal-ġemgħa ġew, u qalu lil Mosè. U qalilhom: Dan li qal il-Mulej: Għada jum solenni ta' mist-rieħ: Sibt imqaddes lill-Mulej: dak li għandkom taħbżu, aħbżuh illum; dak li għandkom is-sajjru, sajruh; iż-żejjed erfgħuh għalikom sal-għada."*

   It-test f'versi 23-30 jindika li din kienet esperjenza ġdida għal Iżrael. Huma ma kinux użati għal li jżommu s-Sibt (Sabbath) qabel dan iż-żmien.
9. L-għaxar kmandamenti l-ewwel kienu mogħtija meta wiċċ Mosè idda: Eżodu 34:27-28; 2 Korintin 3.
10. Jekk huma kellhom is-Sibt (Sabbth) qabel Eżodu 16, allura huma setgħu jkollhom ukoll il-manna qabel ukoll. Madankollu, is-Sabbatarjani jammettu bla diffikultà li l-manna kienet xi ħaġa ġdida għalihom. Iżda meta aħna nħarsu lejn it-test, il-Lhud kienu l-istess mhux familjari mat-TNEJN kemm mal-manna u kemm is-Sibt (Sabbath).

**III. Ma hemm ebda rakkont jew saħansitra ħjiel li xi ħadd qabel Eżodu 16 żamm is-Sibt (Sabbath): Madankollu l-Patrijarki kienu mogħtija struzz-jonijiet dwar:**

1. Offerti: Ġenesi 4:3-4
2. Artali: Ġenesi 8:20
3. Qassisin: Ġenesi 14:18
4. Egħxur (Dieċmi): Ġenesi 14:20
5. Ċirkonċiżjoni: Ġenesi 17:10
6. Żwieġ: Ġenesi 2:24 u Ġenesi 34:9
7. Għaliex Alla kien se jħalli barra l-kmand l-aktar importanti tas-Sibt (Sabbath)???

**IV. Is-Sibt (Sabbath) ma kienx imqaddes sa wara li Alla strieħ: Ġenesi 2:2; Eżodu 20:11**

1. L-ewwel Alla strieħ, imbagħad WARA LI HU STRIEĦ imbagħad qaddsu. Dan jagħti prova li s-Sibt (is-Sabbath) ma kienx parti fil-liġi eterna fis-smewwiet qabel il-ħolqien!
2. Il-Bibbja mkien ma tgħid META Alla qaddsu, sempliċiment dan kien wara li Alla strieħ.
3. Ukoll jekk Alla qaddes il-jum tas-Sibt (Sabbath) f'Għeden, Alla xorta ma rrivelax is-Sibt (Sabbath) f'Għeden għaliex ma hemm assolutament ebda evidenza li xi ħadd żamm is-Sibt (Sabbath) qabel Eżodu 16.
4. Ġenesi 2:2 jgħidilna r-raġuni, mhux il-ħin li Alla qaddes is-Sibt (Sabbath).
5. Ġenesi kien miktub matul iż-żmien ta' Mosè, mhux qabel. La Adam u lanqas Abraham ma kellhom il-ktieb ta' Ġenesi! Għall-ewwel darba Alla qal lil-Lhud fid-deżert dwar is-Sibt (Sabbath)!
6. Kristu kien magħżul bħala l-Ħaruf sagrifikali sa minn qabel is-sisien tad-dinja, (1 Pietru 1:20; 2 Timotju 1:9) imma ma rrivelax lill-bniedem xi żmien aktar wara, (għallinqas 6 ijiem) u mbagħad wara biss li l-bniedem kiel mis-siġra tal-ħajja. Dettalji speċifiċi ma kinux irrivelati għal xi 4000 sena sakemm Kristu mexa fuq l-art. Fil-fatt Alla qiegħed lil Ġesù għalih bħala s-sagrifiċċju għall-bniedem ħafna qabel ma Alla TA lil Ibnu.

**V. Is-Sibt (Sabbath) ma kienx ikun xieraq għal Adam waqt li hu kien fil-Ġnien ta' Għeden:**

1. Xogħol u ħidma kienu jeżistu biss wara li Adam dineb: Ġenesi 3:19
2. "Barrani li jkun ġewwa bwiebek, qaddejja" (Eżodu 20:10) ma tagħmel ebda sens fil-ġnien dwar is-sibt (Sabbath).
3. L-unika żewġ kmandamenti li Alla ta lil Adam kienu biex iżomm il-ġnien (Ġenesi 2:5) u ma jiekolx mill-frotta pprojbita.

**VI. L-ewwel dabra li xi jum qaddis Lhudi huwa msemmi fl-Iskrittura, dan dejjem hu nieqes mill-artiklu definit (is-Sabbath fl-Ingliż, a Sabbath)**

1. Il-jiem qaddisa kollha Lhud qatt ma huma ntro-dotti l-ewwel darba fl-Iskrittura bl-artiklu definit "il" (fl-Ingliż "the") imma bl-indefinit, fl-Ingliż "a" jew "an".
2. L-artiklu ndefinit huwa wżat fit-tnejn, qabel u wara li xi ħaġa kienet ġiet imwaqqfa, imma l-artiklu definit (IS-Sibt [THE Sabbath]) ma huwa qatt użat l-ewwel darba li xi ħaġa tkun introdotta.
3. Dan l-argument qawwi jagħti prova lis-Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa ma kienx jeżisti qabel Eżodu 16:23.
4. Dak li jagħmel dan li ma jistax ikun irrifjutat, huwa l-fatt li kull Jum Imqaddes Lhudi jsegwi l'istess mudell!

**VII. Is-Sibt (Sabbath) ma kienx imqaddes fis-sitt jum, imma bħala eżempju ta' prolepsi.**

| |
|---|
| Prolepsi: "ir-rappreżentazzjoni ta' xi ħaġa fil-futur bħallikieku dik diġà kienet teżisti jew diġà ġrat." (Dizzjunarju ta' Webster.) |

1. **<u>Ġenesi 3:20</u>** – "*U Adam semma isem martu Eva; għax hi kienet omm il-ħajjin kollha.*" (Dan intqal qabel ma Eva saħansitra kellha lil Kajjin).
2. **<u>Ġenesi 4:20</u>** – "*Adah wildet lil Ġabal: hu kien missier dawk li jgħammru fit-tined, u li għandhom l-imrieħel.*" (Żgur li ma kienx missier fit-twelid!
3. **<u>Ġenesi 4:21</u>** – "*U isem ħuh kien Ġubal: hu kien missier dawk kollha li kienu jdoqqu ċ-ċerta u l-flawt*" (imma mhux f'dak il-waqt fil-kitba)
4. **<u>Mattew 10:4</u>** – "*Xmun il-Kangħani, u Ġuda Iskarjota, li wkoll ittradih.*" (It-tradiment kien għadu ma sarx qabel tliet snin wara.)
5. **<u>1 Samwel 4:1</u>** – Ma kienx mogħti l-isem sa wara ċertu żmien (1 Samwel 7:12).
6. **<u>Luqa 6:16</u>** – "*U Ġuda ħu Ġakbu, u Ġuda Is-karjota, li kien ukoll traditur.*"
7. **<u>Ġenesi 11:9</u>** – (2118 Q.K. imqiegħed flimkien ma' 1492 Q.K.)
8. **<u>Ġenesi 10:4-5</u>** – Ma kienx hemm Ġentili fiż-żmien ta' Noè, imqiegħed ma' 1492 Q.K.
9. **<u>Ġenesi 2:24</u>** – Ma kienx hemm ommijiet u missirijiet f'dak iż-żmien!
10. **<u>Ġwanni 11:1-2</u>** – Id-dlik ma kienx sar sa aktar wara fi Ġwanni 12:3.
11. Meta Mosè kiteb "Ġenesi" lil-Lhud, hu ġab ir-raġuni li huma żammew is-Sibt (Sabbath) fir-rakkont tal-Ħolqien, għalkemm dan ma kienx finalment irrivelat qabel il-ġrajjiet irreġistrati f'Eżodu.
12. **<u>Eżodu 20:8-11</u>** – "*Ftakar f'jum is-Sibt, biex tqaddsu…Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek il-Mulej jum is-sibt, u qaddsu.*"

# IS-SABBATH (IS-SIBT) IMNEĦĦI U MSAMMAR MAS-SALIB (Kolossin 2:14-16) (Parti 7)

**Kolossin 2:14-16 tant jgħallmu biċ-ċar li s-Sibt (is-Sabbath) ta' kull ġimgħa kien imneħħi għalkollox u msammar mas-salib lis-Sabbatarjani huma mitlufa u ma jafux x'jaqbdu jagħmlu bih. Huma jippruvw jagħtu interpretazzjonjiet li permezz tagħhom jagħmlu l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa tikkontradixxi lilha nfisha!**

> "*Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib. Meta hu neżża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuqhom fuq is-salib. Tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq l-ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar ġdid, jew il-jiem tas-Sibt (Sabbath); li huma dell ta' dak li għandu jiġi; imma l-ġisem hu ta' Kristu*" (Kolossin 2:14-16).

Staqsi lilek innifsek jekk inti temmen u taċċetta t-tagħlim tal-Avventisti tas-Seba' Jum, u ta' oħrajn li jemmnu fil-ħarsien tal-jum tas-Sibt, dak li jiena nemmen dwar dawn il-versi ta' fuq, huwa dak li tassew jgħidu dawn il-versi jew dak li jgħiduli l-għalliema Avventisti? Lest int li taċċetta biss dak li jintqal mill-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jiġifieri, "*Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina:* ***neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib****… Tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq l-ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar ġdid,* ***jew il-jiem tas-Sibt*** *(Sabbath);…*"? Lest int li ma tħallix lil min iħallat u jħassar il-Kelma ta' Alla bit-tagħlim falz tiegħu u taċċetta l-Kelma safja biss? Temmen int li l-Liġi li fiha kien hemm is-Sibt (Sabbath) Kristu "***neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib***"? Temmnu dan int? Lest int li ma tħallix lil min jagħmel ħaqq minnek dwar il-jiem tas-Sibt (Sabbath)? Lest int li tiżvojta moħħok minn kull tagħlim tal-bnedmin u taċċetta biss dak li tgħid il-Kelma ta' Alla? Jekk int lest li tagħmel dan, allura se tobdi lill-Mulej, jekk le, allura se tobdi lill-bnedmin u twarrab il-kliem tal-Mulej.

**I. Waħda mill-provi l-aktar impressjonanti u li taħsad u li ma tistax tkun irrifjutata li Kolossin 2:16 għandu jkun il-jum tas-Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa, huwa l-mudell komuni ta' "Sena, Xahar, Ġimgħa" wżat f'Kolossin 2:16.**

Meta Alla ried li jirreferi għas-sistema kollha tal-jiem qaddisa Lhud, pjuttost milli jsemmihom kollha, Hu kien jirreferi għal ta' kull sena, ta' kull xahar, u ta' kull ġimgħa bħala jirrappreżentaw is-sistema kollha. Alla dejjem tkellem b'mod l-aktar ċar u li wieħed jista' jifhmu mingħajr ebda diffikultà. Is-Sabbatarjani jargumentaw illi l-Jum tas-Sibt (Sabbath) ta' Kolossin 2:16 huwa s-Sibtijiet tas-snin. Imma Sibtijiet ta' kull sena kien diġà rreferut għalihom f'Kolossin 2:16 bħala l-"festi." Il-mudell ta' "Sena, Xahar, Ġimgħa" huwa stabbilit tant tajjeb fit-Testment il-Qadim, li Kolossin 2:16 għandu jirreferi għas-Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa. Innota, ukoll Galatin 4:10, isegwi dan il-mudell, jgħid lis-Sibt ta' kull ġimgħa hu mneħħi!

> "*Intom tħarsu l-jiem, ix-xhur, l-istaġuni, u s-snin. Nibża' minħabba fikom, li tħabbatt fostkom għal xejn*"

| | Ta’ kull sena | Ta’ kull xahar | Ta’ kull ġimgħa |
|---|---|---|---|
| 1 Kronaki 23:31 | festi ffissati | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| 2 Kronaki 31:3 | festi ffissati | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| 2 Kronaki 8:13 | festi annwali | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| 2 Kronaki 2:4 | festi appuntati | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| Neħemija 10:33 | żminijiet appuntati | qamar ġdid | Sibtijiet (Sabbaths) |
| Eżekjel 45:17 | festi appuntati | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| Hosegħa 2:11 | laqgħat tal-festi | qmura ġodda | Sibtijiet (Sabbaths) |
| Galatin 4:10 | snin | xhur | jiem |
| Kolossin 2:16 | festi | qamar ġdid | jum tas-Sibt |

**II. Is-Sabbatarjani kollha huma mgħallmin mill-mexxejja tagħhom, l-argument falz li l-Plural “sabbaton” f’Kolossin 2:16 ma jistax jirreferi għall-jum tas-Sibt (Sabbath) ta’ kull ġimgħa. Imma kif aħna nistgħu naraw ċar, hemm għallinqas ħames postijiet oħra fejn il-plural huwa wżat dwar is-sibt (Sabbath) ta’ kull ġimgħa. Il-qerq huwa saħansitra agħar, mogħti l-fatt li waqt li ħafna mill-mexxejja tal-Avventisti tas-Seba’ Jum jafu dwar dawn il-passaġġi oħra, huma dawn ma jgħidulhomx lin-nies tagħhom fuq is-siġġijiet jew bankijiet fil-post tal-laqgħat tagħhom!**

1. **Mattew 28:1** – “*Meta għadda s-Sibt (Sabbath)*” [Grieg – plural: sabbaton]
2. **Luqa 4:16** – “*…daħal fis-sinagoga nhar ta’ Sibt (Sabbath)*” [Grieg – plural: sabbaton]
3. **Atti 16:13** – “*U nhar ta’ Sibt (Sabbath)*” [Grieg – plural: sabbaton]
4. **Eżodu 20:8** (fis-Settanta) – “*Ftakar f’jum is-Sibt (Sabbath)*” [Grieg – plural: sabbaton]
5. **Levitku 23:37-38** – (fis-Settanta) – “*…Barra mis-sibtijiet (Sabbaths) tal-Mulej…*” [Grieg – plural: sabbaton]

**III. Xi Sabbatarjani jpoġġu ’l quddiem argument ieħor falz fejn jgħidu: “In-nuqqas tal-artiklu definit quddiem il-kelma “Sibt” (“Sabbath”) fil-Grieg f’Kolossin 2:16 jagi prova li dan ma jistax jirreferi għal Sibt (Sabbath) ta’ kull ġimgħa. Naturalment dan l-argument mhuwiex aktar validu mill-wieħed ta’ fuq dwar il-plural ta’ “sabbaton.” Il-verità hi din, aħna nsibu bosta postijiet fejn is-Sibt (Sabbath) ta’ kull ġimgħa ma fihomx l-artiklu definit. Eżempju ta’ artiklu definit hija l-kelma fl-Ingliż THE jew fil-Malti IL jew IS fis-sentenza li ġejja: “Lhud biss żammew IS-Sibt ta’ kull ġimgħa.” (Only Jews kept THE Sabbath.”) L-istess sentenza li ma fihiex l-artiklu definit tkun: “Lhud biss żammew Sibt ta’ kull ġimgħa” (Only Jews kept weekly Sabbath).**

1. **Mattew 28:1** – “*Meta għadda s-Sibt*” [Sibt (Sabbath) ma fihiex l-artiklu fil-Grieg oriġinali]

2. **<u>Ġwanni 5:9</u>** – "*…Dak in-nhar kien is-Sibt*" [Sibt (Sabbath) ma fihiex l-artiklu fil-Grieg oriġinali]
3. **<u>Ġwanni 5:10</u>** – "*…Illum is-Sibt* (Sabbath)." [Sibt (Sabbath) ma fihiex l-artiklu fil-Grieg oriġinali]
4. **<u>Ġwanni 5:16</u>** – "*…nhar ta' Sibt* (Sabbath)." [Sibt (Sabbath) ma fihiex l-artiklu fil-Grieg oriġinali]

**VI. Oġġezzjoni falza tal-aħħar lis-Sabbatarjani xi kultant iqajmu kontra Kolossin 2:14-16 jirreferi għal Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa, huwa l-fatt li vers 14 isejjaħ dak li kien imsammar mas-salib "ostili għalina." Is-Sabbatarjani jkomplu biex jargumentaw b'mod falz: "Is-sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa ma kienx ostili għalina (kontra tagħna)!" Madankollu, 2 Korintin 3:7 isejjaħ il-liġi kollha tal-għaxar kmandamenti, "ministeru tal-mewt." Dan effettivament jirrifjuta l-argument falz tagħhom!**

| **Kolossin 2:14** | **2 Korintin 3:7** |
|---|---|
| "*Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarju għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*" | "*Issa jekk il-ministeru tal-mewt miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma Jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi:*" |
| **Li kien kontrina** | **Ministeru tal-mewt** |

Is-Sabbatarjani qabżu l-fatt li l-għaxar kmandamenti kienu msejħa "ministeru tal-mewt." X'inhi d-differenza bejn "kontra tagħna" u "ministeru tal-mewt"? Hemm xi differenza bejn dawn?

Minn dan wieħed jara kemm għandu jkun attent u jagħti widen għat-twissijiet li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa dwar l-għalliema foloz:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

# KRISTU WETTAQ U MBAGĦAD NEĦĦA L-GĦAXAR KMANDAMENTI
## (Mattew 5:17-18)
## (Parti 8)

Is-Sabbatarjani dejjem jikkwotaw ħażin Mattew 5:17 bħala test ta' prova, li s-Sibt (is-Sabbath) għandu jibqa' sakemm l-art tibqa' wieqfa.

**Mattew 5:17-18,**

> "*La taħsbux li ġejt biex neqred il-liġi, jew il-profeti: jien ma ġejtx biex neqred, iżda biex inwettaq. Għax tassew ngħidilkom: Sakemm igħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi, sama kollox iseħħ.*"

Mattew 5:17-18 fi kliem imfisser aktar ċar (Parafrasi):

> "*Il-liġi u l-profeti jibqgħu għal dejjem sakemm ma jkunux l-ewwel imwettqa.*"

**Il-verità dwar Mattew 5:17**

Fi kliem sempliċi, dan il-passaġġ jgħid li Ġesù ġie biex iwettaq il-liġi *kollha* (morali u ċerimonjali) u li xejn mil-liġi ma jkun imneħħi qabel ma dan ikun imwettaq. L-Avventisti jieħdu l-pożizzjoni inkredibbli li Ġesù ma wettaqx il-liġi! Is-Sabbatarjani jinfurzaw l-espressjoni, "*jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi*" bħala test ta' prova lis-Sibt (Sabbath) għadu japplika llum! Problema hija, din l-espressjoni, kif użaha Ġesù, inkludiet il-liġi kollha ta' Mosè inkluż sagrifiċċji tal-annimali. Jekk "jota jew nitfa" għadhom japplikaw illum, allura aħna għandna jkollna t-tnejn, is-Sibt (Sabbath) u sagrifiċċji tal-annimali! Il-loġika qatt ma kienet punt qawwi ma' l-Avventisti tas-Seba' Jum!

**Argument Falz tal-Avventisti:** Mexxej Avventist attwalment kiteb dan li ġej dwar diskursata li hu kellu ma' ministru Kristjan. Dan l-istess argument bażiku huwa wżat f'kull "Revelation Seminar" immexxi mill-Avventisti:

> "Jiena niftakar darba waħda nkellem lill-predikatur dwar dan: Jiena tajt aktar minn 40 vers li jistabbilixxu l-liġi ta' Alla u l-predikatur qabad maż-żewġ versi tiegħu jipprova biex jgħid li l-liġi kienet imneħħija għalkollox. Fl-aħħar jiena għedt, "Okay predikatur, ħalli ngħidlek x'tagħmel, sabbat sieqek ma' l-art." Kif il-predikatur għamel hekk, jiena staqsejtu, "Għadha l-art taħtek?" "Iva, naturalment," wieġeb il-predikatur. Issa ħares barra mit-tieqa, "Ix-xemx għadha tiddi?" "Iva," wieġeb il-predikatur. "Matul il-lejl il-qamar u l-kwiekeb għadhom joħorġu?" "Naturalment li għadhom," hu qal. "Mela mur għal Mattew 5:17-19. Ġesù qal "Sakemm igħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi. Int għadek kif għedtli li s-sema u l-art kienu għadhom hawn għalhekk il-liġi ta' Alla għadha torbot!" (minn "Revelation Seminar" ktieb).

**Tweġibiet:**

**I. Ġesù ma qalx li l-"għaxar kmandamenti jibqgħu għal dejjem," imma li "liġi U L-PROFETI" jibqgħu għal dejjem.**

1. Is-Sabbatarjani ma jemmnux dak li huma jaħsbu li l-vers qiegħed jgħid. Jekk il-liġi tibqa' għal dejjem, allura "Il-profeti" jibqgħu għal dejjem ukoll! L-espressjoni "il-profeti" hija riferenza għal-"liġi ta' Mosè" jew il-liġi ċerimonjali.
2. JEKK is-Sabbatarjani jistgħu jorbtu lill-profeti, huma (il-profeti) kkmandaw iż-żamma tal-liġi kollha kemm hi ta' Mosè! Ftit wisq mill-kontenut tagħhom jittratta mal-profezija.
3. Iħarsu l-Avventisti dak kollu li tgħid il-Liġi, kelma b'kelma?

**II. Liġi u profeti tindika l-liġi kollha, inkluż l-għaxar kmandamenti u l-liġijiet sagrifikali.**

1. **<u>Mattew 7:12</u>** – "*Mela, kulma tridu li l-bnedmin jagħmlulkom, għamlu hekk intom lilhom: għax din hi l-liġi u l-profeti.*"
2. **<u>Mattew 22:40</u>** – "*F'dawn iż-żewġ kmandamenti qiegħda l-liġi u l-profeti.*"
3. **<u>Luqa 16:16</u>** – "*Il-liġi u l-profeti kienu sa Ġwanni; minn dak iż-żmien 'il hawn is-saltna ta' Alla qiegħda tixxandar, u kulħadd jitħabat biex jidħol fiha.*"
4. **<u>Mattew 11:13</u>** – "*Għax il-profeti kollha u l-liġi ħabbru sa' Ġwanni.*"
5. **<u>Atti 13:15</u>** – "*U wara l-qari tal-liġi u l-profeti, il-kbarat tas-sinagoga bagħtu jgħidulhom: …*"
6. **<u>Atti 28:23</u>** – "*…jipprova biex jipperswadihom dwar Ġesù, sew mil-liġi ta' Mosè, u kemm mill-profeti.*"
7. **Rumani 3:21** – "*Iżda issa, mingħajr il-liġi, il-ħaqq ta' Alla deher, billi jixhdu għalih il-liġi u l-profeti.*"

**III. Jota jew nitfa tindika wisq aktar minn l-għaxar kmandamenti lis-Sabbtarjani jaqblu!**

1. Min fejn is-Sabbtarjani ħadu l-idea li l-għaxar kmandamenti biss kien intqal dwarhom hawn, dan jgħid "l-żgħar jota jew nitfa" tal-"liġi u l-profeti."
2. Dan ovvjament huwa riferenza għal-liġi tat-Testment il-Qadim kollu *nkluż il-liġijiet ċerimonjali kollha*!
3. Skond għal-loġika tas-Sabbatarjani, dan il-vers jagħti prova li aħna għandna xorta nżommu l-joti u l-intitef ċerimonjali! Is-Sabbatarjani ma jistgħux li jkollhom it-tnejn, jew waħda jew l-oħra, imma huma żabljati għalkollox!

**IV. <u>Luqa 16:16</u> – "*U hu eħfef li jgħaddu s-sema u l-art milli taqa' nitfa waħda mil-liġi.*"**

1. Dan il-vers huwa wżat ukoll, b'żieda għal Mattew 5:17 biex jgħallem dak b'mod falz.
2. Il-liġi, f'dan il-vers, tinkludi l-liġi kollha kemm hi tat-Testment il-Qadim, mhux biss l-għaxar kmandamenti.
3. Xejn mil-liġi ta' Mosè ma waqa'! Kristu *wettaqha* mija fil-mija, imbagħad Hu sammarha mas-salib! (Kolossin 2:14-16).

**V. Staqsi lil kull Sabbatarjan dawn il-mistoqsijiet sempliċi:**

1. Għaliex Ġesù ġie? Tweġiba: biex iwettaq il-liġi u l-profeti.
2. Għamel Ġesù suċċess fil-missjoni Tiegħu biex iwettaq il-liġi? Tweġiba: Iva.

3. X'jiġri meta Ġesù jwettaq il-liġi u l-profeti? Tweġiba: F'dak il-waqt biss il-liġi tkun meqruda.
4. Ġie Ġesù biex iwettaq il-liġi ta' Mosè? (Huma jwieġbu iva).
5. Kienet il-liġi ta' Mosè mneħħija meta Ġesù wettaqha? (Huma jwieġbu iva).
6. Wettaq Ġesù l-liġi u l-profeti? Tweġiba: Iva.

**VI. Kristu ma qalx: "*Jiena ma ġejtx biex neqred, iżda biex inwettaq jew biex nipperpetwa.*" Pjuttost imma "*biex inwettaq.*"**

1. Kristu biċ-ċar biddel il-liġi u l-profeti: **Galatin 3: 23-24; Lhud 7:12** – "*Għax billi **tbiddel** is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi.*"
2. <u>Luqa 24:25-27</u> – "*Imbagħad qalilhom: Ja boloh, u tqal fil-qalb biex temmnu dak kollu li qalu l-profeti! Ma kellux Kristu jbati dawn il-ħwejjeġ, u jidħol fil-glorja Tiegħu? U beda minn Mosè u l-profeti, u fissrilhom dawk il-ħwejjeġ li fl-iskrittura kollha hemm fuqu.*"
3. <u>Luqa 24:44</u> – "*U qalilhom: Dawn huma l-kelmiet li għidtilkom, meta kont għadni magħkom, li jaħtieġ **li jseħħu l-ħwejjeġ kollha**, li nkitbu fil-liġi ta' Mosè, u fil-profeti, u fis-salmi, fuqi.*"

**VII. Nifhmu l-kondizzjoni doppja ta' Mattew 5:17-18. Parafrasi: "*il-liġi u l-profeti tibqa' għal dejjem sakemm din tkun imwettqa l-ewwel.*"**

Aqra bil-Għaqal: "*La taħsbux li ġejt biex neqred il-liġi, jew il-profeti: Jien ma ġejtx biex neqred, iżda biex inwettaq. Għax tassew ngħidilkom: [kondizzjoni #1:] Sakemm igħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi, [kondizzjoni #2] sama kollox iseħħ.*" (Mattew 5:17-18).

Hawn hija illustrazzjoni li hija eżempju ta' stqarrija ta' kondizzjoni doppja:

- Missier lil iben fuq il-mejda tal-ikel: "Int sejjer toqgħod bil-qiegħda hawn sakemm int tiekol l-ikel. Għax sal-ħin tas-sodda tiegħek, l-anqas l-iċken ittra ma tgħaddi minn dak li għedt, sakemm l-ikel kollu tiegħek ikun mikul."
- Stqarrija: poġġi fil-mejda sakemm jew: 1. il-ħin tas-sodda jew 2. L-ikel hu mikul.
- Issa aħna lkoll nifhmu dan l-eżempju tal-mejda tal-ikel.
- U dan huwa eżattament parallel għal dak li qal Ġesù dwar il-liġi f'Mattew 5:17

**VIII. Is-Sabbatarjani jargumentaw li "mwettaq" ma tfissirx "tmiem" kif huma jikkwotaw Mattew 3:15 – "…għax hekk xieraq għalina, biex inwettqu l-ġustizzja kollha." Huma jgħidu, "Qiegħed tara! Il-ġustizzja ma spiċċatx meta Ġesù kien mgħammed!"**

1. Il-versi mhumiex parallelli ħlief għall-fatt lit-tnejn fihom il-kelma "twettiq."
2. Ġesù ma qalx "il-ġustizzja kollha ma tgħaddix sakemm kollha tkun imwettqa." Imma Hu qal li l-liġi tgħaddi, tiġi fit-tmiem meta din kienet imwettqa!
3. Il-kelma "iseħħ" (jitwettaq) li hija wżata f'Mattew 5:18 hija wżata wkoll f'dawn il-versi: Innota: "iseħħ" l-aħħar kelma f'vers 18 hija identika għal "iseħħu" f'Mattew 24:34; Luqa 21:32 – "*Ngħidilkom is-sewwa: Dan in-nisel ma jgħaddix, sakemm dawn il-ħwejjeġ ikunu mwettqa.*"

Għal darb'oħra naraw kemm wieħed għandu jkun attent u jagħti widen għat-twissijiet li nsibu fil-Bibbja Mqaddsa dwar l-għalliema foloz:

> "*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għadkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1).

# IL-LIĠI TAS-SIBT (SABBATH) KIENET MIJA FIL-MIJA ĊERIMONJALI U MHUX MORALI
## (Parti 9)

Is-Sabbatarjani jgħallmu b'mod falz lis-Sibt (Sabbath) kienet liġi morali u mhux liġi ċerimonjali.

Huma jgħidu, "Il-jiem Lhud speċjali l-oħra kollha, staġuni u festi ta' kull sena huma ċerimonjali, imma mhux is-Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa." Madankollu, liż-żomm is-Sibt (Sabbath) huwa b'definizzjoni liġi ċerimonjali. Huma biss dawk li jżommu s-Sibt li huma daqshekk għomja milli jarawh dan!

**I. Is-Sibt (Sabbath) mhuwiex liġi morali għaliex:**

1. Is-Sibt (Sabbath) mhuwiex liġi morali għaliex il-qassisin kienu mħollija biex jipprofanawh: Mattew 12:5; Numri 28:9-10; Ġożwè 6:15; 1 Slaten 20:29; Ġwanni 5:10.
2. Is-Sibt (Sabbath) mhwiex liġi morali għaliex Ġesù kiser is-Sibt (Sabbath) mingħajr dnub fi Ġwanni 5:18.
3. Is-Sibt (Sabbath) mhuwiex liġi morali għaliex Alla qatt ma ntenzjona għall-umanità kollha biex iżommuh: Alla QATT ma akkuża lill-Ġentili li kisruh, wisq inqas li jżommuh. Il-Lhud biss kienu mistennija li jżommuh. Interessanti li Alla jakkuża lill-Ġentili ħafna drabi bħala li jiksru d-disa' kmandamenti morali kollha fuq it-tabelli tal-ġebel, imma QATT lanqas DARBA WAĦDA BISS ma jgħid dwar li kisru s-Sibt (is-Sabbath)!
4. Jekk is-Sibt (Sabbath) huwa morali, mela għal-fejn Alla jgħid li dawn kienu saru tgħabija Għalih u xaba' minnhom li jżommuhom? Alla qatt ma qal li Hu għeja minnhom MA jisirqux jew MA jikkommettux adulterju. Imma Alla qal li Hu ma kienx jiflaħ jissapporti aktar iż-żamma tagħhom tas-Sibt (is-Sabbath): Isaija 1:13-14,

   "*La ġġibux iżjed offerti għalxejn; l-inċens tagħhom nistkerrhu, il-qamar ġdid, u s-Sibt (Sabbath), u li ssejħu l-laqgħat: jien ma niflaħx għall-ħażen magħqud mal-laqgħat solenni. L-ewwel tax-xhur tagħkom, u l-festi mwaqqtin tagħkom, ruħi tobgħodhom: dawn saru tagħbija għalija; għajjejt nerfagħhom.*"
5. Ħaġa bħal din qatt ma ntqalet dwar xi liġi morali jew xi kmand morali xi mkien fil-Bibbja! Aħseb ftit dwar dan!

Ħalli s-Sabbatarjani kollha jifhmu din il-ftit loġika irrifjutabbli:

- Alla QATT ma jgħejja dwar lin-nies iżommu liġijiet morali.
- Alla GĦEJA dwar in-nies iżommu r-raba' kmandament (il-liġi tas-Sibt).
- Għalhekk is-Sibt (Sabbath) MHUWIEX liġi morali!

**II. Is-Sabbatarjani jargumentaw b'mod falz li l-liġi tas-Sibt (Sabbath) hi liġi morali sempliċiment għaliex tinsab fl-għaxar kmandamenti.**

1. X'jipprova l-argument: "għaliex din tinsab fl-għaxar kmandamenti"? XEJN! Il-liġi tas-Sibt (Sabbath) mhix "morali" sewwasew għaliex dan kien innumerat mad-disa' kmandamenti l-oħra. Huma qegħdin jassumu l-punt li għandu jkun ippruvat u dan huwa raġunar ċirkulari!

2. Kull wieħed, barra minn xi ħadd ingannat minn profeta falz (Ellen G. White), jista' jifhem u jara ċar li l-liġi tas-sibt (Sabbath) hija liġi ċerimonjali.
3. Liġijiet "morali u pożittivi" kif is-Sabbatarjani jiddefinixxu "liġi" spiss huma marbuta flimkien: Levitku 19:4-5; Eżekjel 18:6; Atti 15: 29.

**III. Argument ieħor falz tal-Avventisti huwa li l-liġi tas-Sibt (Sabbath) hija morali GĦALIEX li tisksirha kien ikkastigat bil-mewt: Eżodu 31:15; 35:2. Iżda l-verità hija li l-liġijiet li ġejjin kollha mhux morali jew liġijiet ċerimonjali kienu kkastigati bil-mewt:**

1. L-ewwel imwieled tal-fagħrun maqtul talli ma ħalliex lil Iżrael jitlaq.
2. Talli missew l-Arka: 2 Samwel 6:7
3. Ulied Arun, (Nadab u Abihu) qassisin kienu maqtula talli kisru liġi ċerimonjali meta offrew inċens lil Alla: Levitku 10:1-5
4. Dawk li jeħbru u li jsejħu l-ispirti: Levitku 20:27
5. Talli missew il-muntanja Ħoreb: Eżodu 19:12-13
6. Dħul mhux awtorizzat fil-post il-qaddis tat-tabernaklu: Levitku 16:2
7. Talli ħarsu fl-Arka tal-Mulej: 1 Samwel 6:19
8. Talli ma obdewx kmandi ċerimonjali ta' xi Qassis: Dewteronomju 17:12-13
9. Tinqata' = penalità tal-mewt: Eżodu 31:14,

   "*kull min jiksru żgur jieħu l-mewt: għax kull min fih jagħmel xi xogħol, dik il-persuna tinqata' minn qalb il-poplu tagħha.*"

Qiegħed tara kemm huwa argument falz tas-Sabbatarjani li jgħidu li l-liġi tas-Sibt (Sabbath) hija morali GĦALIEX li tiksirha kien ikkastigat *bil-mewt*! Il-liġi ċerimonjali wkoll kull min jiksirha kien ikkastigat bil-mewt!

**VI. Is-Sabbatarjani huma mgħallma b'mod falz il-li s-Sibt (Sabbath) huwa liġi morali għaliex imkellem minn Alla verbalment u personalment. Madankollu, Alla verbalment u personalment lissen ħafna "liġijiet ċerimonjali":**

1. Alla verbalment u personalment lissen ħafna liġijiet ta' sagrifiċċji u offerti tal-artal f'eżattament fl-istess ħin li Hu ta l-għaxar kmandamenti: Eżodu 20:21-26.
2. Is-Sabbatarjani jgħidu li "l-aqwa" liġi morali, li tħobb lil Alla u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek, ma kinetx imlissna verbalment u personalment minn Alla (Mattew 22:36-40). Dan waħdu huwa prova li l-argument "verbali/ personali huwa invalidu!
3. Alla verbalment u personalment kellem lil ħafna minn Adam sa Mosè dwar offerti tal-ħruq: L-offerti ta' Kajjin u Abel.
4. Alla verbalment u personalment qal il-wegħda tal-art: Ġenesi 17: 8.
5. Alla verbalment u personalment qal il-liġi taċ-ċirkonċiżjoni: Ġenesi 17:10.
6. Alla verbalment u personalment lissen dawn kollha: Ġob 38:1; 42:7; 1 Slaten 19:9, 12; 1 Samwel 23:12; 30:8, 10; Eżodu 33:11; Numri 12:8; Dewteronomju 5:3.

7. Il-Bibbja mkien ma tgħallem li ħwejjeġ li huma mlissna verbalment, personalment jew miktuba minn Alla huma eterni!

Għal darb'oħra l-Kelma ta' Alla nfisha turi kemm hu tagħlim żbaljat u falz it-tagħlim tas-Sabbatarjani!

**V. Is-Sibt (Sabbath) huwa morali u sagru b'mod inerenti fih innifsu**

1. Barra milli jgħidu dan, xi prova joffru s-Sabbatarjani??? Xejn! Imma aħna nistgħu nippruvaw mod ieħor!
2. Is-seba' jum (Sabbath) kien imqaddes mhux għaliex dan kien morali fih innifsu, imma għaliex Alla strieħ f'dak il-jum! Is-seba' jum ma kienx is-Sabbath għaliex dan kien is-seba' jum, imma għaliex Alla ddikjarah li jkun hekk u GĦAMLU mqaddes fuq is-sitt ijiem l-oħra tal-ġimgħa wara li Hu strieħ fih!
3. Il-jum fih innifsu ma għamlux imqaddes, li strieħ fih ma għamlux imqaddes, imma li Alla bierku u qaddsu għamlu hekk. Għalhekk il-qdusija tiegħu ma ġietx minn-natura tiegħu stess imma minn att ta' Alla f'li bierku u qaddsu.
4. F'dan ir-rigward, is-seba' jum mhux aktar "qaddis" fih innifsu minn jiem oħra speċjali tal-Lhud li Alla bierek u warrab fil-liġi ta' Mosè.

Għalhekk il-Kelma ta' Alla twissina:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu….Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta' qamar ġdid, u fuq sibtijiet*" (Kolossin 2:8, 16).

# L-GĦAXAR KMANDAMENTI KIENU MNEĦĦIJA (Parti 10)

Sewwasew billi l-għaxar kmandamenti kienu mneħħija, aħna xorta ma nistgħux noqtlu, eċċ! Is-Sabbatarjani attwalment jemmnu li jekk l-għaxar kmandamenti kienu mneħħija, aħna nistgħu noqtlu, nisirqu u nikkommettu adulterju!

Dan hu argument favorit tal-Avventisti u wieħed mill-aktar li jqarrqu tagħhom! Hu assolutament falz. Huma jagħtu l-impressjoni li jekk aħna ma nisimgħux għal dak li jgħid Mosè, ma hemm ħadd li aħna nistgħu nisimgħu għall-gwida fil-ħajja! Aħna nisimgħu minn Ġesù!

**L-argument attwali Avventist ikkowtat:**

> "Darb'oħra li predikatur jgħidlek li l-liġi ġiet imneħħija, sempliċiment mur fil-knisja tiegħu u ikser it-tmien kmandament u israq l-offerta tiegħu u inti ssib malajr ħafna li l-liġi spiċċat." (Sevent-day Adventist Pastor in a public revelation seminar).

**L-Argument tal-Avventisti Rrifjutat:**

1. Meta l-Avventisti jsiru jafu li l-Bibbja tgħallem li l-għaxar kmandamenti huma mneħħija llum, l-aktar mistoqsija komuni tagħhom hija: "Jekk l-Għaxar Kmandamenti huma mneħħija, aħna nistgħu nisirqu u nikkom-mettu l-adulterju." Din l-istqarrija hija maħsuba b'mod fqir ħafna u hija bħallikieku tissuġġerixxi li meta ċittadin Malti jivvjaġġa lejn il-Kanada dan huwa mħolli biex joqtol għaliex il-liġi ta' Malta m'għandiex setgħa fil-Kanada. Ovvjament il-Kanada għandha l-istess liġi kontra l-qtil! L-istess ħaġa, meta l-Patt il-Ġdid (Liġi ta' Kristu) ħa post il-Patt il-Qadim (Liġi ta' Mosè: l-għaxar kmanda-menti) it-tnejn kien fihom ħafna mill-istess liġijiet morali. Għalhekk sempli-ċiment għaliex l-għaxar kmandamenti kienu mneħħija, il-liġi l-ġdida ta' Kristu tinsab fis-setgħa li tipprojbixxi disa' mill-għaxar kmandamenti. Kienet il-liġi tas-Sibt (Sabbath) biss li ma kinetx miġjuba 'l quddiem fil-patt il-ġdid, fejn kienet imneħħija għal dejjem (Kolossin 2:14-16). Ir-raġuni ċara kienet, għaliex l-iskop tagħha kien twettaq u dik kienet mogħtija biss lil Iżrael. (Eżodu 20:2-8; 31:12-17 Dewteronomju 5:15; Neħemija 9:13-14; Numri 15: 32-36; Lhud 10:9-10.) L-istqarrija tas-Sabbatarjani li jekk l-għaxar kmanda-menti huma mneħħija, dak ifisser li ma hemm xejn li jżommna milli nisirqu, noqtlu, u nikkommettu adulterju hija redikola kif it-tabella ta' taħt turi:

| Eżempju | Liġi mneħħija | Liġi preżenti |
|---|---|---|
| Malta | Kostituzzjoni taħt l-Ingliżi | Kostituzzjoni Maltija |

**<u>Ġwanni 12:48</u>** – "*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu: il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum.*"

| BIBBJA: | Liġi Ta' Mosè/10 kmandamenti | Liġi Ta' Kristu/ |
|---|---|---|
| Ġwanni 12:48 | Minn Sinaj sas-Salib | Patt il-Ġdid |
| | | Mis-salib sat-Tieni Miġja |

Mela sempliċiment għaliex liġi hija mneħħija u mħassra ma jfissirx li aħna ninsabu mingħajr ebda liġi! Hekk ukoll il-kodiċi morali kollha tal-Għaxar

Kmandamenti u l-bqija tal-liġi ta' Alla fil-Patt il-Qadim hija miġjuba u ordnata mill-ġdid taħt il-liġi tal-Patt il-Ġdid. Ibbażat fuq Ġwanni 12:48, meta Kristjan jieqaf quddiem Alla fil-ġudizzju dwar serq, Ġesù jirreferi għal Efesin 4:28, mhux għal Għaxar Kmandamenti!

2. Mosè kkmanda xi ħaġa li ebda Sabbatarjan ma jobdi: Atti 3:22-24,

   "*Għax Mosè tassew qal lill-missirijiet: Il-Mulej Alla tagħkom iqajmil-kom profeta minn ħutkom, bħali; isimgħuh f'kulma jgħidilkom.*"

   Is-Sabbatarjani ma jagħtux widen għal Ġesù f'KOLLOX! Imma parti jisimgħu għal Mosè via l-għaxar kmandamenti u parti għal Ġesù.

3. Mill-għaxar kmandamenti, disa' kienu miġjuba 'l quddiem fil-Patt il-Ġdid, imma l-liġi tas-Sibt (Sabbath) kienet imneħħija għalkollox. Aħna nistgħu nsibu passaġġ tat-Testament il-Ġdid għal disa' mill-għaxar kmandamenti. Imma mhux biss il-li-ġi tas-Sibt (Sabbath) mhix ikkowtata fit-Testment il-Ġdid, imma jintqal b'mod l-aktar ċar li hija mneħħija għalkollox!

4. Jekk wieħed ma jkunx lest li jwarrab it-tagħlim tal-bnedmin u jħaddan biss it-tagħlim ta' Alla, dan ma jistax jara l-verità. Jeħtieġ li nieħdu l-eżempju tal-appostli (Atti 4:19; 5:29).

**Il-Patt il-Qadim**
**L-Għaxar Kmandamenti: Eżodu 20:1-17**
(Imneħħija, Imsammrin mas-Salib, Imħassra)

1. Ma jkollox allat oħra għajri.
2. La tagħmel ebda xbieha minquxa għalik.
3. La ssemix isem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal.
4. Sitt ijiem taħdem, imma s-seba' jum hu s-Sibt (Sabbath).
5. Weġġah lil missierek u lil ommok.
6. La toqtolx.
7. La tikkommettix adulterju.
8. La tisraqx.
9. La tgħidx xhieda giddieba.
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.

**Il-Patt il-Ġdid**
**Il-Liġi ta' Kristu**

(Issiġillata bid-demm ta' Kristu: Lhud 9:15-17)

1. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid f'Atti 14:15
2. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid fl'1 Tessalonikin 1:9
3. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid f'Efesin 4:29

4. Għadu msammar mas-salib, qatt ma kien miġjub ’il quddiem: Kolossin 2:14-17. Ebda kmand biex inżommu s-Sibt (Sabbath) fit-Testment il-Ġdid kollu!
5. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid f’Efesin 6:1-2
6. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid fl-12 Ġwanni 3:15
7. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid f’Lhud 13:4
8. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid f’Efesin 4:28
9. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid f’Kolossin 3:9
10. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid f’Efesin 5:5

Qiegħed tara meta int tħalli l-Kelma ta’ Alla tinterpretalek hi dwar l-għaxar kmandamenti. Disa’ minnhom kienu miġjuba ’l quddiem fit-Testment il-Ġdid. Imma wieħed minnhom, ir-raba’ kmandament, dak tas-Sibt jew Sabbath, imkien ma jidher fit-Testment il-Ġdid. Jissemma iva, imma mhux bħala liġi għalina llum!

Għalhekk il-Kelma ta’ Alla twissina fuq li twissina:

> “*Qisu li ħadd ma jassarkom b’filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta’ Kristu ….Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta’ qamar ġdid, u fuq sibtijiet*” (Kolossin 2:8, 16).

# IL-LIĠI TAS-SIBT (SABBATH) MA KINETX SPEĊJALI FUQ IL-LIĠIJIET L-OĦRA!

**(Parti 11)**

**Il-"profeta" tal-Avventisti tas-Seba' Jum Ellen G. White attwalment għallmet li s-Sibt (Sabbath) hu l-aktar importanti mill-għaxar kmandamenti fuq l-oħrajn kollha!**

Dan hu eżempju ta' kemm dottrina falza tagħti twelid għal xi ideat ħorox!

Li ġej huwa wieħed mill-argumenti oriġinali wżat mill-profetessa tal-Avventisti Ellen G. White! Hija b'mod falz għallmet li s-Sibt (Sabbath) huwa l-liġi speċjali ta' Alla fuq il-liġijiet kollha:

1. "Jiena rajt it-twavel tal-ġebel li fuqhom kienu miktuba l-Għaxar Kmandamenti. Jiena kont mistagħġba hekk kif rajt ir-raba' kmandament sewwasew fin-nofs tal-għaxar preċetti b'raġġiera ratba mdawwra miegħu. Qal l-anġlu, 'Huwa l-uniku wieħed mill-għaxra li jiddefinixxi lil Alla l-ħaj li ħalaq is-sema u l-art u l-ħwejjeġ kollha li jinsabu fihom.'" (Life Sketches of Ellen G. White, Paġni 95-96, Official Adventist publication).
2. "Ġesù fetaħhom, u jiena rajt l-Għaxar Kmandamenti miktuba fuqhom b'suba' Alla. Fuq tavla waħda kien hemm erbgħa u fuq l-oħra sitta. L-erbgħa fuq l-ewwel tavla kienu jiddu aktar mis-sitta l-oħra. Imma r-raba', il-kmandament tas-Sibt (Sabbath), idda fuqhom kollha; għax is-Sibt (Sabbath) kien meħud għalih biex ikun miżmum f'unur tal-isem qaddis ta' Alla. Is-Sibt (Sabbath) imqaddes deher glorjuż u raġġiera ta' glorja kienet madwaru. Jiena rajt li l-kmandament tas-Sibt (Sabbath) ma kienx imsammar mas-salib." (Early Writings of Ellen G. White, p. 33, Official Adventist publication).

**Prova li l-liġi tas-Sibt (Sabbath) ma kinetx speċjali fuq il-liġijiet l-oħra kollha:**

**I. Jemmnu tassew is-Sabbatarjani li Alla sejjer jagħmel xi liġi nkluż il-liġi ċerimonjali tas-Sibt (Sabbath) 'il fuq u aktar importanti minn sewwasew l-ewwel kmandament li "ma jkollokx allat oħra għajri"?**

1. Jaħsbu tassew l-Avventisti li Alla sejjer jagħmel ir-raba' kmandament JIDDI aktar mill-ewwel kmandament li ma jkollox allat oħra ħlief JAHWEH???
2. Ġesù identifika żewġ kmandamenti bħala l-AQWA u s-Sibt (Sabbath) mhuwiex wieħed minnhom! Ġesù qal li l-għaxar kmandamenti ma fihomx iż-żewġ kmandamenti l-kbar morali f'Mattew 22:36-40. Ħu ħażin wisq għas-Sabbatarjani: Dan kien ikun post kbir għal Ġesù biex jikkwota l-liġi tas-Sibt (Sabbath) jew għallinqas wieħed mill-għaxar kmandamenti!

   "*Mgħallem, liema hu l-akbar kmandament fil-liġi? Qallu Ġesù: Ħobb lil-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'dehnek kollu. Dan hu l-ewwel u l-akbar kmandament. It-tieni hu bħalu: Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek. F'dawn iż-żewġ kmandamenti qiegħda l-liġi u l-profeti.*" (Mattew 22:36-40).

   Skond il-profetessa Ellen G. White, Ġesù kien żbaljat għalkollox hawn għaliex l-akbar kmandament, skond hi, huwa dak tas-Sibt (Sabbath)!!!
3. Ġesù għallem li s-Sibt (Sabbath) kellu jkun miksur, jekk dan kien jiġi f'konflitt ma' liġi għola ta' Alla bħall-kumpassjoni umana!

4. Avventisti jeħtieġu li jħarsu mill-qrib lejn x'qal Pawlu dwar dawk li jżommu s-Sibt (Sabbath), Galatin 4:10, 11,
"*Intom tħarsu **JIEM**, u xhur, u staġuni, u snin. Nibża' minħabba fikom, li tħabatt fostkom għalxejn.*"
5. Suġġeriment bħal dan huwa dagħwa ta' qerq!!! Aħseb ftit dwar dan!
6. Ftakar li Ellen White kienet plaġjarista (tisraq l-ideat ta' ħaddieħor) li kienet ippruvata li saħan-sitra tikkopja dak li hija kienet tistqarr li kienu viżjonijiet minn kotba fil-librerija pubblika!
7. Ellen G. White kienet profetessa falza: Kolossin 2:18,
"*Tħallu 'l ħadd min jisirqilkom ħlaskom…billi jimla rasu (rasha) bi ħwejjeġ (viżjonijiet) li hu (hi) ra, minfuh mill-frugħa ta' moħħu (moħħha) tal-ġisem.*"

**II. Il-jum tas-Sibt (Sabbath) mhuwiex elevat bl-ebda mod fuq jiem imqaddsa oħra fit-Testment il-Qadim:**

Ħares bil-għaqal lejn il-lingwa li tideskrivi l-jiem imqaddsa hawn taħt. Dawn huma kollha mfissra l-istess "qaddisa jew għolja." Aħna ma nistgħux naraw fejn is-Sibt (Sabbath) huwa elevat fuq jiem ta' festi ċerimonjali oħra. TISTA' INT???

1. **Levitku 23:1-7** – "*Jaħweh reġa' kellem lil Mosè, qallu: 'Kellem lil ulied Iżrael, għidilhom, Il-festi appuntati ta' Jaħweh li intom għandkom tniedu bħala laqgħat imqaddsa, dawn huma l-festi tiegħi*"
2. SIBT (SABBATH) TA' KULL ĠIMGĦA: Levitku 23:1-7 – "*Għal sitt ijiem tagħmel ix-xogħol; iżda fis-seba' jum hemm Sibt (Sabbath) ta' mistrieħ komplut, festa qaddisa. Int m'għandek tagħmel ebda xogħol; huwa Sibt (Sabbath) għall-Mulej kull fejn tkunu tgħammru.*"
3. L-GĦID: Levitku 23:1-7 – "*Dawn huma ż-żminijiet appuntati tal-Mulej, laqgħat imqaddsa li int għandek tħabbar fiż-żminijiet appuntati għalihom. Fl-ewwel xahar, fl-erbatax il-jum tax-xahar, waqt l-għabex tal-għaxija, hu l-Għid tal-Mulej.*"
4. FESTA TAL-ĦOBŻ AŻŻMU: Levitku 23:1-7 – "*Imbagħad fil-ħmistax il-jum tal-istess xahar hemm il-Festa tal-Ħobż Ażżmu għall-Mulej; għal sebat ijiem int għandek tiekol ħobż bla ħmira. Fl-ewwel jum ikollkom laqgħa mqaddsa; l-ebda xogħol tal-ħaddiema ma tagħmlu. Imma toffru offerta magħmula bin-nar lill-Mulej għal sebat ijiem: fis-seba' jum ikollkom laqgħa mqaddsa: l-ebda xogħol tal-ħaddiema ma tagħmlu.*"

Mela, għal darb'oħra, erġa' ħares bil-għaqal lejn il-lingwa li tiddeskrivi l-jiem imqaddsa fil-versi li għadna kif qrajna, jiġifieri, Levitku 23:1-7. Il-jiem imsemmija huma *kollha mfissra l-istess* "qaddisa jew għolja." Aħna ma nistgħux naraw fejn is-Sibt (Sabbath) huwa elevat fuq jiem ta' festi ċerimonjali oħra, TISTA' INT tarah dan? Jekk aħna għandna nħarsu s-Sibt (Sabbath) illum, allura aħna għandna nħarsu wkoll "l-għid," għandna nħarsu wkoll "il-festa ta' ħobż ażżmu," eċċ.

Mhux ta' xejn il-Kelma ta' Alla twissina dwar li: "*Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq **festi** u jiem ta' qamar ġdid, u fuq **sibtijiet***" (Kolossin 2:8, 16; enfasi tiegħi).

## IS-SIBT (SABBATH) JEW L-EWWEL JUM (IL-ĦADD)?
### (Parti 12)

**F'liema jum taw qima l-Kristjani tal-bidu? L-ewwel jum (il-Ħadd) HUWA JUM IL-MULEJ!**

**Reġistrar Storiku!**

1. Kristjani dejjem aduraw fl-ewwel jum (il-Ħadd)
2. Huma jgħidu li l-Kristjani waqfu milli jżommu s-Sibt (Sabbath) biex iqimu fil-Ħadd beda ma' l-appostli. Ħadd minnhom ma żamm is-Sibt (Sabbath) tas-seba' jum. L-unika wieħed li jsemmi ż-żamma tas-Sibt (Sabbath) kien Eusebius fis-sena 300 W.K. minn setta magħrufa bħala l-Eboniti, li Eusebius jgħid ukoll li taw qima fl-ewwel jum. (Eboniti kienu sistema ta' qima reliġjuża Lhudija li sfurzaw iċ-ċirkonċiżjoni, irriġettaw it-tagħlim tal-appostlu Pawlu, ċaħdu t-twelid verġni ta' Ġesù u d-divinità Tiegħu.
3. Huma ħadu sehem fl-Ikla tal-Mulej kull l-ewwel jum tal-ġimgħa.
4. Huma sejħu l-ewwel jum (il-Ħadd) jum il-Mulej.
5. Huma sejħu l-jum li fih Ġesù qam mill-mewt, Jum il-Mulej.
6. Huma qalu li r-raġuni li huma kienu jqimu fl-ewwel jum, kienet għaliex kienet tifkira ta' kull ġimgħa tal-jum li Ġesù qam mill-imwiet!
7. Huma jgħidu bl-aktar mod ċar li ħadd qabel Mosè (Adam, Noè, Abraham, eċċ.) qatt ma żamm is-Sibt (Sabbath) għaliex kien Mosè li l-ewwel ta l-liġi tas-Sibt (Sabbath) u l-għaxar kmandamenti lill-bniedem!
8. Augustine attwallment qal li l-Kristjani huma marbuta biex iżommu disà mill-għaxar kmandamenti [għaliex it-Testment il-Ġdid jirrepetihom u jintroduċihom mill-ġdid f'forma differenti] imma huma ħielsa biex jiksru s-Sibt (Sabbath).
9. Il-Kristjani tal-bidu qatt ma kkunsidraw il-Ħadd li jkun jum ta' mistrieħ jew is-Sabbath. Int għandek tosserva li l-ewwel ma ssemma li l-Ħadd hu jum ta' mistrieħ kien fis-sena 220 W.K. minn Origen. Dan huwa l-bidu tad-dottrina falza kurrenti li l-Ħadd huwa s-Sabbath Kristjan, kif inhu mgħallem minn ħafna knejjes illum.
10. Waqt lis-Sabbtarjani jikkwotaw awturi tas-seklu għoxrin li jippruvaw jaqtgħu x'ġara 1900 sena qabel, aħna nikkwotaw Kristjani li l-kitba tagħhom hija aktar antika sa l-ewwel seklu u tkellmu dwar dak li huma *raw*!

Ir-reġistrar tal-istorja, mill-Qawmien ta' Kristu, il-Kristjani dejjem aduraw fl-ewwel jum tal-ġimgħa (il-Ħadd) u qatt fis-Sabbath (is-seba' jum). Il-Ħadd mhuwiex Sabbath Kristjan jew jum ta' mistrieħ, jew jum imqaddes li għandu jinżamm. Il-Ħadd huwa l-jum li Alla jeħtieġ li fih il-Kristjani kollha jinġabru flimkien biex iqimu u jieklu l-Ikla tal-Mulej (jaqsmu l-ħobż) bħala tifkira ta' dak lil-Mulej għamel għalina. Luqa jgħidilna,

> "*U fl-ewwel jum tal-ġimgħa, x'ħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq il-għada; u kompla d-diskors tiegħu sa nofs il-lejl*" (Atti 20:7).

Il-Kristjani ma jżommux il-liġi tal-għaxar kmandamenti ta' Mosè. Dan mhuwiex li tgħid li l-Kristjani għandhom jisirqu, joqtlu, u jikkommettu adulterju, sempliċiment għaliex l-għaxar kmandamenti kienu ġew imħassra. Le! Il-Kristjani huma taħt liġi ġdida, Liġi aħjar, il-liġi ta' Kristu, (Galatin 6:2) patt aħjar (Lhud 8:6-7).

Il-liġi tal-għaxar kmandamenti, inkluż il-ħtieġa li żżomm il-jum tas-Sibt (Sabbath) kienu mneħħija għalkollox fis-salib flimkien mal-kumplament kollu tal-liġi ta' Mosè. Alla ta patt fil-Muntanja Sinaj permezz ta' Mosè lil-Lhud. Dan hu msejjaħ l-ewwel/patt/testment qadim. L-għaxar kmandamenti huma l-ewwel rappreżentazzjoni viżibbli fost kollox ta' dan l-ewwel/patt/ testment qadim li kienet mibdula minn patt ġdid, imsejjaħ fost ħwejjeġ oħra, "il-liġi ta' Kristu." Mija fil-mija tal-patt il-qadim kien imneħħi għalkollox. Ħadd, l-anqas wieħed qabel Mosè (Abraham jew Adam) qatt ma kienu semgħu dwar il-liġi tas-Sibt (Sabbath) wisq inqas żammewha. Sewwasew l-ewwel darba li xi ħadd kien ikkmandat biex iżomm is-Sibt (Sabbath) kien f'Eżodu 16. Il-kelma "Sabbath" l-anqas saħanistra ma tinstab fil-ktieb ta' Ġenesi. Ġenesi 2:2-3 kien miktub minn Mosè biex jgħid lil-Lhud fil-Muntanja Sinaj it-tifsira wara GĦALIEX huma kellhom iżommu s-Sibt (Sabbath), u MHUX META s-Sibt (Sabbath) kien imwaqqaf.

L-ewwel reġistrar storiku ta' żamma metodoloġika tas-Sibt (Sabbath) minn Kristjani li kienu waqqfu milli jaduraw fl-ewwel jum tal-ġimgħa kienu żewġ mexxejja Anabattisti, Andreas Fisher u Osald Glait, li saru l-pijuniera u l-promoturi tas-Sabbth fl-1527 W.K. It-tnejn kienu qabel qassisin li ssagrifikaw is-saċerdozju biex isiru l-ewwel Luterani, u mbagħad Anabattisti. Glair u Fischer, li kienu mgħallma d-dottrina falza tal-Knisja Kattolika u dik Luterana, li l-Ħadd huwa s-Sabbath, kienu mistgħaġba li jaqraw fil-Bibbja li s-Sibt (Sabbath) kien tabilħaqq is-seba' jum! Meta huma bdew biex jgħallmu dan, it-teologi kienu mibgħutin biex jipperswaduhom ħalli jabbandunaw dak li huma sejħulu "s-Sabbath Lhudi." It-tnejn li huma sofrew metwa ta' martirju, il-biċċa l-kbira minħabba l-veduti Sabbatarjani tagħhom. Is-Sabbatarjani għandhom dejn ta' gratitudni lejn dawn il-pijunieri tas-Sabbath lix-xogħol tagħhom aktar wara influwenza l-oriġini tas-Seventh-day Baptist Church. Ta' wara, (Joseph Bates) kien strumentali f'li jgħin l-Avventisti tal-bidu u Kristjani oħra f'li jżommu s-Sabbath. Storikament, kien fl-1844 li l-ewwel Seventh-day Adventist (magħrufa f'dak il-waqt bħala Millerites) bdew iżommu s-Sibt (Sabbath), introdott lilhom minn Sevent-day Baptist li kien jismu Joseph Bates, li kkonvinċa lill-ministru Metodist tagħhom li l-Bibbja tgħallimna biex inżommu s-Sibt (Sabbath). Imma l-Avventisti tas-Seba' Jum huma konvinti li Alla għażel lil Ellen White u l-moviment modern ta' l-Avventisti tas-Seba' Jum bħala l-inkarigu li permezz tiegħu tkun irrivelata u kkonfermata din "il-verità" permezz ta' ispirazzjoni u rivelazzjoni diretti. Għalkemm l-Avventisti jemmnu li fdal żgħir mhux magħruf dejjem kien żamm il-jum tas-Sibt (Sabbath), (bħall-predikatur tas-Seventh-day imsemmi fuq) kien biss fis-seklu dsatax li Alla, permezz tal-knisja tal-Avventisti tas-Seba' Jum, irrestawra mod bla qies, b'rivelazzjoni diretta, il-verità li l-jum li fih il-Kristjani għandhom jagħtu qima kien is-Sibt. Imma aħna għandna nfittxu fil-Kelma ta' Alla u mhux fil-profeti foloz moderni biex naraw tassew liema huwa l-jum li fih aħna bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid għandna nagħtu qima lil Alla! Hekk għandna nagħmlu aħna bħal dawn:

> "*Dawn kienu aktar ġenerużi minn dawk ta' Tessalonika, billi laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u fittxu kuljum fl-iskrittura, jekk dawk il-ħwejjeġ kinux hekk*" (Atti 17:11).

# L-GĦAXAR KMANDAMENTI HUMA L-PATT IL-QADIM LI KIEN IMĦASSAR FIS-SALIB
## (Parti 13)

L-għaxar kmandamenti huma l-patt il-qadim li kien imħassar fis-salib.

**Il-loġika hija rrifjutabbli:**

1. L-Għaxar Kmandamenti huma l-Patt il-Qadim: Eżodu 34:27-28
2. Il-Patt il-Qadim kien imneħħi: Lhud 8:13
3. L-Għaxar Kmandamenti huma Għalhekk imne-ħħija għalkollox!

**Argument Falz Attwali tas-Sabbatarjani:** "L-Ewwel Patt li kien imneħħi għalkollox f'Lhud 8:13 ma kienx l-għaxar kmandamenti. L-għaxar kmandamenti u l-Patt il-Qadim huma żewġ ħwejjeġ differenti.

**Tweġiba:**

**I. L-għaxar kmandamenti kienu l-ewwel/patt qadim! Dan hu tant ċar li kulma aħna neħtieġu li nagħmlu hu li nikkwotaw il-Bibbja mingħajr kummenti:**

1. It-twavel huma parti mill-ewwel patt imneħħi għalkollox: **Lhud 8:13** – "*Meta qal: Rabta ġdida, qaddem l-ewwel waħda. Issa dak li jitħassar u jixjieħ wasal biex igħib…Issa wkoll l-ewwel rabta kellha…R-REGOLAMENTI TAR-RABTA.*" (**Lhud 9:1-4**)
2. Fit-2 **Korintin 3:2-11**, il-Patt l-Antik li kien imneħħi għalkollox kien l-għaxar kmandamenti!
3. **Eżodu 34:27-28** – "*U l-Mulej qal lil Mosè: Ikteb dawn il-kelmiet: għax fuq dawn il-kelmiet, jien għamilt għaqda miegħek u ma' Iżrael. U Mosè dam hemm mal-Mulej erbgħin jum u erbgħin lejl; u ma kielx ħobż, lanqas xorob ilma. U kiteb fuq it-twavel il-kliem tal-għaqda, il-għaxar kelmiet (kmandamenti).*"
4. **Dewteronomju 4:13** – "*U ħabbrilkom il-għaqda tiegħu, li ikkmandakom biex tagħmlu; l-għaxar kelmiet (kmandamenti) li kiteb fuq żewġ twavel tal-ħaġar.*"
5. **Dewteronomju 9:9** – "*Meta tlajt fuq il-muntanja, biex nieħu t-twavel tal-ġebel, it-twavel tal-għaqda li l-Mulej għamel magħkom, jien domt fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl, u la kilt ħobż u lanqas xrobt ilma:*"
6. **Dewteronomju 5:2-3** – "*Il-Mulej Alla tagħna, rabat għaqda magħna f'Ħoreb. Il-Mulej ma rabatx din il-għaqda ma' missirijietna, iżda magħna, li lkoll kemm aħna hawn għadna ħajjin.*"
7. **1 Slaten 8:9, 21** – "*Ma kienx hemm fl-arka ħlief iż-żewġ twavel tal-ġebel li Mosè kien qegħidhom hemm f'Ħoreb, meta l-Mulej irtabat ma' ulied Iżrael huma u ħerġin minn art l-Eġittu….U għamilt hemm post għall-arka, li fiha hemm ir-rabta tal-Mulej, li rabat ma' missirijietna, meta ħariġhom minn art l-Eġittu.*"
8. **2 Kronaki 6:11** – "*U qegħidt fiha l-arka, li fiha r-rabta tal-Mulej, li rabat ma' wlied Iżrael.*"
9. **Lhud 9:1, 4** – "*Tassew mela l-ewwel rabta kellha wkoll … it-twavel tar-rabta.*"

**II. Il-patt jew rabta f'Sinaj jinkludi dawn il-partijiet komponenti. Dawn huma kollha mneħħija għalkollox flimkien! Inkluż it-twavel tal-patt, l-għaxar kmandamenti!**

1. L-Arka tal-patt:

   a. **Dewteronomju 10:8** – "[8]*Dak iż-żmien, Jaħweh fired it-tribù ta' Levi, biex jarfa' l-arka tal-għaqda ta' Jaħweh, u biex jaqdih, u biex ibierek f'ismu, bħalma għamel sa llum.*"

2. Twavel tal-patt:

   a. **Dewteronomju 9:9** – "[9]*Meta tlajt fuq il-muntanja, biex nieħu t-twavel tal-ġebel, it-twavel tal-għaqda li Jaħweh għamel magħkom, jien domt fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl, u la kilt ħobż u lanqas xrobt ilma;*"

3. Kliem tal-patt:

   a. **Dewteronomju 29:1** – "[1]*Dawn huma l-kelmiet tal-għaqda, li Jaħweh ordna lil Mosè biex jagħmel ma' ulied Iżrael fl-art ta' Mowab, barra mill-għaqda li għamel magħhom f'Ħoreb.*"

   b. **2 Kronaki 34:31** – "[31]*U s-sultan waqqaf f'postu, u rabat il-għaqda quddiem Jaħweh, li jimxu wara Jaħweh, u li jħarsu l-kmandamenti tiegħu, u l-istatuti tiegħu, b'qalbu kollha, u b'ruħu kollha, biex iseħħu kliem il-għaqda miktubin f'dan il-ktieb.*"

4. Ktieb tal-patt (għaqda):

   a. **2 Slaten 23:21** – "[21]*Imbagħad is-sultan ordna lill-poplu kollu, billi qalilhom: Agħmlu l-għid lil Jaħweh, Alla tagħkom, bħalma hu miktub f'dan il-ktieb tal-għaqda.*"

5. Demm tal-patt:

   a. **Eżodu 24:8** – "[8]*U Mosè ħa d-demm, u raxxu fuq in-nies, u qal: Araw id-demm tal-għaqda li rabat Jaħweh magħkom fuq dal-kliem kollu.*"

6. Melħ tal-patt:

   a. **Levitku 2:13** – "[13]*U kull offerta tal-qamħ li toffri, tmellaħha bil-melħ; u lanqas tħalli l-melħ* ***tal-għaqda*** *t'Alla tiegħek jonqos mill-offerta tiegħek tal-qamħ; ma' l-offerti kollha tiegħek toffri l-melħ.*"

7. Saħtiet tal-patt:

   a. **Dewteronomju 29:21** – "[21]*U Jaħweh jifirdu minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael biex jiġi fuq l-għali; skond is-saħtiet kollha tal-għaqda li huma miktubin f'dan il-ktieb tal-liġi:*"

8. Rabta tal-patt:

   a. **Eżekjel 20:37** – "[37]*U ngħaddikom minn taħt il-ħatar, u nġibkom fir-rabta tal-għaqda:*"

**III. Il-Patt il-Qadim u l-Ġdid imqabbla**

1. **Qadim – L-Ewwel Patt**

**Lhud 9:1** – "[1]*Tassew **l-ewwel rabta** kellha wkoll il-ħtiġijiet ġusti tas-servizz sagru, u l-post il-qaddis tad-dinja.*"

**Ġdid** – **It-tieni jew Patt Ġdid**

**Lhud 9:15** – "[15]*U għalhekk hu l-medjatur tar-**rabta l-ġdida**, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt l-ewwel rabta, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.*"

2. **Qadim** – **Il-premjijiet tiegħu kienu skond il-ġisem u temporali**

   **Lhud 7:16** – "[16]*Li sar, mhux skond il-liġi ta' kmandamenti tal-ġisem, imma skond is-setgħa ta' ħajja bla tmiem.*"

   **Ġdid** – **Dan jikkonsisti minn "wegħdiet aħjar."**

   **Lhud 8:6** – "[6]*Imma issa qala' ministeru li hu wisq aktar eċċellenti, daqs-kemm ukoll hu l-medjatur ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar.*"

3. **Qadim** – **Dan kellu tama ta' qtugħ ta' qalb u mhix perfetta.**

   **Lhud 7:19** – "[19]*Għax il-liġi m'għamlet xejn perfett, iżda d-dħul ta' tama aħjar għamel: b'din it-tama nersqu lejn Alla.*"

   **Ġdid** – **Dan iġib "tama aħjar."**

   **Lhud 7:19** – "[19]*Għax il-liġi m'għamlet xejn perfett, iżda d-dħul ta' tama aħjar għamel: b'din it-tama nersqu lejn Alla.*"

4. **Qadim** – **Offra ħajja temporali, illimitata.**

   **Lhud 9:8-11** – "[8]*B'dan l-Ispirtu s-Santu kien juri, li t-triq tas-santwarju kienet għadha mhix miftuħa, waqt li l-ewwel tinda kienet għadha wieqfa:* [9]***Din kienet tixbiha għaż-żmien preżenti**; u li fiha kienu jkunu offruti sew għotjiet u kemm sagrifiċċji, li ma kinux jistgħu jagħmlu perfett lil dak li kien jagħti qima, għal dik li hi kuxjenza;* [10]*Billi dawn kellhom x'jaqsmu biss ma' ikel u xorb, u ħafna ħasil, u regolamenti tal-ġisem, imposti fuqhom sa ma jasal żmien it-tibdil.* [11]*Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa gie.*"

   **Ġdid** – **Joffri "ħajja bla tmiem."**

   **Lhud 13:20** – "[20]*Issa Alla tal-paċi, li qajjem minn bejn l-imwiet lill-Mulej tagħna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

5. **Qadim** – **Kien dgħajjef u bla profitt.**

   **Lhud 7:18** – "[18]*Għax tassew il-kmandament ta' qabel jitħassar, minħabba n-nuqqas ta' saħħa u ta' ħtieġa tiegħu.*"

   **Ġdid** – **Hu b'saħħtu, jidħol 'il ġewwa mill-velu.**

   **Lhud 6:19** – "[19]*Tama li għandna bħala ankra tar-ruħ, sew żgura u kemm qawwija, u li tidħol 'il ġewwa mill-velu.*"

6. **Qadim** – **M'għamel xejn perfett.**

**Lhud 7:19** – "[19]*Għax il-liġi m'għamlet xejn perfett, iżda d-dħul ta' tama aħjar għamel: b'din it-tama nersqu lejn Alla.*"

**Ġdid** – Jagħmel il-ħwejjeġ kollha perfetti.

**Lhud 10:14** – "[14]*Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes.*"

7. **Qadim** – **Kien issiġillat bid-demm tal-annimali biss.**

**Lhud 9:18-21** – "[18]*Għalhekk lanqas l-ewwel rabta ma kienet inawgurata mingħajr demm.* [19]*Għax wara li Mosè nieda kull kmandament lill-poplu skond il-liġi, ħa d-demm tal-għoġġiela u tal-bdabad, ma' l-ilma, u suf aħmar skarlat, u żuf, u raxx sew il-ktieb, u kemm il-poplu kollu,* [20]*U qal: Dan hu d-demm tar-rabta li ordna Alla għalikom.* [21]*Barra minn dan raxx bid-demm sew it-tinda, u kemm il-għodod kollha tal-ministeru.*"

**Ġdid** – **Issiġillat bid-demm tal-Iben ta' Alla.**

**Lhud 9:11-15** – "[11]*Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa gie.* [12]*Hu daħal minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhijiex maħduma b'idejn il-bnedmin, jiġifieri mhijiex ħolqien ta' din l-art; hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem.* [13]*Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġiela mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem.* [14]*Kemm aktar id-demm ta' Kristu, li permezz tal-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla għajb lil Alla, inaddaf il-kuxjenza tagħna minn opri mejta, biex taqdu lil Alla l-ħaj?* [15]*U għalhekk hu l-medjatur tar-rabta l-ġdida, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt l-ewwel rabta, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.*"

8. **Qadim** – **Dan ma kienx jista' jneħħi d-dnub.**

**Lhud 10:4** – "[4]*Għax ma jistax ikun lid-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet.*"

**Ġdid** – **Dnubiet mhux imfakkra aktar.**

**Ġeremija 31:31-34** – "[31]*Ara, jiġu l-jiem, jgħid Jaħweh, li jien nagħmel rabta ġdida ma' dar Iżrael, u ma' dar Ġuda:* [32]*Mhux bħar-rabta li għamilt ma' missirijietkhom, meta qbadthom minn idhom biex noħroġhom mill-art tal-Eġittu; għax huma kisru r-rabta tiegħi, għalkemm jkien kont Sidhom, jgħid Jaħweh.* [33]*Iżda din tkun ir-rabta li nagħmel ma' dar Iżrael: Wara dawk il-jiem, jgħid Jaħweh, inqiegħed il-liġi tiegħi ġo fihom, u niktibhom f'qalbhom; u jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.* [34]*U ma jgħallmux aktar wieħed lil għajru, u kull wieħed lil ħuh, billi jgħid: Agħarfu l-Jaħweh: għax huma lkoll jagħrfuni, miż-żgħir sal-kbir fosthom, jgħid Jaħweh: għax jien naħfrilhom il-ħażen tagħhom,* ***u ma niftakarx aktar dnubhom.***"

**Lhud 8:12** – "[12]*Għax inkun ħanin mal-ħażen tagħhom, u dnubiethom ma niftakarx iżjed.*"

9. **Qadim – Ma rrivelax it-triq għall-ħajja ta' dejjem.**

**Lhud 9:8** – "[8]*B'dan l-Ispirtu s-Santu kien juri, li t-triq tas-santwarju kienet għadha mhix miftuħa, waqt li l-ewwel tinda kienet għadha wieqfa:*"

**Ġdid – It-triq għall-ħajja ta' dejjem irrivelata għalkollox.**

**Lhud 9:12** – "[12]*hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem.*"

10. **Qadim – Il-Liġi u s-Saċerdozju tiegħu li jinbidlu.**

**Lhud 7:12** – "[12]*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi.*"

**Ġdid – Liġi u saċerdozju ma jinbidlux.**

**Lhud 7:24** – "[24]*Imma Ġesù billi jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt.*"

11. **Qadim – Il-qassisin u s-sagrifiċċji tiegħu kienu ta' din l-art.**

**Lhud 7:23, 27** – "[23]*U dawk tassew saru qassisin b'għadd kbir, għax ma setgħux jibqgħu minħabba l-mewt:...* [27]*Li m'għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kuljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu. Dan hu għamlu darba għal dejjem, meta offra lilu nnifsu.*"

**Ġdid – Qassis tas-Smewwiet, Sagrifiċċju Divin.**

**Lhud 8:4** – "[4]*Għax kieku kien fuq l-art, ma kien ikun qassis xejn, billi hemm qassisin li joffru għotjiet skond il-liġi.*"

**Lhud 9:24** – "[24]*Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin, li hu biss xbieha tas-santwarju veru, imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla.*"

12. **Qadim – Qassisin appuntati minn liġi mhux perfetta.**

**Lhud 7:28** – "[28]*Għax il-liġi tagħmel qassisin il-kbar, bnedmin li huma dgħajfa; imma l-kelma tal-ħalfa, li ġiet wara l-liġi, tagħmel l-Iben, li hu magħmul perfett għal dejjem.*"

**Ġdid – Qassis appuntat bil-ħalfa ta' Alla.**

**Lhud 7:28** – "[28]*Għax il-liġi tagħmel qassisin il-kbar, bnedmin li huma dgħajfa; imma l-kelma tal-ħalfa, li ġiet wara l-liġi, tagħmel l-Iben, li hu magħmul perfett għal dejjem.*"

13. **Qadim – Il-qassisin il-kbar tiegħu kienu taħt il-mard, dgħajfa.**

**Lhud 7:28** – "[28]*Għax il-liġi tagħmel qassisin il-kbar, bnedmin li huma*

*dgħajfa; imma l-kelma tal-ħalfa, li ġiet wara l-liġi, tagħmel l-Iben, li hu magħmul perfett għal dejjem.*"

<u>Ġdid</u> – **Il-qassis il-Kbir tiegħu jgħix biex jinterċiedi.**

<u>Lhud 7:25</u> – "[25]*Għalhekk ukoll huwa jista' jsalva għal kollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom.*"

14. <u>Qadim</u> – **Kellu tabernaklu tal-art, magħmul mill-bnedmin.**

<u>Lhud 9:11</u> – "[11]*Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa gie. Hu daħal minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhijiex maħduma b'idejn il-bnedmin, jiġifieri mhijiex ħolqien ta' din l-art;*"

<u>Ġdid</u> – **Tabernaklu tas-sema, imwaqqaf mill-Mulej.**

<u>Lhud 8:2</u> – "[2]*Ministru tas-santwarju, u tat-tabernaklu veru, li waqqfu l-Mulej, u mhux il-bniedem.*"

15. <u>Qadim</u> – **Dam biss sama Kristu rriformah (biddlu).**

<u>Lhud 9:10</u> – "[10]*Billi dawn kellhom x'jaqsmu biss ma' ikel u xorb, u ħafna ħasil, u regolamenti tal-ġisem, imposti fuqhom* ***sa ma jasal żmien it-tibdil****.*"

<u>Ġdid</u> – **Mogħti biex jibqa' sat-tmiem taż-żmien.**

<u>Lhud 13:20</u> – "[20]*Issa Alla tal-paċi, li qajjem minn bejn l-imwiet lill-Mulej tagħna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

16. <u>Qadim</u> – **Ma kienx jista' jnaddaf il-kunxjenza.**

<u>Lhud 9:9</u> – "[9]*Din kienet tixbiha għaż-żmien preżenti; u li fiha kienu jkunu offruti sew għotjiet u kemm sagrifiċċji, li ma kinux jistgħu jagħmlu perfett lil dak li kien jagħti qima, għal dik li hi kuxjenza.*"

<u>Ġdid</u> – **Inaddaf il-kuxjenza għal kollox.**

<u>Lhud 9:14</u> – "[14]*Kemm aktar id-demm ta' Kristu, li permezz tal-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla għajb lil Alla, inaddaf il-kuxjenza tagħna minn opri mejta, biex taqdu lil Alla l-ħaj?*"

17. <u>Qadim</u> – **Kien biss mudell, tip, jew dell.**

<u>Lhud 10:1</u> – "[1]*Għax billi l-Liġi għandha d-dell tal-ħwejjeġ tajba li għandhom jiġu, u mhux ix-xbieha tal-ħwejjeġ infushom, ma tista' qatt bl-istess sagrifiċċji, li joffru minn sena għal sena, bla ma jaqtgħu xejn, tagħmel perfetti lil dawk li jersqu.*"

<u>Ġdid</u> – **Huwa s-sustanza, ir-reali.**

<u>Lhud 10:1</u> – "[1]*Għax billi l-Liġi għandha d-dell tal-ħwejjeġ tajba li għand-hom jiġu, u mhux ix-xbieha tal-ħwejjeġ infushom, ma tista' qatt bl-istess*

*sagrifiċċji, li joffru minn sena għal sena, bla ma jaqtgħu xejn, tagħmel perfetti lil dawk li jersqu.*"

18. **<u>Qadim</u> – Impona ordinanzi karnali biss.**

<u>**Lhud 9:10**</u> – "[10]*Billi dawn kellhom x'jaqsmu biss ma' ikel u xorb, u ħafna ħasil, u regolamenti tal-ġisem, imposti fuqhom sa ma jasal żmien it-tibdil.*"

**<u>Ġdid</u> – L-ordinanzi tiegħu huma spiritwali.**

<u>**1 Pietru 2:5**</u> – "[5]*U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, mibnijin f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu.*"

<u>**Rumani 8:2**</u> – "[2]*Għax il-liġi tal-Ispirtu tal-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u l-mewt.*"

19. **<u>Qadim</u> – Sar qadim u kellu jispiċċa.**

<u>**Lhud 8:13**</u> – "[13]*Meta tkellem minn patt ġdid, wera li dak ta' qabel kien qadim. Issa dak li jiqdiem u jixjieħ ikun wasal biex jispiċċa.*"

**<u>Ġdid</u> – Hu l-ġdid u jibqa' sa l-eternità.**

<u>**Lhud 9:15**</u> – "[15]*U għalhekk hu l-medjatur tar-rabta l-ġdida, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt l-ewwel rabta, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.*"

20. **<u>Qadim</u> – Iddedikat bid-demm tal-annimali biss.**

<u>**Lhud 9:19-20**</u> – "[19]*Għax wara li Mosè nieda kull kmandament lill-poplu skond il-liġi, ħa d-demm tal-għoġġiela u tal-bdabad, ma' l-ilma, u suf aħmar skarlat, u żuf, u raxx sew il-ktieb, u kemm il-poplu kollu,* [20]*U qal: Dan hu d-demm tar-rabta li ordna Alla għalikom.*"

**<u>Ġdid</u> – Iddedikat b'demm Kristu.**

<u>**Lhud 10:19-20**</u> – "[19]*Mela, ħuti, billi għandna l-ħila li nidħlu fil-post l-aktar qaddis bid-demm ta' Ġesù,* [20]*Bi triq ġdida u ħajja, li hu fetaħ għalina, minn ġol-velu, jiġifieri ġismu.*"

21. **<u>Qadim</u> – Kien sempliċiment kopja tal-ħwejjeġ tas-sema.**

<u>**Lhud 8:4-7**</u> – "[4]*Għax kieku kien fuq l-art, ma kien ikun qassis xejn, billi hemm qassisin li joffru għotjiet skond il-liġi.* [5]*Li jservu bħala eżempju u dell ta' ħwejjeġ tas-sema, bħal ma kien imwissi Mosè minn Alla meta kien sa jibda jagħmel it-tabernaklu; għax, Ara, hu qal, li tagħmel kollox skond il-mudell li kien muri lilek fuq il-muntanja.* [6]*Imma issa qala' ministeru li hu wisq aktar eċċellenti, daqskemm ukoll hu l-medjatur ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar.* [7]*Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni.*"

**Ġdid** – **Il-ħwejjeġ tas-sema nfushom.**

Lhud 9:23 – "[23]*Għalhekk mela kien meħtieġ li x-xbihat tal-ħwejjeġ tas-sema jissaffew b'dawn; iżda l-ħwejjeġ tas-sema nfushom b'sagrifiċċji aħjar minn dawn.*"

22. **Qadim** – **Dan qatt ma kien jista' jagħmel persuna perfetta.**

Lhud 10:1 – "[1]*Għax billi l-Liġi għandha d-dell tal-ħwejjeġ tajba li għandhom jiġu, u mhux ix-xbieha tal-ħwejjeġ infushom, ma tista' qatt bl-istess sagrifiċċji, li joffru minn sena għal sena, bla ma jaqtgħu xejn, tagħmel perfetti lil dawk li jersqu.*"

**Ġdid** – **Jagħmel lill-bnedmin assolutament perfetti.**

Lhud 9:11 – "[11]*Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa gie.*"

23. **Qadim** – **Dan qatt ma kien jista' jneħħi d-dnubiet.**

Lhud 10:11 – "[11]*U kull qassis wieqaf kuljum iservi u joffri bosta drabi l-istess sagrifiċċji, li ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet.*"

**Ġdid** – **Ineħħi d-dnubiet kollha.**

Lhud 10:17 – "[17]*U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar.*"

1 Ġwanni 1:7 – "[7]*Imma jekk nimxu fid-dawl, bħalma hu fid-dawl, aħna mxerkin bejnietna, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub.*"

24. **Qadim** – **Dan żamm is-suġġetti tiegħu taħt saħta.**

Galatin 3:10 – "[10]*Għax dawk kollha li jżommu ma' l-opri tal-liġi huma taħt is-saħta: għax hu miktub: Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha.*"

**Ġdid** – **Jifdi lin-nies mis-saħta.**

Galatin 3:13 – "[13]*Kristu fdiena mis-saħta tal-liġi, billi sar saħta għalina: għax hu miktub: Misħut kull min ikun imdendel ma' għuda.*"

24. **Qadim** – **Dan qatt ma kien jista' jiġġustifika lil xi ħadd.**

Galatin 3:11 – "[11]*Imma li l-ebda bniedem ma hu ġġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, il-ġust igħix bil-fidi.*"

Galatin 5:4 – "[4]*Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi, intom maqtugħa minn Kristu, intom waqajtu mill-grazzja.*"

**Ġdid** – **Dan jista' jiġġustifika lill-bnedmin kollha.**

Galatin 3:24 – "[24]*Il-liġi, mela, kienet il-gwida tagħna sakemm Kristu ġie, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi.*"

25. **Qadim** – **Dan kien purament liġi ta' opri.**

Rumani 3:19, 20, 21 – "[19]*Issa aħna nafu li kull ħaġa li tgħid il-liġi, tgħidha lil dawk li huma taħt il-liġi:* [20]*Għalhekk ħadd ma jkun iġġustifikat*

*quddiemu **bl-opri tal-liġi**: għax bil-liġi jingħaraf id-dnub. [21]Imma issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-liġi, għad li l-liġi u l-profeti jixhdu għaliha.*"

**Ġdid – Dan huwa liġi ta' fidi.**

Rumani 3:27 – "*[27]Fejn hu mela l-ftaħir? Ma jidħolx. B'liema liġi? Tal-opri? Le: imma **bil-liġi tal-fidi**.*"

26. **Qadim – Ingħata mill-anġli (qaddejja) biss.**

Lhud 2:1-2 – "*[1]Għalhekk għandna aktar u aktar nagħtu attenzjoni għal dak li smajna, li ma nitbiegħdux. [2]Għax jekk il-kelma mxandra mill-anġli b'saħħit-ha, u kull ksur u diżubbidjenza ħadu ħlas ġust.*"

**Ġdid – Ingħata mill-Iben (Kristu).**

Lhud 2:1-4 – "*[1]Għalhekk għandna aktar u aktar nagħtu attenzjoni għal dak li smajna, li ma nitbiegħdux. [2]Għax jekk il-kelma mxandra mill-anġli b'saħħitha, u kull ksur u diżubbidjenza ħadu ħlas ġust; [3]Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi salvazzjoni **li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess**, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semugħ. [4]Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet u ħafna opri setgħana, kif ukoll bid-doni tal-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu stess.*"

27. **Qadim – Ma kienx jista' jagħti l-ħajja.**

Galatin 3:21 – "*[21]Il-liġi mela hi kontra l-wegħdiet ta' Alla? Ma jkun qatt! għax kieku ngħatat liġi li tista' tagħti l-ħajja, tassew li l-ġustizzja kienet tkun mil-liġi.*"

**Ġdid – Il-"Liġi tal-Ispirtu tal-Ħajja."**

Rumani 8:2 – "*[2]Għax il-**liġi tal-Ispirtu tal-ħajja** fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u l-mewt.*"

28. **Qadim – Kellu jibqa' jew jiġi fit-tmiem sa Kristu (in-nisel).**

Galatin 3:19 – "*[19]Għalfejn il-Liġi, mela? Kienet żieda li saret minħabba fid-dnub, **sakemm ikun ġie n-nisel** li għalih saret il-wegħda, li kienet imxandra mill-anġli permezz ta' medjatur.*"

**Ġdid – Għandu jkompli għal dejjem ta' dejjem.**

2 Korintin 3:11 – "*[11]Għax jekk dak li kien miġjub fit-tmiem ġie bil-glorja, kemm aktar dak li jibqa' hu glorjuż?*"

Lhud 13:20 – "*[20]Issa Alla tal-paċi, li qajjem minn bejn l-imwiet lill-Mulej tagħna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

29. **Qadim – Kien biss għalliem (mexxej) Lhudi sa Kristu.**

Galatin 3:24 – "*[24]Il-liġi, mela, kienet il-gwida tagħna sakemm Kristu ġie, biex inkunu ġġustifikati permezz tal-fidi.*"

Ġdid – **Mhux aktar taħt l-għalliem (mexxej).**

Galatin 3:25 – "[25]*Issa li l-fidi ġiet, ma naħtiġux aktar min imexxina.*"

30. Qadim – **Il-patt allegoriku "Ħagar."**

Galatin 4:24 – "[24]*U dawn il-ħwejjeġ huma tixbiha: Għax dawn huma żewġ rabtiet; waħda mill-muntanja Sinaj, li tiled għall-jasar, u din hi Ħagar.*"

Ġdid – **Il-patt allegoriku "Sarah."**

Galatin 4:23 – "[23]*Imma dak li kien bin il-qaddejja twieled skond il-ġisem; u bin il-ħielsa skond il-wegħda.*"

31. Qadim – **Kellu tfal biss fil-jasar.**

Galatin 4:24, 25 – "[24]*U dawn il-ħwejjeġ huma tixbiha: Għax dawn huma*

*żewġ rabtiet; waħda mill-muntanja Sinaj, li tiled għall-jasar, u din hi Ħagar.* [25]*Għax din Ħagar hi l-muntanja Sinaj fl-Għarabja u taqbel ma' Ġerusalemm ta' llum, u hi mjassra ma' wliedha.*"

Ġdid – **Kellu tfal tal-libertà – nies ħielsa.**

Galatin 5:1 – "[1]*Għall-ħelsien Kristu għamilna ħielsa, Żommu sħiħ, mela, u terġgħux tinqabdu fil-madmad tal-jasar.*"

32. Qadim – **Kellu tfal skond il-ġisem biss.**

Galatin 4: 23, 28, 29 – "[23]*Imma dak li kien bin il-qaddejja twieled skond il-ġisem; u bin il-ħielsa skond il-wegħda....* [28]*Issa ħuti, aħna wlied il-wegħda, bħal ma kien Iżakk.* [29]*Imma bħalma dak iż-żmien dak li kien imwieled skond il-ġisem ippersegwita 'l dak li kien imwieled skond l-Ispirtu, hekk hu issa wkoll.*"

Ġdid – **Kellu tfal spiritwali biss.**

Galatin 4:4-7 – "[4]*Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi,* [5]*Biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi.* [6]*U billi intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbkom, tgħajtu: Abba, Missier.* [7]*Għalhekk m'għadikx aktar qaddej, imma iben: u jekk iben, werriet ukoll ta' Alla permezz ta' Kristu.*"

33. Qadim – **Kien "qaddejja" d-divorzjata.**

Galatin 4:30, 31 – "[30]*Iżda xi tgħid l-iskrittura? Keċċi 'l barra l-ilsira u 'l binha: għax bin l-ilsira ma jiritx ma' bin il-ħielsa.* [31]*Għalhekk, ħuti, m'aħniex ulied l-ilsira, iżda wlied il-ħielsa.*"

Ġdid – **Il-mara ħielsa, il-mara legali.**

Galatin 4:31 – "[31]*Għalhekk, ħuti, m'aħniex ulied l-ilsira, iżda wlied il-ħielsa.*"

34. Qadim – **Is-suġġetti tiegħu għexu "maqtugħin minn Kristu."**

[Galatin 5:4]{.underline} – "[4]*Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi, intom maqtugħa minn Kristu, intom waqajtu mill-grazzja.*"

**Ġdid** – **Dan joħloq werrieta flimkien ma' Kristu.**

Rumani 8:17 – "[17]*U jekk ulied, aħna werrieta; werrieta t'Alla, u werrieta ma' Kristu; għax miegħu nbatu, biex inkunu wkoll igglorifikati flimkien.*"

35. **Qadim** – **Dan kien "ittra li toqtol."**

2 Korintin 3:6 – "[6]*Li għamilna wkoll ministri tajbin tar-rabta l-ġdida. Mhux tal-ittra, imma tal-ispirtu:* ***għax l-ittra toqtol****, imma l-ispirtu jagħti l-ħajja.*"

**Ġdid** – **Dan hu "l-Ispirtu, li jagħti l-ħajja."**

2 Korintin 3:6 – "[6]*Li għamilna wkoll ministri tajbin tar-rabta l-ġdida. Mhux tal-ittra, imma tal-ispirtu: għax l-ittra toqtol, imma* ***l-ispirtu jagħti l-ħajja****.*"

36. **Qadim** – **Dan kien "il-ministeru tal-mewt."**

2 Korintin 3:7 – "[7]*Issa* ***jekk il-ministeru tal-mewt****, miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi.*"

**Ġdid** – **Dan hu "ministeru tal-Ispirtu."**

2 Korintin 3:8 – "[8]*Kif ma jkunx aktar glorjuż il-****ministeru tal-ispirtu****?*"

37. **Qadim** – **Miktub u minqux fuq twavel tal-ġebel.**

Dewteronomju 9:10 – "[10]*U Jaħweh tani żewġ* ***twavel tal-ġebel, miktubin b'saba' Alla****; u fuqhom kien hemm miktubin il-kelmiet kollha li Jaħweh kien qalilkom, meta kellimkom fuq il-muntanja minn ġon-nar, dak in-nhar tal-laqgħa.*"

2 Korintin 3:7 – "[7]*Issa jekk il-ministeru tal-mewt,* ***miktub u minqux fil-ġebel****, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi.*"

**Ġdid** – **Miktun fil-qlub tan-nies (tal-laħam).**

2 Korintin 3:3 – "[3]*Għax intom bid-dieher ittra minn Kristu, mogħtija f'idejna, miktuba mhux bil-linka, imma bl-Ispirtu ta' Alla l-ħaj, mhux fuq twavel tal-ġebel imma* ***fuq twavel tal-laħam, li huma qlubkom****.*"

38. **Qadim** – **Il-glorja tiegħu kellha tgħaddi.**

2 Korintin 3:7 – "[7]*Issa jekk il-ministeru tal-mewt, miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu:* ***glorja li kellha tgħaddi****;*"

<u>Ġdid</u> – **Il-glorja tiegħu tibqa' għal dejjem.**

<u>2 Korintin 3:11</u> – "*[11]Għax jekk dak li jgħaddi kien glorjuż, kemm aktar dak* ***li jibqa' hu glorjuż****?*"

39. <u>Qadim</u> – **Dan kien "ministeru ta' kundanna."**

<u>2 Korintin 3:9</u> – "*[9]Għax jekk* ***il-ministeru tal-kundanna*** *kien ta' glorja, wisq aktar jisboq fil-glorja l-ministeru tal-ġustizzja.*"

<u>Ġdid</u> – **Dan kien "ministeru ta' ġustiżżja."**

<u>2 Korintin 3:9</u> – "*[9]Għax jekk il-ministeru tal-kundanna kien ta' glorja, wisq aktar jisboq fil-glorja l-****ministeru tal-ġustizzja****.*"

40. <u>Qadim</u> – **Dan kien bil-glorja.**

<u>Eżodu 34:29</u> – "*[29]U ġara, meta Mosè niżel mill-muntanja Sinaj, biż-żewġ twavel tax-xhieda f'idu, hu u nieżel mill-muntanja ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi huwa u jitkellem ma' Jaħweh.*"

<u>2 Korintin 3:11</u> – "*[11]Għax jekk dak* ***li kien miġjub fit-tmiem ġie bil-glorja****, kemm aktar dak li jibqa' hu glorjuż?*"

<u>Ġdid</u> – **Dan kien fil-glorja.**

<u>2 Korintin 3:11</u> – "*[11]Għax jekk dak li jgħaddi kien glorjuż, kemm aktar dak* ***li jibqa' hu glorjuż****?*"

41. <u>Qadim</u> – **Kien "imneħħi fi Kristu."**

<u>2 Korintin 3:13, 14</u> – "*[13]U mhux bħal Mosè, li kien iqiegħed velu fuq wiċċu, biex ulied Iżrael ma jħarsux lejn it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi u jiġi fix-xejn. [14]Iżda moħħhom kien imdallam; għax sa llum, waqt il-qari tar-rabta l-qadim, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex:* ***velu li jitneħħa fi Kristu****.*"

<u>Ġdid</u> – **Kien maħluq ġdid fi Kristu.**

<u>Efesin 2:14-19</u> – "*[14]Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, Billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna, [15]billi abolixxa fil-ġisem Tiegħu l-liġi ta' kmandamenti murija f'ordinanzi, biex hu joħloq* ***fih innifsu bniedem wieħed ġdid*** *minflok it-tnejn, b'hekk jagħmel il-paċi. [16]U jirrikonċiljana t-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda. [17]U hu ġie u xandar is-sliem lilkom li kontu 'l bogħod ħafna, u lil dawk li kienu qrib. [18]Għax permezz tiegħu aħna t-tnejn għandna dħul bi Spirtu wieħed għand il-Missier. [19]Issa mela m'għadkomx aktar stranġieri u barranin, imma ċittadini tal-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla.*"

42. <u>Qadim</u> – **Imħassar fil-ġisem ta' Kristu.**

<u>Efesin 2:14, 15</u> – "*[14]Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, Billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna,* ***[15]billi abolixxa fil-ġisem Tiegħu*** *l-liġi ta' kmandamenti murija*

*f'ordinanzi, biex hu joħloq fih innifsu bniedem wieħed ġdid minflok it-tnejn, b'hekk jagħmel il-paċi.*"

**Ġdid – Miġjub għad-dawl fil-qawmien ta' Kristu.**

**Rumani 1:4** – "[4]*U li skond l-Ispirtu tal-qdusija, kien iddikjarat Bin Alla bis-setgħa* ***bil-qawmien mill-imwiet:***"

43. **Qadim – Imsammar mas-salib ta' Kristu.**

**Kolossin 2:14** – "[14]*Billi ħassar il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*"

**Ġdid – Mis-salib imxandar universalment.**

**Atti 2:36** – "[36]*Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallabtu, sew Mulej u kemm Kristu.*"

44. **Qadim – Kien imneħħi min-nofs.**

**Kolossin 2:14, 16** – "[14]*Billi ħassar il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina:* ***neħħieha min-nofs****, u sammarha mas-salib....* [16]*Għalhekk tħallu lil ħadd jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festa jew fuq qamar ġdid, jew sabat:*"

**Ġdid – Patt etern.**

**Lhud 13:20** – "[20]*Issa Alla tal-paċi, li qajjem minn bejn l-imwiet lill-Mulej tagħna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

## IV. Il-Patt il-Qadim li hu mneħħi għalkollox huwa mfisser bħala:

1. L-għaxar kmandamenti:

a. **Eżodu 34:27-28** – "[27]*U Jaħweh qal lil Mosè: Ikteb dan il-kliem: għax fuq dan il-kliem, jien għamilt għaqda miegħek u ma' Iżrael.* [28]*U Mosè dam hemm ma' Jaħweh erbgħin jum u erbgħin lejl; ma kielx ħobż, lanqas xorob ilma. U kiteb fuq it-twavel il-kliem tal-għaqda, l-għaxar kelmiet.*"

b. **Dewteronomju 4:9-13** – "[9]*Biss ħares lilek innifsek, u ħares lil ruħek bir-reqqa kollha, li ma tinsiex il-ħwejjeġ li għajnejk raw, u li ma jitilqux minn qalbek il-jiem kollha ta' ħajtek: iżda għallimhom lil uliedek, u lil ulied uliedek;* [10]*Ftakar fil-jum li fih inti qagħadt quddiem Jaħweh, Alla tiegħek, f'Ħoreb, meta qalli Jaħweh: Iġmagħli n-nies, u nsemmagħhom kliemi, biex jitgħallmu jibżgħu minni l-jiem kollha lil jgħixu fuq l-art, u biex igħallmu lil uliedhom.* [11]*U intom ersaqtu u waqaftu għal taħt il-muntanja; u l-muntanja ħeġġet bin-nar sa qalb is-sema: dlam, sħab u ċpar.* [12]*Imbagħad kellimkom Jaħweh minn ġon-nar; smajtu l-ħoss tal-kliem, iżda ma rajtu l-ebda sura: biss smajtu leħen.* [13]*U ħabbrilkom il-għaqda tiegħu, li kkmandakom biex tagħmlu; l-għaxar kelmiet li kiteb fuq żewġ twavel tal-ħaġar.*"

ċ. **Dewteronomju 9:9** – "[9]*Meta tlajt fuq il-muntanja, biex nieħu t-twavel tal-ġebel, it-twavel tal-għaqda li Jaħweh għamel magħkom, jien domt fuq*

*il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl, u la kilt ħobż u lanqas xrobt ilma.*"

d. **Dewteronomju 10:1-5** – "[1]*Dak iż-żmien Jaħweh qalli: Aqta' żewġ twavel tal-ġebel bħal tal-ewwel, u itla' ħdejja fuq il-muntanja, u agħmel għalik arka tal-injam.* [2]*U nikteb fuq it-twavel il-kelmiet li kienu fl-ewwel twavel, li int kissirt, u tqegħidhom fl-arka.* [3]*u għamilt arka tal-injam tal-gażżi, u qtajt żewġ twavel tal-ġebel bħal ta' l-ewwel, u tlajt fuq il-muntanja, biż-żewġ twavel f'idi.* [4]*U kiteb fuq it-twavel bħal ma kiteb l-ewwel darba, il-għaxar kmandamenti, li Jaħweh kien qalilkom fuq iil-muntanja minn ġon-nar, dak in-nhar tal-laqgħa; u Jaħweh tahomli.* [5]*U dort, ui nżiltg mill-muntanja, u qegħidt it-twavel fl-arka li kont għamilt; u hemm huma, bħal ma orndali Jaħweh.*"

2. It-twavel tal-ġebel:
   a. **Eżodu 24:12** – "[12]*U Jaħweh qal lil Mosè: Itla' fejni fuq il-muntanja, u ibqa' hemm: u nagħtik twavel tal-ġebel, u l-liġi, u l-kmandamenti li ktibt jien; biex tgħallimhomlhom.*"
   b. **Eżodu 31:18** – "[18]*U ta lil Mosè, kif temm jitkellem miegħu fuq il-muntanja Sinaj, żewġ twavel tal-ġebel, miktubin bis-saba' ta' Alla.*"
3. Il-qari ta' Mosè:
   a. **2 Korintin 3:15** – "
4. Patt (jew rabta) tal-Mulej:
   a. **Dewteronomju 10:18** – "[18]*Li jagħmel ħaqq lill-iltim u lill-armla, li jħobb lill-għarib, billi jagħtih ikel u lbies.*"
5. Patt ta' Alla:
   a. **Salm 78:10** – "[10]*Huma ma ħarsux ir-rabta ta' Alla, u ma ridux jimxu fuq il-liġi tiegħu.*"
6. Il-patt tiegħi:
   a. **Levitku 26:9** – "[9]*Għax jien indur lejkom, u nkabbarkom, u nkattarkom, u nżomm il-għaqda tiegħi magħkom.*"
7. Testment il-qadim:
   a. **2 Korintin 3:14** – "[14]*Iżda moħħhom kien imdallam; għax sa llum, waqt il-qari* ***tar-rabta l-qadim****, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex: velu li jitneħħa fi Kristu.*"
8. Patt perpetwu:
   a. **Dewteronomju 31:16** – "[16]*U Jaħweh qal lil Mosè: Ara, int sa torqod ma' missirijietek; u dal-poplu jqum, u jmur jiżni ma' l-allat tal-barranin tal-art, fejn sejrin biex ikunu fosthom, u jitilquni, u jiksru* ***l-għaqda li rbatt magħhom****.*"
9. Patt ta' dejjem:
   a. **1 Kronaki 16:17** – "[17]*U wettaqha lil Ġakobb b'liġi, u lil Iżrael* ***b'rabta għal dejjem****.*"

10. Patt tas-saċerdozju ta' dejjem:

a. **Numri 25:13** – "[13]*U tkun għalih, u għal nislu warajh,* ***għaqda ta' saċerdozju għal dejjem****; għax kien għajjru għal Alla tiegħu, u għamel tpattija għal ulied Iżrael.*"

11. Il-Patt Qaddis:

a. **Danjel 11:28** – "[28]*U jarġa' lejn artu b'ġid kbir; u qalbu tkun kontra* ***r-rabta mqaddsa****; li jagħmel ir-rieda tiegħu, u jarġa' lejn artu.*"

12. Ix-Xhieda:

a. **Eżodu 31:18** – "[18]*U ta lil Mosè, kif temm jitkellem miegħu fuq il-muntanja Sinaj, żewġ twavel tal-ġebel, miktubin bis-saba' ta' Alla.*"

b. **Eżodu 32:15** – "[15]*U Mosè dar, u niżel mill-muntanja, u* ***ż-żewġ twavel tax-xhieda*** *kienu f'idu: it-twavel kieku miktubin fuq iż-żewġ naħat; fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra kienu miktubin.*"

ċ. **Eżodu 34:29** – "[29]*U ġara, meta Mosè niżel mill-muntanja Sinaj,* ***biż-żewġ twavel tax-xhieda*** *f'idu, hu u nieżel mill-muntanja ma kienx jaf li l-ġilda ta' wiċċu kienet tiddi huwa u jitkellem ma' Jaħweh.*"

13. Il-Muntanja Sinaj fl-Arabja:

a. **Galatin 4:25** – "[25]*Għax din Ħagar hi l-muntanja Sinaj fl-Għarabja u taqbel ma' Ġerusalemm ta' llum, u hi mjassra ma' wliedha.*"

14. L-Ewwel patt:

a. **Lhud 8:7** – "[7]*Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni.*"

15. Ministeru tal-mewt u kundanna:

a. **2 Korintin 3:7, 9** – "[7]*Issa jekk il-ministeru tal-mewt, miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi;* [8]*Kif ma jkunx aktar glorjuż il-ministeru tal-ispirtu?...* [10]*Għax ukoll dak li kien igglorifikat ma kellux glorja f'din il-ħaġa, minħabba l-glorja.*"

16. Il-Patt il-qadim:

a. **2 Korintin 3:14** – "[14]*Iżda moħħhom kien imdallam; għax sa llum, waqt il-qari tar-rabta l-qadim, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex: velu li jitneħħa fi Kristu.*"

17. Il-Liġi:

a. **Galatin 3:17** – "[17]*U jien ngħid dan: Li liġi, li ġiet erba' mija u tletin sena wara, ma tistax tħassar patt, magħmul kif imiss minn Alla, b'mod li ġġib fix-xejn il-wegħda.*"

18. Il-barriera/ħajt li jifred/mibegħda:

a. **Efesin 2:14-16** – "[14]*Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, Billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna,* [15]*billi abolixxa fil-ġisem Tiegħu l-liġi ta' kmandamenti murija f'ordinanzi, biex hu joħloq fih innifsu bniedem wieħed ġdid minflok it-*

*tnejn, b'hekk jagħmel il-paċi. [16]U jirrikonċiljana t-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda.*"

19. Liġi ta' kundanna:

    a. **Efesin 2:15** – "*[15]billi abolixxa fil-ġisem Tiegħu l-liġi ta' kmandamenti murija f'ordinanzi, biex hu joħloq fih innifsu bniedem wieħed ġdid minflok it-tnejn, b'hekk jagħmel il-paċi.*"

20. Ċertifikat tal-mewt:

    a. **Kolossin 2:14** – "*[14]Billi ħassar il-kitba tal-ordinanzi li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*"

21. Dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu:

    a. **Kolossin 2:17** – "*[17]Dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, imma r-realtà hija Kristu.*"

22. Liġi ta' Mosè:

    a. **2 Kronaki 23:18** – "*[18]Imbagħad Ġeħodjada qiegħed għases ma' dar Jaħweh f'id il-qassisin Levitiċi, li David kien qassam għal dar Jaħweh, biex joffru l-offerti tal-ħruq lil Jaħweh, bħalma hu miktub fil-liġi ta' Mosè, bil-ferħu bil-għana, kif ordna David.*"

    b. **Atti 28:23** – "*[23]Ftiehmu miegħu fuq il-jum, u ġew għandu, fejn kien joqgħod, ħafna aktar milli kienu ġew id-darba ta' qabel. U minn filgħodu sa filgħaxija qagħad jagħtihom xhieda u jfissrilhom x'inhi s-Saltna ta' Alla, u jipprova biex jikkonvinċihom dwar Ġesù kemm permezz tal-Liġi ta' Mosè u l-profeti.*"

    ċ **Lhud 10:28** – "*[28]Dak li żeblaħ il-liġi ta' Mosè miet bla ħniena fuq ix-xhieda ta' tnejn jew tlieta:*"

23. Madmad li ma nifilħux nerfugħ:

    a. **Galatin 5:1** – "*[1]Għall-ħelsien Kristu għamilna ħielsa, Żommu sħiħ, mela, u terġgħux tinqabdu fil-madmad tal-jasar.*"

    b. **Atti 15:10** – "*[10]Issa mela għaliex iġġarbu 'l Alla, billi tqiegħdu fuq għonq id-dixxipli madmad, li u la missirijietna u lanqas aħna ma flaħna nerfgħu?*"

**V. Il-Patt il-Ġdid huwa mfisser bħala:**

1. Patt (rabta) ta' dejjem:

    a. **Lhud 13:20** – "*[20]Issa Alla tal-paċi, li qajjem minn bejn l-imwiet lill-Mulej tagħna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

2. Patt tal-paċi:

    a. **Eżekjel 34:25** – "*[25]U nagħmel magħhom rabta ta' sliem, u neqred id-dbejjeb ħorox mill-art; u huma jgħammru bla biża' fid-deżert, u jorqdu fl-imsaġar.*"

3. Testment Ġdid:

a. **2 Korintin 3:6** – "[6]*Li għamilna wkoll ministri tajbin tar-rabta l-ġdida. Mhux tal-ittra, imma tal-ispirtu: għax l-ittra toqtol, imma l-ispirtu jagħti l-ħajja.*"

4. Patt Ġdid:

a. **Mark 14:24** – "[24]*U qalilhom: Dan hu demmi tar-rabta l-ġdida, li hu mxerred għal ħafna.*"

5. Demm tal-Patt:

a. **Mattew 26:28** – "[28]*Għax dan hu demmi tar-rabta, li hu mxerred għal ħafna għall-maħfra tad-dnubiet.*"

b. **Lhud 10:29** – "[29]*Kemm kastig aktar aħrax, jidhrilkom intom, ikun ħaqqu min jitfa' taħt saqajh l-Iben ta' Alla, u jqis id-demm tar-rabta, li bih tqaddes, bħala ħaġa mhix qaddisa, u joffendi lill-Ispirtu tal-grazzja?*"

6. Testment aħjar:

a. **Lhud 9:15** – "[15]*U għalhekk hu l-medjatur tar-rabta l-ġdida, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt l-ewwel rabta, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.*"

7. Il-fidi:

a. **Galatin 3:23** – "[23]*Imma qabel ma ġiet il-fidi, aħna konna miżmumin taħt il-ħarsien tal-liġi, magħluqin għall-fidi li kellha tkun rivelata.*"

b. **Ġuda 3** – "[3]*Maħbubin, waqt kelli ħerqa kbira li niktbilkom fuq is-salvazzjoni komuni tagħna, kien meħtieġ li niktbilkom, u nitlobkom li titqabdu bil-ħeġġa għall-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin.*"

8. It-tieni patt:

a. **Lhud 8:7** – "[7]*Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni.*"

9. Liġi tal-Fidi:

a. **Rumani 3:27** – "[27]*Fejn hu mela l-ftaħir? Ma jidħolx. B'liema liġi? Tal-opri? Le: imma bil-liġi tal-fidi.*"

10. L-Evanġelju:

a. **Galatin 1:6-9** – "[6]*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn evanġelju differenti, [7]mhux għax hemm xi evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-evanġelju ta' Kristu. [8]Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! [9]Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħabbrilkom evanġelju ieħor għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!*"

11. Patt aħjar:

a. **Lhud 8:6** – "[6]*Imma issa qala' ministeru li hu wisq aktar eċċellenti, daqskemm ukoll hu l-medjatur ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar.*"

12. Liġi tal-ħelsien (libertà):

   a. **<u>Ġakbu 1:25</u>** – "[25]*Imma dak li jħares bir-reqqa ġol-liġi perfetta tal-ħelsien, u jkompli jħares ġo fiha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; imbierek dan fil-għemil tiegħu.*"

   b. **<u>Ġakbu 2:12</u>** – "[12]*Hekk tkellmu, u hekk agħmlu, bħal dawk li sa jsir ġudizzju minnhom bil-liġi tal-libertà.*"

13. Liġi ta' Kristu:

   a. **<u>Galatin 6:2</u>** – "[2]*Erfgħu t-tagħbijiet ta' xulxin, u hekk twettqu l-liġi ta' Kristu.*"

Dan li aħna rajna għandu jkun ta' għajnuna għalina biex jgħinna ħalli ma nħallu lil ħadd jingannana u jqarraq bina bit-tagħlim falz tiegħu.

> "*Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu qegħdin fis-sod. Ikbru fil-grazzja u fl-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Lilu glorja issa u għal dejjem*" (2 Pietru 3:17-18).

# LA L-PAPA U LANQAS KONSTANTINU MA BIDDLU S-SABBATH MIS-SIBT GĦALL-ĦADD (Parti 14)

**Is-Sabbatarjani jistqarru b'mod falz:** "Il-papa biddel is-Sabbath mis-Sibt għall-Ħadd."

Dan l-argument falz oriġina mal-profetessa ispirata (?) Avventista E.G. White:

- "Is-Sabbath qaddis kien jidher glorjuż – raġġiera ta' glorja kienet madwaru kollu. Jiena rajt li l-kmandament tas-Sabbath ma kienx imsammar mas-salib. Jekk kien, id-disa' kmandamenti l-oħra kienu, u aħna ninsabu fil-libertà li niksru-hom kollha l-istess kif niksru r-raba'. Jiena rajt li Alla ma biddilx is-Sabbath, għaliex Hu qatt ma jinbidel. Imma l-papa biddlu mis-seba' jum għall-ewwel jum tal-ġimgħa; għax hu kellu jbiddel żminijiet u liġijiet." (Early Writings of Ellen G. White, p. 33, Official Adventist publication). Ukoll f'paġna 65 tal-istess ktieb is-Sinjura White tgħid, "Il-papa biddel il-jum tal-mistrieħ mis-seba' għall-ewwel jum."
- Ellen G. White kienet profetessa falza: Kolossin 2:18 – "*Tħallu 'l ħadd min jisirqilkom ħlaskom billi…jieħu l-pożizzjoni tiegħu (tagħha) fuq viżjonijiet li hu (hi) kien ra, minfuħ mill-frugħa ta' moħħ (ta' Ellen White) tal-ġisem.*"
- Aħna nistgħu NIPPRUVAW li Ellen White kienet profetessa falza billi nagħtu prova li l-papa (Knisja Kattolika) MA biddilx is-Sabbath mis-Sibt għall-Ħadd! Kun int l-imħallef!

**Tweġiba:**

I. **L-ewwel Papa ma kienx jeżisti qabel is-sena 606 W.K.! (aktar minn 500 mitt sena tard). Dan hu tard wisq għaliex Kristjani kienu qegħdin jiltaqgħu fil-Ħdud mill-aktar reġistrar kmieni tal-istorja. *Għalhekk Ellen G. White hija profetessa falża.***

II. **Imma l-Avventisti mmodifikaw l-argument ta' Ellen G. White (ikkor-reġew lill-profetessa ispirata [?] tagħhom). Isma' għal dak li l-Avventisti tas-Seba' Jum jgħallmu issa fir-"Revelation Seminars" pubbliċi tagħhom.**
   - "Żamma tal-Ħadd kienet intordotta fil-Knisja Kristjana pjuttost innoċen-tament, u l-ewwel għalliema tagħha qatt ma ħolmu li din kienet se tieħu l-post tas-Sabbath tas-seba' jum ta' Alla. Iż-żamma tal-Ħadd kellha l-oriġini tagħha f'Ruma matul il-ħakma tal-Imperatur Hadrian fit-tieni seklu. Hadrian ippersegwità lil-Lhud f'Ruma bla waqfien. F'attentat biex jisseparaw lilhom infushom mil-Lhud u jevitaw milli jkunu ppersegwitati magħhom, dawn il-Kristjani Rumani tal-bidu bdew iżommu l-Ħadd b'żieda għas-Sabbath." "Now That's Clear," Schreven, p. 97, 1994).
   - Hadrian kien Imperatur ta' Ruma (117-138 W.K.) **Dan hu wisq qabel** l-ewwel Papa.
   - L-Avventisti tas-Seba' Jum fis-snin 1990 qegħdin jirrifjutaw dak li l-"profetessa" tagħhom Ellen G. White kien "intqal lilha minn Alla f'viżjoni."
   - L-Avventisti tas-Seba' Jum jistqarru li "Kristjani f'Ruma," biddlu s-Sabbath, mhux il-Papa.

- L-Avventisti tas-Seba' Jum MA JOFFRU ASSOLUTAMENT EBDA PROVA li Kristjani fil-knisja f'Ruma biddlu s-Sabbath!

**Samuele Bacchiocchi, l-iskular il-kbir tas-Seventh-Day Adventists kiteb f'messaġġ tal-E-mail lil "Free Catholic Mailing List" fit-tmienja ta' Frar 1997 u qal"**

> Jiena ma naqbilx ma' Ellen White, per eżempju, fuq l-oriġini tal-Ħadd. Hija tgħallem li fl-ewwel sekli l-Kristjani kollha osservaw is-Sabbath u kien il-biċċa l-kbira permezz tal-isforzi ta' Konstantinu liż-żamma tal-Ħadd kienet imħaddna minn ħafna Kristjani fir-raba' seklu. It-tiftix tiegħi juri mod ieħor. Jekk int taqra l-komponiment tiegħi HOW DID SUNDAYKEEPING BEGIN? (Kif iż-Żamma tal-Ħadd Bdiet?) li tagħmel sommarju tad-diskors tiegħi, inti tinnota li jiena npoġġi l-oriġini taż-Żamma tal-Ħadd maż-żmien tal-Imperatur Hadrian, fis-sena 135 W.K.

Dan jagħti prova darba għal dejjem li Ellen G. White hija profetessa falza!

**Is-Sabbatarjani qalu wkoll li kien Konstantinu li biddel is-Sibt (Sabbath) għall-Ħadd:**

**Id-digriet ta' Konstantinu:** "Fil-Jum venerabbli tax-Xemx ħalli l-maġistrati u n-nies fil-bliet jistrieħu, u ħalli l-ħwienet kollha tax-xogħol ikunu magħluqa." (Constantine, March 7, 321. Codex Justinianus lib. 3, tit. 12, 3; trans. In Philip Schaff, *History of the Chris-tian Church*, Vol. 3, p. 380, note 1.)

**Tweġiba:**

**Konstantinu ma biddilx is-Sibt (Sabbath) għall-Ħadd, hu sempliċiment ħoloq "liġi tal-għeluq fil-Ħadd" għaliex il-Kristjani kienu qegħdin iqimu fl-ewwel jum tal-ġimgħa sa minn żminijiet tal-appostli.** Qiegħed tara l-fejn hu l-qerq!

Is-Sabbatarjani ma jistgħux li jkollhom l-istorja tagħhom bla tagħwiġ! Min biddel is-Sibt (Sabbath)? Huwa l-papa, Konstantinu jew xi Kristjani f'Ruma?

- L-ewwel huma qalu li kien il-Papa li biddel is-Sibt (Sabbath). Imbgħad, meta dan kien ippruvat falz, huma stqarrew li kien Konstantinu li biddlu! Imbagħad meta dak kien ippruvat żbaljat ukoll issa huma qegħdin jgħidu li "Kristjani f'Ruma" biddlu s-Sibt (Sabbath) għall-Ħadd.
- Ma hemm xejn hawn biex tgħid li Konstantinu biddel xi ħaġa. Konstantinu qiegħed jagħmel digriet ċivili, li minħabba li Kristjani kienu diġà qegħdin jiltaqgħu fil-Ħadd, kif huma kienu qegħdin jagħmlu sa minn żmien l-Appostli, li l-Kristjani m'għandhomx jaħdmu fil-Ħadd. Erġà aqraha!
- Illum, mhuwiex dnub li taħdem f'xi jum tal-ġimgħa! Imma huwa dnub (jekk mhux għal xi raġuni valida) li ma tieħux sehem fis-servizz ta' qima f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa billi tieħu sehem fil-kant, qari mill-Iskrittura, talb, smigħ tal-Kelma ta' Alla, fl-Ikla tal-Mulej, u billi tagħti minn dak li l-Mulej ipprovdielek. (Atti 2: 42; 20:7; Efesin 5:19; Kolossin 3:16; 1 Korintin 16:1-2; Lhud 10:24-25).

**Tliet basriet ħżiena:**

L-hekk imsejħa "profetessa ispirata" oriġinarjament stqarret li kien il-Papa li beda "l-qima tal-Ħadd." White wara biddlet il-ħsieb tagħha u qalet li l-Imperatur Konstantinu ntroduċa "l-qima tal-Ħadd" fis-sena 325 W.K. Illum l-Avventisti jitfgħu l-ħtija tal-qima tal-Ħadd fuq Kristjani fis-sena 135 W.K. u mhux fuq il-Papa jew Konstantinu!

**Basra #1: il-Papa intorduċa l-qima tal-Ħadd.**

Il-Papa Kattoliku Ruman MA biddilx is-Sabbath mis-Sibt għall-Ħadd kif dawk li jżommu s-Sibt (Sabbath) jgħallmu b'mod falz. Il-Kattoliċi jistqarru li huma biddlu s-Sabbath, imma huma jistqarru wkoll li Pietru kien l-ewwel papa! Dawk li jżommu s-Sabbath jirriġettaw l-istqarrija li Pietru kien l-ewwel papa, għalhekk huma jinsabu fi żball kbir f'li jaċċettaw it-talba Kattolika li l-papa biddel is-Sabbath għall-Ħadd!

**Basra #2: Kien Konstantinu fis-sena 325 W.K.**

Konstantinu (325 W.K.) MA biddilx is-Sabbath mis-Sibt għall-Ħadd kif b'mod falz jgħallmu dawk li jżommu s-Sabbath. Il-Kristjani qatt ma żammew is-Sibt (Sabbath) miż-żmien appostoliku (33 W.K.) sa żmien Konstantinu (325 W.K.). Konstantinu għamel l-ewwel "liġi tal-għeluq fil-Ħadd," billi dan kien diġà l-jum li fih il-Kristjani kienu jagħtu qima lil Alla għal 300 sena!

**Il-basra tal-lum #3: Kristjani fis-sena 135 W.K.**

L-istqarrijiet storiċi ta' Samuele Bacchiocchi Seventh-day Adventist, irrifjutati. Bacchiocchi jidher li huwa l-aktar skular magħruf tas-Seventh-day Adventist fid-dinja. It-tiftixa tiegħu għall-oriġini ta' "qima fl-ewwel jum" wasslitu biex jirriġetta l-pożizzjoni tradizzjonali li l-knisja tiegħu u l-profetessa fundatriċi tiegħu, Ellen G. White li stqarret "iż-żamma tal-Ħadd" bdiet minn Konstantinu fis-sena 325 W.K. Il-veduta, li qiegħda tiġi aċċettata ħafna mill-knisja tal-Avventisti tas-Seba' Jum, hija li l-Kristjani fis-sena 135 W.K. kienu huma l-ewwel li bdew jagħtu qima fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

**Il-verità: Kienu l-Appostli, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, fis-sena 33 W.K. li ntroduċew il-qima fil-Ħadd. (Atti 20:7 u 1 Korintin 16:1-2.**

Għalhekk,

"*Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!...*" (2 Tessalonikin 2:3).

# ŻAMM KRISTU S-SIBT (SABBATH)?
# (Parti 15)

Is-Sabbtarjani spiss iffakruna li "Ġesù, l-eżempju tagħna, żamm is-Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa mqaddes," imma dan ma jipprovax li aħna għandna nżommu s-Sibt (Sabbath) illum għaliex Ġesù, l-eżempju tagħna, żamm ukoll sagrifiċċji tal-annimali.

**Argument falz attwali tas-Sabbatarjani:** "Kristu, l-eżempju tagħna, żamm is-Sibt (Sabbath)! Għalhekk aħna għandna nżommu s-Sibt (Sabbath)!

**Tweġiba:**

1. Hawn wieħed għandu jkun attent ħafna li ma jkunx ingannat. Jekk l-eżempju ta' Ġesù jagħti prova li aħna għandna nżommu s-Sibt (Sabbath), allura dan jagħti prova wkoll li aħna għandna nżommu s-sagrifiċċji tal-annimali!
2. Is-Sabbatarjani jiksru l-eżempju ta' Ġesù f'li jżommu l-Għid (Passover)! Ġesù żamm l-ikla tal-Għid u kull ġurnata ta' festa Lhudija oħra wkoll!

   "*Issa fl-ewwel jum tal-ażżmi d-dixxipli ġew għand Ġesù jgħidulu: Fejn trid li nħejjulek biex tiekol il-għid? U qal: Morru l-belt għand wieħed, u għidulu: L-Imgħallem jgħid: Żmieni qorob; għandek nagħmel il-għid mad-dixxipli tiegħi U d-dixxipli għamlu bħalma Ġesù ordnalhom; u hejjew l-għid*" (Mattew 26:17-19).
3. Is-Sabbatarjani jiksru l-kmand ta' Ġesù biex iħarsu l-liġijiet ċerimonjali kollha ta' Mosè! Naqraw f'Mattew 23:2,

   "*Billi qal: l-iskribi u l-Fariżej joqogħdu fuq is-siġġu ta' Mosè: Ħarsu u għamlu mela kulma jgħidulkom biex tħarsu; iżda la tagħmlux l-egħmejjel tagħhom: għax huma jgħidu, u ma jagħmlux.*"
4. Is-Sabbatarjani jiksru l-kmand ta' Ġesù biex joffru sagrifiċċji tal-annimali,

   "*U wissieh li ma jgħid lil ħadd: iżda mur, uri ruħek lill-qassis, u offri għat-tindif tiegħek, bħal ma ordna Mosè, b'xhieda għalihom*" (Luqa 5:14; Mark 1:44).
5. Meta s-Sabbatarjani jispjegawlek għaliex huma ma jżommux l-eżempju jew il-kmand ta' Ġesù biex iħarsu l-Liġi ta' Mosè, inti tkun taf għaliex il-Kristjani ma jeħtieġux li jimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù li jħarsu l-jum tas-Sibt (Sabbath).
6. Ġesù żamm ħafna ħwejjeġ b'żied għal-liġi tas-Sabbath. Hu żamm il-liġi ċerimonjali kollha kemm hi ta' Mosè!

   "*Billi qal: l-iskribi u l-Fariżej joqogħdu fuq is-siġġu ta' Mosè: Ħarsu u għamlu mela kulma jgħidulkom biex tħarsu; iżda la tagħmlux l-egħmejjel tagħhom: għax huma jgħidu, u ma jagħmlux.*" (Mattew 23:2)

# IS-SABBATH IMNEĦĦI GĦALKOLLOX
# (Parti 16)

**In-natura ta' Alla qatt ma tinbidel, imma l-liġi Tiegħu nbidlet bosta drabi!**

"*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-liġi*" (Lhud 7: 12).

Argument komuni, imma falz lis-Sabbatarjani jużaw biex jippruvaw li aħna għandna nżommu s-Sibt (Sabbath), huwa billi jgħidu, "Alla qatt ma jinbidel, għalhekk l-Għaxar Kmandamenti Tiegħu qatt ma jinbidlu." Waqt li huwa tassew li Alla qatt ma jinbidel, il-liġi ta' Alla spiss inbidlet. L-istqarrija hija illoġika daqs kemm hija mhux skritturali.

I. Dan kien wieħed mill-argumenti oriġinali foloz magħmula minn Ellen G. White (il-profetessa ispirata [?] nfisha tal-Avventisti). Ħalli nittest-jaw il-profetessa!

> Ellen G. White qalet: "Is-Sibt (Sabbath) imqaddes deher glorjuż raġġiera ta' glorja kienet madwaru kollu. Jiena rajt il-kmandament tas-Sabbath ma kienx imsammar mas-salib. Jekk dan kien, id-disa' kmandamenti l-oħra kienu; u aħna ninsabu fil-libertà biex niksruhom kollha wkoll kif niskru r-raba'. Jiena rajt li Alla ma biddilx is-Sabbath, għaliex Hu qatt ma jinbidel." (Early Writings of Ellen G. White," p. 33, official Adventist publication).

II. Argument aktar riċenti tal-Avventisti:

> "U l-għaxar kmandamenti, li huma espressjoni tal-karattru Tiegħu, ma jistgħux jinbidlu lanqas. Kristu ta prova ta' dan meta Hu miet fuq is-salib u ħallas il-penalità għalina. Il-liġi turina x'inhu d-dnub u l-ħlas tad-dnub huwa l-mewt. Jekk il-liġi u l-penalità talli tiksirha setgħu jkunu mibdula, allura Kristu ma kienx ikollu għalfejn imut għalina. F'Mattew 26:39 Kristu talab, "O Missieri, jekk jista' jkun, ħa jitwarrab minni dal-kalci:" Ma kienx possibbli, għalhekk Kristu miet għalina."

**L-argument tal-Avventisti ppruvat żbaljat:**

**I. Il-Bibbja tgħid ċar li l-liġi ta'Alla nbidlet:**

> "*Għax billi* ***tbiddel*** *is-saċerdozju, jeħtieġ li* ***titbiddel*** *ukoll il-liġi*" (Lhud 7: 12).

Min taħseb int li qiegħed fl-iżball, l-Avventisti tas-Seba' Jum jew il-Kelma ta' Alla? Ellen G. White jew l-appostlu Pawlu? Tajjeb hawn li taqra Atti 5:29!

**II. L-Għaxar Kmandamenti ma kinux jeżistu qabel Sinaj!**

1. Is-Sabbatarjani jgħidu b'mod falz: "Adam, Noè u Abraham żammew (jew ħarsu) is-Sibt (Sabbath)." Madankollu, l-Għaxar Kmandamenti u s-Sabbath ma kinux jeżistu qabel Mosè.
2. Is-Sabbatarjani ma fehmux il-fatt li l-kelma "Sabbath" qatt ma tin-stab fil-ktieb ta' Ġenesi. L-ewwel każ ta' żamma jew ħarsien tas-Sibt (Sabbath) kien f'Eżodu 16 fil-Muntanja Sinaj. Hawn Alla ta lil Mosè l-Għaxar Kmandamenti," għall-ewwel darba fl-istorja tad-dinja.

3. Jekk l-Għaxar Kmandamenti ma kinux jeżistu qabel Mosè, allura lanqas ir-raba' kmandament ma kien jeżisti sakemm aħna ma nsibux xi kmand jew eżempju qabel Mosè.
4. Il-verità hija li Adam qatt ma żamm is-Sibt (Sabbath), lanqas ma żammewh Noè, Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi jew xi ħadd ieħor waqt li kien fil-jasar Eġizzjan!

**III. Kien hemm tliet perjodi distinti ta' liġi fil-Bibbja:**

Billi Alla ta l-liġi ta' sagrifiċċji tal-annimali u mbagħad neħħieha għalkollox, dan huwa wkoll prova li Alla jinbidel! Tajjeb? Ħażin: Il-liġijiet li Alla jagħti u dak li Alla jeħtieġ mill-bniedem kien inbidel ħafna. Hemm tliet perjodi bażiċi ta' storja tal-art: Naqraw f'Lhud 1:1-2,

"*Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, f'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet.*"

1. Adam sa Mosè: Ebda saċerdozju ta' Levi, Sibt (Sabbath), magħmudija jew Ikla tal-Mulej.
2. Mosè sa Kristu: Ebda magħmudija, Ikla tal-Mulej.
3. Kristu għat-tieni Miġja: Ebda saċerdozju ta' Levi, Sibt (Sabbath) jew sagrifiċċji tal-annimali.

**IV. Ellen G. White kienet profetessa falza:**

**Kolossin 2:18,**

"*Tħallu 'l ħadd min jisirqilkom il-premju billi…**jimla rasu** (rasha) **bil-viżjonijiet** li hu (hi) ra,…minfugħ mill-frugħa ta' moħħ (ta' Ellen White) tal-ġisem.*"

# L-EWWEL JUM TAL-ĠIMGĦA
# (Atti 20:7; 1 Korintin 16:1-2)
# (Parti 17)

Aħna qegħdin ngħixu meta l-Ħadd, l-ewwel jum tal-ġimgħa, qiegħed jiġi mħares aktar bħala sempliċiment ġurnata oħra tal-ġimgħa. Ukoll ħafna denominazzjonijiet (bħall-Knisja Kattolika) bis-servizzi tal-qima każwali tagħhom tas-Sibt fil-għaxija naqqsu l-importanza ta' dan il-jum. Imma f'dan l-istudju jiena rrid nenfasizza fuq l-imħuħ tagħna s-sinjifikat ta' dan il-jum.

## DAN HU L-JUM ATTWALI

Waqt li xettiċi jistgħu jippruvaw biex jargumentaw, "Kif aħna nafu li dan hu l-ewwel jum attwali tal-ġimgħa? Ma setgħax il-kalendarju kien imbabas matul is-sekli?" Fi tweġiba, fit-Testment il-Qadim Alla strieħ fis-seba' jum (Ġenesi 2:1-3), wara s-sitt ijiem tal-ħolqien. Imma eluf ta' snin wara, is-seba' jum kien għadu s-seba' jum attwali (Eżodu 20:9-11). Jekk is-Sibt kien għadu s-Sibt, immoru lura miż-żmien ta' Ġesù għall-ġimgħa attwali tal-ħolqien, allura ovvjament, il-Ħadd għadu l-Ħadd.

## IL-JUM TAL-QAWMIEN

Il-Kristjani tal-bidu kienu kkmandati biex jiltaqgħu:

> "*U ħa nieħdu ħsieb xulxin biex nitħeġġu fl-imħabba u fl-egħmil it-tajjeb; Bla ma nonqsu* ***li niltqgħu flimkien****, bħalma hi d-drawwa ta' x'uħud; iżda għamlu l-qalb lil xulxin: u l-aktar meta taraw riesaq il-jum*" (Lhud 10:24-25).

U l-ġurnata li fiha huma kienu jiltaqgħu kienet l-ewwel jum tal-ġimgħa:

> "*U* ***fl-ewwel jum tal-ġimgħa****, x'ħin id-dixxipli tiegħu* ***ltaqgħu flimkien*** *biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq il-għada; u kompla d-diskors tiegħu sa nofs il-lejl*" (Atti 20:7).

Ukoll dwar il-ġabra, naqraw,

> "***Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa****, kull wieħed minnkom ħa jfaddal xi ħaġa skond kif Alla tah, biex mhux meta niġi jsir il-ġbir*" (1 Korintin 16:1).

Meta huma ltaqgħu flimkien, fost ħwejjeġ oħra, huma ħadu sehem mill-Ikla tal-Mulej, (Atti 20:7; 1 Korintin 11:18, "*meta intom tiltaqgħu flimkien bħala knisja*"; 11:20 "*meta intom tiltaqgħu flimkien*"; 11:33 "*meta intom tiltaqgħu flimkien biex tieklu*") Għax din kienet il-ġurnata nfisha li fiha Ġesù kien imqajjem mill-mewt, u barra mill-qawmien Tiegħu, il-mewta Tiegħu ma jkollha ebda tifsira ta' xejn (1 Korintin 11:24-26; 15:16-17).

> "*U jekk Kristu ma qamx, fiergħa hi l-fidi tgħkom; intom għadkom fi dnubietkom*" (1 Korintin 15:17).

Minn dawn il-passaġġi naraw li l-Kristjani kienu jiltaqgħu flimkien fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa.

**Punti li wieħed għandu jinnota:**

Diversi passaġġi jistgħu jintużaw biex jagħtu prova li Ġesù kien imqajjem fl-ewwel jum tal-ġimgħa:

1. Waqt li aħna nafu lin-nisa ġew fil-qabar ta' Ġesù wara l-jum tas-Sibt (Sabbath) u fl-ewwel jum tal-ġimgħa (Mattew 28:1; Mark 16:1-2), Mark ikompli jinnota,

   "*Issa meta Ġesù qam kmieni* ***fl-ewwel jum tal-ġimgħa****, deher l-ewwel lil Marija Maddalena, li minnha kien ħareġ seba' demonji*" (Mark 16:9).

2. F'Luqa kapitlu 24, Luqa jinnota li ċerti nisa ġew fil-qabar kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

   "*Issa* ***fl-ewwel jum tal-ġimgħa****, kmieni ħafna filgħodu, ġew ħdejn il-qabar, u ġiebu l-ħwawar li kienu hejjew, u x'uħud oħra magħhom*" (Luqa 24:1).

   Fl-istess jum eżatt, żewġ dixxipli marru Għemmaws, fejn naqraw,

   "*U, ara, tnejn minhom dak in-nhar stess marru f'raħal jismu Għemmaws, li kien bgħid minn Ġerusalemm madwar sittin stadju*" (Luqa 24:13).

   Kif huma vvjaġġaw, il-Mulej issieħeb magħhom, li huma qalulu,

   "*Imma aħna konna nittamaw li kellu jkun hu li jeħles lil Iżrael: u wara dan kollu, illum* ***it-tielet jum*** *minn meta saru dawn il-ħwejjeġ*" (Luqa 24:21).

   "*Dawn il-ħwejjeġ*" jirreferi lura għall-kundanna u l-kurċifissjoni Tiegħu (24:20). Għalhekk, skond għal dawn id-dixxipli, l-ewwel jum tal-ġimgħa kien it-tielet jum mill-kurċifissjoni. Bosta drab Ġesù qal li Hu kien se jqum fit-tielet jum:

   "*Minn dak iż-żmien beda Ġesù juri lid-dixxipli tiegħu, kif jaħtieġlu jmur Ġerusalemm, u jbati ħafna ħwejjeġ mix-xjuħ u mill-qassisin il-kbar u l-iskribi, u jinqatel,* ***u fit-tielet jum iqum***" (Mattew 16:21).

   Il-kelma Griega hija *parasheue* u din hija l-istess kelma li l-Griegi moderni jużaw illum għall-ġurnata li aħna nsejħula l-Ġimgħa. Din kienet l-ewwel jum ta' dik l-istqarrija tat-tlitt ijiem. It-tieni jum kien is-Sibt (Sabbath). In-nisa u oħrajn straħu f'dak il-jum, u għalhekk huma ġew ħdejn il-qabar fl-ewwel jum tal-ġimgħa biex jispiċċaw il-proċess tad-difna. It-tielet jum għalhekk kellu jkun kmieni l-Ħadd filgħodu.

3. Xi wħud jinsabu b'mod żbaljat taħt l-impressjoni li Ġesù kellu jkun fil-qabar tlitt ijiem ta' 24 siegħa sħaħ. Imma nnota kif Ġesù uża l-espressjoni f'Luqa 13:32,

   "*…Ara, jien noħroġ id-demonji, u nagħti l-fejqan illum u għada, u fit-tielet jum nintemm.*"

   F'dan il-vers, it-tielet jum huwa sempliċiment il-jum wara għada. Ġesù kien imsallab u mqiegħed fil-qabar il-Ġimgħa, il-jum wara l-għada (is-Sibt) kellu jkun il-Ħadd. Innota wkoll 1 Samwel 20:12,

   "*U Ġonatan qal lil David: Il-Mulej, Alla ta' Iżrael, jixhed! Meta nistħarreġ lil missieri* ***għada, jew pitgħada****, u nara li tajjeb għal David, ma nibgħatx jien dak il-ħin u ngħarrfek?*"

**Atti 27:18-19**,

*"U billi tkabarna wisq bit-tempesta,* ***il-għada*** *ħaffew il-ġifen. U* ***fit-tielet jum*** *b'idejna stess irmejna it-tagħmir tal-ġifen."*

Meta aħna niġu flimkien u nagħtu qima, ħalli nkunu mpressjonati li dan huwa l-jum attwali tal-ġimgħa li fih Ġesù kien imqajjem! Għalhekk, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa huwa l-anniversarju tal-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu. Biċ-ċar, dan għandu jkun raġuni waħda għaliex l-Ikla tal-Mulej għandha tkun osservata kull l-ewwel jum tal-ġimgħa. Innota dan li ġej:

**L-Istess Kmandi Mogħtija lil Kull Kongregazzjoni: 1 Korintin 14:33, 37**

*"Għax Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem, bħalma fil-knejjes kollha tal-qaddisin….Jekk xi ħadd jaħseb li hu profeta, jew bniedem spiritwali, ħa jagħraf sewwa li dawk il-ħwejjeġ li niktbilkom huma kmandamenti tal-Mulej."*

***"Kull l-Ewwel Jum tal-Ġimgħa"*****:**

Il-Kristjani ltaqgħu flimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa biex jikkontribwixxu: 1 Korintin 16:1-2,

*"Issa fuq il-ġbir għall-qaddisin, agħmlu intom ukoll kif ordnajt jien lill-knejjes ta' Galatja.* ***Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa****, kull wieħed minn-kom ħa jfaddal xi ħaġa skond kif Alla tah, biex mhux meta niġi jsir il-ġbir."*

Il-Kristjani ltaqgħu flimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa biex jieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej: Atti 20:7,

*"U* ***fl-ewwel jum tal-ġimgħa****, x'ħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq* ***il-għada****; u kompla d-diskors tiegħu* ***sa nofs il-lejl****."*

## PROFEZIJI TAT-TESTMENT IL-QADIM IMWETTQA

Atti 2:1,

*"U meta wasal* ***jum il-Pentekoste****, kienu kollha b'fehma waħda, f'post wieħed."*

Il-kelma "Pentekoste" fil-Grieg tissinjifka l-ħamsin parti ta' ħaġa, jew il-ħamsin fl-ordni. Din il-festa kienet imsejħa l-"festa tal-ġimgħat" fit-Testment il-Qadim, minħabba s-seba' ġimgħat li kienu mdaħħla bejna u l-Għid, fl-Ingliż imsejħa "Passover." Din kienet imsejħa wkoll "festa tal-ħsad," minħabba li l-ħsad tal-qamħ kien jiġri fl-intervall tal-ħamsin jum. Wara li l-lingwa Griega saret magħrufa fil-Palestina, f'konsegwenza tal-konkwista tal-Asja u s-Sirja, din ħadet l-isem Pente-koste (il-ħamsin), għaliex din kienet il-ħamsin jum wara s-Sibt (Sabbath) tal-għid (Passover): Naqraw f'Levitku 23:16,

*"Sa l-għada tas-seba' Sibt, tgħoddu hekk ħamsin jum, imbagħad toffru lill-Mulej offerta ġdida tal-qamħ."*

Il-kelma "Sibt" (Sabbath) f'dan it-test ovvjament tirreferi għal Sibt (Sabbath) ta' kull ġimgħa, u l-jum wara s-Sibt (Sabbath) ikun il-Ħadd. Għalhekk, Pentekoste dejjem jaqa' fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Aħna neħtieġu li nkunu impressjonati bil-fatt li kull

Ħadd huwa l-anniversarju għall-jum, ta' meta ħafna mill-profeziji kbar fit-Testment il-Qadim kienu mwettqa.

**Skrittura – Deskrizzjoni – Twettiq**
Isaija 2:2 – "l-aħħar jiem" – Atti 2:16-17

"dar il-Mulej tkun" – Atti 2:47

"imwaqqfa" – 1 Timtoju 3:15

"il-ġnus kollha jiġru lejha" – Atti 2:5

"minn Sijon toħroġ il-liġi" – Mark 16:16/Atti 2:38

Ġoel 2:28-32 – "insawwab l-ispirtu tiegħi" – Atti 2:1-4

"kull min isejjaħ isem" – Atti 2:21/37-38

"il-Mulej isalva"

2 Samwel 7:12 – "Meta David hu mejjet u midfun – Atti 3:29

"Alla jwaqqaf is-saltna tad-dixxendenti ta' David"

Danjel 2:44 – "Alla tas-sema jwaqqaf – 2:47/Kolossin 1:12-14

Saltna li qatt ma titwaqqa'"

Ġeremija 31:31-34 – Il-Patt il-Ġdid – Atti 2:38

Maħfra tad-Dnubiet

Luqa 1:31-33 – "Il-Mulej Alla jagħtih – Atti 2:30/Efesin 1:20-23

It-tron ta' missieru David"

Mattew 16:18 – "Jiena nibni l-knisja Tiegħi" – Atti 2:47

Mattew 16:19 – "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas- – Atti 2:14

Saltna"

Mark 9:1 – L-appostli jaraw is-saltna – Atti 2:1-4

ta' Alla ġejja bil-qawwa."

L-ewwel jum tal-ġimgħa huwa l-jum li fih is-Saltna mwiegħda tal-Messija, jew il-Knisja kienet imwaqqfa. Kien il-jum li fih il-maħfra tad-dnubiet kienet imħabbra għall-ewwel darba f'realtà attwali, il-jum li fih l-ewwel persuni kkonvertew fih għal Kristu, il-jum li fih l-ewwel priedka tal-Eva-nġelju kienet ippridkatat, il-jum li fih l-Ispirtu s-Santu ġie fuq l-appostli u beda jiggwidahom fil-verità kollha, il-jum li fih kien imħabbar għall-ewwel darba li Ġesù kien qiegħed bil-qiegħda u jaħkem fuq it-tron ta' David/Alla, il-jum li fih il-kummissjoni l-kbira bdiet, li fih il-magħmudija kienet ippridkata għall-ewwel darba tkun meħtieġa għall-maħfra tad-dnubiet (Mark 16:16). Kien il-jum li fih l-appostli bdew jagħtu x-xhieda tagħhom dwar dak li kienu raw u semgħu li Ġesù kien imqajjem mill-mewt (Atti 1:8). Dan hu l-jum li fih il-Kristjaneżmu beda tassew. Kien sewwasew f'dan il-jum tal-ġimgħa, l-appostli l-ewwel ippridkaw il-mewt, id-difna u l-qawmien ta' Ġesù Kristu! Mhux ta' skantament li snin wara l-appostlu Ġwanni ddeskriva dan il-jum tal-ġimgħa bħala li kien,

"*Jum il-Mulej*" (Rivelazzjoni 1:10).

Mhux ta' skantament li Alla warrab fil-ġenb il-jum tas-Sibt (Sabbath; Kolossin 2:14-16; Lhud 8:13—9:4), li kien il-jum ta' qima fit-Testment il-Qadim. Waqt li s-Sibt (Sabbath) kien tifkira tal-kumplament fit-tmiem tal-ġimgħa tal-ħolqien (Eżodu 20:8-11) u tifkira tal-jasar Eġizzjan (Dewteronomju 5:13-15). L-ewwel jum tal-ġimgħa huwa tifkira ta' ġrajjiet wisq akbar, speċjalment, il-qawmien ta' Ġesù Kristu. Mingħajr il-qawmien, ħadd minna ma jista' jkun salvat. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna, u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna*" (Rumani 4:25).

## KRISTJANI TAL-BIDU

**Is-sinjifikat tal-ewwel jum tal-ġimgħa (il-Ħadd) fit-Testment il-Ġdid għall-Kristjani.**

L-ewwel jum tal-ġimgħa huwa l-jum li fih il-Kristjani tal-bidu kienu jiltaqgħu u jagħtu qima lil Alla

> "*U **fl-ewwel jum tal-ġimgħa**, x'ħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq **il-għada**; u kompla d-diskors tiegħu **sa nofs il-lejl***" (Atti 20:7).

> "*Issa fuq il-ġbir għall-qaddisin, agħmlu intom ukoll kif ordnajt jien lill-knejjes ta' Galatja. **Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa**, kull wieħed minnkom ħa jfaddal xi ħaġa skond kif Alla tah, biex mhux meta niġi jsir il-ġbir*" (1 Korintin 16:1-2).

**Punti li wieħed għandu jinnota:**

Xi wħud ippruvaw biex jimminaw il-passaġġi ta' fuq. L-ewwel, huwa argumentat li l-ġbir fl-ittra lill-Korintin kien ġbir privat li sar fid-dar. Imma jekk dan kien privat, għaliex ma kienx kull jum tajjeb? It-tieni, jekk dan kien privat huma xorta eventwalment ikollhom jiġbruh, imma Pawlu qiegħed jagħti dawn l-istruzzjonijiet għall-iskop espress ta' li jevità ġabra bħal din,

> "*biex mhux meta niġi jsir il-ġbir*" (1 Korintin 16:2).

Għalhekk din kienet ġabra pubblika, din kienet magħmula kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, għaliex kull l-ewwel jum tal-ġimgħa l-Kristjani kienu jinġabru għall-qima. Diversi attentati huma magħmula biex iġibu fix-xejn it-tagħlim ċar ta' Atti 20:7:

1. Attentat bħal dan jgħallem li l-qsim tal-ħobż f'vers 7 huwa sempliċiment ikla komuni. Kien se jdum Pawlu fi Troas għal sebat ijiem, sempliċiment biex jiekol ikla oħra, speċjalment meta naraw li kien imgħaġġel biex imur lura f'Ġerusalemm? (Atti 20:6, 16).
2. Huwa argumentat li billi Pawlu ppridka sa nofs il-lejl, li l-Ikla tal-Mulej kienet attwalment osservata t-Tnejn fil-għodu minflok fil-Ħadd. Attwalment Pawlu u l-Kristjani hawn osservaw l-Ikla tal-Mulej fl-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7), wara li ppriedka sa nofs il-lejl (b'xi interruzzjonijiet), Pawlu kiel xi ħaġa qabel ma telaq (Atti 20:11).

L-ewwel jum tal-ġimgħa huwa tifkira ta' kull ġimgħa tal-qawmien tal-Mulej. Waqt li l-Ikla tal-Mulej hija tifkira tal-mewt tal-Mulej, l-ewwel jum tal-ġimgħa hu tifkira ta' kull ġimgħa tal-qawmien ta' Kristu! Jintqal lilna, biex ma niftakrux it-twelid ta' Kristu fil-25 ta' Diċembru, imma l-mewt Tiegħu kull Ħadd permezz tat-tqarbin billi

nieħdu l-ħobż li jirrappreżenta l-ġisem ta' Ġesù u nixorbu l-inbid li jirrappreżenta d-demm ta' Ġesù. Jintqal lilna biex ma niftakrux il-qawmien ta' Kristu darba fis-sena "fl' Għid", imma kull Ħadd, fl-anniversarju tal-qawmien Tiegħu!

Il-Ħadd huwa t-tifkira ta' kull ġimgħa tal-ħolqien ġdid u l-ħelsien tagħna mid-dnub. Athanasius kiteb fis-sena 345 W.K. "Is-Sabbath kien it-tmiem tal-ewwel ħolqien, il-jum tal-Mulej kien il-bidu tat-tieni, li fih Hu ġedded u rrestawra l-qadim fl-istess mod kif Hu ppreskriva li huma kellhom qabel josservaw is-Sabbath bħala tifkira tat-tmiem tal-ewwel ħwejjeġ, hekk aħna nonoraw il-jum tal-Mulej bħala li huwa t-tifkira tal-ħolqien il-ġdid" (Athanasius, On Sabbath and Circumcision 3).

**Jum il-Mulej huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-jum li fih Ġesù qam mill-mewt.**

L-istorja turi ċar li l-Kristjani dejjem iltaqgħu fl-ewwel jum u mhux fis-Sibt (Sabbath), sa lura minn żmien l-appostli (33 W.K.). Dak li hu aktar setgħan huwa li l-Kristjani tal-bidu sejħu l-ewwel jum, il-Jum tal-Mulej għaliex dan kien il-jum li fih Ġesù qam mill-mewt!

It-tifsira primarja wara l-qima fl-ewwel jum ta' Kristu, hija għaliex dan huwa l-jum li fih Ġesù qam mill-mewt. Il-Bibbja tagħllem ċar li Ġesù kien imsallab il-Ġimgħa u qam fl-ewwel jum. Xi gruppi Sabbatarjani, jippruvaw ibabsu fil-ġranet biex jgħallmu li Ġesù kien imsallab l-Erbgħa u mqajjem is-Sibt, imma kif diġà rajna aktar qabel, il-Bibbja u l-istorja juru mod ieħor!

Il-Ħadd mhuwiex "is-Sabbath Kristjan"! Xi knejjes jgħallmu li l-Ħadd huwa s-Sabbath u l-qima fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Dawn il-knejjes qegħdin jagħmlu l-ħaġa t-tajba għar-raġuni l-ħażina, u s-Sabbatarjani jipprofittaw ruħhom mill-konfużjoni dottrinali.

# SEMPLIĊIMENT IL-FATTI FUQ IL-FREKWENZA TAL-IKLA TAL-MULEJ
# (Parti 18)
# (Atti 20:7; 1 Korintin 16:1-2)

Nies jistaqsuna għaliex aħna nieħdu l-Ikla tal-Mulej kull nhar ta' Ħadd. X'inhuma *l-fatti* storiċi u Bibliċi li jagħmlu din il-prattika aktar raġjunevoli minn xi proposta oħra?

**Għalfejn Nistudjaw is-Suġġett?**

La l-kittieba tat-Testment il-Ġdid u lanqas dawn fil-knisja tal-bidu attwalment ma ddiskutew dan is-suġġett. Dan ma kienx suġġett għad-diskussjoni. Dak hekk kien **f'dak iż-żmien**. L-istess bħal mal-magħmudija bl-immersjoni, il-prattika kienet f'postha u ma kinetx mibdula. Imma **issa** bidla fil-prattika oriġinali teżisti. Billi aħna għandna obbligazzjoni biex inkunu sodi fit-tradizzjonijiet appostoliċi (2 Tessalonikin 2:15), il-"frekwenza" ssir suġġett ta' argument permezz tan-natura nfisha tal-każ.

**X'Inhuma l-Fatti Fuq Dan is-Suġġett?**

*1. Fatti storiċi barra mit-Testment il-Ġdid*

Il-kitba ta' Kristjani minn tal-bidu barra mit-Testment il-Ġdid tagħti prova illi li tieħu l-Ikla tal-Mulej kull jum tal-Ħadd kienet prattika *konsistenti* tal-knejjes minn żmien l-appostli 'l quddiem għal bosta sekli. Din kienet "marka li tidentifika" tal-Kristjaneżmu. (*International Standard Bible Encyclopedia*, Vol. 3, p. 1923; *The New Schaff-Herzog Encyclopedia of Religious Knowledge*, Vol. 4, p. 198; *Wycliff Bible Encyclopedia*, Vol. 2, p. 1049; *early Christians Speak*, Everett Ferguson, p. 97).

Il-fatt li din kienet prattika ***unifikata u konsistenti*** biċ-ċar juri lura għal tagħlim ***magħruf u stabbilit mil-liġi*** li jikkonċerna l-osservanza tagħha għaliex jekk dan ma kienx il-każ, aktar diversità fil-prattika tkun osservata.

Fil-kitba ta' dawn il-Kristjani tal-bidu, l-*appostli* huma mħarsa għal tagħlim awtorevoli fuq twemmin u prattika Kristjana (*Paley's Evidences of Christianity*, p. 113-151). Għalehkk, *mhuwiex probabbli* li xi ħadd ħlief l-appostli jagħti stuzzjonijiet awtorevoli dwar kif u meta l-Ikla tal-Mulej għandha tkun osservata. Struzzjonijiet appostoliċi għandhom iġorru piż konsiderevoli fil-moħħ tal-Kristjani llum, l-istess kif għamlu dak iż-żmien, u r-raġuni hija:

> "*Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, imexxikom fil-verità kollha; għax hu ma jtkellimx minnu nnifsu; iżda dak kollu li jisma', dak jgħid hu: u jgħarrfilkom x'għandu jiġi*" (Ġwanni 16:13).

*2. Fatti tat-Testment il-Ġdid*

L-osservanza tal-Ikla tal-Mulej kienet *ħaġa importanti għal Ġesù* (Luqa 22:19). Hu ried lil l-*appostli* biex jgħallmu lid-dixxipli ġodda *kif huma għandhom josservaw* dak kollu li Hu kien għallimhom (Mattew 28: 20). Dan kien jinkludi l-Ikla tal-Mulej (1 Korintin 11:23-25). U *mill-bidunett* l-appostli għallmu lill-knisja l-ġdida dwar l-Ikla tal-Mulej (Ara Atti 2:42 kif l-Ikla tal-Mulej hija magħmula f'kuntrast ma' sempliċiment tieħu l-ikel f'kapitlu 2, vers 46). F'Korintu, il-knisja ltaqgħet regolarment fl-ewwel jum tal-ġimgħa (1 Korintin 16:1-2). *Meta* huma ltaqgħu dan kien biex jieħdu l-Ikla tal-Mulej (1 Korintin 11:20). Il-fatt li l-istruzzjonijiet lill-Korintin fl-1

Korintin 16:1 huma wkoll għall-knejjes fil-Galatja, jagħmilha evidenti li huma segwew l-istess prattika. U meta **wieħed iħares lejn il-fatti storiċi** mniżżla fil-lista fuq (#1), huwa ċar li lkoll kienu qegħdin isegwu l-istess prattika! Dan jista' jintqal ukoll għal-laqgħat flimkien fi Troas fl-ewwel jum tal-ġimgħa. (Agħmel kuntrast ta' Atti 20:7 ma' fejn Pawlu sempliċiment jieħu ikel għall-vjaġġ tiegħu f'Atti 20:11.)

*3. Il-prattika żżomm fatti tal-Evanġelju quddiem il-knisja fuq bażi regolari*

Il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù huma ħwejjeġ ta' "l-ewwel importanza" (1 Korintin 15:1-5) u Ġesù għamilhom parti ċentrali tat-tagħlim Tiegħu (Mattew 16:21; Luqa 24:26). Il-maħfra nfisha tagħna hi marbuta mal-mewt u l-qawmien tiegħu (Rumani 4:25; 1 Korintin 15:17). Dawn iż-żewġ affarijiet huma *marbutin flimkien*. Għalhekk, li tieħu l-Ikla tal-Mulej f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa (il-jum tal-qawmien, Luqa 24:1-21; Rivelazzjoni 1:10) *jorbot flimkien f'tifkira* dawk il-ħwejjeġ *li huma marbutin flimkien fir-realtà*. Il-prattika hija *mfassla* biex tgħallem ir-raġuni prinċipali għall-eżistenza ta' "l-imsejħin" (1 Korintin 10:14-22).

Li tieħu l-Ikla tal-Mulej f'xi jum ieħor jeqred it-tfassil tal-prattika billi *ma* tirriflettix il-ġrajjiet tal-Evanġelju. (Ukoll għalkemm Ġesù waqqaf l-Ikla tal-Mulej fil-lejl tal-Ħamis huwa interessanti li din il-ġurnata ma kinetx magħżula bħala l-ġurnata tal-osservanza imma "l-jum tal-qawmien" minflok.)

Billi "l-mewt u l-qawmien" ta' Kristu huma ħwejjeġ ta' "l-ewwel importanza," it-tifsira tagħhom għandha tkun meqjusa minn dawk kollha miġbura għal-laqgħa ta' qima lil Mulej (1 Korintin 14:27). Dawn m'għandhomx ikunu minsija. Tqarbin ta' kull ġimgħa biss jista' jeffettwa dan.

## KONKLUŻJONI ĠENERALI TAL-FATTI

Il-piż tal-evidenza juri ċar li tqarbin ta' kull ġimgħa hu ta' *oriġini appostolika* u għandu *tifsil prattiku* għall-ħajja spiritwali tal-knisja. *Ebda arranġament ieħor* ma jista' jwassal dak li din il-prattika tista'.

**Applikazzjoni**

1. Huwa *żball* li tikklassifika l-frekwenza tal-Ikla tal-Mulej bi ħwejjeġ mhux obligatorji bħall-kulur taż-żebgħa li tuża, ix-xorta ta' kant li tkanta jew kemm kontenituri jew tazzi tuża f'li sservi l-frott tad-dielja. Xi ħaġa aktar minn "sempliċiment għażla personali" hija evidenti mill-fatti ta' fuq.
2. Il-prattika kienet *"marka li tiddentifika" ta' knejjes fidili* sa mill-bidu. Hemm xi raġuni oħra għaliex din ma tkunx hekk issa?
3. Aħna neħtieġu li niffokaw **aktar** fuq "x'inhu għaddej" meta l-Ikla tal-Mulej tkun qed tiġi servuta. Din mhijiex "sempliċiment xi ħaġa li tagħmel," imma hija mfassla biex tagħmilna tassew nikkunsidraw il-pożizzjoni tagħna quddiem Alla u noffru ringrazzjament.

# IŻ-ŻMIEN TA' JUM IL-MULEJ
# (Parti 19)

Il-liġi tas-Sibt (Sabbath) tgħallem li l-bniedem għandu jqaddes lill-Mulej ġurnata waħda sħiħa f'sebgħa. Mistoqsija li teħtieġ tweġiba hija: "Meta l-jum tal-Kristjan jibda?" Xi wħud jargumentaw li l-jum Kristjan jibda s-Sibt fil-għaxija, waqt li oħrajn jargumentaw li dan huwa minn nofs il-lejl tas-Sibt sa nofs il-lejl tal-Ħadd. Dawk li jargumentaw li dan huwa minn għaxija għal għaxija (jiġifieri, minn inżul ix-xemx sa nżul ix-xemx) juru għas-Sibtijiet ċerimonjali Lhud għall-appoġġ:

> "*L-ewwel xahar, l-erbatax tax-xahar, waqt il-għabex tal-għaxija, hu għid il-Mulej*" (Levitku 32:5).

Il-kelma Ebrajka tradotta "għabex" jew "filgħaxija" letteralment tfisser "bejn il-filgħaxijiet." "It-tifsira tal-frażi hija diskussa wisq. Ħafna kummentaturi jaħsbu li din tfisser 'filgħaxija' (Dewteronomju 16:6, 'f'inżul ix-xemx'), jew aktar preċiż, il-perjodu bejn inżul ix-xemx u dlam komplut. Il-veduta ortodossa Lhudija hi li din tfisser 'bejn nofs in-nhar u nżul ix-xemx,' u din hija appoġġjata…għar-raġunijiet li kien ikun impossibbli li toqtol il-ħrief kollha tal-għid fit-tempju bejn l-inżul ix-xemx u d-dlam. Fiż-żmien tat-Testment il-Ġdid is-sagrifiċċju tal-għid kien jibda madwar it-tlieta ta' wara nofs in-nhar." (G.J. Wehnham, *The Book of Levitcus*, 1979), p. 302. Passaġġ li jista' jkun ta' għajnuna f'li nidefinixxu l-bidu tas-sibt (Sabbath) tat-Testment il-Qadim huwa Dewteronomju 23:11,

> "*U meta jasal filgħaxija, jinħasel bl-ilma: u meta tinżel ix-xemx, jarġa' jidħol.*"

"Filgħaxija" apparentament hija mqiegħda f'parallel ma' nżul ix-xemx. Jekk il-Lhud tal-antik kellhom żewġ filgħaxijiet, wieħed jibda fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar u ieħor fis-sitta ta' wara nofs in-nhar jew f'inżul ix-xemx (kif xi skulari jsostnu), allura dan il-pas-saġġ jista' jfisser "fl-ewwel għaxija" (fit-tlieta ta' fil-għaxija) aħsel lilek innifsek bl-ilma, imbagħad meta tinżel ix-xemx (it-tieni għaxija) erġa' idħol fil-kamp." Lee jargumen-ta lis-sibtijiet (Sabbaths) ċerimonjali Lhud kienu minn inżul ix-xemx sa nżul ix-xemx, imma s-sabbath tas-seba' jum kien minn fil-għodu sa fil-għodu (op. cit., pp. 72-75). Hemm xhieda storika qawwija li l-Lhud iċċelebraw is-Sabbath *ta' kull ġimgħa* minn filgħaxija għal filgħaxija, mhux minn fil-għodu għal fil-għodu. Edersheim jikteb, "u issa s-Sabbath ta' kull ġimgħa, il-ħalfa bejn Iżrael u Alla, kien għal darb'oħra ġie. Biex jilqugħ bħala għarusa jew reġina, kull dar kienet imżejna fil-Ġimgħa filgħaxija. Il-lampa tas-Sabbath kienet tkun mixgħula; l-ilbies tal-festa kien jintlibes; il-mejda pprovduta bl-aħjar li l-familja kienet tista' taffordja; u l-*Qiddush*, jew il-benedizzjoni, imlissna fuq it-tazza tal-inbid, li, bħal dejjem, kienet imħallta bl-ilma…" (2:437). Ir-ritwal tal-Qiddush (jew Kiddush) jissinjifika l-qdusija tas-Sabbath; din hija rreċtata fi djar u sinagogi Lhud fil-bidu tas-Sabbath (jiġifieri, l-Ġimgħa filgħaxija). Ix-xhieda għal Sabbath tal-patt il-qadim ta' filgħaxija għal filgħaxija hija qawwija mhux ħażin (Levitku 23:32; Eżodu 12:6; 30:8). Hendriksen jemmen lis-Sabbath Lhudi kien jibda fis-sitta l-Ġimgħa filgħaxija: "Skont il-mod antik Lhudi kif titkellem, kien hemm 'żewġ għaxijiet' (Eżodu 12:6 fl-oriġinal). L-ewwel 'għaxija' li aħna sejrin insejħulha 'wara nofs in-nhar' bdiet fit-tliet ta' wara nofs in-nhar, it-tieni fis-sitta ta' filgħaxija. Xi ħaġa minn dan hija rriflettuta fil-frażi 'X'ħin sar filgħaxija,' għaliex aħna ma nistgħux nimmaġinaw li Ġużeppi ta' Arimatija, Lhudi, kien sejjer javviċina lil Pilatu fil-Ġimgħa, fis-sitta ta'

fil-għaxija, jitlob għall-ġisem ta' Ġesù [Mattew 27:57] meta s-Sibt (Sabbath) kien qiegħed jibda." (1973, p. 979.)

Għalkemm is-Sabbath Lhudi kien probabbilment minn għaxija għal għaxija (jew minn inżul ix-xemx għall-inżul ix-xemx), il-passaġġi fit-Testment il-Ġdid li jiddiskutu l-jum tal-Mulej (il-jum li ħa post is-Sibt jew Sabbath tal-patt il-qadim) juru għal osservanza ta' minn nofs il-lejl għal nofs il-lejl. Passaġġ li jindika li l-appostli ispirati ma żammewx aktar għas-sistema l-antika tas-sabbath minn inżul ix-xemx sa nżul ix-xemx huwa Ġwanni 20:19,

> "*Imbagħad, dak in-nhar stess fil-għaxija, li kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, meta l-bibien ta' fejn kienu miġmugħin id-dixxipli kienu magħluqin minħabba l-biża' tal-Lhud, ġie Ġesù u qagħad fin-nofs, u qalilhom: Issliem għalikom.*"

Ġwanni hawn hu speċifiku ħafna f'li jinnota li din il-ġrajja ġrat fl-ewwel jum tal-ġimgħa. "Dak in-nhar stess" kien ikun biżżejjed, madankollu, Ġwanni jżid, 'l-ewwel jum tal-ġimgħa.'" (R.C.H. Lenski, 1943. p. 1364.) "Kien filgħaxija. Fid-dawl ta' Luqa 24:29, 33, 36 aħna għandna dritt biex nikkonkludu li ma kienx aktar *kmieni* filgħaxija meta l-ġrajja l-kbira rreġistrata fil-paragrafu preżenti saret. Kif il-Lhud jikkalkulaw il-jiem, ma kienx għadu aktar l-ewwel jum tal-ġimgħa. Imma Ġwanni, għalkemm Lhudi, qiegħed jikteb wisq aktar wara minn Mattew u Mark, u ma jidhirx li qiegħed jinteressa lilu nnifsu maż-żamma Lhudija taż-żmien tal-ħin." (Hendrikse, *John*, p. 458.) Huwa wisq sinjifikanti li Ġwanni jenfasizza lid-dixxipli nġabru fl-ewwel jum tal-ġimgħa, madankollu jirreġistra wkoll li kien fil-għaxija, għaliex jekk il-knisja appostolika kienet iżomm sabbath ta' nżul ix-xemx sa nżul ix-xemx, allura Ġwanni ma kienx iqis il-jum bħala l-ewwel jum tal-ġimgħa, imma bħala t-tieni jum. Hemm mela, ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għal Ġwanni biex jenfasizza l-ħin (jew il-ġurnata), għax waqt lit-Testment il-Ġdid spiss jenfasizza u jifred għalih waħdu l-ewwel jum (Mattew 28:1; Mark 16:2; Luqa 24:1; Ġwanni 1, 19, 26; Atti 20:7; 1 Korintin 16:2; Rivelazzjoni 1:10), it-tieni jum ma jżomm ebda sinjifikat ta' xejn.

Passaġġ ieħor li jindika li l-knisja appostolika kie-net warrbet is-sibt (sabbath) ta' minn inżul ix-xemx sa nżul ix-xemx għal dak ta' nofs il-lejl sa nofs il-lejl (Ġwanni 20:1 ineħħi barra sabbath ta' sebħ għal sebħ, għax Marija Maddalena ġiet fil-qabar ta' Ġesù "fl-ewwel jum tal-ġimgħa...*meta kien għadu d-dlam.*") Huwa Atti 20:7,

> "*U fl-ewwel jum tal-ġimgħa, x'ħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq il-għada; u kompla d-diskors tiegħu sa nofs il-lejl.*"

Luqa hawn jiddeskrivi servizz tal-knisja li ġara fl-ewwel jum tal-ġimgħa (il-Ħadd), madankollu jgħid b'mod speċifiku ħafna li Pawlu spiċċa l-messaġġ tiegħu sa nofs il-lejl. Jekk il-knisja Kristjana segwiet il-prattika tas-sinagoga Lhudija, allura Pawlu kien jikkonkludi l-mesaġġ tiegħu qabel inżul ix-xemx fil-Ħadd, u mhux tard filgħaxija. "Ċertament, wieħed jistenna demarkazzjoni ta' nofs il-lejl għal nofs il-lejl, mhux biss fid-dawl tal-partikularitajiet li jdawwru l-Ħadd tal-Qawmien, imma speċjalment nikkonsidraw li Troas kienet kolonja Rumana li kellha l-*Jus Italicum* u li għal-hekk ċertament segwiet id-demarkazzjoni Rumana ta' nofs il-lejl bħala kolonja. Huwa ċar li kongregazzjoni fi Troas iltaqgħet matul il-lejl wara nżul ix-xemx, għax:

"*kien hemm ħafna msiebaħ fil-kamra ta' fuq, fejn kienu miġmugħin flimkien*" (Atti 20:8).

Naraw li "d-dixxipli ġew flimkien biex jaqsmu l-ħobż' fil-'kamra ta' fuq,' u naraw li ma hemm ebda waqt hu x'inhu fl-Iskrittura ta' xi laqgħat reliġjużi fil-lejl tas-Sibt wara nżul ix-xemx, huwa raġjunevolament ċert lid-dixxipli fi Troas inġabru flimkien fil-Ħadd filgħaxija jista' jkun ukoll qabel u ċertament wara nżul ix-xemx, ukoll kif il-Mulej li rxoxta kien deher lid-dixxipli Tiegħu ta' Għemmaws fil-Ħadd tal-Qawmien Tiegħu u qasam il-ħobż magħhom f'tard wara nofs in-nar, u ħafna wara nżul ix-xemx ta' 'l-istess jum fil-għaxija, (għadu) ikun l-ewwel jum tal-ġimgħa,' kien iltaqa' mad-dixxipli ta' Ġerusalemm fil-kamra ta' fuq." (Lee, pp. 221-22.) Dak li huwa pertikolarment interessanti huwa l-fatt li Kristu apparentament uża s-sistema Rumana tad-demarkazzjoni tal-jum ta' nofs il-lejl għal nofs il-lejl meta tkellem dwar li Hu kien midfun tlitt ijiem u tlitt iljieli. Jekk inqisu 't-tlitt ijiem' bħala l-Ġimgħa, is-Sibt,u l-Ħadd, huwa ċar li Kristu kien 'fil-qalba tal-art' f'part mill-Ġimgħa kif ukoll f'parti mill-Ħadd. Imma billi Hu ma kienx midfun qabel il-Ġimgħa *filgħaxija* [Mattew 27:57-60], jidher ċar lit-tmiem ta' kull waħda mit-tlitt ijiem ma jgħaddix minn filgħaxija għal filgħaxija [kif il-Lhud u l-Avventisti tas-Seba' Jum jallegaw], imma minn punt bejn l-għaxija u s-sebħ—probabbilment nofs il-lejl—għall-punt li jikk-orrispondi erbgħa u għoxrin siegħa wara. It-'tlitt ijiem u tlitt iljieli fil-qalba tal-art' ta' Mattew 12:40, eċċ. għandhom ikunu mela: inżul ix-xemx fil-Ġimgħa sa nofs il-lejl wara l-Ġimgħa = l-ewwel 'jum u lejl;' in-nofs il-lejl wara l-Ġimgħa san-nofs il-lejl wara s-Sibt = it-tieni 'jum u lejl;' in-nofs il-lejl wara s-Sibt għat-tlugħ ix-xemx fil-Ħadd = it-tielet 'jum u lejl;' u l-perjodu kollu fil-qabar mit-tlugħ ix-xemx fil-Ġimgħa qabel is-sebħ fil-Ħadd fil-għodu = 'tlitt ijiem u tlitt il-jieli,' liema espressjoni hija idjoma li turi perjodu ta' eżattament tlitt ijiem u tlitt iljieli (tnejn u sebgħin siegħa) JEW turi kull partijiet iqsar konsekuttivi fih, bħal bejn wieħed u ieħor it-tletin sas-sitta u tletin siegħa li matulhom Kristu kien fil-qabar" (ibid., p. 273).

Barra minn dan, huwa rreġistrat li Pawlu telaq mas-sebħ, jew mas-sebħ tal-jum *ta' wara* (Atti 20:11). Kieku Luqa kien qiegħed isegwi s-sistema ta' demark-azzjoni tal-jum ta' nżul ix-xemx sa nżul ix-xemx tal-Lhud, Pawlu kien ikun imfisser bħala li telaq "aktar tard *fl-istess* l-ewwel jum tal-ġimgħa." Imma Luqa jgħid dwar Pawlu fil-Ħadd filgħaxija li hu kien "lest biex jitlaq il-jum *ta' wara*" (jiġifieri, kmieni t-Tnejn fil-għodu mas-sebħ). Għalhekk, hemm xhieda konsi-derevoli li l-appostli ispirati abbandunaw il-metodu Lhudi ta' demarkazzjoni ta' nofs il-lejl għal nofs il-lejl. Għalkemm il-kustjoni tad-demarkazzjoni tal-jum tas-sabbath tista' tidher ta' ftit importanza, huwa importanti li l-knisja u s-soċjetà jimxu fuq l-eżempju tal-appostli ispirati. Il-Lhud huma maħsuba li jibdew kull jum, u konsegwentament is-sabbaths tagħhom, filgħaxija, f'tifkira tal-ħolqien, (Ġenesi 1:5), kif il-Kristjani ġeneralment jibdew il-jiem tagħhom ma' fil-għodu, f'tifkira tal-qawmien ta' Kristu." (Poole, 1:249.) Innota li Mosè jiddefinixxi ġurnata bħala fil-għaxija u fil-għodu:

"*U d-dawl Alla semmieh jum, u d-dlam sejjaħlu lejl. U dalam u sebaħ – l-ewwel jum*" (Ġenesi 1:5).

Ix-xogħol ta' Kristu tal-ħolqien mill-ġdid huwa tant sinjifikanti li dan mhux biss biddel is-sabbath mis-seba' jum għall-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd imma wkoll ta prijorità lil fil-għodu fuq il-filgħaxija. Dan huwa xie-raq mogħti l-fatt li Kristu kien

midfun fil-għaxija, iżda qam mill-mewt fil-għodu. Ukoll il-metodu tad-demarkazzjoni tal-jum fil-patt il-ġdid jonora lil Ġesù Kristu!

Il-jum tal-Ħadd, jum il-Mulej huwa l-jum li Alla jrid li fih aħna nagħtuh qima. Din tinvolvi predikar mill-Bibbja, qari tal-Kelma ta' Alla, kant, talb lil Alla u amministrazzjoni tal-Ikla tal-Mulej, għotja mill-mezzi ta' kull membru, smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-kant tas-Salmi. Dawk li jemmnu u jgħallmu li l-attendenza tal-knisja u l-qima pubblika mhumiex obligatorji ma jifhmux l-Iskrittura. Dawk li jistqarru lil Kristu bħala Salvatur, iżda jonqsu milli jattendu għall-qima pubblika tal-knisja tal-patt ta' Alla fil-jum tal-Mulej, il-jum speċifikament imwarrab biex jonora lil Ġesù Kristu, huma ipokriti li jagħmlu għajb lil Kristu. Il-jum tat-Testment il-Ġdid li ħa post is-sibt (Sabbath) tat-Testment il-Qadim huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa, li mingħajr ebda dubju huwa mfassal partikularment għal unur ta' Kristu, u li għandu jkun iċċelebrat bħala tifkira permanenti tal-qawmien Tiegħu mill-mewt, li permezz tiegħu Hu kien iddikjarat li Hu l-Iben ta' Alla bil-qawwa, u l-garanzija aċċettat tagħna: għax, billi miet Hu ħallas id-dejn tagħna, 'kien mogħti għall-offiżi tagħna,' għalhekk bil-qawmien Tiegħu ħa l-ħlas tad-dejn tagħna, għaliex Hu kien "imqajjem mill-ġdid għall-ġustifikazzjoni tagħna,' (Rumani 4:25). Il-promozzjoni ta' dik il-Ġebla mwarrba biex tkun ir-ras jew il-ġebla tax-xewka, kienet dak li għamlet dan il-jum ta' min josservah, (Salm 118:22, 24), u dawk li jmaqdru dan il-jum dinjituż, fl-effett għadhom qegħdin jgħaffġu fuq dik il-ġebla eżaltata. Meta Alla kien tana sitt ijiem li fihom aħna għandna nieħdu ħsieb l-affarijiet tagħna, li wieħed jonqos milli jattendi għall-qima pubblika minħabba l-irqad, negozju jew pjaċir personali dan ma jistax ikun skużabbli. L-istat tal-qlub tagħna huwa ppruvat permezz tal-azzjonijiet tagħna ta' barra (Mattew 6:16-20); li tittraskura li tonora pubblikament lil Ġesù Kristu għal xi raġuni li mhix mard jew emerġenza huwa li tagħti prova li l-imħabba u l-lealtà tiegħek lejn Kristu huma biss pretensjoni.

Alla kien ġeneruż ħafna lejn il-poplu Tiegħu f'li tah 52 ġurnata fis-sena. Meta n-nies jew knejjes iżidu l-jiem tagħhom stess (eżempju, il-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira, l-Għid, il-Kunċizzjoni, u festi oħra bħal dawn), huma jnaqqsu l-valur minn, ipinġu ikrah, u saħansitra jwarrbu l-jum tal-Mulej. Ma jqisux ħafna li jipprofes-saw li huma Kristjani l-Milied u l-Għid bħala aktar speċjali minn jum il-Mulej? Huma jgħaddu kważi x-xahar kollu ta' Diċembru jippreparaw għall-Milied, jiddekoraw id-djar tagħhom, uffiċini u knejjes; jixtru rigali, (mhux għal Ġesù Kristu li suppost li qiegħed jiġi ċċelebrat jum it-twelid Tiegħu), jippreparaw kejkijiet; jipprattikaw u jimmemorizzaw kant tal-Milied; jipprattikaw għal drammi tal-Milied, eċċ. Ma dan kollu, ħafna minn dawn in-nies ma jagħtux minuta waħda ta' ħsieb għall-preparazzjoni ta' jum il-Mulej. Ħafna huma dawk li ma jattendux għall-qima pubblika fil-jum tal-Mulej, imma qatt ma jitilfu xi okkażjoni fil-Milied jew f'xi festa oħra. Huma ħafna dawk ir-reliġjużi li jgħalqu għajnejhom għall-ksur tal-Ħadd, fornikazzjoni, adulterju, divorzju, abort, u sokor, imma jikkunsidraw lilna l-Kristjani li ma niċċelebrawx il-Milied bħala li aħna fanatiċi mqarrqa. Għaliex ħafna jħobbu l-Milied imma huma bierda dwar jum il-Mulej? Għaliex jum il-Mulej huwa l-ordinanza ta' Alla, waqt li l-Milied huwa l-ordinanza tal-bniedem. James Bannerman jikteb,

> "F'li jżommu l-aħħar jum tal-ġimgħa bħala jum ta' osservanza reliġjuża, il-Lhud, permezz tal-att innifsu, esprimew l-għarfien reliġjuż tagħhom ta' Alla, li appuntah, u għamlu att ta' qima Lilu bħala l-Awtur tiegħu, fil-

> karattru tal-Ħallieq wieħed li għamel is-sema u l-art. F'li jżommu l-ewwel jum tal-ġimgħa issa, il-Kristjani, permezz tal-att innifsu, jagħrfu lil Kristu bħala l-Feddej wieħed, li f'dak il-jum qam mill-mewt, u assigura s-salvazzjoni tal-poplu Tiegħu… U li ma jarawx, li fuq l-istess prinċipju l-osservanza ta' btajjel appuntati mill-Knisja, bħala pratijiet ordinarji u ddikjarati ta' qima Divina, hija espressjoni ta' qima reliġjuża lill-bniedem, li hu l-awtur tal-appuntament—għarfien kontra l-liġi ta' awtorità umana jew ekkleżjastika f'att ta' qima. F'li nżommu, wara xorta reliġjuża, jum li m'għandu ebda awtorità ħlief dik tal-bniedem, aħna nkunu qegħdin nagħtu qima reliġjuża lil dik l-awtorità; aħna qegħdin nittbaxxew l-isfel, fil-att innifsu tal-osservanza tagħna tal-jiem bħala parti tal-qima, mhux lil Kristu, li ma appuntahiex, imma lill-Knisja, li għamlet dan. Aħna qegħdin inżommu l-istaġun qaddis, mhux lil Alla, imma lill-bniedem." (1974, [1868]), 1:416).

Għalhekk, il-ħaġa tal-imħabba tad-dinja mal-Milied hija riġettar impliċitu tad-drittijiet tal-kuruna ta' Ġesù Kristu. Hija aċċettazzjoni ta' liġi awtonoma, ta' tradizzjoni umana, qima fiergħa. Aħna għandna nosservaw biss dawk il-ħwejjeġ ikkmandati minn Kristu li nsibuhom fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Dan hu dak li għamlu l-appostli. Huma għallmu "l-fehma koll-ha ta' Alla" (Atti 20:27). Din ma kinetx tinkludi l-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira, jew l-Għid, għaliex dawk ma kinux parti mill-ħwejjeġ ikkmandati minn Kristu. Mela, dak li jifhem 'it-tifsira vera tal-Milied' (jew tal-Ġimgħa l-kbira, jew tal-Għid, eċċ.) hu preċiżament dak li jirrealizza li dawk huma invenzjonijiet tal-bnedmin. U sabiex jonora lil Kristu bħala l-uniku Sultan u Ras tal-knisja Tiegħu, bniedem bħal dan ma josservax dawn iż-żidiet magħmula mill-bnedmin ma' dak li l-Mulej ikkmanda. Bniedem bħal dan jista' ma jkunx jaqbel ma' l-użanza popolari. Il-ħaġa importanti, iżda, hija li hu jkun jaqbel ma' Kristu u l-appostli Tiegħu. Ħalli aħna ma nnaqqsux mill-unur li jistħoqq biss lil Kristu u l-jum Tiegħu, imma nonorawh billi nżommu l-jum Tiegħu bħala eżempju għad-dinja ta' barra.

## KONKLUŻJONI

Mhuwiex aċċident lid-deklinazzjoni l-kbira tal-osservanza ta' jum il-Mulej ġrat fl-istess żmien meta n-nuqqas ta' twemmin, apostasija u ħażen daħlu fil-kulturi tagħna u ta' oħrajn. L-imħabba ta' Alla u l-jum Tiegħu jmorru id f'id. Meta l-imħabba u l-biża' lejn Alla ma jibqgħux aktar jeżistu, il-jum Tiegħu ma jkunx onorat. Jekk aħna tassew inħobbu lil Alla kif għandna nagħmlu, b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, u b'moħħna kollu, u bil-qawwa kollha, aħna ma ngħidux, meta konna qegħdin nattendu Għalih siegħa jew sagħtejn fil-qima pubblika, 'Issa żgur li għamilna biżżejjed għal-lum.' Dan mhux atteġjament ta' Kristjan veru. Imma sfortunatament, hekk isir minn xi wħud!

Jalla Alla jżid l-imħabba tagħna Lejh u b'hekk jgħinna biex inqaddsu l-jum Tiegħu kif għandna nagħmlu. Ix-xmara tar-reliġjon kollha tiġri jew fonda jew baxxa, skond kemm ix-xtut ta' jum il-Mulej ikunu miżmuma jew ittraskurati.

# AVVENTIŻMU TAS-SEBA' JUM U S- SABBATH
# (Parti 20)

Kull persuna li tkun mgħammda bħala SDA tirċievi "Ċertifikat ta' Professjoni tal-Fidid." Kull persuna li tkun mgħammda għandha tiffirma stqarrija ta' tlettax-il punt intitolata "l-Impenn Tiegħi" ("My Commitment"). Kif aħna naqraw l-ewwel ħames punti, id-"dokument jidher perfettament, fundamentalment Kristjan.

Iżda, ma' punt sitta, aħna nsibu li devjazzjonijiet (tbegħid min-norma) jibdew. Punt sitta jaqra, "Jiena naċċetta l-Għaxar Kmandamenti bħala li għadhom jorbtu fuq il-Kristjani, u huwa l-iskop tiegħi bis-setgħa ta' Kristu li jgħammar fina, li nżomm din il-liġi, inkluż ir-raba' kmandament, li jeħtieġ l-osservanza tas-seba' jum tal-ġimgħa bħala s-Sabbath tal-Mulej." Punt tmienja għandu lil dak li jikkonverti li jemmen, "lid-don tal-profezija huwa wieħed mill-marki li jidentifikaw tal-knisja tal-fdal" ("remnant church"). Punt tlettax jidentifika s-Seventh-Day Adventist Church bħala "l-knisja tal-bqija (jew fdal) tal-Profezija tal-Bibbja."

Dawn id-dottrini huma t-tagħlim ta' Ellen G. White. Kif dak li jikkonverti jaqra b'attenzjoni kbira l-ktejjeb tiegħu tal-magħmudija taħt it-titlu "Twemmin Fundamentali tal-Avventisti tas-Seba' Jum," il-pekularitajiet tal-Avventiżmu jsiru aktar apparenti. Taħt it-titlu 17, "Id-Don tal-Profezija," aħna nsibu din l-istqarrija: "Id-don huwa marka li tidentifika tal-knisja tal-bqija, jew fdal (remnant church) u kien deher fil-ministeru ta' Ellen G. White. Bħala l-messaġġiera tal-Mulej, il-kitba tagħha hija sors kontinwu u awtorevoli tal-verità li tipprovdi għall-knisja, faraġ, gwida, struzzjoni, u korrezzjoni."

Taħt it-titlu 19, "Is-Sabbath" jintqal lilna li (Alla) … "waqqaf is-Sabbath għannies kollha bħala memorjal tal-Ħolqien." Ir-raba' kmandament tal-liġi li ma tinbidilx ta' Alla jeħtieġ l-osservanza ta' dan is-sabbath tas-seba' jum…Huwa simbolu tal-fidwa tagħna fi Kristu, sinjal tal-qdusija tagħna, simbolu tal-fedeltà tagħna, u esperjenza minn qabel tal-futur etern tagħna fis-Saltna ta' Alla. Is-Sabbath huwa s-sinjal perpetwu ta' Alla tal-patt etern Tiegħu Bejnu u bejn il-poplu Tiegħu.

## IS-SEBA' JUM SABBATH

Avventisti tas-Seba' Jum jirsistu biex iżommu "L-LIĠI" tat-Testment il-Qadim. Huma jpoġġu enfasi fuq l-għaxar kmandamenti bħala "l-Liġi," meta fil-fatt l-għaxar kmandamenti jiffurmaw biss parti żgħira mil-Liġi kollha kemm hi. Il-ħarsien tażżamma tas-Sabbath tas-Sibt huwa enfasizzat ħafna bħala ħtieġa għas-salvazzjoni f'dan il-grupp legalistiku b'mod estrem.

L-Avventisti tas-Seba' Jum għandhom id-drawwa li jaħsbu "L-Għaxar Kmandamenti" jew "is-Sabbath" kull darba li l-Bibbja ssemmi "Il-Liġi." Dan mhuwiex korrett. Il-kelma "Liġi" tinsab għal aktar minn 400 darba fl-Iskrittura, u din tirreferi għal Ligi kollha kemm hi, tinkludi festi ċerimonjali, jiem speċjali, sagrifiċċji, restrizzjonijiet tad-dieta, tindif, eċċ. It-terminu qatt ma japplika biss la għal l-għaxar kmandamenti jew għas-Sabbath biss, waħdu.

Nitkellmu b'mod realistiku, ebda Avventist tas-Seba' Jum ma jżomm TASSEW "Il-Liġi." Fejn huma s-sagrifiċċji tagħhom tad-demm? Isaħħnu huma d-djar tagħhom fis-Sibt? Dawn huma kollha li trasgressuri tal-Liġi jekk huma jeżaminaw bil-għaqal u onestament il-ħajja tagħhom fid-dawl tal-Liġi kollha kemm hi. Huma jinsew it-twissija u l-ordni ta' Alla fejn jgħid, "***La żżidu xejn*** *ma' dak li qiegħed nordnalkom*

***u lanqas tnaqqsu minnu****; qisu li tħarsu l-liġijiet ta' Jaħweh, Alla tagħkom, bħalma qiegħed nagħtihomlkom jien.*" **(**Dewteronomju 4:2). Imma għal l-Avventisti tas-Seba' Jum, il-festi ċerimonjali, jiem speċjali, sagrifiċċji, restrizzjonijiet tad-dieta, tindif, eċċ. mhumiex ordnati minn Alla, u billi huma **jnaqssuhom** minn dak li ordna Jaħweh ma jkun ġara xejn!

Il-Bibbja ma tagħmel ebda distinzjoni rigward il-Liġi, li xi partijiet huma "ċerimonjali" kif jistqarru l-Avventisti tas-Seba' Jum, stqarrija mfassla biex jevitaw tassew milli jżommu l-Liġi fit-totalità tagħha.

## IL-LIĠI KIENET GĦAN-NAZZJON TA' IŻRAEL BISS

Dwar l-Għaxar Kmandamenti, Eżodu 20:2 jgħid: "*Jiena Jaħweh Alla tiegħek, **li ħriġtek mill-art tal-Eġittu**, minn dar il-jasar.*" L-għaxar kmandamenti kienu ovvjament mogħtija lil dawk li kienu maħruġa mill-art tal-Eġittu. Dan għandu jillimita l-għaxar kmandamenti għall-poplu magħżul ta' Alla, l-Iżraelin, il-Lhud.

Dewteronomju 5:3 juri li l-Liġi kienet torbot fuq dawk l-Iżraelin jew Lhud li kienu ħajjin fiż-żmien ta' MOSÈ. "*Jaħweh ma rabatx din l-għaqda ma' missirijietna, **iżda magħna, li lkoll kemm aħna hawn għadna ħajjin**.*" Mela, ebda patt jew rabta ma kien magħmul lil Adam, Noè, Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi, eċċ. kif jistqarru u jsostnu l-Avventisti tas-Seba' Jum.

## IŻ-ŻAMMA TAS-SABBATH

Avventisti tas-Seba' Jum jagħmlu s-Sabbath tas-Sibt ta' importanza kbira fil-pjan tagħhom tas-salvazzjoni. Madankollu dan ma jorbotx fuq il-Kristjani, għaliex Dewteronomju 5:15 japplikah biss għal Lhud! Isma' xi jgħid dan il-vers: "*U ftakar li **<u>int</u> kont ilsir fl-art tal-Eġittu**, u li Jaħweh, Alla tiegħek, **ħarġek** minn hemm b'id qawwija, u bi driegħ mimdud: **għalhekk** Jaħweh, Alla tiegħek**, <u>ordnalek</u> biex tħares il-jum tas-Sibt**.*" Innota lis-Sabbath kien patt speċjali għal dawk in-nies li kienu meħlusa mill-jasar tal-Eġittu. "**Ftakar li int kont ilsir**…*Alla tiegħek, **<u>ordnalek</u> biex tħares.***" Staqsi lil l-Avventisti tas-Seba' Jum lil min intqal dan il-kliem? (ara wkoll Eżekjel 20:10-12; Eżodu 31:12-18; Eżodu 16:29; Neħemija 9:13, 14.) Jista' xi ħadd mill-mexxeja tal-Knisja tal-Avventisti tas-Seba' jum japplika dan il-kliem, jiġifieri, "*U ftakar **li <u>INT</u> kont ilsir fl-art tal-Eġittu**, u li Jaħweh, Alla tiegħek, ħarġek min hemm b'id qawwija, u bi driegħ mimdud: **għalhekk** Jaħweh, Alla tiegħek**, <u>ORNDNALEK</u> biex tħares il-jum tas-Sibt***" għalih illum? Wieħed għandu jkun onest u lest li jħalli l-Kelma ta' Alla tmexxih hi u mhux lil bnedmin, bħal Ellen G. White (Atti 5:29).

## IS-SABBATH MEMORJAL TAL-ĦOLQIEN?

Huwa tassew li Ġenesi 2:3 jgħid li Alla bierek is-seba' jum u qaddsu, imma ma kien hemm ebda kmand biex timmemoralizzah f'tifkira tal-ħolqien. Il-kmand biex iżżomm il-jum tas-sabbath mar biss għal dawk li kienu lsiera fl-Eġittu. Ma hemm ebda rakkont Bibliku fejn is-sabbath kien miżmum fl-intervall bejn il-ħolqien u l-jiem ta' Mosè. Għaliex? Ovvjament għaliex dan ma kienx ikkmandat biex ikun miżmun.

Jekk wieħed iħares bil-għaqal lejn kull riferenza tal-Iskrittura mogħtija mill-Avventisti tas-Seba' Jum dwar iż-żamma tas-sabbath (Ġenesi 2:1-2; Eżodu 20:8-11; Luqa 4:16; Isaija 56:5-6; 58:13,14; Mattew 12:1-12; Eżodu 31:13-17; Eżekjel.4:16

Eżekjel. 20:12, 20; Dewteronomju 5:12-15; Lhud 4:1-11; Levitku 23:32; Mark 1:32), dan għandu jsib li l-kmandi kollha biex iżżomm is-Sabbath huma kmandi tat-Testment il-Qadim għal l-ulied Iżrael. L-Iskrittura minn Isaija 56:5-6, tirreferi għal "ISEM MEMORJALI," u mhux għall-JUM. Ir-riferenzi tat-Testment il-Ġdid mhumiex kmandi biex iżżomm is-sabbath.

## HUWA S-SABBATH "ĊERIMONAJLI"? (Ara minn paġna 17 SABBATH)

Avventisti tas-Seba' Jum partikularment joħorġu barra milli jżommu l-punti kollha tal-Liġi billi jistqarru li xi wħud huma "ċerimonjali" u ma jeħtiġux osservanza stretta, imma fl-għarfien tagħhom is-Sabbath jeħtieġ osservanza stretta. Levitku kapitlu 23 hemm lista ta' bosta "Konvokazzjonijiet Qaddisa." L-ewwel imsemmi huwa s-sabath tas-seba' jum. Il-kapitlu jkompli biex isemmi "konvokazzjonijiet qaddisa" oħra, li huma l-Għid (Eżodu 12:43), il-Festa tal-Ħobż Ażżmu, (Eżodu 12:17), l-offerta tat-Tixjira (Eżodu 29:24), il-Festa tal-Għerejjex (Levitku 23:42), eċċ. Kollha huma identifikati bħala "konvokazzjonijiet qaddisa." Għaliex mela tistqarr li l-ewwel waħda msemmija, jiġifieri, is-sabbath tas-seba' jum, **mhuwiex** "ċerimonjali," imma **l-oħrajn kollha** miktuba huma! Ejja ninterpretaw il-Bibbja b'mod onest, u fil-kuntest u mhux inħallu lil min jikkontrollalna l-imħuh tagħna!

## HUMA L-KRISTJANI TAĦT IL-LIĠI TAS-SABBATH?

Avventisti tas-Seba' Jum jiġġudikaw lill-Kristjani b'mod iebes ħafna talli huma ma jżommux "Nżul ix-xemx tal-Ġimgħa sa nżul ix-xemx tas-Sibt." Aħna ninsabu taħt il-grazzja u mhux taħt il-Liġi. L-appostlu Pawlu kiteb lill-Kolossin, "*Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta' qamar ġdid, **u fuq sibtijiet**: dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jima r-realtà hija Kristu*" (Kolossin 2:16-17). Hawn il-Kelma ta' Alla tgħidilna li ħadd ma għandu jiġġudikana dwar is-Sibt (sabbath) ma-ankollu, il-knisja tal-Avventisti tas-Seba' Jum tgħid li l-Kristjani jirċievu l-"marka tal-bhima" talli ma jżommux is-sabbath tas-Sibt. Huma għalhekk għamlu s-salvazzjoni dipendenti fuq liema jum tal-ġimgħa wieħed iżomm.

Lhud kapitlu erbgħa, juri lit-twettiqa tas-Sabbath Lhudi ma kienx iż-żamma tal-istess jum miżmum mill-Kristjani, imma d-dħul tal-Kristjani fil-mistrieħ ta' Alla. Il-Kristjani tal-bidu ppriedkaw fis-Sabbath Lhudi għaliex il-Lhud kienu miġbura fis-sinagoga f'dak il-jum (Ara Atti 17:2-4). Is-sħubija tagħhom flimkien dejjem kienet "fl-ewwel jum" tal-ġimgħa, il-Ħadd, il-jum li fih Kristu qam mill-imiwet (Ara Atti 20:7).

## KONKLUŻJONJIET DWAR IS-SABBATH

Ma hemm EBDA skrittura li tikkmanda lill-Kristjani biex iżommu s-sabbath tas-Sibt. Żgur li kien ikun hemm xi kmand li kieku dan kien daqsekk importanti li jeffettwa s-salvazzjoni tagħna! Il-Kristjani dejjem iltaq-għu għas-sħubija u l-qsim tal-ħobż fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, u komplew jagħmlu dan sal-ġurnata tal-lum. Aħna ma nistqarrux li l-Ħadd huwa s-"sabbath" imma pjuttost, "Jum il-Mulej." Il-qima tal-Ħadd ma kinetx introdotta mill-Knisja Kattolika Rumana, għalkemm huma jħobbu jieħdu l-krettu għal dan. Il-Kattoliċi sempliċment komplew fejn l-appostli ħallew. It-talba mill-Avventisti tas-Seba' Jum li l-Kristjani jaduraw ix-xemx (Sunday) billi jiltaqgħu fil-jum tal-Ħadd, (Sunday) hija redikola daqs li kieku aħna

nakkużawhom li huma jaduraw lil Saturnu, għaliex huma jiltaqgħu fis-Sibt (Saturday)!

## AĦNA M'AĦNIEX TAĦT IL-LIĠI

Il-Liġi kienet l-għalliem tagħna, jew għalliem imexxina għal Kristu (Galatin 3:25) jikkonkludi: "*Issa li l-fidi ġiet, ma naħtiġux aktar min imexxina.*" Aħna m'aħniex aktar taħt l-għallliem. Il-Liġi qasmet lil-Lhud mill-Ġentili, għalhekk Kristu neħħiha. L-appostlu Pawlu jgħid, "*Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minn t-tnejn għamel poplu wieħed, [15]billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna—u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha. [16]Mit-tnejn, Lhud u Ġentili, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom.*" (Efesin 2:14-16). Ukoll il-Lhud kienu jafu lit-Testment il-Qadim kellu jispiċċa, Ġeremija 31:31 jgħid, "Ara, jiġu l-jiem, jgħid Jaħweh, li jien nagħmel rabta ġdida ma' dar Iżrael, u ma' dar Ġuda."

Alla kien se jikteb il-liġi l-ġdida Tiegħu fil-qlub tan-nies (ara 1 Korintin 11:25), iwettaq u jneħħi l-patt il-qadim tal-Liġi. Iva, il-Patt il-qadim tal-Liġi, inkluż l-osservanza tas-sabbath tas-seba' jum issa spiċċa. L-ittra tal-Liġi spiċċat. Kristu Nnifsu huwa deskritt bħala t-tmiem (Grieg "telos" jew "teminatur") tal-Liġi. Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, "***Għax Kristu hu tmiem il-liġi** għall-ħaqq ta' kull min jemmen.*" (Rumani 10:4). Jiena sejjer ngħalaq dan is-suġġett billi nikkwota Rumani 8:8:2-4 u Galatin 3:10,

> "*Għax il-liġi tal-Ispirtu tal-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u l-mewt. [3]Għax dak li ma setgħitx tagħmel il-liġi, għax kienet dgħajfa minħabba l-ġisem, Alla billi bagħat l-Iben tiegħu nnifsu f'xebh ta' ġisem tad-dnub, u għad-dnub, ikkundanna d-dnub fil-ġisem: [4]Biex il-ħaqq tal-liġi jseħħ fina, li ma nimxux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu.*"
>
> "*Għax dawk kollha li huma tal-opri tal-liġi huma taħt is-saħta: għax hu miktub: **Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha**.*"

Jista' kliem ikun aktar ċar minn hekk? Iżommu l-Avventisti tas-Seba' Jum "***sħiħ ma' kull ħaġa** miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisuha*"? Jekk le, hemm saħta fuq ras kull min ma jħarisx il-Liġi *kollha kemm hi*!

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba ta' Alla, u x-xirka tal-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).

# IL-LIĠI MIBDULA
# (Parti 21)

1. **Lhud 8:6-7** – Patt Ġdid – Medjatur – Kristu – "*Imma issa qala' ministeru tant ogħla, daqskemm ukoll hu l-medjatur ta'* ***rabta aħjar****, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar.* [7]*Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kinex jitfittex imkien għat-tieni.*"
   a. **Lhud 7:22** – Medjatur Kristu – "*B'dan Ġesù sar rahan ta'* ***rabta aħjar****.*"
   b. **Lhud 9:15-17** – Medjatur ta' Patt Aqwa – "*U għalhekk hu l-medjatur tar-* ***rabta l-ġdida****, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt* ***l-ewwel rabta****, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.* [16]*Għax fejn hemm testment, jaħtieġ ukoll tidħol il-mewt ta' min għamel it-testment.* [17]*Għax testment igħodd wara li l-bnedmin imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment.*"
   c. **Lhud 3:1-6** – Mosè versu Kristu – Issa Kristu, Mosè spiċċa – "[1]*Għalhekk ħuti qaddisa, intom li għandkom sehem fis-sejħa tas-sema, aħsbu fuq l-appostlu u l-qassis il-kbir tal-istqarrija tal-fidi tagħna,* ***Kristu Ġesù****;* [2]*Li kien fidil ma' dak li għamlu, bħal ma kien ukoll Mosè fidil f'daru kollha.* [3]*Għax dal-bniedem kien magħdud li jistħoqqlu aktar glorja minn Mosè, daqskemm dak li bena d-dar għandu iżjed ġieh mid-dar.* [4]*Għax kull dar hi mibnija minn xi bniedem; imma dak li jibni kollox hu Alla.* [5]*U Mosè tassew kien fidil f'daru kollha, bħala xhieda ta' dawk il-ħwejjeġ li kellhom jingħadu wara;* [6]***Imma Kristu*** *hu bħala iben fuq daru stess; U daru hi aħna, jekk inżommu sħiħ il-fiduċja u l-ferħ tat-tama qawwija sa l-aħħar.*"
   d. **Lhud 12:1-2** – "*Inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu* ***tibda*** *u fih* ***tintemm*** *il-fidi tagħna.*"
2. **Lhud 7:12** – "*Għax jekk jitbiddel is-saċerdozju JEĦTIEĠ* ***li titbiddel ukoll il-liġi****.*"
   a. **Lhud 7:18** – "*Għalhekk TĦASSAR il-kmandament ta' qabel, għax hu dgħajjef u bla siwi.*"
   b. **Lhud 9:16-17** – "*Fejn ikun hemm testment, ikun jeħtieġ li tixxandar il-mewt ta' min għamlu. Għax testment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sakemm dak li jkun għamlu jibqa' ħaj.*"
   c. **Rumani 8:3-17** – il-ġisem versu l-Ispirtu – aqra dawn il-versi u ta' taħt mill-Bibbja tiegħek.
      1) **Kolossin 2** ; **Kolossin 3:1-4, 11, 15-17**.
      2) **Lhud 6:4-6** – "*Għax ma jistax ikun li treġġa' lura għal l-indiema lil dawk li, wara li darba sfaw imdawla; wara li daqu d-don tas-sema fl-Ispirtu s-Santu; wara li daqu t-tjubija tal-kelma ta' Alla u l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi, imbagħad reġgħu lura waqgħu; għaliex dawn, bl-istess imġiba tagħhom, isallbu lil l-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir.*"
3. "Jitbiddel is-saċerdozju."

a. **<u>1 Pietru 2:1-10</u>** – Aqra dawn il- versi.

b. **<u>Rivelazzjoni 1:6</u>** – "*u li għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu Missieru.*"

c. **<u>Rivelazzjoni 5:10</u>** – "*…u għamilna saltna, qassisin…*"

4. **<u>Lhud 6:19-20</u>** – "*Ġesù sar għal dejjem il-qassis il-Kbir.*"

a. **<u>Lhud 7:17</u>** – "*Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek.*"

b. **<u>Lhud 7:20-28</u>** – "Int qassis għal dejjem…"

c. **<u>Lhud 7:28</u>** – "***Għax il-liġi*** *tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma dgħajfa;* ***iżda l-kelma*** *tal-ġurament, li ġiet* ***wara*** *l-liġi, tqiegħed Iben, li ġie magħmul perfett għal dejjem.*"

d. Il-Liġi versu l-Kelma.

5. Għal dejjem. – **Lhud 5:6; 7:17, 21, 24, 25, 27, 28; 9:11-12, 26; 10:10, 12, 14.**

**<u>2 Korintin 3 – Rumani 8:1-17</u>**

1. **<u>Atti 13:39</u>** – "Permezz tiegħu (Ġesù) kull min jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu ma stajtux tkunu iġġustifikati bis-saħħa tal-Liġi ta' Mosè."
2. **<u>Galatin 2:21</u>** – "*Miniex inġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla; għax* ***kieku*** *l-ġustifikazzjoni kellha tiġi mil-liġi,* ***Kristu kien ikun miet għal-xejn.***"
3. **<u>Rumani 8:3-5</u>** – "*Għax* ***dak li ma felħiltx tagħmel il-liġi, għax kienet dgħajfa minħabba l-ġisem****, għamlu Alla* ***meta bagħat 'l Ibnu*** *stess f'sura ta' ġisem tad-dnub, bħala vittma għad-dnub. B'hekk ikkundanna d-dnub fil-ġisem, biex dak li b'ġustifikazzjoni titlob il-liġi jseħħ fina li nigħxu,* ***imma skond l-ispirtu u mhux skond il-ġisem.*** *Dawk li jgħixu skond il-ġisem, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem; dawk li jgħixu skond l-Ispirtu, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Ispirtu.*"

**<u>2 Korintin 3:2-6 – Kuntrasti</u>**

1. Mhux bil-linka – imma bl-ispirtu (v. 3).
2. Mhux fuq it-twavel tal-ġebel – iżda fuq it-twavel tal-laħam ta' qalbkom (v. 3).
3. Il-liġi – u l-Evanġelju (vs. 3, 6).
4. Mosè – u Kristu (vs. 3-4).
5. Il-Patt il-Qadim –u l-Patt il-Ġdid (v. 6)
6. Il-liġi mposta minn barra – u dik imposta minn ġewwa (v. 6).
7. L-ittra – u l-Ispirtu (v. 6).
8. Il-mewt – u l-ħajja (v. 6).
9. Ministeru tal-kundanna – u ministeru tal-ġustifikazzjoni.
10. Glorja tal-liġi – u l-glorja ta' dejjem fi Kristu (v. 9-11).
11. Dak li jgħaddi – u dak li jibqa' (v. 11).

**Il-liġi kienet ta' Alla.**

1. Din kellha funzjoni importanti ħafna fil-pjan ta' Alla.

2. Il-liġi kienet preparazzjoni għal l-Evanġelju.
3. Il-liġi kienet preprazzjoni u mhux it-twettiq.
4. L-Evanġelju huwa t-twettiq bi Kristu, l-uniku tama tal-bniedem.
5. Meta ġie Kristu, ix-xogħol tal-liġi tal-Patt il-Qadim tlesta!
    a. Ara Galatin 3:15-29.

**<u>2 Korintin 3:12-18</u>**

1. Velu: Il-Lhud mhux biss naqsu milli jaraw id-dija fuq wiċċ Mosè tonqos:
2. Huma naqsu li jaraw in-natura transitorja tal-liġi li kienet qisha għalliema biex twassal għandu Kristu (Galatin 3:24-25).
3. Il-Lhud naqsu li jaraw l-iskop veru tal-liġi (v. 14).
4. Meta Kristu ġie, huma naqsu milli jagħrfuh bħala **t-tmiem** jew **l-iskop** tal-liġi.
5. Sfortunatament, illum għad hawn xi wħud li għadhom fl-istess pożizzjoni ta' dawk il-Lhud.

# ABOLIXXA KRISTU L-LIĠI TA' MOSÈ?
# (Parti 22)

**Mistoqsija:** *"Xi wħud igħallmu li l-Kristjani mhumiex taħt l-obligu li jżommu l-jum tas-Sibt f'dan iż-żmien. Jekk dak huwa l-każ, kif Mattew 5:17-18 għandu jkun spjegat? Ma qalx Kristu li l-liġi ma tkunx meqruda; li hija tibqa' sakemm jibqgħu s-sema u l-art?"*

**Tweġiba:** fir-rakkont ta' Mattew dak li normalment huwa msejjaħ bħala "Il-Priedka tal-Muntanja," dan il-kliem ta' Ġesù huwa rreġistrat:

> *"La taħsbux li jiena ġejt biex neqred il-liġi, jew il-profeti: jien ma ġejtx biex neqred, iżda biex inwettaq. Għax tassew ngħidilkom: Sakemm igħaddu s-sema u l-art, jota waħda jew nitfa waħda ma titneħħiex mil-liġi, sama kollox iseħħ"* (Mattew 5:17-18).

Spiss huwa argumentat li jekk Ġesù ma "qeridx" il-liġi allura din għandha tkun għadha tobrot. Għalhekk, komponenti bħall-ħtiġijiet "tal-jum tas-Sibt" (Sabbath) għandhom ikunu għadhom operattivi, flimkien ma', forsi, elementi numerużi oħra tas-sistema Możajka jew Lhudija. L-assunzjoni hija bbażata fuq nuqqas ta' għarfien tal-kliem u l-intenzjoni ta' dan il-passaġġ.

Aħna nistgħu naffermaw b'mod kunfidenti li Kristu hawn ma ssuġġerixxix li *n-natura li torbot* tal-liġi ta' Mosè kellha tibqa' obligatorja għal dejjem, perpetwalment. Veduta bħal din tikkontradixxi dak kollu li aħna nitgħallmu mill-bqija tat-Testment il-Ġdid. Ikkonsidra l-punti li ġejjin:

1. Ta' sinjifikat speċjali f'dan l-istudju hija l-kelma mfissra "neqred". Din tittraduċi t-terminu Grieg *katalou*, letteralment ifisser li "teħles," li "ma jorbotx." Il-kelma tinsab sbatax-il darba fit-Testment il-Ġdid. Din hija wżata, per eżempju, dwar il-qirda tat-tempju Lhudi mir-Rumani (Mattew 26:61; 27:40; Atti 6:14), u dwar it-tiġrif tal-ġisem uman fil-mewt (2 Korintin 5:1). It-terminu jista' jġorr it-tifsira aktar wiesa ta' li "tegħleb," jiġifieri, li "ġġib fix-xejn, imċaħħad mis-suċċess." Fil-Grieg klassiku, din kienet użata f'konness-joni ma' istituzzjonijiet, liġijiet, biex tgħaddi l-idea ta' "li ċċaħħad il-qawwa" jew li "tinvalida."
2. Huwa speċjalment importanti li tinnota kif il-kelma hija wżata f'Mattew 5:17. F'dan il-kuntest, "neqred" hija mpoġġija f'oppożizzjoni għal "inwettaq." Kristu ġie "…mhux biex *jeqred*, imma [*alla* – avverbju avversattiv] biex *iwettaq*."

   It-tifsira hija din. Ġesù ma ġiex f'din id-dinja għal l-iskop li jaġixxi bħala avversarju tal-liġi. L-għan tiegħu ma kienx biex jisfrutta jew il-liġi. Pjuttost Hu ivveneraha, ħabbha, obdiha, u wassalha għall-milja tagħha. Hu wettaq *il-kliem profetiku li ntqal* Dwaru Nnifsu (Luqa 24:44). Kristu wettaq it-*talbiet* tal-liġi Możajka (Lhudija), li sejħet għal ubbidjenza perfetta jew jekk mhux hekk imponiet "saħta" (ara Galatin 3:10, 13). F'dan is-sens, *il-pjan divin* tal-liġi dejjem ikollu effett li ma jispiċċax. Din dejjem twettaq l-iskop li għalih kienet mogħtija.

3. Jekk, iżda, il-liġi tal-Mosè għandha l-istess relazzjoni għall-bnedmin illum, f'termini t*al-istatut li jorbot* tagħha, kif hija għamlet qabel ma Kristu ma kinetx imwettqa, u Ġesù falla jew naqas f'dak li Hu ġie "biex jagħmel." Minn naħa l-oħra, jekk il-Mulej *wettaq* dak li Hu ġie *biex* iwettaq, allura l-liġi kienet imwettqa, u din mhijiex sistema legali li torbot illum.
4. Jekk il-liġi ta' Mosè ma kinetx imwettqa minn Kristu, u għalhekk tibqa' bħala sistema legali obligatorja għal-lum, mela din mhijiex sistema li torbot *parzjalment*; pjuttost, hija sistema totalment irreżistibbli.

   Ġesù qal ċar li "jota waħda jew nitfa waħda" (rappreżentativ tal-iżgħar marka tal-kitba Lhudija) ma tgħaddix sakemm kollox ikun imwettaq. Konsegwentament, xejn mil-liġi ma kellu jonqos sakemm dan kien *iwettaq kompletament l-iskop tagħha*.

   "Imma," xi wħud jissopponu "ma jaffermax it-test li l-liġi tibqa' sakemm 'is-sema u l-art' igħaddu?" Le, huwa biss li jkun aktar "faċli" għal l-univers li jgħaddi jew jispiċċa milli l-liġi ta' Alla *ma twettaqx il-missjoni tagħha* (Luqa 16:17).

   U mela, jekk xi ħadd iżomm iebes, fuq il-bażi ta' Mattew 5:17-18, li l-liġi ta' Mosè għadha torbot bħala sistema meħtieġa, dan għandu jeħodha *kollha* kemm hi—inkluż is-sagrifiċċji mdemmija tagħha, l-vjaġġi annwali għal Ġerusalemm, ritwali ta' purifikazzjoni, eċċ. Kif l-appostlu Pawlu aktar tard argumenta—jekk raġel jirċievi parti waħda mill-liġi [bħala li torbot għall-ġustifikazzjoni], hu marbut biex iħares il-liġi kollha (Galatin 5:3). Din hija l-konsegwenza loġika tal-veduta iddiżgwidata tas-"sabbatarjani" ta' dan it-test importanti.
5. B'żieda għall-punti msemmija fuq, Pawlu b'mod ċar jargumenta, fl-ittra tiegħu lil Efesin, li "l-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi preċetti" kienet "imħassra" permezz tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib (Efesin 2:14-15). It-terminu Grieg għal "imħassra" huwa *katargeo*, letteralment jissuġġerixxi l-idea li tnaqqas xi ħaġa għal stat ta' inattività.

   Pawlu juża t-terminu darbtejn f'Rumani 7:2, 6—juri l-istess kif mara hi "maħlula" mil-liġi ta' żewġha meta hu jmut, hekk ukoll, permezz tal-mewt tal-ġisem ta' Ġesù Kristu, il-bnedmin kienu "maħlula" mill-obligi tal-liġi Możajka. Li l-liġi murija hawn hija l-liġi ta' Mosè, tinkludi l-għaxar kmandamenti, huwa muri bir-riferenza għal l-għaxar kmandament f'Rumani 6:7 (Eżodu 20:17).

L-armonija bejn Mattew 5:17-18, u Efesin 2:15, hija din: L-iskop tal-liġi ta' Mosè qatt ma kellu jiġi fix-xejn; il-pjan oriġinali tagħha kellu jkun perpetwu. Fuq in-naħa l-oħra, bħala kodiċi legali, din tkun imneħħija, tkun ikkanċellata permezz tal-mewta sagrifikali tas-Salvatur (Kolossin 2:11-15).

U għalhekk, konsiderazzjoni tal-fatti kollha twassal għall-konklużjoni li Mattew 5:17 ma joffrix xi appoġġ lil dawk li jżommu li l-osservanza tal-jum tas-Sibt hija obligu meħtieġ divinament għal dan iż-żmien.

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba ta' Alla, u x-xirka tal-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).

# L-GĦAXAR KMANDAMENTI TAT-TESTMENT IL-QADIM U T-TESTMENT IL-ĠDID (Parti 23)

**I. L-Għaxar Kmandamenti kollha kienu mdaħħla mill-ġdid fit-Testment il-Ġdid b'eċċezzjoni waħda biss, il-wieħed li jittratta mal-Jum tas-Sibt li jinżamm qaddis.**

1. *L-ewwel kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***Ma jkollox allat oħra għajri.***"
   a. **Mattew 22:34-40** – "*Imma l-Fariżej x'ħin semgħu li kien sikket lis-Sadduqin, inġemgħu flimkien.* [35]*Imbagħad wieħed minnhom, li kien avukat, għamillu mistoqsija, u hu u jġarrbu, qallu:* [36]*Mgħallem, liema hu l-akbar kmandament fil-liġi?* [37]*Qallu Ġesù:* ***Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'dehnek kollu.*** [38]***Dan hu l-ewwel u l-akbar kmandament****.* [39]*U bħal dan hu t-tieni: Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.* [40]*F'dawn iż-żewġ kmandamenti qiegħda l-liġi u l-profeti.*"
   b. **1 Korintin 8:4-6** – "*…**ħadd m'hu Alla ħlief wieħed**.* [5]*Għax għalkemm hemm sew fis-sema u kemm fl-art dawk li jgħidulhom allat; (u hemm ħafna allat, u ħafna sidien,)* [6]*Imma għalina hemm Alla wieħed, il-Missier, li minnu huma l-ħwejjeġ kollha, u aħna fih: u Sid wieħed Ġesù Kristu, li bih huma l-ħwejjeġ kollha, u aħna bih.*"
2. *It-tieni kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La tagħmel ebda xbieha minquxa għalik.***"
   a. **1 Ġwanni 5:21** – "Ulied ż-żgħar, *ħarsu ruħkom mill-idoli*. Amen"
   b. (Kolossin 3:5 u Efesin 5:5 jwassa' l-idolatrija biex tinkludi ż-żina. Ara wkoll Atti 17:16-31; Rumani 1:18-25; Galatin 5:20; Rivelazz-joni 22:15)
3. *It-Tielet kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La ssemix isem Jaħweh, Alla tiegħek, fil-batal.***"
   a. **Kolossin 3:8** – "*Imma issa wkoll neħħejtu dawn kollha: korla, rabja, il-ħażen, il-ħalf,* ***u kliem mhux xieraq minn fommkom****.*"
4. *Ir-raba' kmandament* mhux imsemmi fit-Testment il-Ġdid.
5. *Il-ħames kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***Weġġaħ lil missierek u lil ommok.***"
   a. **Efesin 6:1-3** – "*Tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej: għax dan sewwa.* [2]***Weġġaħ lil missierek u lil ommok****; dan hu l-ewwel kmanda-ment b'wegħda;* [3]*Biex jaħbatlek tajjeb, u tgħix ħajja twila fuq l-art.*"
6. *Is-sitt kmandament,* kien imsemmi mill-ġdid – "***La toqtolx.***"
   a. **Rumani 13:8-9** – "*M'għandu jkollkom tagħtu xejn lil ħadd; ħlief li tħobbu lil xulxin: għax min iħobb lil ħaddieħor iwettaq il-liġi.* [9]*Għalhekk: …* ***La toqtolx****,…*"
7. *Is-seba' kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La tikkommettix adulterju.***"

a. **Rumani 13:9** – "Għalhekk: *La tagħmilx adulterju:…*"

8. *It-tmien kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La tisraqx.***"

   a. **Rumani 13:9** – "Għalhekk: … *La tisraqx:…*"

   b. **1 Korintin 6:9** – "Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali, [10]*La ħallelin,…*"

9. *Id-disa' kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La tgħidx xhieda giddieba.***"

   a. **Rumani 13:9** – "*Għalhekk: …* ***La tixhidx ħaġa b'oħra*** *…*"

   b. **1 Korintin 6:9** – "*Ma tafux li* ***l-inġusti*** *ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla?...*"

   c. **Rivelazzjoni 22:15** – "*Għax barra huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri,* ***u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.***"

10. *L-għaxar kmandament* kien imsemmi mill-ġdid – "***La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.***"

    a. **Galatin 5:19-21** – "*Issa l-egħmejjel; tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: iż-żina, il-faħx, kondotta laxka, [20]L-idolatrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied,* ***il-ġelosija****, il-għadab, it-tbixkil, il-firda, l-ereżija, [21]L-għira, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi, li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla.*"

    b. **Efesin 5:5** – "*Għax dan kunu afu; li ebda żieni jew faħxi* ***jew rgħib****–li hu idolatra – ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla.*"

**Rumani 13:8-14** – "*M'għandu jkollkom tagħtu xejn lil ħadd; ħlief li tħobbu lil xulxin: għax min iħobb lil ħaddieħor iwettaq il-liġi. [9]Għalhekk: La tagħmilx adulterju: La toqtolx, La tisraqx, La tixhidx ħaġa b'oħra, La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn,* ***u jekk hemm kmandament ieħor, jinġabar fil-qosor f'dawn il-kelmiet: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.***"

a. Huwa li "*Tħobb lil għajrek bħalek innifsek*" kmandament ta' Alla jew le?

b. Huwa li "*Tħobb lil għajrek bħalek innifsek*" kmandament ta' Alla msemmi fl-Għaxar Kmandamenti tat-Testment il-Qadim, jew le?

**Il-Patt il-Qadim**
**L-Għaxar Kmandamenti: Eżodu 20:1-17**
(Imneħħija, Imsammrin mas-Salib, Imħassra)

1. Ma jkollox allat oħra għajri.
2. La tagħmel ebda xbieha minquxa għalik.
3. La ssemix isem Jaħweh, Alla tiegħek, fil-batal.
4. Sitt ijiem taħdem, imma s-seba' jum hu s-Sibt (Sabbath).
5. Weġġaħ lil missierek u lil ommok.
6. La toqtolx.

7. La tikkommettix adulterju.
8. La tisraqx.
9. La tgħidx xhieda giddieba.
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.

**Il-Patt il-Ġdid**

**Il-Liġi ta' Kristu**
Issiġillata bid-demm ta' Kristu:

Lhud 9:15-17 – "*U għalhekk hu l-medjatur tar-rabta l-ġdida, biex permezz tal-mewt, li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru taħt l-ewwel rabta, dawk li huma msejħin jieħdu l-wegħda tal-wirt ta' dejjem.* [16]*Għax fejn hemm testment, jaħtieġ ukoll tidħol il-mewt ta' min għamel it-testment.* [17]*Għax testment igħodd wara li l-bnedmin imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment.*"

1. ***Ma jkollox allat oħra għajri.***
   a. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid:
      1) Atti 14:15 – "*U jgħidu: Ja rġiel, għax qegħdin tagħmlu dan? Aħna wkoll bnedmin li nħossu bħalkom, u qegħdin inxandrulkom biex idduru minn dawn il-frugħat* ***lejn Alla l-ħaj****, li għamel is-sema, u l-art, u l-baħar, u kulma fihom:*"
2. ***La tagħmel ebda xbieha minquxa għalik.***
   a. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid:
      1) 1 Tessalonikin 1:9 – "*Għax huma stess igħidu fuqna x'daħla kellna fostkom,* ***u kif dortu lejn Alla mill-idoli*** *biex taqdu 'l Alla ħaj u veru.*"
3. ***La ssemix isem Jaħweh, Alla tiegħek, fil-batal.***
   a. Miġjub 'il quddiem fil-patt il-ġdid:
      1) Efesin 4:29 – "*Ħa ma toħroġ* ***ebda kelma ħażina*** *minn fommkom; imma dik li hi tajba, u li tiswa għall-ġid, biex tagħti grazzja lil dawk li jisimgħuha.*"
4. ***Sitt ijiem taħdem, imma s-seba' jum hu s-Sibt (Sabbath).***
   a. Għadu msammar mas-salib, qatt ma kien miġjub 'il quddiem:
      1) Kolossin 2:14-17 – "***Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*** [15]*U wara li nażża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuq is-salib.* [16]*Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta' qamar ġdid, u fuq sibtijiet:* [17]*dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu imma r-realtà hija Kristu.*"
   b. Ebda kmand biex inżommu s-Sibt (Sabbath) fit-Testment il-Ġdid kollu!
5. ***Weġġaħ lil missierek u lil ommok.***

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>Efesin 6:1-2</u> – “*Tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej: għax dan sewwa.* [2]***Weġġaħ lil missierek u lil ommok****; dan hu l-ewwel kmandament b’wegħda;*”

6. **La toqtolx.**

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>1 Ġwanni 3:15</u> – “*Kull min jobgħod ’il ħuh hu qattiel: u intom tafu li* ***ebda qattiel*** *ma għandu l-ħajja ta’ dejjem tgħammar fih.*”

7. ***La tikkommettix adulterju.***

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>Lhud 13:4</u> – “Ħa jkun imweġġaħ iż-żwieġ f’kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; *iżda Alla jagħmel* ***ħaqq miż-żienja u mill-adulteri****.*”

8. ***La tisraqx.***

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>Efesin 4:28</u> – “***Min seraq ħa ma jisraqx aktar****: imma ħa jaħdem, billi jagħmel b’idejh stess il-ħaġa tajba, biex ikollu x’jagħti lil min hu fil-bżonn.*”

9. ***La tgħidx xhieda giddieba.***

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>Kolossin 3:9</u> – “***La tigdbux*** *lil xulxin, wara li intom inżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemejjel tiegħu.*”

10. ***La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.***

a. Miġjub ’il quddiem fil-patt il-ġdid:

1) <u>Efesin 5:5</u> – “*Għax dan kunu afu; li ebda żieni jew faħxi* ***jew rgħib*** *– li hu idolatra – ma jkollu wirt fis-Saltna ta’ Kristu u ta’ Alla.*”

**X’qal Ġesù dwar il-kmandamenti tat-Testment il-Qadim?**

1. <u>Mattew 5:17</u> – “*La taħsbux li ġejt biex neqred il-liġi, jew il-Profeti; jien ma ġejtx biex neqred,* ***iżda biex inwettaq****.*”
2. <u>Mattew 5:21-22</u> – “[21]***Smajtu dak li ntqal min-nies ta’ dari****: La toqtolx; u kull min joqtol ikun ħaqqu l-kundanna:* [22]***Iżda jien ngħidilkom****: Li kull min jagħdab għal ħuh mingħajr raġuni jkun ħaqqu l-kundanna; u kull min igħid lil ħuh: Raka, ikun ħaqqu l-kundanna tal-kunsill: iżda kull min igħid: Ja iblah, ikun ħaqqu l-infern tan-nar.*”
3. <u>Mattew 5:27-28</u> – “[27]***Smajtu dak li ntqal min-nies ta’ dari:*** *La tagħmilx adulterju:* [28]***Imma jien ngħidilkom****: Li kull min iħares lejn mara biex jiżni magħha, ikun ġa f’qalbu għamel adulterju magħha.*”
4. <u>Mattew 5:31-32</u> – “[31]***Intqal****: Kull min ikeċċi lil martu, ħa jagħtiha l-kitba tad-divorzju.* [32]***Iżda jien ngħidilkom****: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba*

*ż-żina, iġagħalha tagħmel adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi ddivorzjata jagħmel adulterju.*"

5. <u>**Mattew 5:33-37**</u> – "[33]*Targa'* ***smajtu dak li ntqal min-nies ta' dari****: La tiksirx il-ħalfa, iżda rodd lill-Mulej il-ħalf tiegħek:* [34]***Imma jien ngħidilkom****: Taħilfu xejn; la bis-sema; għax hu t-tron ta' Alla:* [35]*La bl-art; għax hi l-mirfes ta' riġlejh; la b'Ġerusalemm; għax hi l-belt tas-Sultan il-kbir.* [36]*Lanqas taħlef b'rasek, għax int ma tistax tagħmel xagħra waħda bajda jew sewda.* [37]*Iżda ħa jkun kliemkom: Iva, iva; Le, le: għax dak kollu li hu iżjed minn dan jiġi mill-ħażen.*"
6. <u>**Mattew 5:38-42**</u> – "[38]***Smajtu li ntqal:*** *Għajn b'għajn u sinna b'sinna:* [39]***Imma jien ngħidilkom****: La tiqfux lill-ħażen: iżda lil kull min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll.* [40]*U jekk xi bniedem imur il-qorti miegħek, u jeħodlok libstek, ħallih jieħu l-mantar tiegħek ukoll.* [41]*U kull min iġagħlek tmur mil, mur miegħu tnejn.* [42]*Agħti lil min jitolbok, u min irid jissellef minn għandek la titwarrabx minnu.*"
7. <u>**Mattew 5:43-48**</u> – "[43]***Smajtu li ntqal:*** *Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek.* [44]***Imma jien ngħidilkom****: Ħobbu lil l-għedewwa tagħkom, u itlobu għal dawk li jippersegwitawkom,* [45]*Biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex.* [46]*Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-publikani wkoll jagħmlu dan?* [47]*U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan?* [48]*Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet.*"
8. <u>**Mattew 7:24-29**</u> – "[24]***Għalhekk kull min jisma' dal-kliem tiegħi, u jagħmlu****, inxebbhu ma' raġel għaqli, li bena daru fuq blata.* [25]*U niżlet ix-xita, u ġew il-widien, u nefħu l-irjieħ, u ħabtu fuq dik id-dar; u ma waqgħitx: għax kienet mibnija fuq il-blata.* [26]***Imma kull min jisma dan kliemi u ma jagħmlix li qiegħed ingħid jien****, isir jixbaħ lil bniedem iblah, li bena daru fuq ir-ramel.* [27]*U niżlet ix-xita, u ġew il-widien, u nefħu l-irjieħ, u ħabtu fuq dik id-dar; u waqgħet: u kbira kienet il-waqgħa tagħha.* [28]*U ġara, meta Ġesù spiċċa dal-kliem, illi n-nies stagħġbu bit-tagħlim tiegħu.* [29]*Għax hu kien igħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-iskribi.*"

# IL-KMANDAMENTI TA' ĠESÙ KRISTU
# (Parti 24)

Issa ħalli naraw dwar xi kmandamenti tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu. Jekk aħna ninsabu llum taħt l-Għaxar Kmandamenti, ifsser dan li dawn il-kmandamenti ta' Ġesù Kristu ma japplikawx illum?

Ġesù jgħidilna:

**Ġwanni 14:15, 21, 23, 24,**

*"Jekk tħobbuni, ħarsu **l-kmandamenti tiegħi**....Min iżomm **il-kmandamenti tiegħi** u jħarishom dak hu li jħobbni;.... Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti,....Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi..."*

**Ġwanni 15:10, 14,**

*"Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu... Intom ħbiebi, jekk tagħmlu kulma nordnalkom."*

**Mattew 28:20,**

*"U għallmuhom iħarsu kulma ordnajtilkom..."*

**Luqa 10:16,**

*"Min jisma' lilkom jisma' lili; u min iwarrab lilkom ikun iwarrab lilli; imma min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni."*

**Ġwanni 13:17,**

*"Jekk tafu dawn il-ħwejjeġ, henjin intom jekk tagħmluhom."*

**Mattew 7:21,**

*"Mhux kull min igħidli: 'Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet."*

L-appostlu Pawlu jgħid hawn,

**1 Korintin 14:37,**

*"Jekk xi ħadd jaħseb li hu profeta, jew bniedem spiritwali, ħa jagħraf sewwa li dawk il-ħwejjeġ li niktbilkom huma **kmandamenti tal-Mulej**."*

**Ġakbu 1:22,**

*"Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom."*

**1 Ġwanni 2:4,**

*"Min igħid, Jien nafu, u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-verità mhiex fih."*

**Ekkleżjasti 12:13,**

*"Il-konklużjoni, wara li kollox instama', hi: Ibża' minn Alla, u ħares il-kmandmenti tiegħu: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem."*

## I. DWAR ALLA

1. **Li nħobbuh b'qalbna, b'ruħna u b'moħħna.**

   <u>Mattew 22:37</u> – *"Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha u b'moħħok kollu."*

2. **Li nibżgħu minn Dak li għandu s-setgħa kollha.**

   a. <u>**Mattew 10:28**</u> – *"U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar ibżgħu minn dak li jista'; jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern*

3. **Li niftaħru fil-Mulej; mhux fil-bniedem:**

   a. <u>**1 Korintin 3:21**</u> – *"Għalhekk ħa ma jiftaħar ħadd fil-bnedmin …"*

   b. <u>**2 Korintin 10:17**</u> – *"Iżda jekk xi ħadd jiftaħar, ħa jiftaħar il-Mulej."*

4. **Li għandna nixbħu lil Alla.**

   a. <u>**Mattew 5:45-48**</u> – *"Biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet: għax hu jtalla' x-xemx tiegħu fuq il-ħżiena u fuq in-nies sewwa u fuq dawk li mhumiex sewwa. Għax jekk thobbu lil min iħobbkom, xi ħlas għandkom? Ma jagħmlux hekk ukoll il-publikani? Ujekk issellmu lil ħutkom biss, x'tagħmlu aktar mill-oħrajn? Ma jagħmlux ukoll dan il-publikani? Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet."*

   b. <u>**Efesin5:1**</u> – *"Ixbħu mela 'l Alla, bħal ulied maħbuba."*

4. **Li nitolbu lil Alla bla waqfien.**

   a. <u>**Luqa 18:1**</u> – *"U qalilhom parabbola biex juri li l-bnedmin għandhom jitolbu dejjem, u ma jaqtgħu qalbhom."*

   b. <u>**Mattew 7:7**</u> – *"Itolbu, u jingħatalkom;…"*

   ċ. <u>**Mattew 26:41**</u> – *"Ishru, u itolbu, biex ma tidħlux fit-tiġrib: tassew l-ispirtu mhejji, iżda l-ġisem dgħajjef."*

   d. <u>**Efesin 6:18**</u> – *"Billi titolbu dejjem fl-Ispirtu b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, u ishru bil-perseveranza kollha, u itolbu bil-qalb għall-qaddisin kolha."*

   e. <u>**Filippin 4:6**</u> – *"Tħabbtu raskom b'xejn: iżda f'kull ħaġa, ħalli dak li jkun jaħtiġilkom, ikun imgħarraf 'l Alla bit-talb, u bit-talb u b'radd il-ħajr."*

   f. <u>**Kolossin 4:2, 3**</u> – *"Komplu fit-talb, u ishru fih b'radd il-ħajr; Itolbu flimkien ukoll għalina, biex Alla jiftħilna bieb għall-kelma, ħalli nxandru l-misteru ta' Kristu,…"*

   ġ. <u>**1 Tessalonikin 5:17**</u> – *"Itolbu bla ma tieqfu."*

   g. <u>**1 Timotju 2:8**</u> – *"Irrid mela li l-irġiel jitolbu kullimkien, billi jgħollu jdejhom qaddisa, bla għadab u dubju."*

   għ. <u>**Lhud 4:16**</u> – *"Ħa nersqu mela bla biża' lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena, u nsibu grazzja ta' għajnuna fil-bżonnijiet tagħna."*

h. **<u>Mattew 6:5-7</u>** – "*U meta titlob, tkunx bħall-ipokriti: għax huma jħobbu ji-tolbu weqfin fis-sinagogi u f'irjus Iżda int, meta titlob, idħol fil-kmajra tiegħek, u meta tkun għalaqt biebek, itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek li jara fil-moħbi jroddlok fil-beraħ. Iżda meta titlob, tużax kliem żejjed, bħal ma jagħmlu l-pagani: għax huma jaħsbu li jinstemgħu minħabba l-kliem żejjed tagħhom.*"

5. **Li jkollna fidi f'Alla.**

a. **<u>Mark 11:22</u>** – "*U wieġeb Ġesù, igħidilhom: Ikollkom fidi f'Alla.*"

b. **<u>Mattew 6:25</u>** – "*Għalhekk ngħidilkom: La toqogħdux titħassbu għal ħajjitkom, x'sejrin tieklu, jew x'sejrin tixorbu: lanqas għal ġisimkom, x'sejrin tilbsu. Il-ħajja mhix aktar mill-ikel, u l-ġisem mhux aktar mill-ilbies?*"

ċ. **<u>Filippin 4:6</u>** – "*Tħabbtu raskom b'xejn; iżda f'kull ħaġa, ħalli dak li jkun jaħtiġilkom, ikun imgħarraf 'l Alla bit-talb, u bit-talb, u b'radd il-ħajr.*"

d. **<u>1 Pietru 5:7</u>** – "*Itfgħu fuqu l-hemm tagħkom kollu; għax hu jieħu ħsiebkom.*"

6. **Li nagħtu lilna nfusna għas-servizz Tiegħu biss.**

a. **<u>Mattew 6:24</u>** – "*Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien: għax jew jobgħod lil wieħed, u jħobb lill-ieħor; jew iżomm ma' wieħed, u jżeblaħ lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lil mammona.*"

b. **<u>Rumani 12:1</u>** – "*Nitlobkom mela, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, biex tagħtu lil ġisimkom bħala sagrifiċċju ħaj, imqaddes, u li jogħġob 'l Alla: dan hu s-servizz xieraq tagħkom.*"

7. **F'kollox għandna nirringrazzjaw Lilu."**

a. **<u>Efesin 5:20</u>** – "*Troddu l-ħajr dejjem u ta' kollox 'l Alla l-Missier f'isem Sidna Ġesù Kristu.*"

b. **<u>Kolossin 3:15, 17</u>** – "*U ħa jsaltan is-sliem ta' Alla f'qalbkom; li għalih ukoll intom imsejħin f'ġisem wieħed: roddu ħajr….U kulma tagħmlu bil-kliem jew bl-għemil, għamlu kollox f'isem Sidna Ġesù, u roddu ħajr lil Alla u lill-Missier permezz tiegħu.*"

c. **<u>1 Tessalonikin 5:18</u>** – "*Roddu l-ħajr f'kollox: għax din hi r-rieda ta' Alla fi Kristu Ġesù għalikom.*"

d. **<u>Lhud 13:15</u>** – "*Ħa noffru mela bih sagrifiċċju ta' tifħir 'l Alla kull ħin, jiġifieri, il-frott ta' xofftejna li jiżżuħajr lil ismu.*"

8. **Li nagħrfuh fil-modi kollha tagħna billi dejjem ngħidu: "*Jekk il-Mulej irid.*"**

a. **<u>Ġakbu 4:15</u>** – "*Għax dak għandkom tgħidu: Jekk il-Mulej irid, nibqgħu ħajjin, u nagħmlu dan, jew dak.*"

b. **<u>Proverbji 3:6</u>** – "*Aħseb fih fil-mixi tiegħek kollu, u hu jwittilek triqatek.*"

9. **Li noħorġu mid-dinja u ma nitħalltux magħha.**

a. __2 Korintin 6:14-17__ – *"[14]La tintrabtux taħt madmad li mhux indaqs ma' dawk li ma jemmnux: għax x'tisħib jista' jkun hemm bejn il-ħaqq u l-ħażen? [15]Imma x'armonija hemm bejn Kristu u Beljal? Jew x'għandu x'jaqsam min jemmen ma' min ma jemminx? [16]U xi ftehim hemm bejn it-tempju t'Alla u l-idoli? Għax intom it-tempju ta' Alla ħaj; bħal ma qal Alla: Ngħammar fosthom, u nimxi fosthom, u nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. [17]Għalhekk oħorġu minn ġo fosthom, u nfirdu minnhom, igħid il-Mulej; u tmissu xejn imniġġes; u jien nilqagħkom."*

## II. DWAR KRISTU

10. **Li nħallu lil Kristu jgħammar fina bil-fidi:**

a. __Efesin 3:17-19__ – *"Biex igħammar Kristu f'qalbkom fil-bidi; biex intom, billi għandkom l-għeruq u l-pedament fl-imħabba, tkunu tistgħu tifhmu mal-qaddisin kollha l-wisa', u t-tul, u l-fond, u l-għoli; U tagħrfu l-imħabba ta' Kristu, li tgħaddi kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla."*

11. **Nagħtuh post ogħla minn kulħadd:**

a. __Luqa 14:26__ – *"Jekk wieħed jiġi għandi, u ma jobgħodx lil missieru, u lil ommu, u lil martu, u lil uliedu u lil ħutu, rġiel u nisa, iva, u ħajtu wkoll, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi."* (Imma ara 1 Ġwanni 3:15 dwar l-imħabba tal-aħwa. Ġesù qiegħed jitkellem dwar "il-prijoritajiet" tagħna u mhux mibgħeda kif xi ħadd forsi jista' li jifhimha).

b. __Mattew 10:37__ – *"Min iħobb lil missieru jew lil ommu aktar minni ma jistħoqqlux ikun tiegħi; u min iħobb lil ibnu jew lil bintu aktar minni ma jistħoqqlux ikun tiegħi."*

12. **Li naħsbu fi Kristu u mhux fuq id-dinja.**

a. __Kolossin 3:1-4__ – *"Jekk mela qomtu ma' Kristu, fittxu dawk il-ħwejjeġ ta' fuq, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ ta' fuq, mhux fil-ħwejjeġ tal-art. Għax intom mittu, u ħajjitkom moħbija ma' Kristu f'Alla. Meta Kristu, li hu ħajjitna, jidher, imbagħad intom ukoll tidhru miegħu fil-glorja."*

b. __1 Ġwanni 2:15__ – *"La tħobbux id-dinja. Lanqas il-ħwejjeġ li huma fid-dinja. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier mhix fih."*

13. **Li nżommu lil Kristu bħala l-eżempju tagħna.**

a. __1 Pietru 2:21-23__ – *"Għax għal dan kontu msejħin: għax Kristu wkoll bata għalina, u ħallielna turija, biex timxu wara l-passi tiegħu. Hu, li ma għamel l-ebda dnub, u li ma nsab ebda qerq f'fommu: Hu, li meta kien imgħajjar, ma raġax għajjar; li bata' u ma heddidx; imma reħa ruħu f'idejn dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa."*

b. __Ġwanni 13:15__ – *"Għax jien tajtkom eżempju, biex bħal ma għamiltilkom jien, hekk tagħmlu intom."*

14. **Li ngħammru fih u nibqgħu fih.**

a. **<u>Ġwanni 15:7</u>** – *"Jekk tibqgħu fija, u jibqa' kliemi fikom, titolbu kulma tridu, u jsirilkom."*

b. **<u>Lhud 2:1</u>** – *"Għalhekk għandna aktar u aktar nagħtu widen għall-ħwejjeġ li smajna, biex ma nħalluhomx f'xi żmien jaħarbu."*

15. **Li nfakkruh f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa.**

a. **<u>Mattew 26:26-27</u>** – *"U huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż u bierku, u qasmu, u tah lid-dixxipli, u qal: Ħudu kulu; dan hu ġismi. U ħa l-kalċi, u iżżiħajr, u tahulhom, hu u jgħid: Ixorbu lkoll minnu."*

b. **<u>1 Korintin 11:24-26</u>** – *"U wara li radd il-ħajr, qasmu, u qal: Ħudu, kulu: dan hu ġismi, li hu maqsum għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi. Hekk ukoll qabad il-kalċi, wara li kiel, u qal: Dal-kalċi hu r-rabta l-ġdida f'demmi: agħmlu dan, kull darba li tixorbuh, b'tifkira tiegħi. Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, tħabbru l-mewt tal-Mulej sakemm jiġi."*

ċ. **<u>Atti 2:42</u>** – *"U komplew iżommu sħiħ fit-tagħlim u fix-xirka tal-appostli, u fil-qsim tal-ħobż, u fit-talb."*

d. **<u>Atti 20:7</u>** – *"U fl-ewwel jum tal-ġimgħa, xħin id-dixxipli tiegħu ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ħobż, Pawlu tħaddet magħhom, billi kien sa jitlaq il-għada; u kompla d-diskors tiegħu sa nofs il-lejl."*

e. **<u>1 Korintin 16:2</u>** – *"Kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, kull wieħed minnkom ħa jfaddal xi ħaġa skond kif Alla tah,…"*

16. **Li ma nistħux li nistqarru lil Kristu quddiem il-bnedmin.**

a. **<u>Luqa 12:8</u>** – *"Ngħidilkom ukoll: Kull min jistqarrni quddiem il-bnedmin, jistqarru wkoll Bin il-bniedem quddiem l-anġli ta' Alla."*

b. **<u>Mark 8:38</u>** – *"Kull min mela jistħi minni u minn kliemi fost dan in-nisel adulteru u midneb; Bin il-bniedem ukoll jistħi minnu, meta jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli mqaddsa."*

ċ. **<u>2 Timotju 1:8</u>** – *"La tistħix mela tagħti xhieda lil Sidna, lanqas minni priġunier tiegħu: imma Hu sehem min-niket tal-evanġelju skond il-qawwa t'Alla."*

d. **<u>Mattew 7:6</u>** – *"La tagħtux dak li hu qaddis lill-klieb; lanqas titfgħu l-ġawhar tagħkom quddiem il-ħnieżer, li ma jgħaffġuhomx taħt saqajhom, u jerġgħu jduru u jqattgħukom."*

17. **Nirsistu biex dejjem inkunu lesti għal meta Kristu jiġi.**

a. **<u>Mattew 24:14</u>** – *"U dan l-evanġelju tas-saltna jixxandar mad-dinja kollha bħala xhieda lill-ġnus kollha; imbagħad jiġi t-tmiem."*

b. **<u>Luqa 12:35-37</u>** – *"Ħalli ġenbejkom ikunu mħażżmin, u l-imsiebaħ tagħkom mixgħulin. U intom kunu bħal riġiel jistennew lil sidhom, meta jiġi lura mit-tieġ; biex meta jiġi u jħabbat, jiftħulu malajr.*

ċ. **<u>2 Pietru 3:14</u>** – *"Għalhekk, maħbubin, billi intom qegħdin tistennew ħwejjeġ bħal dawn, ħabirku biex tkunu misjubin minnu fis-sliem, bla tebgħa ħtija."*

**18. Li żommu sħaħ sat-tmiem u nsalvaw.**

a. **<u>Mattew 24:13</u>** – *"Iżda min jibqa' jżomm sħiħa l-aħħar, isalva."*

a. **<u>2 Timotju 2:3</u>** – *"Issaporti mela t-tbatijiet, bħala suldat tajjeb ta' Ġesù Kristu."*

**19. Li nżommu l-fiduċja tagħna sat-tmiem.**

a. **<u>Rivelazzjoni 2:10-25</u>** – *"La tibża' xejn minn dawk il-ħwejjeġ li għandek tbati: ara, ix-xitan sa jitfa' lil x'uħud minnkom il-ħabs, biex tkunu mġarrbin; u tkunu mħabbtin għal għaxart ijiem: kun fidil sal-mewt, u nagħtik il-kuruna tal-ħajja."*

b. **<u>Lhud 3:13-14</u>** – *"Iżda ħeġġu lil xulxin kuljum, sakemm għadkom tgħidu "illum," biex ħadd minnkom ma jitwebbes permezz tal-qerq tad-dnub." Għax aħna sirna sħab Kristu, jekk inżommu l-fiduċja li kellna fil-bidu."*

## III. DWAR L-AĦWA FIL-KNISJA

**1. Li nħobbu lil xulxin.**

a. **<u>Ġwanni 13:34</u>** – *"Kmandament ġdid nagħtikom: Li tħobbu lil xulxin; bħal ma ħabbejtkom jien, ħobbu intom ukoll lil xulxin."*

b. **<u>Rumani 12:10</u>** – *"L-imħabba ma tagħmilx deni lil għajrek. Għalhekk l-imħabba hi t-twettiq tal-liġi."*

ċ. **<u>Efesin 5:2</u>** – *"U imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabbna, u ta lilu nnifsu għalina bħala offerta u sagrifiċċu 'l Alla b'rieħa ħelwa."*

d. **<u>Kolossin 3:14</u>** – *"U fuq dawn il-ħwejjeġ kollha ilbsu l-imħabba, li hi r-rabta tal-perfezzjoni."*

e. **<u>1 Tessalonikin 4:9</u>** – *"Imma dwar l-imħabba tal-aħwa m'għandkomx għalfejn niktbilkom: għax intom infuskom imgħallmin minn Alla biex tħobbu lil xulxin."*

f. **<u>Lhud 13:1</u>** – *"Ħa tibqa' l-imħabba tal-aħwa."*

ġ. **<u>1 Pietru 1:22</u>** – *"Wara li naddaftu ruħkom, billi obdejtu l-verità, permezz tal-Ispirtu, biex tħobbu 'l xulxin bħal aħwa bla qerq, qisu li tħobbu 'l xulxin b'qalb safja bil-ħeġġa kollha."*

g. **<u>1 Pietru 4:8</u>** – *"U fuq kollox ħa jkollkom imħabba sħiħa bejnietkom: għax l-imħabba tgħatti l-kotra tad-dnubiet."*

għ. **<u>1 Ġwanni 3:14-19</u>** – *"Aħna nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja, għax inħobbu l-aħwa. Min ma jħobx 'il ħuh igħix fil-mewt. Kull min jobgħod 'il ħuh hu qattiel: u intom tafu li ebda qattiel ma għandu l-ħajja ta' dejjem tgħammar fih. Minn dan għarafna l-imħabba, għax hu ta ħajtu għalina: u aħna għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa. Imma kull min ikollu l-ġid ta' din id-dinja, u jara 'l ħuh fil-bżonn, u jwarrab il-ħniena ta' qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih? Uliedi ż-żgħar, ħa ma nħobbux bil-kliem, lanqas bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bil-għemil u bil-verità."*

**2. Li l-aħwa m'għandhomx jaħkmu wieħed fuq l-ieħor.**

a. **Mattew 23:11-12** – *"Iżda dak li hu l-akbar fostkom ikun il-qaddej tagħkom. U kull min jitgħolla jitniżżel: u kull min jitniżżel jitgħolla."*

b. **Luqa 22:24-27** – *"U kien hemm ġlieda bejniethom, min fosthom kellu jkun miżmum bl-akbar. U qalilhom: Is-slaten tal-Ġentili jaħkmu fuqhom; u dawk li għandhom is-setgħa fuqhom jissejħu ben-efatturi. Imma intom ma tkunux hekk: iżda dak li hu l-akbar fostkom, ħa jkun bħall-iżgħar; u dak li hu l-kbir, bħal dak li jaqdi. Għax min hu l-akbar, dak li qiegħed fuq il-mejda, jew dakli jaqdi? Mhux dan li qiegħed fuq il-mejda? Iżda jien qiegħed fostkom bħal dak li jaqdi."*

3. **Li ma nkunux inkuralti mingħajr kawża ġusta għaliex il-korla twassal għad-dnub.**

   a. **Mattew 5:22** – *"Iżda ngħidilkom: Li kull min jinkorla għal ħuh mingħajr raġuni jkun ħaqqu l-kundanna;…"*

   b. **Efesin 4:26** – *"Inkurlaw, imma la tidinbux: tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom."*

   ċ. **Kolossin 3:8** – *"Imma issa wkoll neħħejtu dawn kollha: it-tmasħin, il-korla, il-ħażen, il-ħalf, u kliem mhux xieraq minn fommkom."*

4. **Li każ ta' nuqqas ta' ftehim jew ġlied għandna nfittxu r-rikonċiljazzjoni u naħfru.**

   a. **Mattew 5:23-24** – *"Għalhekk jekk iġġib fuq l-artal il-għotja tiegħek u hemm titfakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek; ħalli hemm l-għotja tiegħek quddiem l-artal, u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, imbagħad ejja, u offri l-għotja tiegħek."*

   b. **Mattew 18:35** – *"Hekk ukoll Missieri li hu fis-smewwiet jagħmel ukoll lilkom, jekk kull wieħed minnkom ma jaħfirx minn qalbu lil ħuh ħtijietu."*

   ċ. **Kolossin 3:13** – *"Issaportu 'l xulxin u aħfru 'l xulxin, jekk wieħed għandu xi jgħid ma' l-ieħor; bħal ma ħafrilkom ukoll il-Mulej, hekk ukoll għamlu intom."*

5. **F'każ li xi wieħed mill-aħwa jidneb, m'għandniex nitkellmu dwaru ma' oħrajn, imma lil min għamlu waħdu b'iskop li jindem.**

   a. **Mattew 18:15** – *"U jekk ħuk jonqsok, mur u għidlu ħtijietu bejnek u bejnu weħidkom: jekk jismgħek, tkun irbaħt lil ħuk."*

   b. **Galatin 6:1** – *"Ħuti, jekk xi ħadd jinqabad f'xi ħtija, intom l-ispiritwali erġgħu saħħuh b'ispirtu ta' ħlewwa: u ħares lilek innifsek, li ma tkunx imġarrab int ukoll."*

   ċ. **Ġakbu 5:19-20** – *"Ħuti, jekk xi ħadd minnkom joħroġ barra mis-sewwa, u ħaddieħor ireġġgħu lura, ħa jkun jaf li min iressaq lura mit-triq il-ħażina 'l xi midneb, jeħles ruħu mill-mewt u jostor kotra ta' dnubiet."*

20. **Li wieħed ma jgħid xejn kontra l-ieħor. Ma niġġudikawx. Ma nikkundannawx lil xulxin.**

   a. **Mattew 7:1** – *"La tagħmlux ħaqq, biex ma jsirx ħaqq minnkom."*

b. **<u>Rumani 14:13</u>** – *"Ħa ma nagħmlux mela aktar ħaqq minn xulxin: iżda pjuttost dan għandu jkun il-ħaqq tagħkom, li ħadd ma jagħmel ebda tfixkil jew tiġrif fi triq ħuh."*

ċ. **<u>1 Korintin 4:5</u>** – *"Għalhekk la tagħmlu ħaqq min xejn qabel il-waqt, sa ma jiġi l-Mulej, li jdawwal il-ħwejjeġ moħbija tad-dlam, u jikxef il-fehmiet tal-qlub: u mbagħad kulħadd jieħu t-tifħir mingħand Alla."*

d. **<u>Ġakbu 4:11</u>** – *"La tgħidux kontra xulxin, ħuti, Min igħid kontra ħuh, u jagħmel ħaqq minn ħuh, ikun igħid kontra l-liġi, u jagħmel ħaqq mil-liġi. Imma jekk int tagħmel ħaqq mil-liġi, ma tħarisx il-liġi, imma tagħmilha ta' mħallef."*

21. **Li ngħinu lil dawk fil-bżonn: infarrġu lil dawk fit-tiġrib.**

a. **<u>Atti 20:35</u>** – *"Urejtkom kollox, kif waqt li titħabtu għandkom tgħinu d-dgħajfin, u tiftakru fi kliem il-Mulej Ġesù, kif qal: Aħjar tagħti milli tieħu."*

b. **<u>Rumani 12:13</u>** – *"Agħtu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin; ilqgħu lil barranin."*

ċ. **<u>Ġakbu 2:15-16</u>** – *"Jekk Hu jew oħt huma għarwenin, u neqsin mill-ikel ta' kuljum, u jgħidilhom wieħed minnkom: Morru bis-sliem, isħnu u ixbgħu; mingħajr ma tagħtuhom dawk il-ħwejjeġ li jinħtieġu għall-ġisem, x'jiswa'?"*

d. **<u>Galatin 6:10</u>** – *"Billi issa għandna ż-żmien, ħalli nagħmlu l-ġid lill-bnedmin kollha, u l-aktar lil dawk ta' dar il-fidi."*

e. **<u>1 Ġwanni 3:17</u>** – *"Imma kull min ikollu l-ġid ta' din id-dinja, u jara 'l ħuh fil-bżonn, u jwarrab il-ħniena ta' qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih?"*

22. **Li ma nfittxux dak li jaqbel lilna biss, imma nqisu oħrajn ukoll.**

a. **<u>Filippin 2:4</u>** – *"La tfittxux kull wieħed dak li jaqblilkom, imma kull wieħed dak li jaqbel lill-oħrajn ukoll."*

b. **<u>1 Korintin 10:24</u>** – *"Ħalli ħadd ma jfittex dak li jaqbel lilu, iżda l-ġid ta' kulħadd."*

ċ. **<u>Galatin 6:2</u>** – *"Erfgħu t-tagħbijiet ta' xulxin, u hekk twettqu l-liġi ta' Kristu."*

23. **Li nkunu ta' ħsieb wieħed, u nimxu fuq dawk il-ħwejjeġ li jġibu l-paċi.**

a. **<u>1 Korintin 1:10</u>** – *"Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li lkoll titkellmu l-istess ħaġa, u li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed."*

b. **<u>2 Korintin 13:11</u>** – *"Mill-bqija, ħuti, ifirħu. Kunu perfetti, qawwu qalbkom, kunu fehma waħda, għixu fis-sliem; u Alla tal-imħabba u tas-sliem ikun magħkom.*

ċ. **<u>1 Pietru 3:8</u>** – *"Fl-aħħar, kunu lkoll fehma waħda, billi tgħadru 'l xulxin bħal aħwa, qalbkom ħanina, u umli."*

d. <u>**Rumani 14:19**</u> – "*Ħa nimxu mela wara dawk il-ħwejjeġ li jġibu s-sliem, u l-ħwejjeġ li bihom intejbu wieħed lil ieħor.*"

24. **Li nistqarru ħtijietna lil xulxin.**

a. <u>**Ġakbu 5:16**</u> – "*Stqarru mela lil xulxin dnubietkom, u itolbu għal xulxin, biex tfiqu. It-talb imħeġġeġ tal-bniedem ġust jiswa ħafna.*"

## IV. DWAR IL-BARRANI

1. **Li ħallu d-dawl tagħna jiddi quddiem il-bnedmin. Inżommu 'l quddiem il-Kelma tal-Ħajja u ngħidu lil dawk li qegħdin jintilfu, "Ejjew."**

a. <u>**Mattew 5:16**</u> – "*Ħa jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom, u jigglorifikaw lil Missierkom li qiegħed fis-smewwiet.*"

b. <u>**Mattew 10:32-33**</u> – "*Kull min mela jistqarrni quddiem il-bnedmin, lilu nistqarru wkoll quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda kull min jiċħadni quddiem il-bnedmin, lilu niċħad jien ukoll quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.*"

ċ. <u>**Filippin 2:16**</u> – "*Billi żżommu l-kelma tal-ħajja; biex nifraħ fil-jum ta' Kristu, li jien ma ġrejtx għal xejn, u lanqas tħabatt għal xejn.*"

d. <u>**Rivelazzjoni 22:17**</u> – "*U l-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: ejja, U ħa jiġi min hu bil-għatx. U kull min irid, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn.*"

e. <u>**Rumani 14:19**</u> – "*Ħa nimxu mela wara dawk il-ħwejjeġ li jġibu s-sliem, u l-ħwejjeġ li bihom intejbu wieħed lil ieħor.*"

2. **Li ngħixu fil-paċi u ma nagħmlux vendetta.**

a. <u>**Mattew 5:25**</u> – "*Ftiehem malajr mal-għadu tiegħek, int u għadek miegħu fit-triq; li ma jmurx il-għadu jagħtik f'idejn l-imħallef, u l-imħallef jagħtik f'idejn il-għassies, u tixteħet fil-ħabs.*"

b. <u>**Rumani 12:18-19**</u> – "*Jekk jista' jkun, daqs kemm jiġi minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd. Maħbibin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idejkom, imma agħmlu l-wisa' għall-għadab ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, igħid il-Mulej.*"

3. **Li nagħmlu l-ġid lill-bnedmin kollha.**

a. <u>**Galatin 6:10**</u> – "*Billi issa għandna ż-żmien, ħalli nagħmlu l-ġid lill-bnedmin kollha, u l-aktar lil dawk ta' dar il-fidi.*"

b. <u>**Luqa 6:27-28**</u> – "*Iżda jien ngħidilkom li qegħdin tisimgħu: Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom, bierku lil dawk li jisħtukom, u itolbu għal dawk li jżebilħukom.*"

ċ. <u>**Rumani 12:20-21**</u> – "*Għalhekk jekk il-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx, isqih: għax billi tagħmel dan, tkun qiegħed tiġbor ġamar jaħraq fuq rasu. Tintrebaħx mill-ħażen, imma irbaħ il-ħażen bit-tajjeb.*"

d. **<u>Mattew 5:44</u>** – "*Iżda jien ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, bierku lil dawk li jisħtukom, agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom, u itolbu għal dawk li jaħqrukom, u jippersegwitawkom.*"

4. **Li nitolbu għal dawk li jippersegwitawna.**

a. **<u>Mattew 5:44</u>** – "*Iżda jien ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, bierku lil dawk li jisħtukom, agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom, u itolbu għal dawk li jaħqrukom, u jippersegwitawkom.*"

5. **Li ma nroddu deni lil ħadd b'deni u li nbierku u mhux nisħtu.**

a. **<u>Rumani 12:17</u>** – "*La troddu lil ħadd deni għal deni. Agħmlu ħwejjeġ onesti quddiem il-bnedmin kollha.*"

b. **<u>1 Tessalonikin 5:15</u>** – "*Qisu li ħadd ma jrodd deni għal deni lil ħadd; imma dejjem fittxu dak li hu tajjeb, sew bejnietkom, u kemm ma' kulħadd.*"

ċ. **<u>1 Pietru 3:9</u>** – "*La troddux deni b'deni, jew tagħjir b'tagħjir: imma, għall-kuntrarju, bierku; billi tafu li għalhekk intom kontu msejħin, biex tirtu l-barka.*"

d. **<u>Rumani 12:14</u>** – "*Bierku lil dawk li jippersegwitawkom: bierku, u la tisħtux.*"

6. **Li ma nieqfux għal ħażen; imma nagħmlu dak li hu tajjeb.**

a. **<u>Mattew 5:39-40</u>** – "*Imma jien ngħidilkom: La tiqfux lill-ħażen: iżda lil kull min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll. U jekk xi bniedem imur il-qorti miegħek, u jeħodlkol libstek, ħallih jieħu l-mantar tiegħek ukoll.*

b. **<u>Luqa 6:29-30</u>** – "*U lil min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek, dawwarlu l-ieħor ukoll; u min jeħodlok il-mantar, la tiċħadlux jeħodlok il-bisa wkoll. Lil kull min jitolbok, agħtih; u min jeħodlok ħwejġek tarġax titlobhomlu.*"

ċ. **<u>Rumani 12:19</u>** – "*Maħbubin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idejkom, imma agħmlu l-wisa' għall-għadab ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, igħid il-Mulej.*"

7. **Biex ma nintrebħux mill-ħażen, imma nirbħu l-ħażen bit-tajjeb.**

a. **<u>Rumani 12:21</u>** – "*Tintrebaħx mill-ħażen, imma irbaħ il-ħażen bit-tajjeb.*"

8. **Li nagħmlu lil ħaddieħor dak li rridu li ħaddieħor jagħmel lilna.**

a. **<u>Mattew 7:12</u>** – "*Kulma tridu mela li l-bnedmin jagħmlulkom, agħmlu hekk intom lilhom: għax din hi l-liġi u l-profeti.*"

b. **<u>Luqa 6:31</u>** – "*Kif tridu li l-bnedmin jagħmlulkom, hekk agħmlu lilhom.*"

9. **Li ma nimxux kif jimxu l-Ġentili.**

a. **<u>Efesin 4:17</u>** – "*Dan jien ngħid mela, u nixhed fil-Mulej, li minn issa 'l quddiem ma timxux iżjed bħal ma jimxu Ġentili oħra, wara l-frugħa ta' moħħhom.*"

b. Efesin 5:7-11 – *"La tiħdux mela sehem magħhom. Għax intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej: imxu bħala wlied id-dawl: (Għax il-frott tal-Ispirtu jinsab f'kull tjieba u ħaqq u sewwa:) Billi tfittxu li tagħrfu dak li jogħġob lill-Mulej. U la tissiħbux fl-opri tad-dlam, iżda pjuttost ikkundannawhom."*

ċ. Rumani 12:2 – *"U la taqblux ma' did-dinja: imma tbiddlu bit-tiġdid ta' moħħkom, biex tagħrfu liema hi dik ir-rieda tajba, u li togħġob, u perfetta ta' Alla."*

d. 2 Korintin 6:17 – *"Għalhekk oħorġu minn ġo nofshom, u nfirdu minnhom, igħid il-Mulej; u tmissu xejn imniġġes; u jien nilqagħkom."*

**10. Li nimxu onestament quddiem il-barranin u ma jkollna ebda sħubija ma' l-opri tad-dlam imma noħorġu.**

a. 1 Tessalonikin 4:12 – *"Billi ġġibu ruħkom kif jixraq quddiem il-barranin, u li ma jkollkom bżonn ta' xejn."*

b. 1 Timotju 5:14 – *"Għalhekk mela rrid li n-nisa żgħażagħ jiżżewġu, ikollhom it-tfal, imexxu d-dar, u ma jagħtux lill-għadu l-ebda okkażjoni ta' tagħjir."*

ċ. Filippin 2:15 – *"Biex tkunu bla ħtija u safja, ulied Alla, bla tebgħa, li fih intom tiddu bħal kwiekeb fid-dinja."*

## V. DWAR IL-KARATTRU TIEGĦEK STESS

**1. Li nkunu qaddisa f'dak kollu li ngħidu. Mingħajr qdusija ħadd ma jara lill-Mulej.**

a. 1 Pietru 1:15-16 – *"Iżda bħalma hu qaddis dak li sejħilkom, hekk kunu intom ukoll qaddisin fl-imġieba tagħkom kollha; Għax hu miktub: Kunu qaddisin, għax qaddis jien."*

b. Lhud 12:14 – *"Fittxu s-sliem ma' kulħadd, u l-qdusija, li mingħajrha l-ebda bniedem ma jara l-Mulej."*

**2. Li nkunu għaqlin bħas-sriep, safja bħal ħamiem.**

a. Mattew 10:16 – *"Ara, jien qiegħed nibgħatkom bħala ngħaġ fost l-ilpup; kunu mela għaqlin bħas-sriep, u safjin bħal ħamiem."*

b. Filippin 2:15 – *"Biex tkunu bla ħtija u safja, ulied Alla, bla tebgħa, li fih intom tiddu bħal kwiekeb fid-dinja."*

ċ. Efesin 5:15-17 – *"Araw mela li timxu bil-għaqal, mhux bħal boloh, imma bħal għorrief, billi tirbħu żmien, għax il-jiem huma ħżiena. Għalhekk tkunux bla għaqal, imma ifhmu x'inhi r-rieda tal-Mulej."*

d. 2 Timotju 2:24 – *"U l-qaddej tal-Mulej m'għandux jiġġieled; imma għandu jkun ħelu ma' kulħadd, jaf igħallem, kollu sabar."*

e. Titu 2:2 – *"Biex l-irġiel xjuħ ikunu meqjusin, għaqlin, irżina, sħaħ fil-fidi, fl-imħabba, u fis-sabar."*

f. Efesin 4:32 – *"U kunu qalbkomn tajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, u aħfru 'l xulxin, bħalma ħafrilkom Alla għal Kristu.*

ġ. **Kolossin 3:12** – *"Ilbsu mela, bħala l-magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin, qalb ta' ħniena, it-tjieba, l-umiltà tal-moħħ, il-ħlewwa, is-sabar."*

g. **Mattew 18:35** – *"Hekk ukoll Missieri li hu fis-smewwiet jagħmel ukoll lilkom, jekk kull wieħed minnkom ma jaħfirx minn qalbu lil ħuh ħtijietu."*

3. **Xjuħ u żagħżagħ ikunu għaqlin, meqjusa, u bis-sabar.**

a. **Filippin 4:5** – *"Ħa tkun magħrufa l-ħlewwa tagħkom mal-bnedmin kollha. Il-Mulej qrib."*

b. **Titu 2:2, 7** – *"Biex l-irġiel xjuħ ikunu meqjusin, għaqlin, irżina, sħaħ fil-fidi, fl-imħabba, u fis-sabar."*

ċ. **1 Pietru 1:13** – *"Għalhekk ħażżmu ġenbejn ruħkom, għixu ħajja meqjusa, u ttamaw sa l-aħħar fil-grazzja li tingħatalkom fid-dehra ta' Kristu."*

d. **1 Pietru 5:8** – *"Kunu meqjusin; ishru; għax il-għadu tagħkom, ix-xitan, bħal iljun igħajjat, idur, ifittex lil min jibla'."*

4. **Li nagħmlu kollox bil-qalb.**

a. **Rumani 12:1-2** – *"Nitlobkom mela, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, biex tagħtu lil ġisimkom bħala sagrifiċċju ħaj, imqaddes, u li jogħġob 'l Alla: dan hu s-servizz xieraq tagħkom. U la taqblux ma' did-dinja: imma tbiddlu bit-tiġdid ta' moħħkom, biex tagħrfu liema hi dik ir-rieda tajba, u li togħġob, u perfetta ta' Alla."*

b. **Kolossin 3:23** – *"U kulma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom qisu lill-Mulej, u mhux lill-bnedmin."*

5. **Li nkunu dejjem attenti, u lesti.**

a. **1 Korintin 16:13** – *"Ishru, żommu sħiħ fil-fidi, kunu qalbiena, kunu qawwijin."*

b. **Filippin 4:4** – *"Ifirħu dejjem fil-Mulej: u narġa' ngħid: Ifirħu."*

ċ. **1 Tessalonikin 5:6, 8, 10** – *"Għalhekk ma norqdux, bħal ma jagħmlu oħrajn; imma ħa nishru u nkunu b'għajnejna miftuħa…Imma aħna, li aħna tal-jum, ħa nkunu għajnejna miftuħa, lebsin il-kurazza tal-fidi u tal-imħabba; u bħala elmu, it-tama tas-salvazzjoni."*

d. **2 Pietru 1:5-7** – *"U barra minn dan, agħmlu l-ħeġġa kollha, u żidu mal-fidi tagħkom il-virtù; u mal-virtù l-għarfa; u mal-għarfa, ir-rażna; u mar-rażna, is-sabar; u mas-sabar, it-tjieba; u mat-tjieba, il-ħbubija tal-aħwa; u mal-ħbubija tal-aħwa, l-imħabba."*

6. **Li nissimpatizzaw ma' oħrajn kemm fin-niket tagħhom kif ukoll fil-ferħ.**

a. **Rumani 12:15** – *"Ifirħu ma' min jifraħ; u ibku ma' min jibki."*

7. **Li lkoll ikollna l-umiltà u mhux suppervi.**

a. **Luqa 14:11-13** – *"Għax kull min igħolli lilu nnifsu jitniżżel; u kull min iniżżel lilu nnifsu jitgħolla. Imbagħad qal ukoll lil dak li stiednu: Meta tagħti xi pranzu jew ikla, la ssejjaħ lil ħbiebek, u lanqas lil ħutek, u lanqas lil qrabatek, u lanqas lill-ġirien għonja tiegħek, li ma jistidnukx huma wkoll, u jpattulek. Imma meta tagħmel stedina, sejjaħ lill-foqra, lill-magħtubin, liz-zopop, lill-għomja. U tkun imbierek; għax ma jistgħux ipattulek; imma jirtaddlek fil-qawmien tan-nies ġusti"*

b. **Rumani 11:20** – *"Tajjeb; minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom inqatgħu, u int bqajt iżżomm bil-fidi. La titkabbarx, imma ibża'."*

ċ. **Rumani 12:16** – *"Aqblu ma' xulxin, tixtiqux ħwejjeġ għolja, agħmluha ma' nies baxxi. Tgħoddux ruħkom b'għorrief fil-ħsibijiet tagħkom."*

d. **Filippin 2:3** – *"Ħa ma jsir xejn bi ġlied u ftaħir fieragħ; iżda bl-umiltà ħalli kull wieħed iżomm lill-oħrajn aħjar minu."*

e. **Kolossin 3:12** – *"Ilbsu mela, bħala l-magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin, qalb ta' ħniena, it-tjieba, l-umiltà tal-moħħ, il-ħlewwa, is-sabar."*

f. **1 Pietru 5:5-6** – *"Hekk ukoll intom, iż-żgħażgħ, issottomettu ruħkom għax-xjuħ. Iva, intom ilkoll issottomettu ruħkom għal xulxin, u kunu mżejna bl-umiltà: għax Alla jżommilhom il-kburin, u jagħti grazzja lill-umli. Umiljaw ruħkom mela taħt l-id setgħana ta' Alla, biex igħollikom f'waqtu."*

**8. Li jkollna s-sabar lejn kulħadd, speċjalment lejn id-dagħjfa u dawk li jiżbaljaw. Inwarrbu l-korla.**

a. **Rumani 12:10** – *"Għożżu 'l xulxin b'imħabba ta' aħwa; fil-ġieh qisu 'l xulxin ogħla."*

b. **Rumani 14:1** – *"Il-qugħ lil min hu dgħajjef fil-fidi, iżda mhux għal disputi dubbjużi."*

ċ. **Rumani 15:1** – *"Aħna mela l-qawwijin għandna nerfgħu d-dgħufija ta' dawk li huma dgħajfa, u mhux nogħġbu lilna nfusna."*

d. **1 Tessalonikin 5:14** – *"Issa nħeġġiġkom, ħuti, biex twissu lill-għażżenin, biex tagħmlu l-ħila lill-beżżiegħa, biex twieżnu lid-dgħajfin, biex iżżommu s-sabar ma' kulħadd."*

e. **Efesin 4:31** – *"Ħa jitwarrab minnkom kull imrar, u saħna, u għadab, u agħjat, u kliem ħażin ma' kull ħażen."*

f. **1 Pietru 2:1** – *"Imma kien hemm ukoll profeti qarrieqa fost il-poplu, bħal ma jkun hemm ukoll fostkom għalliema qarrieqa, li jdaħħlu minn taħt ereżiji misħutin, billi jiċħdu wkoll is-Sid li xtrahom, u jġibu minnu-fih fuqhom it-telfien."*

**9. Li nimxu fuq dak kollu li hu tassew, onest, ġust, safi, sabiħ, u kull ħaġa tajba u nwarrbu dak kollu li hu ħażin.**

a. **Filippin 4:8** – *"Mill-bqija, ħuti, il-ħwejjeġ kollha li huma veri; il-ħwejjeġ kollha li huma ġusti; il-ħwejjeġ kollha safja; il-ħwejjeġ kollha li*

*jisthoqqilhom imħabba; il-ħwejjeġ kollha li huma ta' fama tajba; jekk hemm xi virtù, u jekk hemm xi tifħir, fuq dawn il-ħwejjeġ għandkom taħsbu.*"

b. **Rumani 12:9** – "*Ħa tkun l-imħabba bla wċuħ. Obogħdu dak li hu ħażin; żommu sħiħ mat-tajjeb.*"

ċ. **1 Tessalonikin 5:22** – "*Aħarbu minn kull għamla ta' deni.*"

10. **Li ma ngħidux kliem mhux xieraq u ħwejjeġ oħra ħżiena.**

a. **Efesin 5:3-4** – "*La ż-żena, u lanqas ebda faħx, jew ir-regħba, ma għandhom jissemmew darba waħda biss forskom, kif jixraq lill-qaddisin. Lanqas kliem moqżież, u kliem iblah, u ċajt, li ma jixirqux: imma pjuttost radd il-ħajr.*"

b. **Galatin 5:19-21** – "*Issa l-egħmejjel tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: l-adulterju, iż-żena, il-faħx, it-tbaħrid, l-idolatrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied, il-ġelosija, il-għadab, ambizzjoni, il-firda, l-ereżija, il-għira, il-qtil, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi, li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla.*"

## VI. DWAR L-AZZJONIJIET TIEGĦEK

1. **Li kull ma nagħmlu nagħmluh għall-glorja ta' Alla, kemm jekk nieklu jew nixorbu.**

a. **1 Korintin 10:31** – "*Kemm mela jekk tieklu, jew tixorbu, jew tagħmlu xi ħaġa agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla.*"

b. **Kolossin 3:17** – "*U kulma tagħmlu bil-kliem jew bl-egħmil, agħmlu kollox f'isem Sidna Ġesù, u roddu ħajr lil Alla u lill-Missier permezz tiegħu.*"

2. **Li ma ngħixux aktar il-bqija ta' ħajjitna fil-ħażen tad-dinja imma li nagħmlu r-rieda ta' Alla mill-qalb.**

a. **1 Pietru 4:2** – "*Biex ma jgħix iżmien li baqagħlu fil-ġisem skond ix-xewqat ħżiena tal-bnedmin, imma skond ir-rieda ta' Alla.*"

b. **Rumani 6:11** – "*Hekk ukoll intom qisu wkoll ruħkom mejtin tassew għad-dnub, imma ħajjin għal Alla f'Ġesù Kristu Sidna.*"

ċ. **Efesin 6:6** – "*Mhux għall-għajn, biex togħġbu lill-bnedmin; imma bħala l-qaddejja ta' Kristu, billi tagħmlu r-rieda ta' Alla mill-qalb.*"

d. **2 Korintin 5:15** – "*U li miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom, u raġa' qam.*"

3. **Li għandna dejjem inkunu mħeġġa għal l-opri tajba.**

a. **Titu 2:14** – "*Li ta lilu nnifsu għalina, biex jifdina minn kull ħażen, u jnaddaf għalih innifsu poplu, li hu tiegħu, imħeġġeġ għall-opri tajba.*"

b. <u>1 Korintin 15:58</u> – *"Għalhekk, ħuti maħbubin, żommu sħiħ, la titħarkux, għad-du dejjem 'il quddiem fix-xogħol tal-Mulej, billi tafu li t-taħbit tagħkom ma jkunx ta' xejn fil-Mulej."*

ċ. <u>1 Tessalonikin 4:1</u> – *"Barra minn dan imbagħad nitolbukom, ħuti, u nħeġġukom f'Sidna Ġesù, li bħal ma ħadtu minn għandna kif għandkom timxu u togħġbu 'l Alla, hekk tkomplu toktru iżjed u iżjed."*

d. <u>Lhud 6:11</u> – *"U aħna nixtiequ li kull wieħed minnkom juri sa l-aħħar l-istess ħeġġa għat-twettiq sħiħ tat-tama."*

e. <u>Galatin 6:9</u> – *"U ħa ma ngħejjewx nagħmlu t-tajjeb; jekk ma nintelqux, naħsdu meta l-ħsad jasal f'waqtu."*

f. <u>2 Tessalonikin 3:13</u> – *"Iżda intom, ħuti, tgħajjewx tagħmlu l-ġid."*

**4. Oqgħodu attent mill-għalliema foloz.**

a. <u>Mattew 24:24</u> – *"Għax iqumu ħafna Kristjijiet foloz, u profeti foloz, u juru sinjali kbar u egħġubijiet; biex, jekk jista' jkun, iqarrqu bil-maħturin ukoll."*

b. <u>Mattew 7:15</u> – *"Ħarsu ruħkom mill-profeti foloz, li jiġu għandkom lebsin ta' ngħaġ, imma minn ġewwa huma lpup imġewħa."*

ċ. <u>Atti 20:29-31</u> – *"Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhiliex. U minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hukontra l-verità, bil-ħsieb li jdawru d-dixxipli għal warajhom. Għalhekk iftħu għajnejkom."*

d. <u>1 Timotju 4:1-2</u> – *"Issa l-Ispirtu jgħid fi kliem ċar, li fl-aħħar żminijiet x'uħud jitilqu mill-fidi, billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa, u tagħlim tad-demonji; Li jgħidu ħaġa b'oħra bl-ipokresija; u li għandhom il-kuxjenza tagħhom immarkata b'ħadida mikwija."*

e. <u>2 Timotju 3:13</u> – *"Imma niewx ħżiena u qarrieqa jimxu dejjem għall-agħarr, iqarrqu, u jitqarrqu."*

f. <u>1 Ġwanni 4:1</u> – *"Maħbubin, la temmnux f'kull spirtu, imma araw jekk l-ispirti humiex ġejjin minn Alla: għax ħarġu barra fid-dinja ħafna profeti qarrieqa."*

**5. Li nħarsu lilna nfusna mir-regħba; ma nqegħdux it-teżori tagħna fuq l-art; inkunu lesti għal kull opra tajba.**

a. <u>Luqa 12:15</u> – *"U qalilhom: Araw tajjeb, u ħarsu ruħkom mir-rebgħa: għax il-ħajja tal-bniedem mhix qiegħda fil-kotra tal-ġid li għandu."*

b. <u>Mattew 6:19</u> – *"La taħżnux teżori fl-art għalikom, fejn il-kamla u s-sadid iħassru, u fejn il-ħallelin jifthu u jisirqu."*

ċ. <u>Titu 3:1</u> – *"Fakkarhom li għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipati u s-setgħat, jobdu lil min hu fuqhom, ikunu mhejjijin għal kull opra tajba.*

d. <u>Lhud 13:5</u> – *"Qisu li ħajjitkom tkun bla regħba; u kunu kuntenti b'dak li għandkom: għax hu qal: Ma nħallik qatt, u lanqas nitilqek."*

**6. Li ngħinu lil dawk li jitolbuna u li huma fil-bżonn.**

a. <u>Mattew5:42</u> – “*Agħti lil min jitolbok, u min irid jissellef minn għandek la titwarrabx minnu.*”

b. <u>Rumani 12:13</u> – “*Ħa nimxu onestament, qisu bi nhar; mhux fix-xalar u s-sokor, mhux fiż-żena u t-tbaħrid, mhux fil-ġlied u l-għira.*”

ċ. <u>2 Korintin 9:6-8</u> – “*Iżda dan ngħid jien: Min jiżra' bil-għaks, bil-għaks ukoll jaħsad; u min jiżra' bil-kotra, bil-kotra wkoll jaħsad. Ħa jagħti kull wieħed skond ma jidhirlu f'qalbu; mhux fuq qalbu, jew ta' bil-fors: għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.*”

d. <u>Lhud 13:16</u> – “*Iżda tinsewx tagħmlu l-ġid u tgħinu 'l xulxin: għax b'sagrifiċċji bħal dawn jitgħaxxaq Alla.*”

e. <u>Ġakbu 1:27</u> – “*Reliġjon safja u bla tebgħa quddiem Alla 'l Missier hi din: Iżżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u li żżomm lilek innifsek bla tebgħa mid-dinja.*”

7. **Li ma nagħtux il-karità quddiem il-bnedmin biex nidhru u jarawna.**

a. <u>Mattew 6:1-4</u> – “*Araw li ma tagħmlux il-karità tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jarawkom: inkella ma jkollkomx ħlas minn Missierkom li hu fis-smewwiet. Għalhekk meta tagħmel il-karità tiegħek, iddoqqx it-tromba quddiemek, kif jagħmlu l-ipokriti fis-sinagogi u fit-toroq, biex ikunu mfaħħrin mill-bnedmin. Tassew ngħdilkom: Għandhom ħlashom. Iżda meta tagħmel karità, tħallix idek ix-xellugija tkun taf x'għamlet il-leminija: Biex il-karità tiegħek tkun fil-moħbi: u Missierek li jara fil-moħbi jroddlok fil-beraħ.*”

8. **Li ma naħdmux biex inkunu għonja imma li nkunu kuntenti b'dak li għandna.**

a. <u>1 Timotju 6:8</u> – “*U meta għandna l-ikel u l-ilbies ħa nkunu kuntenti bihom*”

b. <u>Ġwanni 6:27</u> – “*La taħdmux għall-ikel li jintemm, imma għal dak l-ikel li jdum għall-ħajja ta' dejjem, li jagħtikom Bin il-bniedem: għax fuqu Alla l-Missier qiegħed is-siġill tiegħu.*”

ċ. <u>Mattew 6:19</u> – “*La taħżnux teżori fl-art għalikom, fejn il-kamla u s-sadid iħassru, u fejn il-ħallelin jiftħu u jisirqu.*”

9. **L-għana hija perikoluża u jekk tiġi f'idejk ara li tużaha sewwa fis-servizz tal-Mulej.**

a. <u>1 Timotju 6:10, 17-19</u> – “*Għax l-imħabba tal-flus hi l-għerq tad-deni kollu: x'uħud li taw ruħhom għaliha, tbiegħdu mill-fidi, u nifdu lilhom infushom b'ħafna għali….Wissi li dawk li huma għonja f'din id-dinja, biex ma jimlewx rashom, lanqas jafdaw f'għana li mhux żgur, iżda f'Alla l-ħaj li jagħtina kollox bil-kotra biex ingawduh; Biex jagħmlu t-tajjeb, biex ikunu għonja b'opri tajba, lesti biex ikunu idejhom miftuħa, u jaqsmu ma' l-oħrajn: U jaħżnu għalihom teżor mibni fuq sisien tajba għaż-żmien li ġej, biex jiksbu l-ħajja ta' dejjem.*”

b. <u>Luqa 12:18-21</u> – “*U qal: Hekk nagħmel: Inħott l-imħażen tiegħi, u nibni oħrajn aktar; u niġma' hemm il-qamħ tiegħi u ġidi. U ngħid lil ruħi: Ruħ,*

*għandek ħafna ġid merfugħ għal ħafna snin; strieħ, kul, ixrob u thenna. Imma Alla qallu: Ja iblah, dal-lejl ruħek tintalab minn għandek, imbagħad dak li hejjejt ta' min ikun?"*

ċ. **<u>Luqa 16:9-13</u>** – "*Imbagħad Ġesù qalilhom: Nistaqsikom ħaġa: Jiswa tagħmel ġid nhar ta' Sibt, jew tagħmel id-deni? Issalva ħajja, jew teqrid-ha? U tafa' ħarsa madwarhom ilkoll, u qal lir-raġel: Mid idek. U dak għamel hekk: u reġgħet idu ssaħħet bħall-oħra. U huma mtlew bil-qilla; u bdew jitħaddtu bejniethom x'jagħmlu 'l Ġesù. U ġara f'dawk il-jiem, illi ħareġ lejn mu-ntanja biex jitlob, u għadda l-lejl kollu jitlob 'l Alla. U malli sebaħ, sejjaħ id-dixxipli tiegħu lejh: u għażel tnax minnhom, li wkoll semmihom appostli.*"

d. **<u>1 Pietru 4:10</u>** – "*Skond id-don li kull wieħed ħa, għinu lil xulxin, bħala amministraturi tajba tal-grazzja ta' Alla, li hi ta' ħafna xorta.*"

**10. Li nimxu fl-Ispirtu; nimxu b'mod denju.**

a. **<u>Galatin 5:16-26</u>** – "*Dan mela ngħid jien: Imxu fl-Ispirtu, u intom ma twettqux ix-xewqat ħżiena tal-ġisem. Għax il-ġisem għandu xewqat kontra l-Ispirtu, u l-Ispirtu kontra l-ġisem; u dawn huma kontra xulxin: biex hekk ma tkunux tistgħu tagħmlu li tridu. Imma jekk tkunu mmexxijin mill-Ispirtu, m'intomx taħt il-liġi. Issa l-għemejjel tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: l-adulterju, iż-żena, il-faħx, it-tbaħrid, l-idolatrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied, il-ġelosija, il-għadab, it-tbixkil, il-firda l-ereżija, il-għira, il-qtil, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtil-kom ukoll fl-imgħoddi, li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla: Iżda l-frott tal-Ispirtu hija l-imħabba, il-ferħ, is-sliem, is-sabar fit-tul, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi. Il-ħlewwa, ir-rażna: kontra dawn m'hemmx liġi. U dawk li huma ta' Kristu sallbu 'l ġisem bil-ġibdiet bix-xewqat ħżiena tiegħu. Jekk ngħixu fl-Ispirtu, ħa nimxu wkoll fl-Ispirtu. Ħa ma nixtiqux ftaħir fieragħ, billi ninbxu lil xulxin, u ngħiru għal xulxin.*"

b. **<u>Efesin 4:24</u>** – "*U tilbsu l-bniedem ġdid, li skond Alla hu maħluq fil-ħaqq u l-qdusija tas-sewwa.*"

ċ. **<u>Efesin 5:8-19</u>** – "*Għax intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej: imxu bħala wlied id-dawl: (Għax il-frott tal-Ispirtu jinsab f'kull tjieba u ħaqq u sewwa;) Billi tfittxu li tagħrfu dak li jogħġob lill-Mulej. U la tissiħbux fl-opri bla frott tad-dlam, iżda pjuttost ikkundannawhom. Għax hu għajb ukoll li wieħed jitkellem fuq dawk il-ħwejjeġ li huma jagħmlu fil-moħbi. Imma l-ħwejjeġ kollha li huma ikkundannati jinki-xfu mid-dawl: għax kulma jidher hu dawl. Għalhekk igħid: Stenbaħ int li rieqed, u qum minn bejn l-imwiet, u jdawlek Kristu. Araw mela li timxu bil-għaqal, mhux bħal boloh, imma bħal għorrief, billi tirbħu ż-żmien, għax il-jiem huma ħżiena. Għalhekk tkunux bla għaqal, imma ifhmu x'inhi r-rieda tal-Mulej. U la tiskrux bl-inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtlew bl-Ispirtu; billi tgħidu wieħed lil ieħor salmi, innijiet u għanjiet spiritwali, tgħannu u tgħidu s-salmi lill-Mulej f'qalbkom.*"

d. Kolossin 3:9 – *"La tigdbux lil xulxin, wara li intom inżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemejjel tiegħu."*

11. **Li nnadfu lilna nfusna minn kull ħmieġ tal-ġisem u tal-Ispirtu.**

a. 2 Korintin 7:1 – *"Mela billi għandna dawn il-wegħdiet, maħbubin, ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u tal-Ispirtu, billi nipperfezzjonaw it-taqdis tagħna, fil-biża' ta' Alla."*

b. 1 Tessalonikin 4:3 – *"Għax din hi r-rieda ta' Alla: it-taqdis tagħkom; li taħirbu miż-żena."*

ċ. 1 Korintin 3:16-17 – *"Ma tafux li intom it-tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk bniedem iħassar it-tempju t'Alla, Alla jeqirdu; għax it-tempju t'Alla, li huwa intom, hu mqaddes."*

d. 1 Korintin 6:15-20 – *"Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma l-membri ta' Kristu? Inneħħi mela l-membri ta' Kristu, u nagħmilhom membri ta' mara żienja? Allaħares! X'inhu? Ma tafux li min jingħaqad ma' mara żienja jsir ġisem wieħed magħha? Għax tnejn, qalu hu, isiru ġisem wieħed. Iżda minn jingħaqad mal-Mulej isir spirtu wieħed. Aħarbu ż-żena. Kull dnub li jagħmel il-bniedem hu barra mill-ġisem; imma min jiżni jidneb kontra ġismu stess. X'inhu? Ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom, li għandkom mingħand Alla, u li intom m'intomx tagħkom infuskom? Għax intom mixtrijin bi prezz: għalhekk igglorifikaw lil Alla f'ġisimkom, u fl-ispirtu tagħkom, li huma ta' Alla."*

12. **Li nimxu fil-paċi mal-bnedmin kollha u qdusija, li mingħajr ebda bniedem ma jara l-Mulej.**

a. Lhud 12:14 – *"Fittxu s-sliem ma' kulħadd, u l-qdusija, li mingħajrha l-ebda bniedem ma jara l-Mulej."*

b. Rumani 12:18 – *"Jekk jista' jkun, daqs kemm jiġi minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd."*

ċ. Rumani 14:19 – *"Ħa nimxu mela wara dawk il-ħwejjeġ li jġibu s-sliem, u l-ħwejjeġ li bihom intejbu wieħed lil ieħor."*

d. 2 Korintin 13:11 – *"Mill-bqija, ħuti, ifirħu. Kunu perfetti, qawwu qalbkom, kunu fehma waħda, għix fis-sliem; u Alla tal-imħabba u tas-sliem ikun magħkom."*

e. Efesin 4:3 – *"Titħabtu biex iżżommu l-għaqda tal-Ispirtu bir-rabta tas-sliem."*

13. **Li aħna nogħġbu lil kulħadd għall-ġid tagħhom.**

a. Rumani 15:2 – *"Ħalli kull wieħed minna jogħġob lil għajru għall-ġid tiegħu biex itejbu."*

b. 1 Korintin 10:33 – *"Bħalma jien ukoll nogħġob lil kulħadd f'kollox, mhux infittex dak li jaqbel lili, imma dak li jaqbel il ħafna, biex ikunu salvati."*

14. **Li nagħmlu kollox mingħajr tgemgim.**

a. <u>Filippin 2:14</u> – "*Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u tlaqliq.*"

15. **Li ma ngħidu xejn ħażin kontra nies oħra u li ma nkunu ġellieda.**

a. <u>Titu 3:1, 2</u> – "*Fakkarhom li għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipati u s-setgħat, jobdu lil min hu fuqhom, ikunu mhejjijin għal kull għemil tajjeb, ma jgħajru lil ħadd, ma jkunux ġellieda, imma ġwejdin, billi jkunu kollhom ħlewwa ma' kulħadd.*"

16. **Li nkunu ħfief biex niximgħu**

a. <u>Ġakbu 1:19</u> – "*Għalhekk, ħuti maħbubin, ħa jkun kull bniedem ħafif biex jisma', tqil biex jitkellem, u tqil biex jagħdab.*"

17. **Li nitbiegħdu minn kull ħażen.**

a. <u>2 Timotju 2:19</u> – "*Madankollu s-sisien ta' Alla jżommu sħiħ, billi għandhom dal-kliem maħżuż: Jagħraf il-Mulej dawk li huma tiegħu. U: Ħa jitbiegħed mill-ħażen kul min isemmi l-isem ta' Kristu.*"

b. <u>1 Pietru 4:15</u> – "*Imma ħa ma jkun hemm ħadd fostkom li jkollu jbati bħala qattiel, jew bħala ħalliel, jew jindaħal fejn ma jesgħux.*"

18. **Li ma npattux deni għal deni imma li nagħmlu dak li hu tajjeb.**

a. <u>1 Pietru 4:19</u> – "*Hekk mela dawk li jsofru skond ir-rieda ta' Alla, ħa jerħu ruħhom f'idejn il-Ħallieq fidil, billi jagħmlu t-tajjeb.*"

b. <u>1 Tessalonikin 5:15</u> – "*Qisu li ħadd ma jrodd deni għal deni lil ħadd; imma dejjem fittxu dak li hu tajjeb, sew bejnietkom, u kemm ma' kul-ħadd.*"

ċ. <u>1 Pietru 4:13</u> – "*Imma ifirħu, skond ma tixxierku fit-tbatijiet ta' Kristu, biex meta tidher il-glorja tiegħu, tifirħu u tithennew.*"

19. **Li nfittxu biss ħwejjeġ tajba u naħirbu dak kollu li hu ħażin.**

a. <u>1 Timotju 6:11</u> – "*Imma int, ja raġel ta' Alla, dan aħarb; u imxi wara l-ħaqq, it-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa.*

b. <u>2 Timotju 2:22</u> – "*Aħrab ukoll ix-xewqat ħżiena taż-żgħożija: imma fittex il-ħaqq, il-fidi, l-imħabba, u s-sliem, ma' dawk li jsejħu l-Mulej b'qalb safja.*"

20. **Li nħallu l-Kelma ta' Kristu tgħammar fina bil-kotra.**

a. <u>Kolossin 3:16</u> – "*Ħa tgħammar fikom bil-kotra l-kelma ta' Kristu f'kull għerf; billi tgħallmu u twissu lil xulxin b'salmi, u innijiet, u għanjiet spiritwali, u tgħannu bil-grazzja f'qalbkom lill-Mulej.*"

b. <u>1 Pietru 2:2</u> – "*Bħal trabi li għadhom kemm twieldu, ixxenqu għall-ħalib safi tal-kelma, biex tikbru bih.*"

ċ. <u>1 Timotju 4:15</u> – "*Itfa' ħsiebek fuq dawn il-ħwejjeġ: agħti lilek innifsek għalkollox għalihom; biex il-mixi tiegħek 'il quddiem jidher lil kul-ħadd.*"

21. **Li nroddu lil kulħadd dak li jmissu u li ma jkollna nagħtu lil ħadd, imma li nħobbu lil xulxin.**

a. <u>Rumani 13:7-8</u> – "*Roddu mela lil kulħadd dak li jmissu: id-dazju lil min jimissu d-dazju; it-taxxi lil min imissu t-taxxi; rispett lil min imissu r-rispett, il-ġieh lil min imissu l-ġieh. M'għandu jkollkom tagħtu xejn lil ħadd; ħlief li tħobbu lil xulxin; għax min iħobbnb lil ħaddieħor iwettaq il-liġi.*"

22. **Li noqgħodu għall-mexxejja tagħna u nobdu l-liġijiet kollha barra minn dawk li jiġu f'konflitt tal-Liġi ta' Kristu.**

a. <u>Titu 3:1</u> – "*Fakkarhom li għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipati u s-setgħat, jobdu lil min hu fuqhom, ikunu mhejjijin għal kull għemil tajjeb.*"

b. <u>1 Pietru 2:13-17</u> – "*Issottomettu ruħkom għal kull liġi tal-bniedem minħabba l-Mulej: kemm lis-sultan, bħala fuq kulħadd, kemm lill-gvernaturi, bħala mibgħutin minnu għall-kastig ta' dawk li jagħmlu d-deni, u biex ifaħħru 'l dawk li jagħmlu t-tajjeb. Għax hekk hi r-rieda ta' Alla li, billi tagħmlu t-tajjeb, intom tkunu tistgħu ssiktu l-injuranza tan-nies bla għaqal. Bħala ħielsa, u mhux tinqdew bil-ħelsin tagħkom, bħala għata għall-ħażen, imma bħala l-qaddejja ta' Alla. Weġġħu 'l kulħadd. Ħobbu l-aħwa kollha. Ibżgħu min Alla. Weġġħu s-sultan.*"

ċ. <u>Rumani 13:6</u> – "*Għax għalhekk għandkom tħallsu d-dazju wkoll: għax huma l-ministri ta' Alla, li jagħmlu dil-ħaġa kuljum.*"

d. <u>Atti 4:19</u> – "*Iżda Pietru u Ġwanni wieġbu, u qalulhom: Jekk hux sewwa quddiem Alla li nisimgħu minnkom aktar milli minn Alla, aqtgħu intom.*"

## VII. DWAR IL-ĦSIBIJIET U L-KLIEM TIEGĦEK

1. **Li nżommu fina xewqat ħżiena hija azzjoni ħatja. Hija pprojbita.**

a. <u>Mattew 5:27-28</u> – "*Smajtu xi ntqal min-nies ta' dari: La tagħmilx adulterju: Imma jien ngħidilkom: Li kull min iħares lejn mara biex jiżni magħha, ikun ġa f'qalbu għamel adulterju magħha.*"

2. **Li aħna għandna mmewtu, jew inżommu f'sottomissjoni l-membri tagħna li huma fuq l-art.**

a. <u>Kolossin 3:5</u> – "*Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art; iż-żena, il-faħx, il-ġibdiet tal-ġisem, ix-xewqat ħżiena, u r-regħba, li hi idolatrija.*"

b. <u>Galatin 5:24</u> – "*U dawk li huma ta' Kristu sallbu 'l ġisem bil-ġibdiet u x-xewqat ħżiena tiegħu.*"

ċ. <u>1 Korintin 9:27</u> – "*Imma ngħakkes lil ġismi, u njassru: biex ma jiġrix li, wara li nkun xandart lill-oħrajn, jien stess inkun imwarrab.*"

3. **Li nneħħu kull kawża ta' tfixkil spiritwali ukoll jekk ikun hemm xi riskju jew uġigħ.**

a. **Mattew 5:29** – "*U jekk għajnek il-leminija tfixklek, aqlagħha, u armiha bgħid minnek: għax jaqbillek li tispiċċa biċċa waħda minnek, u mhux li ġismek kollu jirtema fl-infern.*"

b. **Lhud 12:1** – "*Għalhekk mela aħna, billi qegħdin naraw ukoll kif aħna mdawrin bi sħaba hekk bira ta' xhud, ħa nwarrbu kull tagħbija, u d-dnub li tant malajr ifixkilna, u ħa niġru bis-sabar il-ġirja li għandna quddiemna.*"

4. **Li kliemna dejjem ikun nadif.**

a. **Mattew 5:37** – "*Iżda ħa jkun kliemkom: Iva, iva; Le, le: għax dak kollu li hu iżjed minn dan jiġi mill-ħażen.*"

b. **Efesin 4:29** – "*Ħa ma toħroġ ebda kelma ħażina minn fommkom; imma dik li hi tajba, u li tiswa għall-ġid, biex tagħti grazzja lil dawk li jisimgħuha.*"

ċ. **Kolossin 3:18** – "*Nisa, issottomettu ruħkom għal żwieġkom, kif jixraq fil-Mulej.*"

d. **Titu 2:7-8** – "*Uri lilek innifsek f'kollox xempju ta' opri tajba: fit-tagħlim, nuqqas ta' taħsir, għaqal, sinċerità. Kliem sħiħ, li ma jistax ikun ikkundannat: biex min hu kontra jistħi, billi ma jsib xi jgħid l-ebda deni fuqek.*"

5. **Li jekk nitkellmu, ħalli nitkellmu bi kliem Alla.**

a. **1 Pietru 4:11** – "*Jekk xi ħadd jitkellem, ħa jitkellem qisu bi kliem Alla; jekk xi ħadd jaqdi, ħa jagħmlu bis-setgħa li tah Alla; biex f'kollox ikun igglorifikat Alla b'Ġesù Kristu, li tiegħu huma l-glorja, u l-qawwa, għal dejjem ta' dejjem. Amen.*"

6. **Li ngħidu l-verità u ma nigdbux.**

a. **Efesin 4:25** – "*Għalhekk warrbu l-gideb, u kull wieħed jitkellem is-sewwa mal-ġar tiegħu: għax aħna membri ta' xulxin.*"

b. **Kolossin 3:9** – "*La tigdbux lil xulxin, wara li intom inżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemejjel tiegħu.*"

7. **Li ma naħilfu b'xejn imma li ngħidu "Iva" jew "le" għandu jkun biżżejjed.**

a. **Mattew 5:34-37** – "*Imma jien ngħidilkom: Taħilfu xejn; la bis-sema; għax hu t-tron ta' Alla: La bl-art; għax hi l-mirfes ta' riġlejh; la b'Ġerusalemm; għax hi l-belt tas-Sultan il-kbir. Lanqas taħlef b'rasek, għax int ma tistax tagħmel xagħra waħda bajda jew sewda. Iżda ħa jkun kliemkom: Iva, iva; Le, le: għax dak kollu li hu iżjed minn dan jiġi mill-ħażen.*"

b. **Ġakbu 5:12** – "*Imma fuq kollox, ħuti, la taħilfux, la bis-sema, u lanqas bl-art, u bl-ebda ħalfa oħra: imma ħallu l-iva tagħkom ikun iva; u l-le tagħkom, le; biex ma taqgħux taħt il-kundanna.*"

8. **Li minn fommna ma joħorġux barkiet u saħtiet.**

a. **Ġakbu 3:10** – *"Mill-istess fomm joħorġu l-barka u s-saħta. Dawn il-ħwejjeġ m'għandhomx ikunu hekk, ħuti."*

## VIII. DWAR IR-RELAZZJONIJIET MATRIMONJALI

1. **Fil-libertà li terġa' tiżżewweġ lil min trid, biss fil-Mulej.**

a. **1 Korintin 7:39** – *"Il-mara hi marbuta bil-liġi kemm idum ħaj żewġha: imma jekk żewġha jmut, hi maħlula, u tista' tiżżewweġ lil min trid hi; biss fil-Mulej."*

2. **Irġiel u nisa miżżewġin m'għandhomx jisseparaw ħlief minħabba l-adulterju**

a. **Mattew 19:6-9** – *"Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem. Qalulu: Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divorzju u titkeċċa? Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu n-nisa tagħkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk. U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żena, u jiżżewweġ oħra, jagħmel adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jagħmel adulterju."*

b. **1 Korintin 7:10** – *"U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha."*

ċ. **1 Korintin 6:9-10** – *"Ma tafux li l-ħżiena ma jirtux is-saltna ta' Alla? La titqarrqux: la ż-żienja, la l-idolatri, la l-adulteri, la dawk li għandhom min-nisa, la dawk li jħobbu s-subjien u l-irġiel, la l-ħallelin, la r-rgħiba, la s-skaren, la l-għajjarin, lanqas il-ħattafa ma jirtu s-saltna ta' Alla."*

3. **Raġel miżżewweġ jew mara miżżewwġa isiru emmiena mingħajr il-parti l-oħra, m'għandhomx iħallu lil xulxin, jekk hu jew hi jaqblu li jkomplu jgħixu ħajja fil-paċi.**

a. **1 Korintin 7:12-15** – *"Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex. U l-mara li għand-ha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux. Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin: iżda issa huma mqaddsin. Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, ħukom jew l-oħt mhumiex marbutin: iżda Alla sejħilna għas-sliem."*

4. **Li l-irġiel għandhom iħobbu u jirrispettaw lin-nisa tagħhom.**

a. **Efesin 5:25** – *"Intom. L-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, bħalma Kristu ħabb ukoll lill-knisja, u ta' lilu nnifsu għaliha."*

b. **Kolossin 3:19** – *"Irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, u tkunux ħorox magħhom."*

ċ. **1 Pietru 3:7-8** – *"Intom ukoll, irġiel, għammru bil-għaqal magħhom, billi tagħtuhom ġieh, bħala li huma l-aktar dgħajfa, u bħala werrieta magħkom tal-grazzja tal-ħajja; biex it-talb tagħkom ma jintilifx. Fl-*

*aħħar, kunu lkoll fehma waħda, billi tagħdru 'l xulxin, tħobbu 'l xulxin bħal aħwa, qalbkom ħanina, u umli.*"

5. **Li n-nisa għandhom iħobbu, jissottomettu, u jobdu lil żwieġhom.**

   a. **Efesin 5:23-24** – "*Għax ir-raġel hu ras martu, bħalma Kristu hu ras il-knisja: u hu s-salvatur tal-ġisem. Mela bħalma l-knisja hi suġġetta għal Kristu, ħa jkunu hekk in-nisa għal żwieġhom f'kollox*"

   b. **Kolossin 3:18** – "*Nisa, issottomettu ruħkom għal żwieġkom, kif jixraq fil-Mulej.*"

   ċ. **1 Pietru 3:1** – "*Hekk ukoll, intom in-nisa, għandkom tissottomettu ruħkom għal żwieġkom; biex, jekk x'uħud ma jemmnux il-kelma. huma wkoll jistgħu bla l-kelma jintrebħu bl-imġiba tajba tan-nisa.*"

## IX. DWAR ĠENITURI U L-ULIED

25. **Li l-ġenituri għandhm ikabbru lil uliedhom fid-dawl tal-verità.**

- **Efesin 6:4**,

  "*U intom, missirijiet, la tqanqlux lil uliedkom għall-għadab: imma rabbuhom fit-tagħlim u t-twiddib tal-Mulej.*"

- **Kolossin 3:21**,

  "*Missirijiet, iddejqux lil ulliedkom, biex ma jaqtgħux qalbhom.*"

- **1 Timotju 3:3-4**,

  "*Mhux mogħti għall-inbid, ma jarfax idejh, mhux rgħib għall-qliegħ bil-għawġ; imma ġwejjed, mhux ġelliedi, mhux imlebleb għall-flus.*"

26. **Li l-ulied għandhom jobdu lill-ġenituri tagħhom f'kollox.**

- **Efesin 6:1-2**,

  "*Tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej; għax dan sewwa. Weġġah lil missierek u lil ommok; dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda.*"

- **Kolossin 3:20**,

  "*Tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox: għax dan jogħġob ħafna lill-Mulej.*"

## X. DWAR SIDIEN U QADDEJJA

1. **Li s-sidien għanhom ikunu ġusti mal-qaddejja tagħhom.**

   a. **Efesin 6:9** – "*U intom, sidien, agħmlu l-istess magħhom, ħallikom mit-tehdid: kunu afu li Sidkomn ukoll hu fis-sema: u ma jħares lejn wiċċ ħadd.*"

   b. **Kolossin 4:1** – "*Sidien, agħtu lill-qaddejja tagħkom dak li hu ġust u sewwa; billi tafu li intom ukoll għandkom Sid fis-sema.*"

2. **Li l-qaddejja għandhom ikunu ubbidjenti lejn is-sidien tagħhom u li jagħmlu x-xogħol tagħhom bil-qalb.**

   a. Efesin 6:5-8 – "*Qaddejja, isimgħu minn dawk li huma s-sidien tagħkom skond il-ġisem, bil-biża' u t-tregħid, bis-safa ta' qalbkom, qiskom minn Kristu. Mhux għall-għajn, biex togħġbu lill-bnedmin; imma bħala l-qaddejja ta' Kristu, billi tagħmlu r-rieda ta' Alla mill-qalb: Aqduhom bil-qalb, qiskom lill-Mulej, u mhux lill-bnedmin: Billi tafu li għal kull ħaġa tajba li wieħed jagħmel, dan jieħu l-ħlas minn għand Alla, sew jekk ikun ilsir, kemm jekk ikun ħieles.*"

   b. Kolossin 3:22 – "*U kulma tagħmlu, għamluh bil-qalb, qisu lill-Mulej, u mhux lill-bnedmin.*"

   ċ. 1 Timotju 6:1-2 – "*Dawk il-qaddejja li huma taħt il-madmad ħa jgħoddu lis-sidien tagħhom bħala nies li jistħoqqilhom kull ġieh, biex ma jsirx ħalf b'isem Alla u t-tagħlim tiegħu. U dawk li għa-ndhom is-sidien tagħhom jemmnu, ħalli ma jonqsuhomx mill-ġieh, għax huma aħwa; iżda aktar għandhom jaqduhom, għax huma fidili u maħbubin, u għandhom sehem mill-ħidma tajba tagħhom. Dawn il-ħwejjeġ għallem u wissi.*"

   d. 1 Pietru 2:18 – "*Qaddejja, issottomettu ruħkom għas-sidien tagħkom bil-biża' kollu; mhux biss lit-tajbin u lill-ġwejdin, imma lill-ħorox ukoll.*"

   e. 1 Korintin 7:21 – "*Kont ilsir meta kont imsejjaħ? Tħabbatx rasek min-ħabba f'jekk: iżda jekk tista' ssir ħieles, inqeda bil-jasar.*"

3. **Jekk is-sid hu Kristjan, il-qaddej għandu juri ubbidjenza lejh ukoll u mhux jabbuża bih.**

   a. 1 Timotju 6:1-2 – "U d*awk li għandhom is-sidien tagħhom jemmnu, ħalli ma jonqsuhomx mill-ġieh, għax huma aħwa; iżda aktar għandhom jaqduhom, għax huma fidili u maħbubin, u għandhom sehem mill-ħidma tajba tagħhom. Dawn il-ħwejjeġ għallem u wissi.*"

## XI. DWAR AĦWA DIŻUBBIDJENTI

1. **Li jekk xi ħadd ma jobdix il-kmand appostoliku, l-aħwa għandhom iwarrbu minn miegħu.**

   a. 2 Tessalonikin 3:14 – "*U jekk xi bniedem ma jismax minn kliemna b'din l-epistola, araw min hu dan il-bniedem, u la tagħmluhiex miegħu, biex jistħi.*"

2. **Li nevitaw lil dawk li ma jimxux sewwa.**

   a. Rumani 16:17 – "*Issa nitlobkom, ħuti, għassulhom lil dawk li qegħdin jikkaġunaw firda u tfixkil, kuntrarju għat-tagħlim li tgħallimtu; u warrbu minnhom.*"

3. **Li ma nagħmluhiex ma' xi ħadd li ma jkunx miexi sewwa skond il-Kelma ta' Alla.**

   a. 2 Tessalonikin 3:16 – "*Issa l-Mulej tas-sliem jagħtikom hu nnifsu s-sliem dejjem u f'kollox. Ikun il-Mulej magħkom ilkoll.*"

4. **Li nwarrbu nies ħżiena.**

   a. <u>1 Korintin 5:11</u> – *"Iżda jien issa ktibtilkom biex ma tagħmluhiex ma' bniedem, li għalkemm għandu l-isem ta' ħukom, hu żieni, jew rgħib, jew idolatra, jew iħobb igħajjar jew sikran, jew ħalliel; ma' wieħed bħal dan m'għandkom lanqas biss tieklu."*

5. **Li ma naċċettawx fis-sħubija lil dawk li ma joqgħodux għad-dottrina jew kmandamenti tal-Mulej Ġesù.**

   a. <u>2 Ġwanni 8-10</u> – *"Ħarsu ruħkom, li ma nitilfux dak li aħna ħdimna, imma li nieħdu ħlas sħiħ. Min imur aktar 'il quddiem, u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, m'għandux 'l Alla. Min jibqa' fit-tagħlim ta' Kristu, dan għandu 'l Missier u l-Iben. Jekk xi ħadd jiġi għandkom, u ma jġibx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx id-dar, u la sselmulux."*

   b. <u>1 Timotju 6:3-5</u> – *"Jekk xi ħadd igħallem xort'oħra, u ma jaqbilx mal-kliem ta' saħħa, il-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu, u mat-tagħlim li hu skond it-tjieba; hu mimli bih innifsu, ma jaf xejn, iżda mitluf wara kwistjonijiet u ġlied, it-tagħjir, is-suspetti ħziena. disputi bla tarf ta' nies moħħhom imħassar, u neqsin mis-sewwa, u li jaħsbu li l-qliegħ hu tjieba: aħrab min-nies bħal dawn."*

   ċ. <u>Titu 3:10</u> – *"Bniedem eretku, wara l-ewwel u t-tieni twissija, warrbu."*

6. **Li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan m'għandux ikun mogħti għajnuna.**

   a. <u>2 Tessalonikin 3:10</u> – *"Għax ukoll meta konna magħkom, ordnajnielkom dan: li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, lanqas m'għandu jiekol."*

   b. <u>1 Timotju 5:8</u> – *"Jekk xi ħadd ma jaħsibx għal niesu, u l-aktar għan-nies ta' daru, ikun ċaħad il-fidi, u hu agħar minn wieħed li ma jemminx."*

## XII. DWAR IL-LAQGĦAT TAL-KNISJA

1. **Li l-ħwejjeġ kollha għandhom ikunu magħmula b'mod diċenti, u fl-ordni.**

   a. <u>1 Korintin 14:40</u> – *"Ħa jsir kollox kif jixraq u kif imiss."*

2. **Il-ħwejjeġ kollha għandhom ikunu magħmula bl-imħabba.**

   a. <u>1 Korintin 16:14</u> – *"Dak kollu li tagħmlu ħa jkun magħmul fl-imħabba."*

   b. <u>1 Pietru 5:5</u> – *"Hekk ukoll intom, iż-żgħażagħ, issottomettu ruħkom għax-xjuħ. Iva, intom ilkoll issottomettu ruħkom għal xulxin, u kunu mżejnin bl-umiltà: għax Alla jżommilhom il-kburin, u jagħti grazzja lill-umli."*

3. **Li n-nisa fil-knisja għandhom jibqgħu siekta u jilbsu modest.**

   a. <u>1 Timotju 2:11-12</u> – *"Ħa titgħallem il-mara fis-skiet u bis-sottomissjoni kollha. Jiena ma nħallix mara tgħallem, lanqas ikollha setgħa fuq ir-raġel, imma toqgħod siekta."*

b. <u>1 Timotju 2:9</u> – "*Hekk ukoll in-nisa jilbsu lbies xieraq, bil-mistħija u bil-qies, mhux b'xagħar midfur, jew deheb, jew ġawhar, jew b'ilbies jiswa l-flus.*"

ċ. <u>1 Pietru 3:3-4</u> – "*It-tiżjin tagħkom m'għandux ikun tiżjin minn barra, bħalma hi l-maxta tax-xagħar, id-dandin tad-deheb, jew it-tlellix ta' lbies. Imma ħa jkun tiżjin minn ġewwa, il-bniedem moħbi fil-qalb, dak li ma jitħassarx, imżejjen bi spirtu ġwejjed ta' sliem, u li hu prezzjuż ħafna quddiem Alla.*"

**4. Li l-aħwa fil-knisja huma fil-libertà li jieklu u jixorbu li jridu ħlief li ma jagħmlu xejn li ma jaqbilx mal-qdusija jew glorja ta' Alla.**

a. <u>Kolossin 2:16</u> – "*Tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq l-ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar, jew il-jiem tas-Sibt.*"

b. <u>1 Korintin 10:25</u> – "*Kulu minn kulma jinbiegħ fis-suq tal-laħam, bla ma tfittxu xejn minħabba l-kuxjenza.*"

ċ. <u>Rumani 14:5-7</u> – "*Wieħed iqis jum ogħla minn ieħor: ieħor kollha l-istess: ħa jkun żgur kull wieħed fil-fehma tiegħu. Min iqis il-jum, iqisu għall-Mulej: u min ma jqisx il-jum, ma jqisux għall-Mulej. Min jiekol, jiekol għall-Mulej, għax jiżżiħajr 'l Alla. Għax ħadd minna ma jgħix għallih innifsu, u ma jmut għalih innifsu.*

d. <u>1 Korintin 10:31</u> – "*Kemm mela jekk tieklu, jew tixorbu, jew tagħmlu xi ħaġa oħra, agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla.*"

e. <u>1 Pietru 1:15-16</u> – "*Iżda bħalma hu qaddis dak li sejħilkom, hekk kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba tagħkom kollha; għax hu miktub: Kunu qaddisin, għax qaddis jien.*"

f. <u>Lhud 12:14</u> – "*Fittxu s-sliem ma' kulħadd, u l-qdusija, li mingħajrha l-ebda bniedem ma jara l-Mulej.*"

## XIII. DWAR IS-SALVAZZJONI

**1. Li biex wieħed isalva dan għandu jemmen, jindem, jistqarr lil Kristu u jitgħammed għall-maħfra ta' dnubietu.**

a. <u>Mattew 28:18-19</u> – "*Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: Kull setgħa hi mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta'l-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.*"

b. <u>Mark 16:15-16</u> – "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

ċ. <u>Luqa 24:47</u> – "*U li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.*"

d. <u>Ġwanni 20:21-23</u> – "*Raġa' qalilhom Ġesù: Is-sliem għalikom: bħal ma bagħatni Missieri, hekk nibgħat lilkom. U meta qal dan, nefaħ fuqhom, u*

*qalilhom: Ħudu l-Ispirtu s-Santu: Lil min taħfru dnubiet, jinħafrulhom: u lil min iżżommuhom, jinżammu.*"

e. __Atti 2:38__ – "*Imbagħad Pietru qalilhom: Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don tal-Ispirtu s-Santu.*"

2. **Li l-magħmudija hija prerekwiżit għas-salvazzjoni.**

a. __Mark 16:16__ – "*Min jemmen u **jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

b. __Atti 2:38__ – "*Imbagħad Pietru qalilhom: **Indmu**, u kull wieħed minnkom **jitgħammed** f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don tal-Ispirtu s-Santu.*"

3. **Li l-indiema hija prerekwiżit għas-salvazzjoni.**

a. __Luqa 13:3, 5__ – "*Le: ngħidililkom; iżda jekk ma **tindmux**, tintilfu hekk ilkoll...Le: ngħidililkom; iżda jekk ma **tindmux**, tintilfu hekk.*"

b. __Atti 2:38__ – "*Imbagħad Pietru qalilhom: **Indmu**, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don tal-Ispirtu s-Santu.*"

ċ. __Luqa 24:47__ – "*U li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.*"

4. **Li l-fidi hija prerekwiżit għas-salvazzjoni.**

a. __Lhud 11:6__ – "*Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh.*"

b. __Mark 16:16__ – "*Min jemmen u jitgħammned, isalva.*"

5. **Li l-istqarrija hija prerekwiżit għas-salvazzjoni.**

a. __Atti 8:36-37__ – "*Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?" Filippu qallu: "Jekk int temmen b'qalbek, tista'. L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla."*

b. __Rumani 10:9-10__ – "*Jekk inti **tistqarr b'fommok**, "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u **jistqarr b'xofftejh** biex ikollu s-salvazzjoni.*"

## XIV. Dwar it-Testment Il-Qadim

1. **Prijoritajiet.**

a. __Luqa 18:18-23 (Mattew 19:16-22)__ – "*Wieħed kap staqsieh u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" "Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?" qallu Ġesù. "Ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla waħdu. Inti **l-kmandamenti** tafhom: La tiżnix, la toqtolx, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lil missierek u 'l-ommok." Dak qallu: "Jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti." Kif semgħu jgħid hekk, Ġesù*

*qallu: "Ħaġa waħda tonqsok: bigħ kull ma għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-smewwiet; imbagħad ejja u imxi warajja." Iżda dak, meta semgħu jgħid dan, sewwed qalbu ħafna, **għax kien tassew għani**."*

b. **Luqa 10:25-28** – *"Mela jqum wieħed għaref fil-liġi u, biex iġarrbu, staqsieh: "Mgħallem, x'nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?" Qallu Ġesù: "Fil-liġi x'hemm miktub? Int x'taqra fiha?" U dak wieġeb: "Int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."' "Sewwa weġibt," qallu Ġesù; "agħmel hekk u tgħix."* (Ara **versi 29-37**).

2. **Salvazzjoni permezz tal-Grazzja tal-Mulej Ġesù.**
**Atti 15:10-11** – *"Mela issa għaliex iġġarrbu lil Alla billi tridu tqiegħdu fuq għonq id-dixxipli madmad li la missirijietna u lanqas aħna ma flaħna nerfgħuh? Wara kollox aħna nemmnu, li **bħalhom, aħna nsalvaw permezz tal-grazzja tal-grazzja tal-Mulej Ġesù**."*

3. **Maħfra tad-dnubiet permezz tad-demm ta' Kristu.**

a. **Lhud 10:1-4** – *"Il-Liġi ta' Mosè, billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess il-ġid, lil dawk li jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena. Għax kieku kien hekk, dawk li jagħmlu dan is-servizz lil Alla ma kinux forsi jwaqfuhom dawn is-sagrifiċċji kieku kienu jħossu ruħhom bla dnubiet u mnaddfin minnhom darba għal dejjem? Għall-kuntrarju, b'dawn l-istess sagrifiċċji ssir it-tifkira tad-dnubiet minn sena għal oħra. Għax **ma jistax ikun** li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet."*

**Dawn li rajna fuq huma kollha kmandamenti ta' Kristu li għandhom ikunu obduta.**

Mela:

**Kolossin 2:8** – *"Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu."*

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:


**Knisja Ta' Kristu**
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.